175 Sena fostna l-Imqabbin

1836 - 2011



# Festa Titulari Santa Marija Mqabba 2011

*29 ta' Lulju sat-22 ta' Awwissu*

WIN PRIZES FOR TRADING WITH FXDD.*

# RACE TO REWARDS



FXDD

YOUR FOREX TRADING PARTNER

**Trade Forex at FXDD for your chance to win**
cash, prizes and one-on-one Forex education.*

WWW.FXDDCONTESTS.COM

*TERMS & CONDITIONS APPLY

**HIGH RISK WARNING:** Foreign exchange trading carries a high level of risk that may not be suitable for all investors. Leverage creates additional risk and loss exposure. Before you decide to trade foreign exchange, carefully consider your investment objectives, experience level, and risk tolerance. You could lose some or all of your initial investment; do not invest money that you cannot afford to lose. Educate yourself on the risks associated with foreign exchange trading, and seek advice from an independent financial or tax advisor if you have any questions.

**ADVISORY WARNING:** FXDD provides references and links to selected blogs and other sources of economic and market information as an educational service to its clients and prospects and does not endorse the opinions or recommendations of the blogs or other sources of information. Clients and prospects are advised to carefully consider the opinions and analysis offered in the blogs or other information sources in the context of the client or prospect's individual analysis and decision making. None of the blogs or other sources of information is to be considered as constituting a track record. Past performance is no guarantee of future results and FXDD specifically advises clients and prospects to carefully review all claims and representations made by advisors, bloggers, money managers and system vendors before investing any funds or opening an account with any Forex dealer. Any news, opinions, research, data, or other information contained within this website is provided as general market commentary and does not constitute investment or trading advice. FXDD expressly disclaims any liability for any lost principal or profits without limitation which may arise directly or indirectly from the use of or reliance on such information. As with all such advisory services, past results are never a guarantee of future results.

**Licensing statement FXDD Europe:** FXDD Malta Limited is licensed to provide investment services by the Malta Financial Services Authority. Registered office: K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913, Malta.


L-Imqabbin kollha jingħaqdu ma' Malta u Għawdex fiċ-ċelebrazzjoni tas-solennità Nazzjonali ta'
Santa Marija
Patruna ewlenija u speċjali tal-Gżejjer Maltin
Titular tal-parroċċa u protettriċi tar-raħal
li f'din is-sena qed ifakkar il-**175 anniversarju** mill-miġja
tal-vara devota u titulari mnaqqxa fl-injam minn Alessandro Farrugia
fl-1836 u minn dik is-sena għal dejjem baqgħet
l-isbaħ ġawhra li ssebbaħ l-Imqabba
Ritratt: Mark Micallef

TAR-ROBBA LIMITED



- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tal-Konkos
- Blokki tas-Sejjieħ
- Garaxxijiet u Mħażen għall-Kiri
- Torba
- Ħitan tat-toroq



Tar-Robba l/o Kirkop ZRQ 10, Malta
Tel: (+356) 21 683558, 21 685332
Mob: 9949 3311
Fax: (+356) 21 642834
E-mail: johnghig@maltanet.net









Kumitat Eżekuttiv 2011 .......... 5
Festa Kbira mibnija bis-sahha tal-Volontarjat – Messaġġ tal-President .......... 7
Ċelebrazzjoni tal-volontarjat – Messaġġ mis-Sindku .......... 9
Ringrazzjament .......... 10
Festa Għażiża fil-Kalendarju tas-Sena Liturġika – Messaġġ mill-Kappillan .......... 11
Sena ta' hidma kbira li tatna sodisfazzjon – Messaġġ mis-Segretarju .......... 13
Soċjetà Moghnija bl-Unuri kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta – Appell mill-Kaxxier .......... 15
Impenn, Serjetà, Umiltà – Appell mis-Surmast Direttur .......... 17
Viva Marija Assunta Patri Joseph Zahra O. P. – Messaġġ mid-Direttur Spiritwali .......... 19
'Sena hidma kontinwa biex inkabbru u nsebbhu s-sede taghna' – Mill-Viċi-Direttur tal-Każin .......... 21
Xoghol li sar fil-Każin .......... 22
Frott il-Fergha Nisa – Kelmtejn min-Nisa .......... 23
"Id-Determinazzjoni hija ċ-ċavetta ghas-suċċess!!" – Mis-Sezzjoni Żgħażagh Santa Marija Is-Sinjura Franġiska Ghigo .......... 24
Fis-snin impenjati – Hidmet il-Banda Re Ġorġ V .......... 37
Rapport Kummissjoni Armar .......... 41
Funzjonijiet fil-Knisja .......... 43
Programm Festi Esterni .......... 44
Kunċert Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V – 10 t'Awwissu 2011 .......... 47
Sena oħra ta' Suċċess – Mill-Ghaqda tan-Nar Santa Marija .......... 51
Programm tan-Nar .......... 53
Festi Ċentinarji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba (1910 -2010) .......... 57
...Minn Melbourne l-Awstralja – Mill-Emigranti Mqabbin .......... 73
Il-Festa ta' Santa Marija f'Deer Park, Melbourne .......... 75
Mastru Alessandro Farrugia – 175 sena ilu ta lir-Rahal taghna, l-isbaħ ġawhra tal-Imqabbin .......... 77
Ix-Xbieha ta' Santa Marija – Monument ħaj ghall-Imqabbin .......... 79
F'gheluq il-175 sena mill-miġja tal-Istatwa ta' Santa Marija fl-Imqabba (1836-2011) .......... 79
Ad futuram rei memoriam – Il-persuni li matul 175 sena naqqxu l-istorja tal-vara titulari ta' Marija Assunta l-isbah u l-gheżeż ġawhra tal-Imqabbin .......... 85
Verżjoni moderna tal-Arma tas-Soċjetà .......... 97
Apprezzament – Ġużepp Ghigo .......... 99
Apprezzament – L-istatwa ta' Santa Marija (wara s-sena 1928) .......... 103
Bini tal-Estensjoni tal-Każin Re Ġorġ V – Soċjetà Santa Marija .......... 107
Santa Marija f'Qalbi .......... 117
Ġieħ l-Imqabba 2010 .......... 119
Is-Sur Carmel Zahra… – Snin ta' Impenn fis-Soċjetà .......... 119
Qed jiċċelebra l-Ġublew tad-Deheb .......... 121
Innu lil Santa Marija .......... 123
L-inkwatru ta' Santa Marija ta' Hal Millieri .......... 125
Solist .......... 129
Il-messaġġ tal-Logo ghall-175 sena tal-istatwa titulari .......... 131
Mill-festi tal-imghoddi .......... 133
La Semana Santa Espana fl-Imqabba .......... 135
Tfajla minn wild Imqabbija tirrappreżenta lil Malta fil-"Miss Italia Nel Mondo" .......... 137
Mitt sena mit-tberik u l-inawgurazzjoni tal-knisja tan-Nazzarenu fl-Imqabba .......... 139
Tifkiriet .......... 153
Trofew Chev. George Martin A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J. – Attivist tas-Sena .......... 155
Hames snin mir-rebh tal-ewwel kampjonat Malti tan-nar .......... 157
Is-Santwarju "Tal-Minsija" limiti tar-rahal ta' San Ġwann .......... 161
Tfal tat-Titular – Fergha ġdida fi hdan is-Soċjetà .......... 163
L-Assunzjoni ta' Marija u r-Regalità taghha huma kumplimentari .......... 165
Lehen il-Fratellanzi Ssmu Sagramentu tar-Rużarju Mqaddes .......... 167
Aldo Micallef Grimaud .......... 169
100 sena minn twelidu – Gerolamo Dingli (1911-1994) .......... 170
Ghall-Hames Darba... L-Imqabba FC fil-Premier .......... 171
L-Imqabba FC Youth Nursery Est 2000 …ghall-ġid tat-tfal taghna .......... 173
Minn fejn se jghaddi l-Marċ .......... 175
Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja .......... 179
Min irreklama .......... 180

**Artikolisti**
AGIUS Mro. David
BIANCHI Chev. Carmel
BRIFFA Carmel
CAMILLERI Ian
CAMILLERI Joseph
CAMILLERI Mario
CARUANA Rev. Dun Nazzaren
CHETCHUTI Michael
ELLUL Carmel
FARRUGIA Antoine
FARRUGIA Giovanni B.
FARRUGIA Joseph
FARRUGIA Rev. Fr. Jonathan S. Th.L.
FARRUGIA Stefano
GALEA Edward
GALEA Emmanuel A.
GALEA Felix
GAUCI Paul
GHIGO Frangiska
GHIGO Joe
GHIGO Patrick
GUILLAUMIER Joyce
MERCIECA Jeremy
MIFSUD Marica
SALIBA Rita
S. BALDACCHINO Christopher
SCIBERRAS Antoine
SCIBERRAS Dr. Charles MD
SPITERI Christopher
ZAHRA Carmel
ZAHRA Rev. Fr. Joseph O.P.
ZAMMIT John
ZAMMIT Mario

**Bord Editorjali**
FARRUGIA Antoine
GHIGO Patrick
SPITERI Christopher
SCIBERRAS Dr. Carmel MD
VELLA Francis
ZAMMIT Mario

**Qari tal-Provi**
FARRUGIA Stefano

**Riklami**
BRIFFA Carmel
GHIGO Patrick

**Ritratt tal-Faċċata**
L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija meqjuma ġewwa l-Imqabba, bil-qabar l-antik li kien jintuża qabel l-1928.
Id-disinn tal-burdura u l-paġna ta' wara huwa mehud mid-disinn tal-mant tal-istatwa ta' Santa Marija.

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali. L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*
© Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V – Mqabba, Malta Est. 1910
L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata minghajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.

**Design, Prepress & Printing**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprint@maltanet.net**

# TAQSIMA KURA MEDIKA IMMEDJATA



SAINT JAMES HOSPITAL

*Because our family cares*

## 24 siegħa kuljum. Is-sena kollha.

F'każ ta' bżonn ta' kura medika immedjata żur l-Isptar Saint James fejn issib nies professjonisti lesti biex jgħinuk - lejl u nhar.
**L-Isptar Saint James - dejjem viċin tiegħek!**

ĊEMPEL ISSA

**21 333333**

**Zabbar Hospital -** St. James Square, Zabbar ZBR 3103
**Sliema Hospital -** George Borg Olivier Street, Sliema SLM 1807

**www.stjameshospital.com**






**Presidenti Onorarji**
Dr. Louis Galea B.A., LL.D.
Sur Joseph Farrugia

**Membru Onorarju**
Roderick Tonna

**President**
Carmel Zahra

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Uffiċjali Relazzjonijiet Pubbliċi**
Antoine Farrugia, Mario Zammit

**Delegat tan-Nar**
Michael Ghigo

**Delegati tal-Armar**
Patrick Ghigo

**Viċi-President**
Carlo Sciberras

**Viċi-Segretarju**
Michael Ghigo

**Assistent Kaxxier/Delegat Banda**
Christopher Spiteri

**Direttur tal-Każin**
Anthony Farrugia

**Assistent Direttur tal-Każin**
Felix Galea

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Reviżuri**
Francis Vella, Antoine Abdilla, Paul Spiteri

**Konsulenti Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L.,LL.D., Dr. Mark Portelli B.A.,LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni Banda**
Antoine Farrugia, Nicholas Baldachino, Stephanie Farrugia, Alfred Galea,
Christopher Spiteri, Chris Schembri Baldacchino

# For all your Electrical & Plumbing Needs

# Farell Ironmongery

Blue Grotto Avenue, Żurrieq • Tel: 21647 960

Opening Hours:
Monday to Friday from 7.30am to 7.00pm & Saturdays from 7.00am to 1.00pm



## Messaġġ tal-President




# Festa Kbira mibnija bis-saħħa tal-Volontarjat

Is-Sur Carmel Zahra

Għaddiet sena oħra mimlija ħsieb u xogħol. It-twettiq ta' dan kollu ma kienx ikun possibbli li kieku ma kienx hemm il-koperazzjoni ta' kulħadd. Bħalma tafu, ix-xogħol tal-bini u ffinalizzar tal-estensjoni tal-każin tlesta fl-aktar żmien opportun jiġifieri fiż-żmien li aħna konna qegħdin flimkien niċċelebraw l-ewwel Ċentinarju tas-Soċjetà tagħna Santa Marija. Dan il-proġett, fl-opinjoni tiegħi, kien l-isbaħ rigal li aħna stess stajna nagħtu lis-Soċjetà tagħna. Iżda issa huwa d-dmir tagħna lkoll li nibżgħu għal dak kollu li hemm ħalli ż-żgħażagħ u t-tfal tal-lum li, fl-aħħar mill-aħħar se jkunu s-soċi tal-futur, ikunu jistgħu jgawdu minn dak kollu li nvestejna fih.

Din is-sena għandna anniversarju ieħor importanti: il-175 sena mill-miġja tal-wisq għażiża statwa artistika ta' Santa Marija, Patruna tal-Imqabba. Min jaf kemm ferħu u x'entużjażmu kellhom missirijietna meta raw għall-ewwel darba din l-Istatwa hekk sabiħa minquxa fl-injam mill-idejn tal-iskultur Xandru Farrugia? Dakinhar kienu saru festi kbar u jkun xieraq illi din is-sena aħna wkoll nagħmlu festa kbira ad unur Santa Marija. Meta nsemmu festi kbar ma jfissirx biss il-festi esterni iżda wkoll il-festi reliġjużi li din is-sena ser ikunu speċjali.

Bħala Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V aħna nagħtu sehem importanti fit-twettiq tal-Festa ta' Santa Marija. Il-kontribut tagħna huwa tant mimli ħeġġa u spirtu li aħna dejjem irnexxielna nagħmlu festa Mqabbija mill-aqwa u li tiġbed eluf kbar ta' Maltin u Għawdxin, kif ukoll nies barranin. Sabiex dan isir ikun hemm bżonn ta' xhur sħaħ ta' thejjija minn sotto-kumitati kif ukoll minn għadd kbir ta' voluntiera ta' kull età. Hija xi ħaġa tal-iskantament meta tara lil dawn in-nies jaħdmu volontarjament bla heda matul is-sena kollha speċjalment lejn l-aħħar ġimgħat ta' qabel il-festa. Nimmeravilja ruħi meta nara tant żgħażagħ jirsistu biex is-sehem tas-Soċjetà fil-festa jkun wieħed impekkabbli ħalli din titgawda minn kulħadd. It-talenti kbar, l-entużjażmu u r-riżorsi li joħorġu minn dan il-volontarjat huma prova ta' kemm hu importanti li naħdmu id f'id u li f'moħħna nżommu dejjem li l-uniku premju li se jkollna hu li l-festa tirnexxi bis-sħiħ. Kien proprju l-preġju tal-voluntarjat li bena l-wirt hekk sabiħ



*Is-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà jidher qed jinawgura uffiċjalment l-Estensjoni tas-Sede tal-Każin, nhar is-26 ta' Diċembru 2010.*

li ħallewlna missirijietna u se jkun dan l-istess preġju li aħna rridu ngħaddu liż-żgħażagħ tal-lum.

Forsi ħafna jorbtu l-banda mal-marċi brijużi li jsiru fil-festa. Imma l-attivitajiet tal-banda Re Ġorġ V imorru lil hinn aktar minn hekk. Sabiex ikollna suċċess irridu nifirxu l-ħidma tagħna fuq setturi ta' kultura u tagħlim matul s-sena kollha u naturalment wisq aktar matul il-ġimgħa tal-festa. Ma' dan irridu nżidu wkoll it-talenti l-oħra li jintwerew fis-sengħa kbira fl-arti tal-piroteknika, xogħol tal-armar artistiku u l-attivitajiet soċjali. Kollox isir bil-koperazzjoni tal-ħafna nies li jaħdmu għalenija u bi skop wieħed.

Kif jixraq f'dan il-messaġġ annwali rrid nirringrazzja lil kulħadd. Nibda biex nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat, fergħa tan-nisa, sezzjoni żgħażagħ, għaqdiet tan-nar u armar, direttur spiritwali, surmast, bandisti u allievi, u lil dawk kollha li jagħtu sehemhom speċjalment fl-armar tal-knisja. Ħajr ukoll lis-Sindku u l-Kunsill Lokali, Kappillan u Kleru tal-parroċċa. Grazzi speċjali tmur lill-Kummissjoni Festi Ċentinarji li ħadmet bla heda biex kellna sena mimlija attivitajiet ta' suċċess.

Nixtieq nagħmel is-soltu appell tiegħi sabiex nattendu bi ħġarna għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja kif ukoll għall-attivitajiet kollha tal-festa esterna. Inġibu ruħna tajjeb u ta' nies maturi kif jixraq lill-Omm tagħna Marija Assunta.

Grazzi u l-festa t-tajba lil kulħadd.


St Peter's Ironmongery
sP
St. Peters Ironmongery, Troll Street, Mqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721 Fax: 21 685 249
Prop. Joseph Farrugia
• Electrical Fittings
• Drain Pipes and Fittings
• Tile Adhesive and Grouting
• Plastering materials
• Plastic and Fibre Tanks
• Plumbing Fittings
• Cement
• Membrane
• Geysers
• LED Bulbs
• Range of Power and Hand Tools
• Crystallite and Stainless Steel Sinks and Mixers
• Various types of Ladders
• Energy Saver Lamps (SPECIAL OFFER)
• Key Cutting including Security Keys
• Safety Wear and Safety Shoes
• 5000 colours of INDOOR AND OUTDOOR PAINTS MIXED RIGHT AWAY
FREE DELIVERY
Opening Hours: Monday to Friday: 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday: 7.00 a.m. - 1.00 p.m.


DR
Di Rocco Ltd.
for
Disposable Articles
CLING FILM
PELLICOLA
Di Rocco Ltd, Prince Albert Street, Albert Town, Marsa HMR 17 • Tel: 21 227344 • Fax: 21 227345 • E-mail: dirocco@digigate.net

## Messaġġ mis-Sindku




Is-Sur Emanuel A. Galea

# Ċelebrazzjoni tal-volontarjat

L-istaġun tal-festi Maltin jinsab fl-aqwa tiegħu. Madwarna mifruxa matul is-sajf kollu f'xi Belt jew raħal, kull ġimgħa tiġi ċċelebrata festa jew aktar. Għalhekk, jekk għal mument nieqfu ftit nikkunsidraw dak kollu marbut magħhom, nintebħu li dawn jinvolvu mijiet ta' nies li fl-istess ġranet u wisq aktar matul is-sena, jaħdmu bla heda, b'sagrifiċċji kbar għalihom u familthom biex f'dawn il-jiem, il-komunità tagħhom u oħrajn dilettanti bħalhom, igawdu dak kollu ppreparat. Dan kollu ġbartu f'kelmtejn, "**Ċelebrazzjoni tal-volontarjat.**"

Għal dawk li ma jafux, proprju din is-sena hija s-sena ddedikata għall-volontarjat. Dan sar għax għalkemm id-dinja fiż-żmien tal-lum hija mgħaġġla u mimlija b'tant affarijiet li jokkupawlna l-ħin, xorta hawn u għadhom jitrawmu adulti, żgħażagħ u tfal biex jiddedikaw parti minn ħinhom lejn qasam li jkun għal qalbhom. Jekk nibda nsemmi l-oqsma kollha li jilqgħu fihom numri kbar mill-poplu tagħna, ma jkunx biżżejjed l-ispazju li għandi. Għalhekk se nislet tlieta partikulari u li huma fuq quddiem fl-ammirazzjoni ta' ħafna; L-għajnuna lejn dawk neqsin mill-kapaċità li jagħmlu kollox waħedhom, il-qasam tat-tagħlim nisrani u l-aħħar iżda mhux l-inqas, il-festi tradizzjonali Maltin.

Il-bniedem permezz tal-intelliġenza tiegħu, għamel ħafna affarijiet li jgħinu lill-persuni bi bżonnijiet speċjali sabiex iżidu l-libertà u l-indipendenza f'ħajjithom, però jibqa' fatt li mhux kollox jistgħu jagħmlu waħidhom. B'hekk magħhom kuljum insibu numru sabiħ ta' voluntiera li jħaffulhom mill-piż li ġġib magħha l-pożizzjoni li jinsabu fiha.

Qasam ieħor li għandu importanza kbira huwa dak tat-tagħlim nisrani, fis-sezzjonijiet kollha tal-M.U.S.E.U.M. li kien waqqaf il-qaddis Dun Ġorġ Preca. Dan li mhux f'pajjiżna biss iżda llum anke f'ħafna postijiet mifruxa mad-dinja, huwa importanti ħafna għax jgħin fil-bini tal-karattru tal-bniedem. Mhux dawk kollha li jiffrekwentaw dawn il-postijiet ta' tagħlim nisrani jkomplu l-ħajja tagħhom fil-qasam tad-duttrina, iżda dak li jkunu tgħallmu jibqa' fihom tul ħajjithom. Is-soċi li jagħmlu volontarjament il-messaġġ ta' Kristu jagħżlu li ma jibnux familja għalihom sabiex jiddedikaw ħajjithom kollha għall-oħrajn. Mhux deċiżjoni faċli tafux u verament trid tkun dedikat biex tpoġġi ħajtek kollha kemm hi għal persuni oħra, għax din se tkun tfisser għażla favur il-kelma t'Alla biex titwassal lilna lkoll.

Il-Festi! Hemm firxa wiesgħa ta' nies involuti, li jibdew mill-età żgħira sal-aktar wieħed anzjan fis-soċjetà rispettiva. Nafu li l-festi llum ħadu xejra oħra u kibru f'kull livell li konna narawhom qabel. Xejn m'għadu jżomm 'il bogħod minnhom u dak li konna nsegwuh biss fuq skala nazzjonali, illum qiegħed jinħema mis-soċi, bla ħlas iżda bl-istess dedikazzjoni u professjonalità liema bħalha.

Kull attività li tiġi organizzata hemm ħsieb, pjan u viżjoni warajha. Kollox dettaljat li meta tkun mistieden, ikun juri li hemm is-serjetà f'dak li qiegħed tattendi għalih. M'għadux iż-żmien li jgħaddi kollox jew tillapazza għax taqta' lura fejn l-oħrajn. Il-mezzi tal-komunikazzjoni bla limitu huma ta'



*Is-Sur Noel Galea, Sindku tal-Imqabba, jippreżenta rigal ta' tifkira lis-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-estensjoni tal-Każin, nhar is-26 ta' Diċembru 2010.*

spalla għalihom ukoll, għax qegħdin iwasslu l-messaġġ tagħhom barra mit-territorju tradizzjonali u fl-istess waqt, jgħallmu u jitgħallmu minn xulxin. Dak li llum qiegħed f'xi livell ta' tmexxija fost l-għaqdiet, jaf u jifhem li t-tajjeb biss huwa aċċettabbli u għalhekk jisfurzaw dejjem lejn l-eċċellenza.

Tara dan kollu, min verament iħobb il-festi tradizzjonali Maltin, jinsab ċert li għad hawn futur sabiħ f'pajjiżna u l-ġenerazzjoni li tielgħa, għalkemm hemm bosta affarijiet li jistgħu jieħdu post il-festi, l-għeruq tagħhom għandhom fond biżżejjed biex jibqgħu jiffjorixxu u jimirħu.

Dan għandu jsib l-appoġġ tagħna l-politiċi li nistgħu nkunu determinanti, tajjeb jew ħażin, fuq oqsma li jaffettwawhom. Min huwa fil-politika bħali u speċjalment għandu fih għeruq li jixorbu l-ilma ġieri tal-volontarjat, għandu jisma' u jikkonsidra whud mis-suġġerimenti tajbin li jitwieldu minn dawn l-għaqdiet, hekk li jkun jista' jlaħħam u jwessa' l-linja politika tiegħu.

B'wiċċi minn quddiem ngħid li parti mill-kapaċità tiegħi li naħdem fost in-nies, ingħaġnet fil-ħin li tajt fl-eqqel taż-żgħożija tiegħi fil-qasam tal-volontarjat. F'dawk is-snin iltqajt, tgħallimt, argumentajt, issuġġerejt u wisq aktar tħejjejt kif jaħdmu ħafna nies f'daqqa, b'opinjonijiet u ideat differenti iżda għal għan wieħed. Dan hu s-sabiħ tal-volontarjat u jiena dejjem ninsisti u nesprimi li m'hawnx prezz għal dak il-bniedem li jagħti ħinu għall-oħrajn u li kieku kellna nħallsuhom persważ li ħafna minnhom jirrifjutaw tant kemm jagħmluh minn qalbhom.

Kien tant importanti li dan il-qasam nobbli jiġi apprezzat permezz tad-dedikazzjoni tas-sena 2011. Huwa ferm xieraq li jitnaqqax fl-istorja tad-dinja s-sens ta' parteċipazzjoni f'dak li nemmnu u l-attenzjoni lejn l-oħrajn. Għalhekk ħassejt aktar li għandi nsemmi u noffri din il-paġna lejn iċ-Ċelebrazzjoni tal-Volontarjat, fil-firxa wiesgħa tiegħu.

B'dan kollu fuq moħħi, nestendi l-ħajr u l-awgurju tal-Kunsill li jiena mmexxi lill-President u Kumitat Ċentrali, Kumitati tan-Nar, Nisa, Banda, Armar, Sezzjoni Żgħażagħ u t-tfal, is-soċi u partitarji u nirringrazzja 'l dawk kollha f'dan il-pajjiż sabiħ jismu Malta, li matul ħajjithom jew mumenti minnhom offrew ħinhom b'xejn f'xi qasam jew ieħor tal-volontarjat. Huwa fatt li fost ħafna oqsma volontarji delikati, hemm dawk li jaħdmu n-nar għal festi. Persważ li taqblu miegħi jekk lil Ommna Marija tas-sema nitolbuha żżomm idejHa fuqhom ilkoll matul is-sena u wisq aktar matul il-ġranet tal-festi tagħna.

emanuel.a.galea@gov.mt



## Ringrazzjament

Triq Annetto Caruana li twassal għall-imħażen tas-Soċjetà kif tidher illum lesta. Kienet importanti ħafna għalina bħala Soċjetà li jkollna triq komda wara ħafna snin minħabba l-impenji tagħna kuljum ġewwa l-imħażen. Nirringrazzjaw lis-Sindku u l-Kunsill Lokali Mqabba li daħħal din it-Triq bħala parti mill-programm ta' toroq tiegħu.

## Messaġġ mill-Kappillan




Dun Nazzaren Caruana

# Festa Għażiża fil-Kalendarju tas-Sena Liturġika

Snin ilu xi ħadd kien qalli li xeba' jisma' l-aħbarijiet għaliex ħlief qtil u gwerer ma tismax. Dak li qalli dan il-kliem ilu mejjet. Imma kieku għadu ħaj illum ma kienx se jsib xena isbaħ.

Verament titnikket tisma' tant firda madwarna. U dan anke bejnietna kultant, bejn l-istess aħwa u l-istess ġirien u shabna tax-xogħol. Waħda mit-talbiet li ngħidu fil-Litanija nsejħu lil Marija bħala 'Sultana tal-Paċi', mhux għax b'xi mod madwarha ma kienx hemm firda u ġlied iżda għaliex f'qalbha kienet tirrenja paċi kbira. U din hija l-vera paċi li kull wieħed minna jixtieq. Ħafna drabi ma jkunx jiddependi minna kemm ikun hawn paċi jew le. Iżda dak li jkollna f'qalbna ħadd mhu se jeħodhulna. Il-paċi f'qalbna tiddependi għalkollox minna stess.

L-awtur tal-paċi huwa Alla nnifsu. U Marija kienet mimlija paċi għaliex kienet f'għaqda sħiħa m'Alla. Li kien jinteressaha kien biss mhux li tagħmel dak li trid hi iżda dak li jrid Alla… anke meta dan ifisser li kellha tgħaddi minn xi provi kif fil-fatt ġara anke jekk meħlusa mid-dnub oriġinali. U l-paċi vera minn hawn titlaq, kemm aħna, magħqudin vera m'Alla billi nagħmlu biss dak li jogħġob lilU. Iżda ħafna drabi jiġri bil-kontra. Naħsbu li aktar ma nfittxu l-interessi tagħna aktar se nkunu kuntenti… u r-riżultat narawh għaliex flok ikollna l-paċi f'qalbna nispiċċaw b'ħafna vojt li ma jimtela b'xejn.

Il-Festa ta' Santa Marija qed toqrob ġmielha. Anke jekk kollox hu importanti rridu noqogħdu ferm attenti li ma nintilfux iżżejjed fuq affarijiet li jidhru u li jispiċċaw malajr. Il-qofol ta' kollox hi l-Madonna u rridu nżommuha fiċ-ċentru ta' dak kolli li nagħmlu f'dawn il-ġranet. Anke jekk issa hawn atmosfera ħajja aktar mis-


*Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana jbierek il-plakka kommemorattiva waqt il-ftuħ tal-Estensjoni tal-Każin, nhar is-26 ta' Diċembru 2010.*

soltu, din l-atmosfera trid tkun waħda ta' serenità. Kull min jiġi fostna għandu jħoss din is-serenità u jitlaq minn hawn b'ċertu paċi u ferħ. U dan irridu nżommuh is-sena kollha.

Proprju għaliex **il-Festa ta' Santa Marija** hija **Festa Għażiża fil-kalendarju tas-Sena Liturġika** – issir ċerta preparazzjoni fit-tul permezz **tal-Kwindiċina u t-Tridu** li jsir qabel. Nistieden lil kulħadd sabiex f'dawn il-ġranet ninġabru flimkien sabiex nisimgħu l-Kelma t'Alla. Nistieden ukoll lil kulħadd sabiex f'dawn il-ġranet naraw fejn aħna fl-affarijiet t'Alla u nagħmlu pass jekk ikun hemm bżonn permezz ta' qrara u tqarbina xierqa. Nixtieq ukoll li nhar il-Festa ninġabru flimkien bħala Komunità Mqabbija mal-Altar tal-Ewkaristija fil-Konċelebrazzjoni li din is-sena se titmexxa mill-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca.

Din is-sena forsi daqsxejn iktar mis-soltu għaliex l-istatwa tal-Assunta fil-Parroċċa tagħna qed tagħlaq 175 sena minn mindu ġiet fostna (1836-2011). Din m'għandhiex tkun għalina sempliċiment opra artistika kif fil-fatt hi (skolpita mill-artist magħruf Xandru Farrugia) iżda għajnuna għalina sabiex wara din ix-xbieha naraw persuna li tant kienet mimlija b'Alla u għalhekk mimlija b'ħafna paċi.

Nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil dawk li qed jaħdmu għas-suċċess ta' din il-festa. Fost l-oħrajn dawk li jaħdmu fl-armar u t-tindif tal-knisja kif ukoll dawk li jaħdmu fuq barra f'dak li hu tiżjin fit-toroq u l-pjazez, nar u banda. Ringrazzjament ukoll lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li dejjem kienet strument utli għas-suċċess ta' din il-festa.

NAWGURA FESTA SABIĦA LILL-IMQABBIN KOLLHA

- We keep your project on track
- We deliver value in every phase
- We meet your deadlines
- We endeavour to protect our people and your interest
- Through our experience you can put your mind at rest

An artistic impression of the final finished project of Fort Cambridge Development. Elbros Construction Limited have been awarded the Building Works.





Works for Fort Cambridge awarded to Elbros Construction Limited. Initial stages of construction works consist of excavation and all building works.

Elbros CONSTRUCTION

**Elbros Construction Limited**
'Elbros', Triq l-Industrija, Kirkop KKP9042, Malta
**t:** +356 2124 9999, **f:** +356 2168 5075
**e:** info@elbros.com.mt, www.elbros.com.mt

Neriku catering

Browse our new website www.neriku.com

Wedding menu prices starting from €11.95. Call for an appointment

## WEDDING MENU

**Hot and cold finger food items**

- Assorted Canapes
- Seafood Barquettes
- Assorted Sandwiches
  - Ham and cheese
  - Guacamole
- Cheese and Walnut Canape
- Tuna Filled Panini
- Stuffed Tomatoes
- Stuffed Artichokes
- Stuffed Eggs
- Fresh Tomato Bruschetta Tarlet
- Sweet Chilli Rucola & Gamon Tortilla
- Sundried Tomato & Fresh Mozzarella Kebabs
- Stuffed Olives
- Cheese Cakes
- Maltese Meat Pies
- Deep Pan Pizza
- Chicken Vol-au-vents
- Marinated Octopus Served individually in cups
- Chicken Satay kebabs
- Meatballs
- Angels on Horseback
- Spring Rolls served with Sweet and Sour Sauce
- Wontons served with a Rich Soya Based Sauce
- Arancini
- Jalapeño Peppers
- Chinese money bag

**Desserts and Ice Cream**

- Traditional ice-cream
- Chocolate cups with fresh cream fruit
- Cassatella Siciliana
- Cannoli di sfoglia with Maltese Ricotta
- Diplomatica
- Eclairs

**Pancake Table**
Nutella, Panna, Almonds, Hazelnuts, Gran Marnier, Bananas, Pineapple Maple Syrup

**Coffee Table**

- Coffee
- Mqaret
- Mince pies
- Apple pies

**Cheese Table**

- Parmesan
- Chorizo
- Napoli
- Milanese

Table is accompanied by Maltese Galletti, Bread Sticks, Celery and Grapes

**Wedding Cake Table**

- Almond / Fruit / Bacio cake (as desired)
- 2 Witness Cakes
- Biskuttini
- Pastina
- Dolce di Mandorla
- Sugared Almonds
- Almond petite fours

**This quotation includes all finger food items, sweets, coffee table and the wedding cake table. This package incorporates full service of waiters, ice, transportation and laundry**

### MENU 1

Sandwiches Ham
Sandwiches Cheese
Tuna Rolls
Cheesecakes
Meat Pies
Sausage Rolls
Pizza
Timpana
Quiche Lorraine
Salami, Olive and Bigilla
Bruschetta
Assorted Barquettes
Stuffed Olives
Fancy Cakes Assorted
**Price: €3.65 per person**

### MENU 2

Sandwiches Ham & Cheese
Tuna Rolls
Cheesecakes
Meat Pies
Sausage Rolls
Pizza
Canapés
Assorted Barquettes
Chicken Vol au Vents
Stuffed Eggs
Stuffed Olives
Arancini
Meat Balls
Fancy Cakes Assorted
Dips Platter
**Price: €4.35 per person**

### MENU 3

Sandwiches Ham & Cheese
Tuna Rolls
Cheesecakes
Meat Pies
Spinach Qassatat
Pizza
Quiche Lorraine
Canapés
Assorted Barquettes
Stuffed Olives
Salami, Olive and Bigilla
Bruschetta
Chicken & Maltese Sausage bites
Gammon Slices
Angels on Horseback
Crab stick
Meat Balls
Arancini
Spring Rolls
Fancy Cakes Assorted
Dips Platter
**Price: €5.95 per person**

### MENU 4

Sandwiches Cheese
Tuna Rolls
Cheesecakes
Meat Pies
Sausage rolls
Pizza
Potato Smiley
Fancy Cakes Assorted
**Price: €1.60 per person**

SPECIAL OFFER
**€16.90**
+ VAT (VAT Refundable)







Call us on
2166 0505/6
sales@neriku.com

## Messaġġ mis-Segretarju




# Sena ta' ħidma kbira li tatna sodisfazzjon

Is-Sur Carmel Ellul

Għeżież Soċi, Partitarji u Benefatturi,

Għaddiet sena minn meta ċċelebrajna l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna. U mill-bidu ta' din is-sena, bdejna niċċelebraw l-anniversarju tal-175 sena mill-miġja fostna tal-istatwa titulari fil-Parroċċa tagħna, l-istatwa artistika u mnaqqxa fl-injam tal-Patruna Santa Marija.

Il-preparamenti għal dan l-anniversarju ta' dik li hi l-qalba tal-festa, l-istatwa tal-Patruna tar-raħal, ma bdewx mal-bidu ta' din is-sena iżda l-Kumitat kien ilu jaħseb biex dan l-anniversarju jibqa' mniżżel bħala anniversarju li jagħmel ġieħ lis-Soċjetà tagħna u lill-Imqabba. Żgur li wara li tgħaddi l-festa rridu nibqgħu naħdmu biex dawk l-attivitajiet li hemm ippreparati għal dan l-anniversarju jkunu ta' suċċess u jagħtu ġieħ u qima lill-Patruna tal-Imqabba.

Bħalma kont għedt fil-paġna tiegħi tal-ktejjeb tas-sena li għaddiet rigward ix-xogħol fl-estensjoni tal-Każin, nista' ngħid li f'għeluq iċ-ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà, il-ħidma tagħna saret realtà meta fis-26 ta' Diċembru 2010 sar il-ftuħ uffiċjali tal-estensjoni tal-Każin. Dan kien proġett li ġab sfidi ġodda lill-Kumitat għax bis-saħħa t'hekk ġie modernizzat il-bar, sar xogħol kbir fuq l-intrata u anke fil-kmamar tal-ġnub. Hawn nixtieq ngħid grazzi kbira lil kulħadd.

Dan ma jfissirx li se nieqfu hemm. Irridu nkomplu naħdmu biex il-Każin tagħna jkun post li jixraq lis-soċi, lill-membri, lill-benefatturi u lill-partitarji li tant ħadmu mill-qalb biex wara mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà jkollna post aktar addattat għaż-żminijiet tal-lum u li fuq kollox jixraq lis-Soċjetà li għandha l-privileġġ u d-dmir li torganizza l-festa tar-raħal.

Matul is-sena, is-Soċjetà tilfet diversi soċi u partitarji u ma nistax ma nsemmix lill-eks membru tal-Kumitat u eks President tas-Soċjetà, Ġużepp Ghigo li kien ukoll fl-għaqda tan-nar. Tul ħajtu, ta servizz innovattiv u ħafna mill-ħin tiegħu biex il-festa u s-Soċjetà Santa Marija jkomplu jikbru. Minn hawn insellem il-memorja tiegħu u nagħti l-kondoljanzi lil martu Julie u lill-familji ta' dawk kollha li ħallewna.

Bil-festa li qed niċċelebraw din is-sena L-Imqabba qiegħda ġġedded id-dedikazzjoni tagħha lil Santa Marija, kif ngħidu fil-logo li nedejna għal dan l-anniversarju. Nista' ngħid li bis-sehem ta' kulħadd erġajna ppreparajna programm mill-aqwa li fih se nżanżnu armar ġdid, se jkollna żewġ baned li se jdoqqu għall-ewwel darba fl-Imqabba, iż-żgħażagħ se jtellgħu spettaklu sabiħ fit-Tielet Tridu, u l-Għaqda tan-Nar se tagħti spettaklu ta' nar li żgur se jpaxxi lil eluf ta' Maltin, Għawdxin u turisti li jżuruna ta' kull sena.

Il-Kummissjoni Banda flimkien mal-banda, is-Surmast u l-Kumitat ħadmu biex il-programm tal-10 t'Awwissu jkun wieħed ta' livell għoli u jpaxxi lill-mistednin, is-soċji u l-partitarji.

Dan kollu hu l-frott tal-ħidma tas-sezzjonijiet kollha li flimkien inżommu s-Soċjetà tagħna ħajja tul is-sena kollha. Nirringrazzja għalhekk lil sħabi kollha tal-Kumitat, lis-Sezzjoni Nisa tax-xogħol kbir kontinwu li jagħmlu tul is-sena biex jiġbru l-fondi b'risq il-proġett il-ġdid tal-kazin, lill-Għaqda tan-Nar li għandha sehem kbir fis-suċċess tal-festa u li din is-sena reġgħu ġew mistiedna biex jagħtu spettakli minn diversi bliet u rħula u fil-Port il-Kbir fejn ħames snin ilu saru l-ewwel Champions tan-Nar Maltin u fuq il-Fosos tal-Furjana, lill-Għaqda tal-Armar li minkejja l-ispejjeż li kellu l-Każin xorta baqgħu jaħdmu kontinwament biex għal din is-sena nżanżnu armar ġdid, lis-Sezzjoni Żgħażagħ tax-xogħol li wettqu tul is-sena u dak li se jagħmlu fil-jiem tal-festa, lis-Surmast tax-xogħol tiegħu tul sena sħiħa mal-allievi l-ġodda u mal-banda, lill-Kummissjoni Banda u l-bandisti tax-xogħol tagħhom, lil dawk kollha li jarmaw it-toroq fi żmien il-festa u jżarmaw wara l-festa, lil dawk kollha li jgħinu fil-Knisja, lill-kappillan u lill-kleru, lill-Pulizija, lill-Kunsill Lokali, u lis-Sindku tal-Imqabba li din is-sena reġa' tana l-opportunità biex iż-żewġ baned Imqabbin jerġgħu jdoqqu flimkien.

Nappella biex kulħadd jattendi l-funzjonijiet speċjali tal-Knisja għall-festa titulari u biex waqt il-festa, speċjalment waqt il-marċi, inġibu ruħna sewwa biex inkomplu nagħtu ġieħ lill-Patruna tar-raħal tagħna Santa Marija kif ukoll inkomplu ngħollu l-isem tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'din l-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa titulari f'raħalna.

Grazzi kbira u l-festa t-tajba lil kulħadd.



*Is-Sur Carmel Ellul, Segretarju tas-Soċjetà jdawwar lill-E.T. l-President ta' Malta Dr. George Abela fis-sala prinċipali tal-Każin, waqt iż-żjara li għamel ġewwa l-Każin nhar l-24 ta' Jannar 2010.*


Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Gilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 9.00am - 12.00pm & 4.00pm - 7.30pm • Sat: 7.00am - 4.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE
KOUDIJS
Grup Alimentari Guissona
SPAIN
Friskies
PURINA PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
Whiskas
Pedigree
SCIENCE PLAN
CIMIAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU


Tewmi Motoring School
We offer both on manual & automatic cars and have both male & female qualified full time instructor
STOP
GIVE WAY
CRS·158
Call Instructor Chris
Mob: 99728577
chris_floriana@hotmail.com

## Appell mill-Kaxxier




Is-Sur Carmel Briffa

# Soċjetà Mogħnija bl-Unuri kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta

Bil-għajnuna t'Alla reġgħet għaddiet sena oħra u ninsabu ftit ġranet bogħod mix-xahar t'Awwissu, xahar li fih tiġi ċċelebrata l-akbar festa fil-gżejjer Maltin u Għawdxin dik ta' Santa Marija.

Wara li s-sena l-oħra ċċelebrajna bil-kbir għeluq il-mitt sena tas-Soċjetà tagħna, Soċjetà bi storja glorjuża, komplejna ninkurunawha fl-aħħar tas-sena meta fis-26 ta' Diċembru inawgurajna l-estensjoni tal-każin. Dan kien l-ikbar rigal li qatt stajna nagħtu lis-Soċjetà fl-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha.

Il-festa ta' din is-sena għandha sinifikat speċjali peress li jaħbat il-175 sena mill-miġja tal-Istatwa Artistika Titulari ta' Santa Marija (1836-2011). Kien proprju fl-14 t'Awwissu 1836 meta l-istatwa ta' Santa Marija ngarret mir-raħal taż-Żejtun, fejn inħadmet minn Mastru Alessandru Farrugia, għaddiet minn Ħal Għaxaq u l-Gudja u wara waslet fir-raħal tal-Imqabba fejn ġiet milqugħa b'entużjażmu u ferħ kbir mill-poplu tal-Imqabba.

Sabiex infakkru dan l-avveniment storiku l-Kumitat ħaseb biex jorganizza Festa Speċjali li tixraq lil Ommna Marija. Fil-fatt kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà tinsab impenjata bi sħiħ sabiex għal darb'oħra tagħmel unur lill-Imqabbin. Hawn ta' min isemmi l-Banda Re Ġorġ V li taħt it-tmexxija tas-Surmast David Agius se tesegwixxi xejn inqas minn erba' servizzi matul il-ġimgħa tal-festa. Bħalissa l-Banda tinsab impenjata bil-kunċerti għall-programm tant mistenni tal-10 t'Awwissu li ta' kull sena jkun varjat u innovattiv.

Il-Fergħa tan-Nisa fi ħdan is-Soċjetà hija pedina importanti għaliex bl-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena qegħdin jgħinu finanzjarjament lis-Soċjetà tagħna. Dan barra x-xogħol l-ieħor bħal tindif fil-Każin u xogħol ta' ħjata. Is-Sezzjoni Żgħażagħ jinsabu impenjati s-sena kollha sabiex iżommu l-Każin ħaj bl-attivitajiet li jagħmlu u sabiex ikabbru l-briju matul il-ġranet tal-festa.

L-Għaqda tan-Nar li tinsab inkurunata bl-unuri kollha li toffri Malta u d-dinja tinsab lesta sabiex tippreżenta dak l-ispettaklu uniku li d-dilettanti kollha ta' Malta u Għawdex ikunu qed jistennew. Nirringrazzja lill-membri ta' din l-għaqda għas-sagrifiċċju u l-ħidma tagħhom matul s-sena. Ma nistax ma nsemmix ukoll l-għaqda tal-Armar li jaħdmu s-sena kollha u għall-festa ta' din is-sena se jżanżnu għadd ta' opri ġodda.

Kif qegħdin taraw dawn l-affarijiet jinvolvu ħafna spejjeż. Hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li taw sehemhom għall-estensjoni tal-Każin u nappella sabiex dawk li għadhom ma resqux jagħmlu dan billi javviċinaw lil xi ħadd tal-Kumitat.

Inħeġġiġkom sabiex tkunu ġenerużi fl-offerti tagħkom kemm permezz tal-envelops kif ukoll fil-ġbir li jsir matul il-ġranet tal-festa. Tifhmu għalhekk li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu kemm finanzjarjament kif ukoll manwalment fil-ġranet tal-festa.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nħeġġiġkom sabiex tieħdu sehem attiv kemm fil-funzjonijiet tal-knisja kif ukoll fil-festi esterni. Nieħdu pjaċir flimkien f'dawn il-ġranet sbieħ tal-festa billi nuru d-devozzjoni tagħna lejn Omnna Marija. Huwa dmir tagħna lkoll li nibżgħu għal dak li ksibna matul is-snin u nkomplu nistinkaw sabiex inkomplu ngħollu l-livell tal-festa u tas-Soċjetà tagħna, Soċjetà mogħnija bl-unuri u tifkiriet sbieħ.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin.



*Is-Sur Carmel Briffa, Kaxxier, waqt iż-żjara fil-Każin tal-E. T. Dr. George Abela, President ta' Malta, nhar l-24 ta' Jannar 2010.*



# The Fruit Shop

**Prop. George Attard**

*9th April 1942 Street, Mqabba*

*Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151*

# *JMA* Aluminium Works

**Joseph Mizzi Aluminium works & soffit ceilings**

40A, Industrial Estate, Luqa

Tel/Fax: 2180 7851 Mob: 9944 5686

E-mail: mizalum@maltanet.net

*For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works*

**We fabricate aluminium apertures, like doors & windows with new profiles and a large range of colours.**

**We cater for customer made structures, as greenhouses, verandas, skylights, facades and more.**





*Call for free quotation for:*

Louvers fixed & adjustable

Double glazed apertures (with Argon Gas)

Showers & partitions

Insect screens & roller nets

Hinged, sliding & revolving apertures

Maltese balconies, stairs & handrails

Security main doors

Arched apertures & folding doors

***We do also soffitt ceilings in mineral fibre & gypsum in various models***



## Appell mis-Surmast Direttur




# Impenn, Serjetà, Umiltà

Mro. David Agius
A.Mus LCM A.Mus VCM ( Hons) ALCM

Impenn, Serjetà u Umiltà - Dawn fl-opinjoni tiegħi huma l-iktar tliet kelmiet li jiddeskrivu profondament l-ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba, dik tal-Banda Re Ġorġ V tas-Soċjetà Santa Marija.

Dawn it-tliet fatturi jagħmluha unika f'dan ir-raħal. Nibda bl-ewwel fattur – L-Impenn. Għalkemm Soċjetà żgħira ħdejn irħula ikbar mill-Imqabba hemm qalb kbira u f'kulma naħdmu għalih jitwettaq bl-aħjar mod possibli u fuq skala kbira. Fil-qasam bandistiku dan intwera biċ-ċar f'diversi kunċerti li tellgħet il-banda kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. U meta nsemmi kunċerti, mhux biss nalludi għall-kwantità ta' kunċerti iżda nirreferi għall-mużika li dejjem ġiet esegwita. Kienu tal-aqwa livell - dan dejjem bis-saħħa tal-ħidma tal-mużiċisti tagħna. Meta nifformulaw programm mill-kummissjoni banda dejjem naraw li jkollna mużika li tkun ta' livell xieraq għall-banda li turi livell avvanzat li waslet bħala grad. Il-livell irid jikkumplimenta l-avvanzi kbar li saru fil-qasam mużikali fi ħdan is-Soċjetà tagħna fl-għażla t'arranġamenti minn kompożituri u arranġaturi ta' fama mondjali.

Għalhekk minn dawn il-kelmtejn nistieden lil dawk dilettanti biex fl-10 t'Awwissu jkunu preżenti għall-kunċert annwali tal-banda tagħna fejn ix-xogħol fuq il-banda jintwera biċ-ċar fl-eżekuzzjoni ta' kull silta li se tindaqq u kollha huma interessanti. Bħala ċelebrazzjoni tal-175 statwa ta' Santa Marija ġewwa L-Imqabba nħasset il-ħtieġa biex jingħata rigal xieraq lis-segwaċi tal-banda tagħna fejn il-banda se tesegwixxi L-Innu l-kbir tal-eks Surmast tal-Banda Mro. George Martin fil-kunċert tal-10 t'Awwissu fost mużika oħra li żgur tolqot il-gosti ta' kulħadd.

L-impenn ukoll jintwera f'kull organizzazzjoni li tagħmel din is-Soċjetà permezz tal- kummissjonijiet fi ħdanha, pereżempju ż-żgħażagħ f'kull attività li jorganizzaw jintwera impenn, fejn rebħu wkoll unuri nazzjonali, l-għaqda tan-nar b'rebħ t'unuri nazzjonali kif ukoll internazzjonali, il-kumitat ċentrali wera impenn serju li f'temp ta' ftit żmien tlesta l-proġett tat-tkabbir tas-sede tas-Soċjetà biex fiċ-ċentinarju ċċelebrat is-sena l-oħra din l-estensjoni ġiet inawgurata u b'hekk stajna niċċelebraw b'mod xieraq f'każin ikbar u iktar lussuż minn qatt qabel. Hawnhekk ma nistax ninsa li wkoll tingħata importanza fl-iskola tal-mużika, fejn dejjem bqajna nsegwu l-avvanz tal-allievi biex inkomplu nżidu kemm fin-numru kif ukoll fil-kwalità li hija l-iktar ħaġa importanti. Ta' dan għandna nirringrazzjaw lil kull min jagħti sehem f'dan l-operat.

Serjetà - din tintwera fl-organizzazzjoni li mingħajr ħafna daqq ta' trombi kull proġett li jidħol għalih il-kumitat jitlesta mill-bidu sal-aħħar. Barra minn hekk l-aħjar ħaġa li nħoss li ssir f'din is-Soċjetà għalkemm mhux kulħadd jifhem mill-ewwel hija li kulħadd ikollu viżjoni ċara għall-ġejjieni mingħajr ma hadd jagħti kas tal-ebda kompetizzjoni. Dan isir għax jekk tkun fuq quddiem f'deċiżjonijiet li jsiru m'għandekx għalfejn thares lura iżda thares b'kawtel lejn il-ġejjieni u wieħed għandu dejjem jara fiex jista' jimmeljora.

L-iktar unur li nabbina jien mas-Serjetà ta' din is-Soċjetà huwa Les Étoiles D'Or Du Jumelage li dan bil-fatti, bl-impenn u s-serjetà li bih tmexxa l-ġemellaġġ hija l-unika Soċjetà f'MALTA li tħaddan dan it-titlu. Wara dan l-Unur ma nistax ma niftakarx fil-kunċert memorabbli li tellgħet il-banda fit-Teatru Manoel. Hawnhekk kienet indaqqet mużika ferm impenjattiva u l-mużiċisti li ħadu sehem għamlulna unur kbir fl-eżekuzzjoni impekkabbli.

L-Umiltà hija l-aħħar fattur li rrid nitkellem fuqu u dan huwa li importanti ferm. Forsi ma ndoqqux biżżejjed, iżda dejjem konna leali lejn is-segwaċi ta' din is-Soċjetà. Fil-qasam mużikali nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li dejjem tajna lill-udjenza rigal f'kull kunċert li tellajna għax il-banda dejjem ingħatat prominenza. Hawnhekk L-Umiltà tidħol ferm għax dejjem ippreparajna b'umiltà u qatt ma ddiżappuntajna lill-udjenza li tkun qed tistenna xi ħaġa iktar minn dak li jkun mistenni, anzi bil-kontra għandna riċetta fejn l-udjenza dejjem tkun sorpriża bl-għażla u bil-livell mużikali li dejjem s'issa ntlaħaq.

Ma fadalli xejn x'nikkumenta għalissa ħlief li nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd inkluż lill-morda. Nirringrazzja tal-appoġġ li dejjem sibt minn kulħadd fi ħdan is-Soċjetà tagħna, kif ukoll lil marti Antonella tas-sapport li dejjem tagħtini biex inkompli bil-ħidma tiegħi. Nagħlaq billi ngħid lis-segwaċi jżommu l-appuntament għal Ottubru li ġej fejn il-banda tagħna se ttella' kunċert fl-okkażjoni ta' Jum L-Imqabba mniedi flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, kif ukoll l-Akkademja ġewwa l-knisja iktar tard. Bħal kull sena nawgura lill-Għaqda tan-Nar kemm tal-ajru u dik tal-art li jkollhom suċċess fil-festa ta'din is-sena u l- kummissjonijiet l-oħra kollha biex flimkien b'Umiltà nsostnu iktar Impenn u Serjetà.

Viva Santa Marija



*Is-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, Mro. David Agius waqt il-Programm Annwali, nhar l-10 t'Awwissu 2010.*


Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
LISETA
Bikrija
DRUID
Ħamra
ALPHA
Safra
SLANEY
Bajda
SAVANNAH
Bajda
CARA
Ta' Għajnha Ħamra
DERBY
Patata safra l-iżjed bikrija f'Malta reżistenti għall-mard u għammiela ħafna li ser tiġi esportata.
ARRAN BANNER
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 08
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587


Jerry's Silencer Repairs
CO2 Welding
Jerry's Garage
Siġġiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237

## Messaġġ mid-Direttur Spiritwali




# Viva Marija Assunta

Patri Joseph Zahra O. P.

Jekk ikollna nistaqsu: "Min hi Marija Assunta?", Naħseb li kulħadd iweġibna li hija Marija mtellgħa fis-sema. Tajjeb u hekk hu tabilħaqq, imma lil din Marija nafuha tassew? Min hi Marija?

Lil Marija Santissima, kulħadd jagħrafha bħala mara li kienet tabilħaqq imbierka minn Alla. Marija hija l-bniedma li wettqet dak kollu li talab minnha Alla. Marija hija l-bniedma li minnha twieled Alla bħala bniedem – Ġesù. Marija hija bniedma storika li isimha baqa' jissemma mal-erbat irjieħ tad-dinja. Marija tispikka fis-safa, fl-umiltà, fl-ubbidjenza u fil fidi kbira tagħha. Mhux ta' b'xejn kellha tiġi mtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem!!

Quddiem Omm Ġesù, il-Knisja tpoġġilna ħafna titli u dan ma tagħmlux biex tgħolli lil Marija aktar milli suppost, anzi biex lilna tgħinna nifhmu l-misteru kbir li jinsab f'Marija. Hi stess quddiem Eliżabetta tistqarr li l-Mulej għamel magħha ħwejjeġ kbar, u li minn issa 'l quddiem kull nisel kien se jibda jsejħilha hienja, jiġifieri beata – qaddisa. L-Arkanġlu Gabrijel ukoll sejħilha b'titlu ta' qdusija meta qalilha: "Sliem għalik mimlija bil-Grazzja" (Luqa 1:28)

L-isbaħ titli li nsibu mogħtijin lil Marija Ommna, insibuhom fil-litanija li aħna permezz tagħha nitolbuha titlob għalina wara li nkunu mmeditajna il-misteri tas-salvazzjoni tagħna fir-Rużarju Mqaddes.

Hemm iktar titli lil Marija, imma fi ftit kliem ma nistgħux nitkellmu dwar kollox. Dawn huma titli li kollha juruna lil Marija storika ta' Nażaret, lil Marija li nsibu fil-Bibbja Mqaddsa.

Iva, Marija hija Mqaddsa. Marija hija Qaddisa għax nisslet f'ġufha u welldet lil Ġesù li huwa l-Qaddis, is-safi, l-Iben ta' Alla l-ħaj, il-Verb ta' Alla li bih sar kollox u mingħajru ma sar xejn (Ġwanni 1:1-4). Dan Ġesù huwa Alla!! Bir-raġun kollu lil Ommna Marija nsejħulha bħala Omm Alla. Dan ma jfissirx li kienet qablu jew li ġġeneratu hi, imma li Alla twieled minnha meta sar bniedem fostna l-bnedmin. Iva din hi Omm Alla magħmul bniedem. Din hi omm is-Salvatur u għalhekk ukoll insejħulha bħala l-Omm ta' min salvana.

Marija stess, quddiem il-vokazzjoni li għenieha biha Alla l-Imbierek, turi l-umiltà tagħha u tistqarr: "Jiena l-qaddejja tal-Mulej" (Luqa 1:38), u wkoll tifraħ bil-preżenza ta' Alla fiha, qisha l-Arka tal-Patt li kienet iġġorr il-preżenza ta' Alla – il-liġi tiegħu miktuba. "L-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi" (Luqa 1:47).

Quddiem din l-affermazzjoni ta' Marija, li lil Alla tagħrfu bħala salvatur tagħha, għandna stedina fundamentali. Alla kien li għażilha għalih u li salvaha minn qabel bil-merti ta' Kristu Ġesù nnifsu. Lil dan Ġesù hi aċċettatu u tatu lilna u lid-dinja kollha. Aħna lkoll mela ninsabu msejħa biex tassew minn qalbna, nilqgħu lil Ġesù, u bħal Marija ngħadduh lid-dinja li llum bħalma kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem, għad għandha bżonn lil Kristu Salvatur. Aħna naċċettaw lil Ġesù bħala salvatur tagħna, hekk bħalma għarfitu Marija Ommna?

Din hi l-Verġni dejjem marbuta



*Fr. Zahra Ghigo, Direttur Spiritwali waqt il-quddiesa f'jum il-festa ta' Santa Marija, nhar il-15 t'Awwissu 2010.*

ma' Alla, u kien proprju għalhekk li fit-Tieġ ta' Kana setgħet iddur lejn il-qaddejja u tgħidilhom biex jagħmlu dak li kien se jgħidilhom Ġesù (ċfr. Ġwanni 2:5). Hawn Marija tidher għalihom u għalina bħala l-Omm tal-Parir it-tajjeb. Marija ommna, din is-sena wkoll, aħna u niċċelebraw is-Solennità tat-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema, qed tkompli tgħidilna biex nersqu aktar lejn Ġesù, li min-naħa tiegħu jibqa' jistedinna nemmnu aktar dak li qalilna fl-Evanġelju skont San Ġwann: "Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija" (Ġwanni 14:6).

Marija mela llum ukoll, bħala l-Assunta, trid tibqa' tkun għalina dak il-bieb li jinfetħilna għas-sema, għax jekk aħna naċċettaw lil Binha Ġesù f'ħajjitna, kif tixtieq u titlob minna hi, dak Ġesù li hu l-bieb tassew, Marija tkun qed tindirizzana biex ngħaddu minnu u nsalvaw.

B'hekk ukoll Marija tibqa' tkun is-Sultana tal-Patrijarki, tal-profeti, tal-Appostli. Tissejjaħ is-Sultana għax hi qed tinkuruna b'ħajjitha u bil-għajxien tal-vokazzjoni singulari tagħha, iż-żmien kollu tat-Testment il-Qadim u qed twettaq il-Profeziji li nsibu bħal f'Iżaija: *"Arawha, ix-xebba ssir omm u jkollha iben* u ssemmih Għimmanu-El (għax Alla magħna)" (Iżaija 7:14). Dan hu l-Alla magħna – Ġesù li waqqaf il-Knisja tiegħu fuq is-sisien tal-Appostli u sejħilna lkoll għall-qdusija.

Mela Marija hija Sultana u Omm fid-dawl ta' Ġesù, li permezz tal-"iva" tagħha ġie fid-dinja u waqqaf din is-saltna tiegħu fuq l-art li hi l-Knisja. Aħna lkoll għandna għalfejn inkunu grati tassew lejn Alla li tagħna din ix-xorti, li nkunu membri tal-Knisja Mqaddsa tiegħu.

Marija Ommna titlob għalina, kif talbet għall-għarajjes fit-Tieġ ta' Kana, u tkompli tistedinna biex nisimgħu minn Ġesù. Dan hu li lkoll għandna niftakru meta flimkien ngħajtu: VIVA SANTA MARIJA.


olive gardens
attention to detail
OLIVE GARDENS ONLY €750 FOR THE REMAINING DATES IN 2010
C&S CATERERS
C.CAMILLERI & SONS (CATERING) LTD.
VENUE: Olive Gardens, Tal-Mahruq, Triq l-Gharreqin, Mdina. TEL: 2145 1143
HEADOFFICE: 13-20, M.Borg Gauci Street, Tal-Handaq, Qormi. TEL: 2147 2255, 2124 1550
info@camillerigroup.com www.camillerigroup.com


PINEAPPLE
8,
Church Square,
Mqabba
Tel: 79050724
Opening Hours:
Monday to Thursday
6.00pm till 11.00pm
Weekends from
6.00pm till late
& Sunday from
5.00pm till late
Grills
Snacks
Pizza
House Specialities

## Mill-Viċi-Direttur tal-Każin




Is-Sur Felix Galea

# 'Sena ħidma kontinwa biex inkabbru u nsebbħu s-sede tagħna'

**Hija esperjenza ġdida għalija li bħala l-Ewwel viċi-direttur fil-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Santa** Marija qiegħed nikteb dan il-messaġġ tiegħi, ftit jiem qabel il-Festa ddedikata lill-Patruna Universali Santa Marija. Minn hawnhekk, nixtieq nirringrazzja lis-Sur Anthony Farruġia, Direttur tal-Każin, tal-ħidma kontinwa li għamilna flimkien sabiex inkomplu nkabbru l-Palazz ta' din l-Ewwel Soċjetà Mużikali f'raħalna.

Wara l-Festa Ċentinarja 2010, li żgur se tibqa' fuq fomm kulħadd għas-suċċess minn kull aspett li din is-Soċjetà għamlet, aħna komplejna b'xogħolna peress li kellna għan f'moħħna, li nagħtu rigal xieraq lill-partitarji ta' din is-Soċjetà hekk Glorjuża; L-Estensjoni tal-Kazin. Grazzi għall-għajnuna ta' diversi żgħażagħ ħabrieka ffinalizzajna l-bar, twaħħal l-iskerting, u sar tibjid fil-kmamar kollha tal-każin fost l-oħrajn. Hawnhekk, nixtieq nirringrazzja lis-Sur Carmel Zahra, il-President ta' din is-Soċjetà tal-ħidma tiegħu.

Barra minn hekk, inxtraw numru konsiderevoli ta' mwejjed u siġġijiet tal-ifjen kwalità sabiex il-partitarji jkunu jistgħu joqogħdu f'din hekk imsejħa 'darhom' bil-kumdità kollha tagħhom. Fis-Swali l-ġodda tal-Estensjoni tal-każin saru arranġamenti ta' dwal u sound, sabiex b'hekk dawn il-kmamar lussużi jkunu jistgħu jintużaw għal bosta attivitajiet, fosthom 'Coffee Mornings' u laqgħat fost l-oħrajn. Ġie wkoll mizbugħ it-taraġ fil-Każin, hekk imsejjaħ l-antik, minn Frans Sciberras.

Qed issir ukoll Manutenzjoni tal-Bieb Prinċipali tas-Soċjetà tagħna fejn inqalgħet l-iskultura tal-bieb, u qed jiġi rrestawrat sabiex jiġi ġdid kif kien prinċiparjament. Nirringrazzja lis-Sur Emmanuel u Roderick Pace tal-ħidma tagħhom f'dan l-aspett, kif ukoll lis-Sur Carmel Ellul li se jagħti d-dehra finali lil dan il-bieb. Sar it-tibdil meħtieġ ukoll fl-intrata tal-kazin, fejn minbarra li tbiddel l-irħam, ġiet imwaħħla maduma kbira bl-Arma tas-Soċjetà tagħna fuqha grazzi għad-direzzjoni għaqlija tal-President tal-Kumitat Ċentrali. Din kompliet tagħti dehra isbaħ u aktar attraenti lill-entratura tas-sede tagħna.

Ġiet installata wkoll sistema ġdida ta' bozoz 'LED's fil-faċċata tal-każin tagħna, sabiex il-konsum tal-elettriku jonqos b'ammont konsiderevoli. Apparti minn hekk, bis-saħħa ta' dan it-tip ta' dawl, il-faċċata maestuża tagħna ġiet mogħtija dehra mill-isbaħ kif jixirqilha. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Partitarji kollha li taw id-donazzjonijiet tagħhom sabiex setgħu jinxtraw dawn il-bozoz għall-faċċata tal-Każin. Fil-fatt nirringrazzja wkoll lill-Kumpanija Denfar tal-għajnuna tagħhom fil-kostruzzjoni tal-każin.

Is-Soċjetà Santa Marija dejjem imxiet mat-teknoloġija. Filfatt, fis-sede tas-Soċjetà tagħna nistgħu nsibu Internet Cafè għall-użu tal-partitarji u tal-Pubbliku inġenerali. Barra minn hekk, is-Soċjetà tagħna nvestiet ukoll f'żewġ sistemi ta' satelliti u Television 60".



*Is-Sur Felix Galea Viċi-Direttur tal-Każin waqt il-quddiesa fl-okkażjoni tal-ħatra tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ nhar id-19 ta' Settembru 2010.*

Rigward l-Imħażen li s-Soċjetà Santa Marija tħaddan, inħadmet struttura tal-ħadid sabiex tiffaċilita l-ħidma tal-għaqdiet tagħna, ġew installati sistemi ġodda ta' dawl u ilma u tbiddlu wkoll l-aperturi ta' maħżen minnhom, minn dawk tal-injam għal dawk tal-aluminju. Saret ukoll manutenzjoni fuq makkinarju tal-każin, b'mod speċjali l-lifter.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Festa Titulari, nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija talli flimkien ma' membri mill-Kumitat Eżekuttiv saret manutenzjoni fuq l-Arbli tal-Bypass sabiex din it-Triq Prinċipali f'raħalna tkompli tissebbaħ. Ġew irranġati wkoll l-arbli ż-żgħar ta' fuq il-Bejt tal-Każin fejn reġgħet ġiet imwaħħla l-emblema tal-banda tas-Soċjetà tagħna.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ għall-għajnuna kontinwa u l-ħidma li dejjem taw b'risq is-sede tagħna, lis-Sezzjoni Nisa għat-tindif u s-sehem kontinwu tagħhom, lil sħabi fil-Kumitat Ċentrali, u fl-aħħar u mhux l-inqas lis-Soċji u Partitarji għall-għajnuna li jagħtu matul is-sena kollha kemm manwalment kif ukoll finanzjarjament.

Sabiex nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nixtieq nagħmel appell sabiex kull partitarju jibża' għall-Palazz tagħna, għaliex fih ningħaqdu bħala familja waħda. Filwaqt li l-ħidma tagħna b'risq din l-Ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba se tibqa' għaddejja, nixtieq nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.

Viva Santa Marija

# Xogħol li sar fil-Każin



Is-Sur Emmanuel Pace flimkien mas-Sur Roderick Pace waqt ix-xogħol ta' restawr fuq il-bieb prinċipali tal-Każin.




L-Arma tas-Soċjetà fuq il-madum tal-intrata tas-Sede.



Id-dawl tal-faċċata tal-Każin li nbidel minn bozoz komuni, għal dawk LEDs.



Il-Bar il-ġdid tal-Każin, li ġie mgħammar b'televiżjoni 60" u żewġ sistemi tas-satellita.



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

St. Paul's Dental Clinic
Dolmen Street
Safi

TEL: 27560272
MOB: 79092400

## Kelmtejn min-Nisa




**Is-Sinjura Franġiska Ghigo**

# Frott il-Fergħa Nisa

Kif itir iż-żmien! Reġa' wasal ix-xahar t'Awwissu li fih tiġi ċċelebrata waħda mill-akbar festi li tiċċelebra l-Knisja Kattolika:- it-Tlugħ fis-sema ta' Marija Verġni. Aħna l-Imqabbin nkunu qed nistennew bl-akbar ħerqa dawn il-ġranet għaliex ngħixu għalihom minn sena għal sena. Bla ma trid, tinduna li ż-żmien wasal għaliex tħoss ċertu ferħ intern li ma tistax tiddeskrivih. Dan kollu riżultat tal-imħabba li għandna lejn il-Patruna tal-Imqabba – Santa Marija.

Nibda billi nsellem lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktieb. Din is-sena, bħall kull sena, aħna n-nisa ħdimna bil-kbir biex ikollna riżultat tajjeb ħafna fejn jidħlu l-fondi. Din is-sena, fost l-opri li għamilna, xtrajna 100 siġġu, 6 imwejjed u baqgħalna somma sostanzjali biex ngħaddu lill-Kumitat Eżekuttiv għall-estensjoni tal-każin li għamilna s-sena l-oħra.

Din is-sena wkoll sar sett purtieri għas-sala l-ġdida imma l-flus għalih ma ħarġux mill-ġbir li għamilna mill-attivitajiet imma nġabru apparti mis-sinjura Doris Camilleri u hawn il-benefattur, is-Sur Joseph Farrugia (il-Farell) ħareġ somma sostanzjali u minn hawn nirringrazzjawh minn qalbna. Dawn il-purtieri nhietu ukoll minn membri tas-sottokumitat tagħna n-nisa li minn hawn nirringrazzjawhom mill-qalb. Din is-sena wkoll għamilna ħafna attivitajiet fosthom 'coffee mornings' u 'high teas' u xi ħarġiet kulturali.

Nixtieq nirringrazzjaw lil min jisponsorjana b'rigali biex nagħmlu lotteriji fil-'coffee mornings' u 'afternoon teas'. Dawn huma La Piccola Discount Store - Iż-Żurrieq, Ta' Frida Pet Shop - L-Imqabba, Iris tal-grocer - L-Imqabba u Beauty Lab by Ritienne Agius - L-Imqabba.

Nirringrazzjaw ukoll lill-Partitarji tal-koperazzjoni u l-kuraġġ li jagħmlulna meta l-ħabrieka Doris Camilleri tavviċinahom għal kull ħaġa li jkollna bżonn bħall-bejgħ ta' biljetti għal-lotteriji; ġbir ta' nies għall-attivitajiet li jsiru u ġbir ieħor ta' flus għall-ispejjeż tal-marċ ta' nofsinhar; fjuri għal quddiem l-istatwa ta' Santa Marija u kull ġbir ieħor fejn dejjem ikunu ġenerużi mmens.

Nixtieq fl-aħħar nett nirringrazzja lil shabi kollha fil-kumitat b'mod speċjali lis-Sinjura Doris Camilleri, li tagħmel sagrifiċċji personali kbar biex tgħin lil kull sezzjoni fis-Soċjetà. Nirringrazzja lil dawk kollha li jagħmlu t-tindif tal-każin s-sena kollha. Nagħmlu appell lit-tfajliet biex jersqu jagħtu daqqa t'id fit-tindif u affarijiet relatati mal-festa.

Nirringrazzjaw lis-Soċi u Partitarji kollha nisa u rġiel li nsibuhom is-sena kollha. L-appell tiegħi huwa biex nattendu għall-funzjonijiet sbieħ li jsiru fil-knisja li huma l-qofol tal-festi li jsiru ad unur il-Patruna tal-Imqabbin kollha. Nappella wkoll biex kulħadd jattendi għall-marċi u attivitajiet li jsiru matul il-festa kollha mingħajr ma noffendu u nweġġgħu lil ħadd. Grazzi mill-qalb u l-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija – Patruna tal-Imqabba.



*Coffee Mornings li jiġu organizzati matul is-sena.*



*Il-Kumitat tal-Fergħa Nisa*



*Is-Sinjorina Franġiska Ghigo tippreżenta donazzjoni f'isem il-Fergħa Nisa lill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra, nhar l-10 t'Awwissu 2010.*



*Wieħed mill-Coffee Mornings organizzat mill-Fergħa Nisa.*

## Mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija




# "Id-Determinazzjoni hija ċ-ċavetta għas-suċċess!!"

Is-Sur Jeremy Mercieca

Għeżież Żgħażagħ, Soċi, u Partitarji ta' din l-Ewwel Soċjetà Mqabbija, u tal-Festa tat-Titular,

Huwa ta' unur għalija li mess lili bħala l-President il-ġdid tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li nwassal dan il- messaġġ tiegħi f'din il-Pubblikazzjoni ta' qabel il-festa f'ġieħ il-Patruna Universali; Santa Marija. Bħalissa, kull sezzjoni fi ħdan din l-Ewwel Soċjetà Mqabbija għaddejja bi preparamenti kontinwi, u xogħol impenjattiv, sabiex niċċelebraw il- 175 sena mill-miġja tal-istatwa Titulari ġewwa raħalna kif jixraq. Hekk kif ninsabu fuq l-għatba ta' dawn il-festi kbar, huwa fil-kompitu ta' kull għaqda b'mod speċjali tagħna ż-żgħażagħ li lkoll flimkien mal-partitarji nkomplu nibnu dawn is-suċċessi b'kisbiet oħra. Huma ż-żgħażagħ il-pilastri tas-soċjetà, u għalhekk irridu naħsbu f'ideat innovattivi li jkabbru isem is-Soċjetà tagħna, iżda fuq kollox, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid tal-Assunta.

Hekk kif għaddiet il-festa tal-2010; festa memorabbli, li żgur ħa tibqa' msemmija mid-dilettanti tal-festi, peress li s-Soċjetà Santa Marija ċċelebrat il-mitt sena mit-twaqqif tagħha, fil-Kumitat taż-żgħażagħ kien hemm revoluzzjoni shiħa, fejn kienu biss tlieta li baqgħu f'dan il-kumitat mis-sena ta' qabel. Il-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kompla jiġġedded b'numru sabiħ ta' żgħażagħ li ngħaqdu magħna għall-ewwel darba fil-kumitat bħas-Sur Felix Galea, is-Sur Luke Vella, is-Sur Osvaldo Vella, is-Sur Rueben Vella, is-Sinjorina Marica Mifsud, is-Sinjorina Antonella Mifsud u fl-aħħar u mhux l- inqas, is-Sinjorina Roberta Vella, u daħlu wkoll żewġ membri li kienu f'kumitati passati; is-Sur Matthew Borg u s-Sur Joseph Briffa. Mill-ewwel laqgħa tal-kumitat ilkoll qbilna li kull żagħżugħ irid imidd idu għax-xogħol, u aħna fassalna **pjan ta' sena ħidma**, fejn fuq kollox il-qofol ta' dan hija l-festa Grandjuża li ser niċċelebraw fi ftit jiem oħra. Minn hawnhekk nixtieq insellem u nirringrazzja lill-membri tal-Kumitat Preċedenti li dejjem offrew l-għajnuna u s-sapport tagħhom kull meta kien hemm il-bżonn, lis-Sur Carlo Sciberras li bħala eks president tal-kumitat taż-żgħażagħ tana daqqa t'id mhux ħażin, u fuq kollox ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil persuna importanti li kieku ma sibniex l-għajnuna tiegħu, żgur li aħna ma wasalniex fejn wasalna, is-Sur Mario Zammit. Sena wara oħra, b'membri ġodda, **sforz l-entużjażmu u d-determinazzjoni tiegħu dan il-kumitat fi ħdan din is-Soċjetà dejjem żamm lis-Sezzjoni Żgħażagħ bħala l-ewwel prijorità, u llum il-ġurnata qegħdin naraw il-frott ta' dan kollu.**

Il-Kumitat irnexxielu jimla s-sena tiegħu b'attivitajiet ibbażati fuq id-diversità tal-individwu fejn is-sisien filantropiċi, soċjali, sportivi, kulturali u spiritwali tpoġġew fuq quddiem nett tal-agenda tagħna. Jekk inħarsu lejn il-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ naraw li l-attivitajiet ma naqsu qatt, **anzi konna fuq quddiem tal-kumitati f'pajjiżna għaliex għamilna attivitajiet uniċi fuq livell Nazzjonali.** Ta' min jgħid li kull attività li tellajna mhux biss kienet ta' livell għoli iżda kienet ukoll oriġinali għall-aħħar, fejn l-element żagħżugħ, mimli entużjażmu u ħeġġa, dejjem iddomina! Dan mhux qiegħed jingħad biss bil-kliem iżda bil-fatti; fatti li kull sena jagħtu prova ċara li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna hija sezzjoni attiva, kapaċi u serja mill-bidu li ġiet iffurmata.


*Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ 2010-2011*


*Quddiesa fl-okkażjoni tat-twaqqif tal-Kumitat.*



Żjara lill-Anzjani Mqabbin fl-Isptar San Vinċenz de Paule.



Filming tal-programm Arani Issa. Programm li kellu bħala mistieden lis-Sur Roderick Tonna membru fil-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

Aħna bdejna l-ħidma tagħna bħala żgħażagħ proprju ġimgħa biss wara li ffurmajna, fejn minkejja li kulħadd ħaseb li aħna bla esperjenza, fis- 17 ta' Settembru, 2010, tellajna 'L-End of Summer Barbeque' fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa. Hawnhekk, kull ġenerazzjoni tas-soċjetà ngħaqdet sabiex tiċċelebra għeluq is-sajf li s-Soċjetà Santa Marija ħalliet it-timbru tagħha fuqu. Fl-1 ta' Ottubru, 2010, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ ħa sehem u ħadem sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali tar-raħal orgnizzajna 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien'. Għal din l-attività, is-Soċjetà tagħna bil-ħidma ta' Frans Vella u Vince Attard ippreżentat żewġ platti tradizzjonali Maltin. Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Anzjani rġajna żammejna l-appuntament tagħna mal-Anzjani Mqabbin fir-residenza San Vincenz De Paule, fejn ferraħniehom bil-preżenza tagħna. Membri fil-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ ħadu sehem ukoll fil-Purċissjoni bl-istatwa devota tal-Madonna tar-Rużarju. F'isem il-Membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ nixtieq nifraħ lill-President ħabrieki tas-Soċjetà tagħna, is-Sur Carmel Zahra, talli ġie muri l-apprezzament għall-ħidma tiegħu fir-raħal tal-Imqabba, bil-premju 'Ġieħ L-Imqabba 2010'.

**Kulħadd jaf kemm iż-żgħażagħ ta' Santa Marija għandhom għal qalbhom il-ġenerożità**, u fil-fatt, fit-12 ta' Ottubru 2010, ikkonfermajna dan. B'ħidma kbira ta' xi membri minn dan il-kumitat flimkien mal-crew ta' 'Arani Issa', tajna sorpriża kbira lill-ħabib tagħna, is-Sur Roderick Tonna. Minn hawnhekk, f'isem is-Sur Tonna. Nhar is-7 t'April, 2011, ħafna partitarji attendew bi ħġarhom għall-ikla organizzata fil-każin, sabiex ilkoll flimkien naraw il-programm 'Arani Issa!' li kien jittratta fuq wieħed mill-partitarji tagħna.

Nhar l-20 ta' Diċembru, 2010, is-Sezzjoni Żgħażagħ ħadmet mhux ftit sabiex tkun tista' tiġi mwaqqfa sezzjoni ġdida fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija, sezzjoni li ġiet imsawra għat-tfal u hi magħmula mit-tfal fl-istess Soċjetà, hekk imsejħa, **'Tfal tat-Titular'**. Dan il-grupp jilqa' fih tfal ta' età bejn tliet snin u tnax-il sena. Fis-siegħa u nofs li nagħmlu flimkien, it-tfal ikunu qegħdin jagħmlu attivitajiet differenti b'logħob varjat, taħditiet, attivitajiet edukattivi, krafts u ħarġiet kulturali. Permezz ta' dawn il-laqgħat, it-tfal li jattendu jkollhom iċ-ċans li jiltaqgħu ma' sħabhom f'atmosfera aktar rilassata minn dik tal-iskola. Għall-ftuħ ta' din il-fergħa fis-Soċjetà tagħna, il-kumitat taż-żgħażagħ ried jorganizza xi ħaġa speċjali, li t-tfal u l-partitarji kollha jibqgħu jiftakru. Bl-għajnuna ta' xi membri mill-kumitat tan-nisa, organizzajna festin, b'ħafna ikel u divertiment. Ta' min isemmi li l-kumitat ħa l-inizjattiva biex jagħmel ukoll tessera speċjali għal dawn it-tfal. Jispikka l-fatt li kienu 82 tifel u tifla li ġew tesserati. Bħala rigal żgħir tal-okkażjoni, ingħatat 'Wrist Band' lil kull membru, b'Santa Marija Mqabba u 'Tfal tat-Titular' imnaqqxin fuqhom. Matul is-sena amministrattiva, kif



L-Għalqa kif kienet qabel ma beda x-xogħol fuq il-Presepju Ħaj.



Dehra impressjonanti tal-grotta tal-Presepju Ħaj.


JB
DEPARTMENT
STORES
Open all day!
The Summer
SALE
has started!
Curtain Fabric - Home Textiles - Fashionwear - Carpets - Fashion Fabrics
Iklin - Fgura - Hamrun - San Gwann - St. Paul's Bay
T: 23314301/3 W:www.jbstores.com



*L-Onor. Clyde Puli flimkien mal-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ is-Sur Jeremy Mercieca jinawgura uffiċjalment il-Presepju Ħaj, nhar l-20 ta' Diċembru 2010.*



*Is-Sezzjoni Żgħażagħ tgħin fl-organizzazzjoni tal-attività Motorsport Sunday, attività organizzata mill-Kummissjoni Festi Ċentinarji b'għan filantropiku.*

diġà semmejt, apparti mil-laqgħat ta' kull nhar ta' Sibt organizzajnielhom diversi attivitajiet, fosthom: il-Party tat-tfal tal-Milied nhar it-23 ta' Diċembru, 2010, Ħarġa għat-tfal fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali, nhar it-30 ta' Jannar, 2011 u Ħarġa sal-Imdina nhar l-14 ta' Mejju, 2011.

Kulħadd jaf u fuq kollox, huwa fatt li ż-**żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija huma kapaċissimi għall-aħħar**. Għalkemm ħafna minnkom diġà kellkom ix-xorti li taraw x'joffru ż-żgħażagħ tagħna fis-snin preċedenti għal żmien il-Milied, **din is-sena ħsibna li nagħmlu xi ħaġa akbar u iktar spettakolari.** Il-Presepju Ħaj li ġie organizzat f'post prinċipali fir-raħal tagħna, kien mifrux fuq medda ta' 1,700 metru kwadru t'art, b'aktar minn 100 personaġġ jipparteċipaw f'rakkont animat mill-Bibbja ta' madwar 30 minuta, meħud mill-Evangelju ta' San Luqa, li jibda miċ-Ċensiment, sal-wasla tal-Maġi. L-20 ta' Diċembru, 2010 kienet ġurnata ferm speċjali għalina l-kumitat taż-żgħażagħ, għaliex b'nifs totalment ġdid dħalna għal din l-isfida, mhux biss biex nkomplu fejn ħallejna fl-2007, iżda għax rajna li attività bħal din tħalli ħafna għaqda warajha. Ikolli nammetti li tul dan il-vjaġġ sibna l-oppożizzjoni mingħand ċerti persuni u entitajiet, però aħna t-tnax-il żagħżugħ/a li niffurmaw parti mill-kumitat taż-żgħażagħ żammejna saqajna mal-art biex norganizzaw waħda mill-iktar attivitajiet, barra ż-żewġ festi kbar li jiġbdu numru sabiħ ta' Maltin u turisti lejn raħalna. Dan kollu ma setax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna speċjali ta' xi partitarji fosthom: Raymond Vella, Simone Darmanin, Rose Briffa, Mario Zammit, Glenn Zammit, u fuq kollox, ringrazzjament speċjali jmur għal persuna brillanti kif nistgħu nsejħulu; ħadd ħlief is-Sur Jerry Ghigo. Minn hawnhekk, nixtieq nirringrazzjahom tal-għajnuna tagħhom kemm mentalment kif ukoll fiżikament. Minn hawnhekk, nieħu l-opportunità biex nirringrazzja minn qiegħ qalbi lill-benefatturi kollha tagħna kemm għall-għajnuna waqt il-preparazzjonijiet, kif ukoll għall-għajnuna finanzjarja li għoġobhom jagħtuna. Fuq kollox, kif nista' ma nirringrazzjax lis-sidien ta' dawn l-għelieqi, lis-Sinjura Buhagiar, lill-Familja Zammit u lill-Familja Borg, li għoġobhom jagħtuna d-dritt sabiex norganizzaw din l-attività fil-proprjetà tagħhom. Apparti diversi membri mill-kamp politiku Malti li żaru dan il-presepju, fosthom l-Onorevoli Clyde Puli, li inawgura dan il-Presepju Ħaj, kienu eluf ta' Maltin u turisti li żaru dan il-villaġġ maħluq mill-bidu sal-aħħar minn idejn iż-żgħażagħ tagħna, fejn fost l-apprezzament tal-poplu Malti laqtuni dawk li qalulna li huwa l-isbaħ u l-aħjar Presepju li huma qatt raw f'ħajjithom b'attrazzjonijiet li jdaħħluk fl-ispirtu tal-Milied. Dawn in-nies lilna jagħmlulna kuraġġ ta' sur.

Jekk inħarsu lura lejn din is-sena li għaddiet, naraw li l-attivitajiet soċjali ma naqsux! Fost id-diversi



*Ritratt tal-okkażjoni li fih jidhru l-parteċipanti fil-presepju Ħaj.*



*Halloween Party organizzat ġewwa l-Każin.*

# Victoria's Beauty Parlour

VICTORIA CUTAJAR - Beauty & Body Therapist & Electrologist C.I.B.T.A.C., DIP - CIDESCO
8, Triq Is-Suq, Qrendi Tel: 2164 2676 – 2164 7296 Mob: 7920 7158

Professional Services Include:
Facials (Specialized Face Treatments)
Non Surgical Face Lifting
Hydradermie Lift eyes
Acne & Rejuvination Neoderma peelings
Body Treatments
Ultratone Slimming Treatments
Body Massage
Authentic indian head massage
Spa Treatments
Hydrotherapy Bath
Waxing
Electrolysis
Vein Treatments
Manicures & Pedicures
Gelish Nails
Eyebrow/Eyelash Tinting
Make-Up for all occasions




MARY COHR · Neoderma · EVA GARDEN by Paolo Gualtieri · GENWOL · GUAM · get fresh SANTA MONICA · HARMONY · GUINOT INSTITUT · PARIS · dermalogica · ULTRATONE · DERMASTIR · gelish · ZOYA

# C&G HARDWARE STORE

45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA
TEL N$^{OS}$: 21642167 • 99885491

- CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
- NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
- WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
- ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
- ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
- GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
- GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
- LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
- ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
- METAL FANS + GAS HEATERS
- 10% DISCOUNT ON PAINT
- CAR ACCESSORIES
- LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
- IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS

MOTTURA · SIGMA COATINGS · Sika · CISA · HAMMERITE METAL PAINT · WURTH THE ASSEMBLY PROFESSIONALS · narex · Cuprinol · SILCA



*Partitarji jsegwu l-programm NAR fuq it-televiżjoni waqt Get Together organizzat ġewwa l-każin.*



*Pool Party li ħa postu bħala attività annwali fix-xahar ta' Ġunju.*

attivitajiet li saru parti mill-kalendarju tagħna nsibu d-diversi Get-Togethers organizzati ġewwa l-Każin għaż-żgħażagħ, b'mod speċjali fil-Halloween, fil-Milied, fil-karnival u tal-Festa b'sensiela ta' *festa Warm Ups*. Nhar it-30 ta' Diċembru, 2010 ġie organizzat Get-together sabiex il-partitarji jġeddu l-memorji tagħhom tal-Festi Ċentinarji waqt il-Programm 'Nar' fuq Net Tv. Konna ta' għajnuna wkoll għall-kumitat tas-Sezzjoni Nisa fl-organizzazzjoni ta' diversi *High teas* li jsiru ġewwa l-każin! Matul is-sena, il-Kumitat taż-żgħażagħ ta l-għajnuna tiegħu lill-Għaqda Armar għad-diversi Ikliet bejn il-Ħbieb li ġew organizzati mill-istess għaqda. Fl-10 ta' Diċembru, 2010, il-kumitat organizza 'Ikla Laħam taż-Żiemel' ġewwa l-Każin fejn kulħadd ħa gost f'atmosfera familjari. Għar-raba' sena konsekuttiva, nhar il-25 ta' Ġunju, 2011 erġajna tellajna b'suċċess kbir il-'Pasta Night & Pool Party' ġewwa t-torri tal-Qrendi, grazzi għall-għajnuna tal-Onor. Dr. Marlene Pullicino li offritilna l-post mingħajr ħlas, kif ukoll tas-Sur Frans Vella li flimkien maż-żgħażagħ nisa ħa ħsieb it-tisjir.

Kif tista' torganizza attivitajiet għal matul is-sena kollha, imbagħad ma torganizzax attività għall-Karnival! Fil-fatt, is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija marret lil hinn mill-attivitajiet li jsiru f'dan iż-żmien tas-sena, u organizzat Lejla Karnivaleska fil-Pjazza Ewlenija ta' Raħalna bl-isem ta' 'Bil-Kbir niċċelebraw u fil-Karnival nixxalaw!' Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sur Clinton Galea li hu r-rebbieħ tal-Kompetizzjoni tal-Kostumi li ġiet organizzata apposta, u lis-Sinjorina Alexandra Grima, li ħadmu id f'id magħna sabiex din l-attività setgħet tittella'. Kif nista' ma nfaħħarx is-suċċess ta' din l-attività, meta tara li bħala Sezzjoni Żgħażagħ tajna ċans li f'din l-attività jieħdu sehem diversi żgħażagħ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-każin tagħna fosthom Darlene Mifsud, Victoria Attard, Rebecca Grech, Tiziana Farrugia, Chanelle Spiteri, Leanne Magro, Svetlana Caruana, Luana Grech, Janice Cutajar, Gianluca Galea, Roberta Mallia u Wendy Abdilla li kienet ukoll il-preżentatriċi tal-attività tagħna kif ukoll lil Alison Falzon, li ġiet mogħtija l-premju tar-'Runner-up' fil-Kompetizzjoni tal-Kostumi. B'wiċċi minn quddiem, kif nista' ma nsemmix lit-tfajla brava Rebecca Farrugia, frott is-Soċjetà tagħna, li bil-vuċi tagħha saħħret lil dawk kollha preżenti. F'din is-serata ħadu sehem ukoll membri mill-Klabb 'Tfal tat-Titular'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sinjuri Kevin u Felix Camilleri, u lil Frans Vella talli għoġobhom jippreparaw l-ikel delizzjuż għal din is-serata. Erġajna kkonfermajna li **l-Oriġinalità hija l-Prijorità tagħna.**

Illum il-ġurnata l-attivitajiet Reliġjo-Kulturali saru sinonimi ferm mas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fejn erġajna tellajna **b'Suċċess kbir** it-Tieni Edizzjoni tal-Ewwel u l-Uniku Ċenaklu Ħaj fl-Imqabba u l-Ħames Edizzjoni tal-wirja 'La Semana Santa' fis-swali prinċipali tal-Każin. Il-Ftuħ Uffiċjali ta' dawn iż-żewġ



*Żifna mit-Tfal tat-Titular waqt is-serata Karnivaleska.*



*Serata Karnivaleska li fiha spikka t-talent żagħżugħ Imqabbi.*




DIE ECKE STATIONERY
D.E.S
DIGIT ELECTRONIC SOLUTIONS

*Mons. M. Azzopardi Street, SIĠĠIEWI • Tel: 27/21463403*

*School Street, Safi • Tel: 27/21641149*

*E-mail: info@desmalta.com*



*Is-Sur Clinton Galea jingħata l-premju għall-isbaħ kostum fis-Serata Karnivaleska.*



*Waħda miż-żifniet miż-Żgħażagħ tas-Soċjetà.*

attivitajiet Uniċi u nnovattivi sar nhar it-12 t'April, 2011, bi programm strumentali mill-Banda Re Ġorġ V, taħt il-Patroċinju tal-Eċċellenza tiegħu, is-Sur Gaetan Naudi. Ta' min l-kliem ta' tifħir li kellu dan l-eks-ambaxxatur ta' Spanja fil-kelmtejn tal-okkażjoni li għamel fil-ftuħ ta' dawn il-wirjiet, li **s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tħaddan żgħażagħ li qed jaħdmu għall-ġid tar-raħal tagħhom iżda sabiex jagħmlu Unur lill-Pajjiżna mal-barrani**. L-ambjent uniku mill-isbaħ fis-sotterran tal-Każin, u d-dettall u l-perfezzjoni li huma mibnija dawn l-istatwi juru li ż-żgħażagħ tagħna, għalkemm ta' età tenera, lesti jingħaqdu biex jaraw isem is-Soċjetà tagħna fuq quddiem fost is-soċjetajiet Maltin. Ta' min jirrimarka li f'għeluq il-ħames sena mill-ftuħ ta' din il-wirja, ħsibna li nkabbruha, u fil-fatt, din is-sena din il-wirja ġiet organizzata għall-ewwel darba **fi tliet swali kbar u kumplessi li s-Soċjetà tħaddan**. Minn hawnhekk nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sinjuri Michael Chetcuti, lill-Familja Azzopardi u lil Glenn u Mario Zammit tal-għajnuna manwali tagħhom.

Nhar l-1 ta' Novembru 2010, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ ingħaqad flimkien mal-Kumitat Ċentrali sabiex stajna norganizzaw Quddiesa ta' tifkira bħala bidu taċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin infakkru din is-sena – għeluq il-175 sena mill-miġja tal-istatwa Titulari ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa rġajna konna parti minn grupp organizzattiv fejn tellajna b'suċċess sensiela ta' eżerċizzji spiritwali għaż-żgħażagħ flimkien ma' Fr. John Curmi, kif ukoll ipparteċipajna fl-irfigħ tal-istatwa devota tad-Duluri. Grazzi għall-Kappillan tal-Parroċċa u għas-Sinjura Mary Cassar, erġajna tellajna għas-seba' sena konsekuttiva l-unika ġimgħa ta' tagħlim Marjan fl-Imqabba 'Il-Ġimgħa Marjana' bejn it-23 u s-27 ta' Mejju. Ma naqsitx ukoll Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna, biex naghtuHOM ġieħ ta' dak kollu li jagħmlu magħna ż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ taw is-sehem tagħhom ukoll fis-servizzi tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u l-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes. Bl-għajnuna kontinwa tas-Sur Josef Farrugia, is-Soċjetà tagħna bdiet torganizza rużarju kull nhar ta' Erbgħa li jwassalna għall-Festa ta' Santa Marija, mmexxi minn Fr.Joe Zahra, direttur spiritwali tas-Soċjetà – magħrufa bħala l-Erbgħat ta' Santa Marija.

Żammejna wkoll il-komunikazzjoni mal-bqija tal-partitarji bil-Pubblikazzjoni 'It-Titular'. Ma nistax ma nsemmix il-progress li sar fil-kwalità ta' din il-pubblikazzjoni. Barra minn hekk, ta' min isemmi l-punt li s-Sezzjoni Żgħażagħ ħasbet li toħroġ ħarġa oħra ta' din il-pubblikazzjoni f'Ottubru, proprju għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Minn hawnhekk, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jogħġobhom jużaw din il-pubblikazzjoni biex jirreklamaw l-avviżi tagħhom. Ta' min jirrimarka li din il-Pubblikazzjoni għalqet ħames snin mit-twaqqif tagħha.



*Iċ-Ċenaklu Ħaj imtella' fis-sotterran tal-Każin.*



*Mument waqt iċ-Ċenaklu Ħaj.*

Kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ
Tel: 21649150/21647391 email: kristsouth@onvol.net





SMART CARD ACCEPTED

For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..
Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering



*L-ET Is-Sur Gaetan Naudi eks Ammbaxxatur Malti għal Spanja jinawgura l-Wirja La Semana Santa.*



*Santa Marija de la Esperanza Macarena, waħda mill-vari tas-Semana Santa.*

Il-Kumitat taż-żgħażagħ kompla jorganizza wkoll diversi attivitajiet sportivi u rikreattivi li jsiru għall-partitarji tagħna. Fost dawn insemmi: it-tournament tal-Billiard fil-każin tagħna, Bowling Night, u sparatura fuq il-Plattini. Din is-sena introduċejna wkoll it-tagħlim tal-liedna mingħajr ħlas għall-partitarji tal-Każin, li sar mid-dilettanti tal-liedna fi ħdan is-Soċjetà tagħna fosthom is-Sur Roderick Pace u membri mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Bħala Żgħażagħ ħadna sehem ukoll fil-Kampanja ta' Riċiklaġġ li ġiet organizzata mill-Kunsill Lokali, fiċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Imqabba Youth Nursery kif ukoll fiż-żjara li membri mis-Soċjetà Madonna tal-Ġilju għamlu fis-sede tas-Soċjetà tagħna f'għeluq iċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħhom, fl-2011.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lilkom kollha li attendejtu bi ħġarkom u sarraftu dawn l-attivitajiet f'suċċessi assoluti. L-attendenza tagħkom tinkoraġġina biex aħna nibqgħu norganizzaw attivitajiet ta' livell għoli.

Barra minn hekk, wara ftit aktar minn sentejn ta' ħidma kontinwa, il-ħolma ta' kulħadd saret realtà meta ġiet inawgurata l-estensjoni tal-każin, nhar il-Ħadd, 26 ta' Diċembru 2010. Din żgur se tibqa' data prestiġjuża mnaqqxa b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-każin, għaliex il-membri tal-Kumitat Amministrattiv fasslu pjan konkret li għalkemm kienu qed isiru tibdiliet kbar fis-sede tas-Soċjetà, xorta baqa' jilqa' lill-Partitarji, kif nistgħu nsejħulha, fid-'dar' tagħhom. Il-programm beda b'quddiesa ta' ringrazzjament u tifkira tal-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà segwit minn marċ fit-toroq tar-raħal. Kif il-Banda waslet ħdejn ġnien il-Missjoni ż-Żgħira tħawlet siġra taż-Żebbuġ bħala tifkira ta' dawn l-attivitajiet. Wara l-marċ u diskorsi tal-okkażjoni, il-President is-Sur Carmel Zahra inawgura uffiċjalment din l-estensjoni tal-Każin segwita minn riċevement



*Messaġġ mill-ET s-Sur Gaetan Naudi fuq il-ktieb tal-viżitaturi.*

għall-mistednin u dawk kollha preżenti. Issa li l-ħolma tagħna lkoll saret realtà nheġġeġ lil dawk kollha li għadhom ma tawx il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis. Kulħadd jaf li l-affarijiet ma jsirux b'xejn u għaldaqstant kull qatra tgħodd speċjalment jekk ngħidu li aħna veru sostenituri u partitarji ta' din l-Ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa



*Is-Sur Jeremy Mercieca flimkien mas-Sur Michael Chetcuti jippreżenta tifkira lill-ET Sur Gaetan Naudi fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-wirja La Semana Santa.*



*Xena oħra taċ-Ċenaklu Ħaj li fih spikka l-element oriġinali.*



*Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ jieħdu sehem fil-purċissjoni tad-Duluri.*




*Il-Fuljett It-Titular maħruġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Din is-sena jagħlaq 5 snin mill-ewwel pubblikazzjoni.*

L-Imqabba u devoti ta' Patruna universali u tagħna l-Imqabbin, Santa Marija.

Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ ħadem ukoll id f'id ma' membri fi ħdan il-Kumitat Ċentrali, fejn flimkien stajna norganizzaw attivitajiet uniċi u ta' livell għoli. Minn dawn, ma nistax



*Bowling Night; waħda mill-attivitajiet organizzata fix-xahar ta' Ottubru.*

ma nsemmix l-attività 'MotorSport Sunday', attività li ħadu sehem fiha bosta sewwieqa ta' muturi, mini-motos u go-karts Maltin. Ta' min isemmi li kienu diversi sewwieqa Mqabbin li ħadu sehem f'dan l-ġest nobbli. Il-qligħ kollu ta' din l-attività mar għal wieħed mill-Partitarji tagħna bi bżonnijiet speċjali, Sandro Zammit. Din l-attività saret b'kollaborazzjoni mal-Malta Island Karting Club.

Tajjeb li l-ħsieb tiegħi jdur fuq sħabi Mario Camilleri, Ian Camilleri, Joseph Tonna u Emmanuel Pace li tassew **kienu u ħa jkomplu fil-ġejjieni** jkunu ta' importanza kbira fil-ħidma tagħhom b'risq l-armar għall-festa. Dawn il-partitarji qegħdin jagħtu l-massimu kollu tagħhom biex jarmaw ir-raħal kif xieraq għall-festa tat-Titular. Is-Sezzjoni Żgħażagħ ħasbet li tagħti s-sehem tagħha fl-Armar tal-festa, u flimkien mal-membri ta' din l-għaqda b'mod speċjali tas-Sur Mario Camilleri u ż-żagħżugħ ħabrieki Ian Camilleri, Simone Darmanin u Rose



*Il-Ġimgħa Marjana fil-Kappella ta' San Bażilju.*

Briffa, ħdimna fuq xogħol ġdid fid-drapp għal Triq Karmenu Ciantar. Id-Disinn ta' dawn il-Bandalori ġie maħdum mill-Artist Bravu Għawdxi, Paul Falzon. Jiena ċert li bandalori ta' kwalità bħal dawn ftit rajna jew ser naraw bħalhom f'pajjiżna. Din is-sena nħadem ukoll ammont



*Uħud mill-parteċipanti fl-isparatura fuq il-plattini ġewwa Ħal Far.*



*Membri tal-Kumitat u s-Sur Noel Galea li sponsorja din l-attività, flimkien mar-rebbieħa tal-isparatura fuq il-plattini.*



Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ waqt il-ftuħ tal-Estensjoni tal-Każin nhar is-26 ta' Diċembru 2010.



Spettaklu tal-Aħħar Tridu organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

konsiderevoli ta' liedna mis-Sur Raymond Vella.

Proprju din is-sena, is-Sezzjoni Żgħażagħ tat ukoll l-aħħar tislima tagħha lil wieħed minn ulied is-Soċjetà. Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex nuri l-apprezzament u nagħti l-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Joseph Ghigo In-Naqxi. Żgur li t-tislima li ngħatat lil dan il-bniedem kienet tixraq lil pilastru tas-Soċjetà, eks President u wieħed mill-pijunieri tal-logħob tan-Nar tal-Art f'pajjiżna. Agħtih o Mulej il-Mistrieħ ta' dejjem.

Minn dawn il-kelmtejn, nieħu l-opportunità biex nirringrazzja minn qiegħ qalbi lill-benefatturi kollha tagħna għall-għajnuna finanzjarja li għoġobhom jagħtuna. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu involuti fix-xogħol li semmejna sabiex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess. Mill-ġdid Grazzi!

Din is-sena jiena kkonfermajt il-prinċipju li '**Id-determinazzjoni hija ċ-ċavetta għas-suċċess'.** Dan għaliex kull membru fi ħdan din is-sezzjoni żgħażagħ wera determinazzjoni kbira sabiex juri lil kulħadd x'jaf jagħmel. Madankollu, għalkemm dejjem insibu lil dawk il-persuni, kemm mis-Soċjetà tagħna kif ukoll f'raħalna li jippruvaw iwaqqfuna, aħna għandna **viżjoni ċara li s-suċċess jiġi l-ewwel u qabel kollox**. Fl-opinjoni tiegħi, din is-sena tajna risposta lil dawk kollha li kienu konxji mill-ħidma tagħna.

Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li wasalna fi żmien li s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba hija meqjusa bħala waħda mis-Sezzjonijiet ewlenin f'pajjiżna. Dan jista' jiġi kkostitwit ferm tajjeb mil-lat organizzattiv tul is-sena kollha kif ukoll permezz ta' dak kollu li jirrigwarda l-prodott finali li bl-għajnuna t'Ommna Marija ser inkunu naħsdu l-frott tiegħu fil-ġranet impenjattivi tal-festa, bil-qofol jintlaħaq **fil-lejl tat-13 t'Awwissu, sewwasew fil-Marċ tal-Aħħar Tridu**. Hawnhekk se tkompli tispikka l-Qawwa u l-Importanza tal-element innovattiv waqt dan l-ispettaklu. Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sur Jerry Ghigo u Nicky Baldacchino tal-għajnuna bżonjuża tagħhom f'dan il-qasam.

Għalhekk l-appell tiegħi f'dawn il-jiem huwa biex nieħdu gost flimkien mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd u ma naqgħux għal xi provokazzjoni li jista' jkun hemm. Inħossni ferm kuntent li nagħmel parti minn dan in-nukleu ta' żgħażagħ li flimkien qegħdin nagħmlu daqstant xogħol b'għan wieħed; l-għan li nkabbru l-festa ta' Santa Marija, il-festa tal-Imqabba.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabba.

Viva l-Ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa raħalna.

Viva t-Titular!



Żgħażagħ jiffurmaw in-numru 100; mitt sena mit-twaqqif tal-ewwel Soċjetà Mqabbija, waqt wieħed mill-Marċi tal-Festa tas-sena l-oħra.



Briju organizzat miż-Żgħażagħ.


Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija
MQABBA
EST. 1993
tippreżenta
L-MARĊ
TAL-AĦĦAR
TRIDU
FL-IMQABBA
f'għeluq il-175 sena mill-miġja tal-istatwa Titulari
L-UNIKU MARĊ TA' BRIJU ORGANIZZAT FL-IMQABBA
B' SINKRONIZZAZZJONIJIET UNIĊI U ORIĠINALI
TA' DWAL, KARTI U NAR.
is-Sibt
13 ta' Awwissu 2011
mill-10pm 'l
quddiem
Sezzjoni Żgħażagħ
est. 1993
Santa Marija
MQABBA
l-Imqabba jġedded
id-dedikazzjoni
lil SANTA MARIJA
RED-X designs
By Pierre Balzia
Mobile: 99280429
E-Mail: pierrebalzia@hotmail.com

## Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V




Is-Sur Antoine Farrugia

# Fis-snin impenjati

Għeżież Soċji, Partitarji u ammiraturi tal-Banda Re Ġorġ V.

Ninsabu ftit jiem biss 'il bogħod mill-festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-festa ta' Santa Marija Patruna tal-Komunità Mqabbija. Din is-sena, eżatt bħal ta' qabilha, hija festa importanti għalina d-devoti ta' Marija Assunta għax qegħdin infakkru l-175 sena mill-miġja tal-Istatwa artistika u devota tal-Assunta ġewwa r-raħal tagħna.

Bħal kull Soċjetà Mużikali f'pajjiżna, il-banda hija l-pern ewlieni tas-Soċjetà tagħna. Wara l-programm ferm mistenni li tellajna s-sena l-oħra fil-pjazza ewlenija tar-raħal tagħna taħt il-Patroċinju tal-Prim Ministru ta' Malta Dr Lawrence Gonzi, il-banda kompliet bis-servizzi tagħha tal-marċ tal-aħħar tridu u l-marċ ta' filgħodu – nhar l-Għid tal-Assunta. F'Settembru, il-Banda Re Ġorġ V kienet il-mistiedna tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn lejlet il-festa tal-Madonna tal-Grazzja tellgħet marċ u programm ġewwa Ħaż-Żebbuġ. F'Ottubru l-banda daqqet marċi brijużi mat-toroq tal-Imqabba flimkien mal-Banda Madonna tal-Ġilju għall-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba. Hawnhekk f'isem il-bandisti nixtieq nifraħ lill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra li ġie mogħti l-unur ta' Ġieħ L-Imqabba.

F'Ottubru wkoll, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena Ċentinarja, element bandistiku mis-Soċjetà tagħna ħa sehem waqt logħba ta' ħbiberija bejn Mqabba FC u Valletta FC – partita li ġiet organizzata bejn il-Kummissjoni Festi Ċentinarji u l-Kumitat tal-Każin tal-Futbol bit-tħabrik tal-eks president tas-Soċjetà s-Sur George Busuttil li wkoll hu eks kowċ ta' Valletta FC.

Għall-ħabta ta' Novembru, il-kumitat flimkien mal-kummissjoni Banda organizzaw l-ikla annwali bħala ringrazzjament lill-bandisti tal-post tas-servizz li joffru matul is-sena mingħajr ħlas. Matul din il-lejla, ġew mistiedna wkoll daqqaqa li daqqew strumenti antiki però b'mużika tal-widna li paxxiet u rrilassat lill-bandisti, lis-soċji u l-partitarji li attendew bi ħġarhom ġewwa l-Montekristo, Ħal Farruġ.

F'Diċembru ngħata bidu għall-kunċerti bi tħejjija għall-ftuħ tal-Presepju Ħaj li ġie organizzat b'tant dettall ġewwa Triq il-Konvoj. Dakinhar il-banda daqqet siltiet relatati mal-Milied. Hawnhekk ta' min jifraħ lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li għalkemm kienu innovativi ma tellfu xejn mill-ġrajja tal-Milied u paxxew l-eluf li attendew.

F'Diċembru wkoll, proprju nhar is-26 ta' Diċembru, wara l-quddiesa ta' ringrazzjament f'għeluq is-sena ċentinarja, il-Banda Re Ġorġ V għamlet marċ brijuż mat-toroq ewlenin tal-Imqabba. Wara li ntemm il-marċ fil-pjazza biswit il-każin, is-Soċji u l-partitarji ħassewhom kburin li jagħmlu parti minn dan il-każin. Dan għaliex b'deċiżjoni għaqlija li ttieħdet


*Bandisti tal-Post tal-Banda Re Ġorġ V flimkien mas-Surmast Direttur Mro. David Agius.*


*Is-Sinjura Ann Marie Busuttil tirċievi l-premju Bandista tas-Sena mingħand is-Sur Rocco Camilleri f'isem il-kumpanija Di Rocco Ltd, nhar l-10 t'Awwissu 2010.*

# SPEND 'N' SAVE

**discount supermarket**

115, St Catherine Str.
Żurrieq Tel: 2168 9878




*Fejn il-mara tad-dar
issib minn kollox u fl-istess ħin
tiffranka l-flus u toħroġ sodisfatta*

Offerta Speċjali:

Offerti Speċjali u ħafna prodotti b'xejn
jingħataw ma' kull €15 li tonfoq u
aktar ma tonfoq aktar tieħu rigali.

Ħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6.00pm – 7.00pm Sibt 6.00am – 6.30pm



*Il-Banda Re Ġorġ V tieħu sehem f'Mass Band reġjonali flimkien mal-5 baned l-oħra waqt il-Festa tar-Reġjuni fil-Kulleġġ San Benedettu f'Ħal Kirkop, nhar it-13 ta' Mejju 2011.*



*Is-Sur Adrian Zahra jiġi ppreżentat b'tifkira ta' apprezzament f'għeluq il-25 sena servizz mal-Banda Re Ġorġ V, nhar l-10 t'Awwissu 2010.*

fl-1999, rajna l-ħolma ssir realtà bil-ftuħ tal-estensjoni tal-Każin fis-sena taċ-ċentinarju… rigal mill-kumitat, soċji u partitarji f'għeluq il-mitt sena tal-każin għal dawk li ġejjin warajna.

Fix-xahar ta' Frar rappreżentanti tal-bandisti ħadu sehem fil-funeral tal-mibki iżda qatt minsi s-Sur Joseph Ghigo (n-Naqxi) li ħalliena ħabta u sabta. Lil Joseph Ghigo m'aħna se ninsewh qatt u f'isem il-bandisti tas-Soċjetà nagħti l-kondoljanzi lill-familja tiegħu.

F'Marzu komplejna bil-kunċerti bi preparazzjoni għall-ftuħ tal-wirja La Semana Santa u ċ-Ċenaklu Ħaj li ġew imtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ matul ix-xahar t'April ġewwa s-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Bejn April u Lulju komplejna bil-kunċerti għall-programm vokali u strumentali tal-festa li bħal kull sena jsir fl-10 t'Awwissu fil-pjazza ewlenija tal-Imqabba. Fix-xahar ta' Lulju, il-banda Re Ġorġ V kienet mistiedna ddoqq f'żewġ lokalitajiet - Ħal Kirkop għall-festa ta' San Ġużepp u ż-Żurrieq għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Kif aċċennajna iktar qabel, din is-sena qegħdin niċċelebraw il-175 sena tal-istatwa artistika ta' Santa Marija u għaldaqstant ħsibna li l-programm strumentali tal-10 t'Awwissu jkun differenti u jinkludi dan il-ħsieb. Għall-festa ta' din is-sena se jkollna żewġ baned ġodda: La Vittoria tal-Mellieħa li ġejja minflok il-banda Sant'Elena ta' Birkirkara fit-tieni tridu kif ukoll il-Banda Peace tan-Naxxar li se takkumpanja l-purċissjoni bl-istatwa artistika. Għall-okkażjoni li qegħdin niċċelebraw din is-sena, elementi mill-banda Re Ġorġ V se jieħdu sehem mal-Banda Peace qabel u waqt il-purċissjoni.

Qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi fuq il-banda Re Ġorġ V il-ħsieb tiegħi jdur fuq żewġ pilastri tal-banda li ħallewna fis-snin l-imgħoddija. Dawn huma Mro George Martin li din is-sena għalaq 20 sena minn meta ħalliena kif ukoll is-Sur Leonard Farrugia Assistent surmast li ħalliena 15-il sena ilu. Bil-ħsieb ta' dawn iż-żewġ persuni għadu jberren f'moħħi, inħeġġeġ lilkom ġenituri biex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu t-tagħlim tal-mużika b'xejn ġewwa l-każin tas-Soċjetà.

Kif qed taraw, il-Banda Re Ġorġ V hija attiva s-sena kollha u din is-sena mhux b'inqas. Ngħidilkom biss li peress li din is-sena hija festa speċjali, hemm attivitajiet oħra li jinvolvu l-banda u li se jitħabbru iktar tard matul il-ġranet tal-festa.

Nawgura l-Imqabbin kollha l-festa t-tajba.



*Ikla tal-Bandisti organizzata fil-Monte Kristo Estates fix-xahar ta' Novembru.*



*Il-Banda Re Ġorġ V f'Mass Band mal-Banda Lilly fl-okkażjoni tal-Imqabba mal-Medda taż-Żmien, nhar l-1 ta' Ottubru 2010.*




# E&L Enterprises

• Blasting • Galvanizing
• Industrial Spray Painting Services

**tel:** 2180 9777 **mobile:** 7945 2724

St. Joseph Yard
Mqabba Road, I/o Siġġiewi SGW 2616
eandl@maltanet.net




Is-Sur Mario Camilleri

# Rapport Kummissjoni Armar

Hekk kif ikun qed joqrob Awwissu, l-għaqdiet involuti fil-festa ta' Santa Marija jibdew iħejju l-aħħar preparamenti biex ikollna festa xierqa f'ġieħ il-patruna tal-Imqabbin kollha. Matul din is-sena din l-għaqda kompliet taħdem fuq diversi proġetti biex iżżid mal-armar preżenti, kif ukoll biex tirrestawra u tippreserva armar li ilu snin isebbaħ it-toroq u l-pjazza matul il-jiem tal-festa. Permezz ta' dan l-artiklu intom partitarji stajtu ssegwu l-ħidma tagħna matul dawn is-snin kollha.

Matul is-sena li għaddiet u wara diversi konsultazzjonijiet mal-Kumitat Ċentrali, ġie deċiż li jsir xi bdil ta' mħażen li jkun jista' jiffaċilita lil diversi għaqdiet fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Ammont kbir mill-armar tal-festa ġie trasferit fil-maħżen ta' fuq. Il-maħżen kien jirrikjedi diversi xogħlijiet.

Fil-jiem tal-festa, wara li tniżżel l-armar relatat mal-planċier, ħadna ħsieb li nagħmlu xi xogħol li ma setax isir waqt li jkun maħżun l-armar. Il-maħżen tnaddaf sew, ħadna ħsieb li nbajduh u tqabbad kuntrattur biex nirranġaw l-art ta' dan il-maħżen. Ġew installati żewġ aperturi kbar tal-aluminju u ġie mmodifikat il-post minn fejn jista' jittella' l-armar bil-għajnuna tas-Sur Vince Farrugia.

Inħadmu diversi strutturi tal-ħadid minn Joseph Zammit u fil-kmamar ta' wara tpoġġa l-madum mis-Sur Simon Zammit biex ikunu jistgħu jintużaw bħala 'workshops' għalina, apparti mil-ħżin tal-armar.

Ħadna ħsieb li naħdmu xi purtieri għal diversi aperturi li hemm f'dan il-maħżen. Ix-xogħol tal-ħjata sar mis-Sinjura Ġulja Farrugia. Dan ix-xogħol li sar kien jinvolvi spejjeż konsiderevoli, iżda kienu ta' bżonn kbir.

Is-sena li ġejja hu l-ħsieb tagħna li nkomplu ntejbu dan il-maħżen u żgur li min ġie lejn il-maħżen tal-armar ra bidla konsiderevoli. Barra minn hekk, biex niffaċilitaw il-ġarr ta' ħafna armar fil-jiem tal-festa beda jinħadem numru konsiderevoli ta' karrijiet ġodda. Hu l-ħsieb tagħna li kull biċċa armar ikollha karru maħdum għaliha. Dawn il-karrijiet qegħdin jinħadmu miż-żagħżugh Matthew Ellul.

Għal din is-sena tlestew tmien pedestalli ġodda oħrajn għal Triq Karmenu Ciantar mix-xogħol tal-injam, biex b'hekk tlesta dan il-proġett ta' 12-il pedestall. Dan il-progett jixraqlu parentesi għalih minħabba l-volum kbir ta' xogħol li sar fuqu matul dawn l-aħħar sentejn. Hawnhekk ta' min jirringrazzja lil Matthew Ellul, Emanuel Pace, Ian Camilleri u Joseph Tonna, li flimkien ħdimna bla waqfien biex stajna nlaħħqu dan il-proġett.

Nixtieq nirringrazzja lil Carmel Ellul, is-Segretarju ta' din is-Soċjetà li bħal kull sena kien ta' għajnuna kbira b'self ta' ħafna għodda tiegħu personali, lill-mastrudaxxa Żebbuġi Paul Schembri li ħa ħsieb jgħaddilna l-gwarniċ kollu ta' dawn il-pedestalli bil-magna, u lil Ivan Falzon li ħa ħsieb ix-xogħol tal-isprey.



*Parti mill-Maħżen fejn jintrefa l-Armar tal-Festa.*



*Il-Kamra fl-istess maħżen tal-armar fejn isir ix-xogħol tal-induratura.*



L-Istatwa ta' Santa Eliżabetta li żżanżnet is-sena li għaddiet fi Triq Karmenu Ciantar.

Is-sena d-dieħla għandu jinbeda x-xogħol ta' rħamar u induratura fuq dawn il-pedestalli. L-iskultur George Cardona li hu mill-Imqabba, matul din is-sena lestielna x-xogħol ta' skultura ta' faċċata minn dawn il-pedestalli. Is-sena d-dieħla għandha tkun lesta l-faċċata l-oħra biex b'hekk nibdew ix-xogħol tal-forom bil-'fibre'.

Għal din is-sena wkoll, l-artist Aaron Camilleri Cauchi għandu jlestilna żewġ statwi oħrajn għal Triq Karmenu Ciantar minn dan is-sett ta' 12-il personaġġ. Is-sena li għaddiet, dan l-istess artist lestielna żewġ statwi oħrajn mill-isbaħ, dik ta' Santa Eliżabetta u ta' Rebekka.

Din is-sena, l-istatwi magħżulin huma dawk ta' Abraham u ta' Zakkarija. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat taż-Żgħażagħ li s-sena li għaddiet, wara l-festa għoġobhom javviċinawni u wrew ix-xewqa li jħallsu statwa oħra għal din it-triq.

Fuq inizjattiva tal-Kumitat taż-Żgħażagħ ġie deċiż li nibdew naħdmu fuq sett ta' tmien bandalori għal Triq Karmenu Ciantar. Ġew avviċinati diversi artisti għad-disinn ta' dawn il-bandalori u finalment iddeċidejna li nagħżlu lill-artist Għawdxi Paul Falzon, wara li d-disinn tiegħu ntgħoġob minn kulħadd.

Ix-xogħol ta' sfumar u pittura se jkunu fdati f'idejh. Il-pittura se tkun relatata mal-virtujiet tal-Madonna. Għal din is-sena se nżanżnu erba' bandalori minn dan is-sett ta' tmienja li se jkunu lesti mix-xogħol tal-ħjata.

L-artist Paul Falzon għandu jlestilna bandalora waħda mix-xogħol ta' sfumar u pittura involuta. Ix-xogħol ta' tfassil, tqegħid u tixlil ta' dawn il-bandalori ħadna ħsiebu aħna.

Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil Sur Joseph Briffa tal-għajnuna tiegħu waqt dan il-proċess. Ix-xogħol tal-ħjata ta' dawn il-bandalori ħadu ħsiebu Rose Briffa u Simone Darmanin. L-ispejjeż involuti f'dawn il-bandalori tħallsu mill-istess Kumitat taż-Żgħażagħ.

Nirringrazzja wkoll lill-Kumitat taż-Żgħażagħ għax-xogħol ta' żebgħa tal-arbli tal-By Pass.

Komplejna x-xogħol ta' restawr fuq is-sett ta' 12-il appostlu li jintramaw fil-pjazza. Din is-sena l-artist Andrew Bugeja lesta żewġ statwi oħrajn, dik ta' Sant'Andrija u dik ta' San Ġwann. Filwaqt li jien ħadt ħsieb xi xogħol żgħir ta' induratura li sar fuq dawn l-istatwi, hu l-ħsieb tagħna wkoll li nbiddlu l-istellarju ta' dawn l-istatwi.

Din is-sena nbeda xogħol ta' restawr fuq il-pedestalli tal-appostli, fejn hu l-ħsieb tagħna li nerġgħu ninduraw l-iskultura kollha ta' dawn il-pedestalli.

Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil Ian Camilleri u lil Warren Bondin tal-għajnuna kbira li tawni fuq dan il-proġett. Għal din is-sena se nippruvaw inlestu nofs il-pedestalli, jiġifieri seba' minn 14.

Bħal kull sena, inħadmet numru konsiderevoli ta' liedna ġdida li se tiżżanżan fil-jiem tal-festa fit-toroq li jagħtu għall-pjazza. Din il-liedna ġiet maħduma mis-Sur Edward Galea u Raymond Vella.

Kif tistgħu taraw, din is-sena kienet verament impenjattiva minn kull lat, kemm dak manwali kif ukoll finanzjarju. L-ispejjeż huma kbar, madankollu din l-għaqda ma taqtax qalbha u għandha l-fiduċja li sakemm in-nies ikomplu jaraw ix-xogħol isir u l-ħidma u l-isforz ġenwin favur il-festa li aħna tant inħobbu, jikber ir-rispons mingħand l-Imqabbin. Biex din l-għaqda setgħet twettaq dawn il-proġetti saru diversi attivitajiet ta' 'fund raising'.

Grazzi kbira tmur allura lil sħabi li għenuna f'diversi ikliet li saru matul is-sena, b'mod speċjali lil Robert Ghigo u Doris Camilleri li ħadu ħsieb il-ġbir matul dawn l-ikliet u lil ħija Kevin Camilleri li mingħajru ma kienx possibbli li norganizzaw dawn l-attivitajiet.

Ringrazzjament speċjali jmur lill-Kumitat Ċentrali b'mod speċjali lill-President Carmel Zahra li dejjem kien ta' appoġġ kbir lil din l-għaqda, kif ukoll il-Kumitat taż-Żgħażagħ u dak tan-Nisa li kienu minn dejjem ta' għajnuna kbira għalina. Kif ukoll lill-Familja Falzon għax-xogħol tal-armar tat-toroq fil-ġranet ta' qabel il-Festa. Ringrazzjamenti oħrajn imorru lejn dawk il-partitarji li b'xi mod jew ieħor għenu fiżikament jew finanzjarjament lil din l-għaqda u nappella lil kull min jista', biex fil-jiem ta' qabel u wara l-festa jagħtu l-għajnuna tagħhom.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva l-patruna tagħna Santa Marija.



L-Istatwa ta' Rebecca. Statwa oħra li żżanżnet is-sena li għaddiet bħala parti mill-proġett ta' Triq Karmenu Ciantar.

## Festa ta' Santa Marija - 2011

# Funzjonijiet fil-Knisja

**Il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju – Ħruġ tal-Istatwa Titulari min-niċċa**
**7.00pm** Wara l-Quddiesa jsir il-ħruġ tal-vara titulari ta' Santa Marija, patruna tal-parroċċa u tar-rahal tal-Imqabba, min-niċċa artistika tagħha.

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju – Bidu tal-Kwindiċina**
**6.30pm** Quddiesa Solenni, Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ħadd, 31 ta' Lulju – It-Tmintax-il Ħadd ta' matul is-sena**
**5.30pm** Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.
**6.00pm** Quddiesa.

**It-Tnejn, 1 ta' Awwissu – Jum it-Tfal**
**6.00pm** Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna.
**6.30pm** Quddiesa Kantata. Mistiedna t-tfal kollha, Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi **Dun Trevor Fairclough.**

**It-Tlieta, 2 ta' Awwissu – Jum id-Dilettanti tan-Nar**
**6.30pm** Quddiesa għall-membri u dilettanti tan-nar.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**L-Erbgħa, 3 ta' Awwissu – Jum is-Soċji u l-Benefatturi**
**6.30pm** Quddiesa għas-soċji u benefatturi. Imexxi **Dun Jonathan Farrugia**.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 4 ta' Awwissu – Jum iż-Żgħażagħ**
**6.30pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ minn **Patri Joe Zahra OP.**
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu – Jum is-Saċerdoti u l-Vokazzjonijiet**
**6.30pm** Quddiesa li fiha jsir talb għall-vokazzjonijiet. Imexxi **Dun Michael Bellizzi**, Direttur tal-Vokazzjonijiet.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 6 ta' Awwissu – Jum il-Familji**
**6.30pm** Quddiesa bis-sehem tal-Familji. Mistiedna speċjali l-Koppji li din is-sena qed jagħlqu 25 u 50 sena miżżewġin.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ħadd, 7 ta' Awwissu – Id-19-il Ħadd ta' matul is-sena**
**5.30pm** Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.
**6.00pm** Quddiesa.

**It-Tnejn, 8 ta' Awwissu – Jum il-Morda u l-Anzjani**
**6.30pm** Quddiesa għall-morda u l-anzjani tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Imexxi **Dun Manuel Caruana.**
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**It-Tlieta, 9 ta' Awwissu – Ħruġ tal-Istatwa**
**6.30pm** Quddiesa Kantata, Talba tal-Kwindiċina.
**7.30pm** Isir il-Ħruġ Solenni tal-Istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-knisja. Isir Talb lill-Madonna, jitkanta l-Innu Ave Maris Stella, Antifona u Barka Sagramentali. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V.

**L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu – Tifkira tal-Mejtin tal-Parroċċa**
**6.30pm** Quddiesa Solenni b'suffraġju għall-mejtin tal-parroċċa speċjalment dawk li mietu mill-aħħar festa. Mistiedna l-qraba u l-ħbieb ta' dawn il-mejtin.
Talba tal-Kwindinċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu – L-Ewwel Jum tat-Tridu**
**6.30pm** Quddiesa solenni minn **Dun Jonathan Farrugia.** Wara, Talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu – It-Tieni Jum tat-Tridu**
**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni minn **Dun Jonathan Farrugia.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 13 ta' Awwissu – It-Tielet Jum tat-Tridu**
**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni minn **Dun Jonathan Farrugia.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu – Lejliet il-Festa**
**8.30am** Quddiesa Solenni mill-**Kappillan Dun Nazzaren Caruana**. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".
**6.30pm** Transulazzjoni Solenni tar-Relikwa mill-Kappella ta' San Bażilju mmexxija minn **Mons Alex Cordina.** Wara, Quddiesa Kantata, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tnejn, 15 ta' Awwissu – Jum il-Festa**
**7.00am, 8.00am** Quddies.
**9.15am** Quddiesa Konċelebrata Solenni mill-**Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca.** Mistednin l-Ghaqdiet Soċjali flimkien mal-Kunsill Lokali.
**10.00am** Quddiesa (fil-Kappella ta' San Bażilju).
**11.15am** Quddiesa.
**5.00pm** Quddiesa.
**6.00pm** Għasar solenni mill-**Kanonku Carmel Busuttil.** Salve u Litanija.
**7.15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess Ċelebrant.
**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tnejn, 22 ta' Awwissu – L-Ottava tal-Festa**
**6.30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, Te Deum u Barka.

N.B. Il-mużika tat-Tridu, Lejliet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-**Surmast Patri Salv Galea O.P.**
Is-Sibt, 13 ta' Awwissu, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30am u l-10.30am u l-4.30pm u s-6.30pm.

## Festa ta' Santa Marija - 2011

# Programm Festi Esterni



**Is-Sibt, 30 ta' Lulju:**
**BIDU TAL-KWINDIĊINA**

**8.00pm** Mixegħla tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

**MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA**

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

**It-Tlieta, 9 t'Awwissu:**
**JUM IL-ĦRUĠ TAL-ISTATWA**

**7.30pm** Toħrog l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani bis-sehem tal-kantanta Roberta Mallia u talb lill-Madonna. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għal funzjoni qasira.

**8.30pm** Wara l-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda minn fejn il-Każin.

**L-Erbgħa, 10 t'Awwissu: JUM IL-BANDA**

**8.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel marċ qasir u wara tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier taħt il-Patroċinju tal-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

**Il-Ħamis, 11 t'Awwissu:**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

**Il-Ġimgħa, 12 t'Awwissu:**
**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**8.30pm** Il-Banda La Vittoria tal-Mellieħa, taħt id-direzzjoni ta' Mro. J. Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għat-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.



## Is-Sibt, 13 t'Awwissu:
## IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-Żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

## Il-Ħadd, 14 t'Awwissu:
## LEJLIET IL-FESTA

**8.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea tibda marċ mat-toroq tal-Imqabba.

**8.00pm** Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius.

**10.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta, dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea. tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza tar-raħal.

## It-Tnejn, 15 t'Awwissu:
## L-GĦID TAL-ASSUNTA

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius, tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għat-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-Ħruġ tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Imqabbija Francesca Farrugia.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Piju Dalli, it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sa. Josian Zammit. Wara, l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara r-ringrazzjament ġewwa l-Knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V, mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 22 t'Awwissu:
## L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixegħla tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.




GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.

FrankJoyce, Triq iż-Żurrieq, Ħal Safi ZRQ 11 | Tel: 21 682 095 / 27 682 095 | jbs16@hotmail.com

# Kunċert Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V

## 10 t'Awwissu 2011

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Innu Pontificio | Gounod |
| Innu | Lil Raħal Twelidi | A.Camilleri |
| Waltz | Emperor<br>Animated by Keith Dance Studio | J.Strauss |
| Overture | Pacific Dreams | Jacob de Haan |
| Song | Memories from Cats<br>Singer: Roberta Mallia | A.Lloyd Weber |
| Theme | Schindler's List<br>Solo Violin : Neve Galea | John Williams |
| Song | Think of Me from Phantom of the Opera<br>Singer: Roberta Mallia | A.Lloyd Weber |
| Selection | Tropicana<br>Animated by Keith Dance Studio | Hans-Egon Hauber |
| Innu | Innu Marc Marija Assunta<br>Choir | L.Farrugia |
| Coro | Va Pensiero from Nabucco<br>Choir | G.Verdi |
| Innu | Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema<br>Choir<br>Tenor: Mr. Andrew Sapiano<br>Baritone: Mr. Pio Dalli | G.Martin |
| Innu | Band Hymn | A. Camilleri |

**Band Directed by : Mro. David Agius A Mus LCM; A.Mus VCM ( Hons) ALCM**

Maypole
since 1900



We bake the traditional way

tel: 2258 1581 web: www.maypole.com.mt email: info@maypole.com.mt

Attard - Qormi - Żabbar - Fgura - Buġibba - Iklin - Ħamrun - Swatar - San Ġwann



Callus
Landscaping & Gardening

- Detailed Design & Landscaping
- Automatic water irrigation
- Ponds and water falls
- Natural & artificial rocks-scaping
- Suppliers of all types of trees, palms and shrubs
- Real carpet lawns
- Garden Cleaning and Maintenance
- Pruning of Trees
- Free consultation

We can alter your garden to your likings!

'Serjo' • Triq Wied Xkora • Siggiewi
Tel: 2146 4602 | Fax: 2740 5135 | Mob: 7940 5135 • 7906 2797
E-mail: callusj@onvol.net

30 Years of Service

ATTARD BROS
GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



Attard Bros. Co. Ltd. – Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



A.C.S. Ltd. – Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



Cementstone Mfg. Ltd. – Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



Attard Blue Mix Ltd. – Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



Eurocraft Ltd. – Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



Attard Developments Ltd. – Developers of Residential and Commercial Buildings.

Your Construction Partner

www.attardbros.com

## Mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija




Is-Sur Joseph Camilleri
Licencee

# Sena oħra ta' Suċċess

Għeżież Partitarji, Soċi u Benefatturi.

Bħalma tafu ż-żmien ma jistenna lil ħadd u meta qed nikteb dawn il-kelmtejn qegħdin fl-eqqel tal-preparazzjonijiet għall-festival organizzat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fid-29 u t-30 t'April 2011 ġewwa l-Port il-Kbir – fejn l-għaqda tan-nar Santa Marija tal-Imqabba bħal kull sena se terġa' tieħu sehem.

Però qabel nibda dieħel aktar fid-dettall, ma nistax ma nibdiex billi nfakkar il-mibki Ġużeppi Ghigo (in-Naqxi) li ħalliena fil-11 ta' Frar 2011. Bħalma tafu Ġużeppi kien ukoll wieħed mill-benefatturi tas-Soċjetà. Meta smajna li Ġużeppi ħalliena, sew l-Għaqda tan-nar u anke s-soċi ħassejna diqa kbira. Ġużepp, kif konna nsibuh, ta sehem kbir fl-għaqda tan-nar sew tal-art kif ukoll tal-ajru. Ġużepp kien il-pijunier tal-ewwel '*Universal Joints*' fin-nar tal-art li ġie vvintat minnu. Ma' dan ukoll baqa' magħruf għall-arloġġ li kien għamel fejn dan anke kien idoqq it-tokki. Fuq kollox, in-Naqxi ħa jibqa' jinħass għal tul taż-żmien. L-għaqda tan-nar ħadet sehem ukoll fil-Funeral ta' Ġużepp fejn anke ġie maħruq salut tal-bomba bħala apprezzament tas-servizz kbir li ta lill-Għaqda tan-nar. Avolja Ġużepp ħalla vojt kbir fl-Għaqda, l-Għaqda ma tistax tikkrolla u għalhekk bqajna għaddejjin bil-preparamenti tagħna.

Wara li fil-festa tal-2010, l-Għaqda reġa' kellha suċċess kbir fejn jidħlu l-ispettakli tan-nar fosthom dak ix-xow meraviljuż li aħna rinomati għalih Lejliet Santa Marija. Immedjatament wara l-festa ta' 2010 bdejna l-preparamenti għas-sena 2011. Barra minn hekk li wara l-festa, il-kamra tan-nar tagħna ħadet sehem fil-festa ta' Stella Maris ġewwa Tas-Sliema, ta' Lourdes ġewwa Raħal Ġdid bin-nar tal-art, ġewwa Bormla għall-festa tal-Kunċizzjoni u ħadna sehem ukoll fl-esebizzjoni oħra ġewwa l-Port il-Kbir li saret fid-9 ta' Diċembru 2010. Din kienet esebizzjoni għall-kumpanija '*Herbal Life*' li ġabet minn barra mijiet ta' uffiċjali tal-kumpanija li taw ovazzjoni kbira wara li raw il-wirja li ppreżentajna.


*Wieħed mill-baraxxijiet li jikkaratterizza l-Festa ta' Santa Marija*

Veru l-membri ta' din l-Għaqda ħaqqhom tifħir kbir għax fejn jidħol in-nar tal-ajru kif ukoll tal-art dejjem offrew spettakli meraviljużi. Din is-sena wkoll, l-Għaqda tan-nar tagħna se terġa' tieħu sehem fil-Port il-Kbir. F'Mejju se nippreżentaw tapit tan-nar tal-art ġewwa l-Furjana għall-festa ta' San Publju. F'Mejju wkoll, bin-nar tal-art se nieħdu sehem fil-festa ta' Fatima ġewwa Gwardamangia kif ukoll fil-Kalkara, f'Lulju għall-festa ta' San Ġużepp. Fejn jidħol in-nar tal-ajru, l-Għaqda tagħna se jkollha ħafna *commitments* għal festi oħrajn però ma tistax toqgħod issemmi kollox peress li ma tantx irrid nieħu fit-tul. L-Għaqda tagħna wkoll dejjem tħabrek u tara li għall-festa ta' Santa Marija 2011 ġewwa raħalna terġa' tipprepara programm tan-nar kif jixraq lil Ommna Marija li bħal dejjem ħadet ħsiebna f'ħidmietna u żgur li ser tibqa' tieħu ħsieb ukoll lill-Imqabbin kollha. Bħas-soltu, fil-festa kollha ser ikun hemm spettakli tan-nar b'mod speċjali f'lejliet il-festa bi programm Piromużikali fejn bħal kull sena żgur li ser taraw xi ħaġa ġdida u oriġinali li l-Għaqda tagħna dejjem kienet minn tal-ewwel fih. Għalhekk inheġġukom biex ma titilfux din il-Ġimgħa tal-Festa għax żgur li ser ikunu jiem ta' ferħ u nieħdu gost flimkien ma' mijiet oħra ta' Maltin u Għawdxin u anke turisti li ta' kull sena jiġu għall-festa tant popolari ġewwa raħalna. Bħalma tafu wkoll, anke fit-transulazzjoni se jkun hemm settijiet ta' Murtali bil-logħob u anke ħarqa nar tal-art mekkanizzat li żgur titpaxxew u ma jiddispjaċikomx li tkunu ġejtu ġewwa l-Imqabba.

Bħalma tafu, għalkemm is-sena kollha jkun fiha ħafna tlajja' u nżul, il-membri tal-Għaqda b'sagrifiċċju

kbir anke familjari sew fil-kesħa u anke fis-shana dejjem inħabirku kif bħalma dejjem għamilna biex ngħollu isem is-Soċjetà u anke l-Għaqda tan-nar tagħna. Irrid madankollu, l-ewwel nirringrazzja minn qalbi lill-membri kollha tal-Għaqda tan-nar u lill-familjari tagħna li bħalna jagħmlu sagrifiċċju kbir biex aħna nkunu nistgħu nagħmlu dan ix-xogħol kollu. Irrid nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni kbira li dejjem sibna mingħandhom. Nirringrazzja lill-kumitat tażżgħażagħ u tan-nisa, lis-soċi u partitarji tal-għajnuna kbira li dejjem taw lill-għaqda tan-nar tagħna. Ngħid grazzi mill-qalb lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin kollha li ta' kull sena jiġu jżuruna u nirringrazzjawhom ukoll li anke lejliet il-festa jgħinuna permezz tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom.

Għeżież Partitarji, l-Għaqda tan-nar tagħna ma tistax tinsa u ma tgħidx grazzi mill-qalb lill-benefatturi tant kbar tagħna s-Sur Wenzu Ellul u ħutu kollha magħrufin ġewwa raħalna bħala ta' Katrinu tal-għajnuna kbira li dejjem tawna u dejjem issibhom minn tal-ewwel biex jgħinuna. Irrid nirringrazzja wkoll lis-Sur Carmel Zahra Ta' Sinna tal-għajnuna kbira li dejjem tagħna kull meta kellna bżonnu. Ma' dawn, nixtieq nirringrazzja benefatturi oħrajn peress li jekk ma jkunx hemm għajnuna minn nies bħal dawn żgur li l-Għaqda tan-nar tagħna ma tistax tasal sa fejn waslet illum. Wasalt fl-aħħar tal-messaġġ u jekk insejt lil xi ħadd żgur li mhux b'intenzjoni u jekk inhu l-każ niskuża ruħi bil-quddiem. Irrid nirringrazzja lil dawk is-sidien tal-għelieqi li dejjem ħallewna nużaw ir-raba' tagħhom. Irrid nirringrazzja lill-kleru, il-korp tal-Pulizija, lis-Surmast tal-Banda kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandhom.

Għeżież Partitarji, inħeġġiġkom biex kif dejjem għamiltu tkunu ġenerużi fl-għotjiet finanzjarji tagħkom peress li l-ispejjeż dejjem qegħdin jikbru. Jekk ma tkunx l-għajnuna tagħkom aħna ma nkunux nistgħu inferrħukom b'dawn l-ispettakli tan-nar. Qabel nagħlaq, għeżież partitarji u soċi, nħeġġiġkom biex bħalma dejjem għamilna nieħdu pjaċir bil-festa tagħna u nkunu dejjem l-ewwel f'Raħalna biex nuru rispett lejn kulħadd u nagħtu eżempju ta' kif għandha tiġi ċċelebrata l-festa tal-Patruna Santa Marija.

Għażiża Santa Marija, nitolbuk biex bħalma dejjem għamilt tkompli tħarisna sew fix-xogħol ġewwa l-kumpless tan-nar u anke fil-ħajja familjari tagħna. Bierek il-familji tagħna u tal-Imqabbin kollha u dejjem ħarisna taħt il-mantar tiegħek.

Grazzi mill-ġdid lil kulħadd u nixtieq il-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha kif ukoll lill-Maltin u l-Għawdxin li jiġu jżuruna għall-festa tal-Assunta ġewwa l-Imqabba. Nerġa' nitlob lill-wisq maħbuba tagħna l-Verġni Ommna Marija Santissima biex bħalma dejjem għamlet teħlisna minn kull tiġrib.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabba Kollha u tal-Univers.




*Stationery – Greeting Cards – Toys – Souvenirs & Invitations*
*Books & Magazines – Gifts & Novelties – Lamination – Binding & much more…*

***Unbeatable prices in photocopies!***

Sub-post Office for Birkirkara

D.Spiral
Triq il-Vitorja, Birkirkara
Tel: 21491419
Email: dspiralst@gmail.com Website: www.dspiralst.com

# Programm tan-Nar

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju:** ***Bidu tal-Kwindiċina***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

**It-Tlieta, 9 t'Awwissu:** ***Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-Ħruġ tal-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

**Il-Ħamis, 11 t'Awwissu:** ***L-Ewwel jum tat-Tridu***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir Ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

**Il-Ġimgħa, 12 t'Awwissu:** ***It-Tieni jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 13 t'Awwissu:** ***It-Tielet jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħadd, 14 t'Awwissu:** ***Lejliet il-Festa***

**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum*, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħrog it-Transulazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar tal-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, sinkronizzat mal-mużika, settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Ix-xogħol kollu se jinħaraq bis-sistema kompjuterizzata *Fire One*.
**11.30pm** Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

**It-Tnejn, 15 t'Awwissu:** ***L-Għid tal-Assunta***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjat mid-daqq tas-sirena, u segwit minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa devota tal-Patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li se tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

**It-Tnejn, 22 t'Awwissu:** ***L-Ottava tal-Festa***

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

## Nota mill-Bord Editorjali

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li kien sar fis-sena 2006, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata fir-rebħ tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar organizzat ġewwa Ruma fl-Italja; Caput Lucis 2007. Fis-sena 2010 l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet ukoll ir-IV Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art.



FIREWORKS SPECTACULAR
Festa Santa Marija
Mqabba
14th 9:30pm
August
15th 7:00pm
St Mary FIREWORKS FACTORY
www.santamarija.com
























Ritratti: Mario Zammit
Jonathan Mifsud
Bertie Decelis


NOW AVAILABLE!
OUTDOOR CEMENT TILES
& TERRAZZO TILES
Also ideal as Parquet &
Ceramics underlay
NEW STYLES & COLOURS, SAME OLD QUALITY.
FRANCESCO FENECH Ltd. Valletta Road, Mosta
21434555

# Festi Ċentinarji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba (1910-2010)




Dr Charles Sciberras MD

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba għadha kemm temmet il-Festi tal-Ewwel Ċentinarju mit-twaqqif ta' din l-ewwel Soċjetà Mqabbija (1910 – 2010).

Sa mill-2009 inħatret Kummissjoni Festi Ċentinarji biex tieħu ħsieb torganizza diversi attivitajiet matul is-sena 2010 sabiex dan l-Ewwel Ċentinarju jibqa' jitfakkar bil-kbir. Il-logo li ġie ddisinjat kien sempliċi: in-numru 100 biż-żewġ ċrieki magħquda flimkien b'tali mod li jissinifikaw il-bidu tas-Soċjetà u l-mixja dejjiema u bla tmiem li se tieħu għall-futur. Fil-vojt tagħhom tpoġġew proprju x-xbihat tal-Arma tas-Soċjetà u tal-Wiċċ tal-Istatwa ta' Santa Marija li hi meqjuma ġol-Imqabba. Il-Motto tiegħu kien Mitt Sena għall-Imqabbin… Mużika, Kultura, Suċċess. Dawn il-kelmiet intgħażlu b'reqqa kbira għax sa mill-bidu nett s-Soċjetà Santa Marija riedet li dan iċ-Ċentinarju jitgawda mill-Imqabbin kollha irrispettivament mit-twemmin soċjali, kulturali jew morali tal-individwu. Il-Mużika u l-Kultura huma ż-żewġ għanijiet li għalihom hija mwaqqfa s-Soċjetà tagħna. Is-Suċċess huwa l-frott tal-ħidma kontinwa li għamlet is-Soċjetà sabiex matul iż-żminijiet irnexxielha tikseb suċċessi kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll Internazzjonali.

Il-Kummissjoni ħasbet li għal kull xahar issir attività u li dawn kemm jista' jkun ma jibqgħux biss fuq bażi materjalista iżda jingħataw ukoll l-aspett reliġjuż jew filantropiku.

Il-Festi bdew proprju mal-ewwel tokki tas-Sena 2010 meta hekk tant kmieni filgħodu l-Logo ġie ppreżentat uffiċjalment lis-Soċi u partitarji preżenti waqt l-ikla ta' lejliet l-Ewwel tas-Sena li saret fis-Sede tas-Soċjeta. Tkomplew aktar tard matul il-jum tal-1 ta' Jannar 2010 b'Quddiesa ta' Ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali. Wara sar riċeviment għall-Għaqdiet soċjali u reliġjużi kollha tal-Imqabba fejn huma wkoll ġew ippreżentati bil-Logo ta' dawn il-Festi. Sa mill-ewwel battuti ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet intwera l-ispirtu ta' ferħ, ħbiberija u għaqda bejn l-Imqabbin. Din l-atmosfera hekk sabiħa mlietna b'kuraġġ biex nibqgħu mexjin bl-għanijiet li għażilna u li nwettqu ridna.

Fit-12 ta' Jannar 2010 il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-Kummissjoni Festi Ċentinarji għamlu żjara ta' kortesija lill-President tar-Repubblika l-E.T. Dr George Abela fil-Palazz il-Belt. Kienet laqgħa kordjali ħafna u l-istess President imliena b'ħafna kuraġġ u awguralna kull suċċess għal matul dan iċ-Ċentinarju. Bħala tifkira ppreżentajnielu żewġ inkwatri li jirrappreżentaw il-Logo u l-pittura tal-Konvoj ta' Santa Marija li tinsab fis-Sala tal-Każin kif ukoll somma flus għall-Community Chest Fund. Il-Ħadd 24 ta' Jannar l-istess President ta' Malta Dr. George Abela għamel żjara fil-Każin. Hawnhekk kellu l-opportunità li jiltaqa' ma' diversi membri tas-Soċjetà u waqt bibita li saret baqa' mistagħġeb bir-rikezzi li fiha s-Sede tas-Soċjetà speċjalment bl-arkitettura, l-arti li hemm iżżejjen s-Sala prinċipali u l-Unuri kollha miksuba mis-Soċjetà.

Fi Frar l-attività prinċipali saret nhar il-Ħadd 21 ta' Frar permezz ta Ċelebrazzjoni Ewkaristika bis-sehem tal-ferghat kollha tas-Soċjetà kif ukoll is-Soċi u partitarji. Kienu mistiedna jikkonċelebraw il-qassisin kollha Mqabbin. Kienet okkażjoni biex niftakru f'missirijietna mejtin li tant ħadmu biex fasslu l-pedamenti



*Preżentazzjoni tal-Logo lid-Direttur Spiritwali Fr J. Zahra*



*Kafè u ikel tradizzjonali servut wara li ntemmet il-quddiesa*


ULTIMATE PHYSIQUE
MQABBA GYM
Summer Special Offer:
€139
THIS INCLUDES:
- BODY SCAN (BMI ANALYSIS)
- PERSONALISED DIET NUTRITION
- PERSONALISED TRAINING PROGRAMME
- 1 MONTH GYM MEMBERSHIP
- PERSONAL TRAINING WITH INDIVIDUAL ATTENTION
We also cater for:
Fitness Classes • Aerobics
Kick Aerobics • Bums & Thighs Classes
For more information call now on
mob: 9980 7624
email: mqabbagym@gmail.com



Is-Sinjura L. Stanton tiekol ikel tal-Victory Kitchen



Jerry Ghigo jifraħ bl-Unur mirbuħ tal-Festival

tas-Soċjetà u ħallew lilna biex nkomplu nibnu fuq dak li wettqu huma. Wara l-quddiesa l-membri tal-kongregazzjoni kienu mistiedna biex jieħdu kafè stil Malti fil-Pjazza quddiem is-Sede tal-Każin. Wara sar riċeviment għas-Soċi u partitarji fis-Sala Prinċipali tal-Każin.

Peress li kienet qiegħda tinbena l-Estensjoni tal-Każin Prinċipali, bejn l-20 u l-21 ta' Marzu sar Open Weekend. Din kienet okkażjoni kbira sabiex kulħadd seta' japprezza x-xogħol li kien qed isir fuq l-estensjoni. Intwerew diversi dokumentarji interessanti ħafna fuq l-istorja tas-Soċjetà u l-bini tal-istess Estensjoni.

April kien xahar mimli daqs bajda għas-Soċjetà. Is-Sezzjoni Żgħażagħ fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa organizzat il-wirja annwali u unika għall-gżejjer Maltin - La Semana Santa' d'Espana. Il-konkorrenza tan-nies li żaruna kienet tassew kbira.

Imma l-akbar attività kienet proprju nhar il-Ġimgħa 9 ta' April meta fil-Pjazza tar-raħal saret 'Lejla ta' Tifkira'. Din l-attività kienet waħda kolossali u ambizzjuża u kellha riżultati sbieħ ħafna. Fl-istess jum tas-sena 1942, waqt attakki mill-ajru fuq L-Imqabba ġġarrfet il-Koppla u partijiet oħra tal-Knisja Parrokkjali, kif ukoll l-Istatwa Devota ta' Santa Marija li kienet iżżejjen il-Pjazza. Din is-sena kien jaħbat il-50 sena minn meta saret l-inawgurazzjoni fl-1960 tal-bini mill-ġdid ta' dawn it-teżori. F'din l-attività saru diversi wirjiet ta' vetturi militari, armi u oġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-gwerra, esebizzjoni fotografika tat-tiġrif u l-bini mill-ġdid tal-Koppla u l-Istatwa. Infetaħ ukoll x-xelter tal-gwerra. Saret anki Victory Kitchen kif ukoll Għana tradizzjonali Malti. Mistiedna speċjali għal din l-attività kienet il-Kummissarju Għoli Ingliża, is-Sinjura Louise Stanton.

April ukoll ra lis-Soċjetà tikseb unur ieħor Nazzjonali. Wara r-rebħ tal-Ewwel Festival Nazzjonali tan-Nar fil-Port il-Kbir fl-2006 u l-Kampjonat Dinji tan-Nar Caput Lucis f'Ruma fl-2007, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet ir-IV Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art li sar fuq il-Fosos tal-Furjana nhar is-Sibt 24 t'April 2010. F'dan il-festival minbarra li rebħet il-premju ġenerali, l-Għaqda tan-Nar tal-Art waqqfet rekord ġdid fejn irnexxielha tirbaħ 3 minn 4 kategorji; għall-Oriġinalità, għall-Aħjar Prodotti użati u għall-Aħjar Mekkanizmu. Għalhekk nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju fakkarna dan l-Unur b'Quddiesa u Marċ brijuż



Kollezzjoni kbira tal-programmi tal-Festa



Artisti ipinġu xeni Mqabbin



Mistednin jaraw sezzjonijiet tal-wirja

# Tahabel Ltd

St. Catherine, John Borg Str., Żejtun ZTN 2705
Tel: 2167 3589 / 9947 0351 • Fax: 2169 2894 • E-mail: info@tahabel.com

Importers of:
All Kinds of Ropes
Chains
Hardware Iems
Shading Cloths
Safety Wear
Tents
Camping Equipment
Gyzers
Heaters
Fans
Air Conditioners
Computers & Laptops
Polyplumb Water Fittings & Pipes
Key Clamps
Fishing & Trapping Nets
Wire rope
Bathroom Spares
& Much More








VALY Heaters
TESY
EVERNAL
POLYPLUMB
NOVA
GleisteinRopes

# *BeautyLab*

*By Ritienne Agius(N.S.T.B th)*

Tel: 21 642553 Mob: 79091799
*Address: 12, BeautyLab, Pal Street, Mqabba*






Services offered:
- Facials (For pigmentation, wrinkles, …)
- Body Massages(Aromatherapy, Stone Therapy, Tibet, Tuina, Indian Head …)
- Manicures/Pedicures ( removing of corns and calluses)
- Gym Massage for face (lifting)
- Reflexology Treatment
- Waxing
- Electrolysis
- Nail Art
- Nail Extensions (acrylic and gels)
- Eyelash/Eyebrow tinting
- Diet treatments and consultations
- Professional Make up for all occasions
- (weddings, special effects make up …)

mat-toroq prinċipali tal-Imqabba. Kien rigal ieħor sabiħ lis-Soċjetà fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju.

Komplejna l-attivitajiet tagħna għal Mejju billi l-Ħadd 9 ta' Mejju għamilna żjara ta' kortesija fil-Bini Muniċipali tal-Kunsill Lokali, fejn is-Sindku u l-membri tal-Kunsill kienu ppreżentati uffiċjalment bil-Logo taċ-Ċentinarju. Fis-16 ta' Mejju organizzajna Jum Artistiku meta grupp ta' diversi artisti tferrxu madwar L-Imqabba u pinġew xeni tipiċi Mqabbin, b'referenza qawwija għal dak li L-Imqabba hija l-aktar magħrufa għalih: il-barrieri u s-sengħa tal-qtugħ tal-ġebla tal-franka. Kienet esperjenza sabiħa ħafna li matulha stajna napprezzaw il-wirt kulturali li għandna ġol-Imqabba.

Matul il-ġranet ta' bejn is-6 u l-20 ta' Ġunju mbagħad ġiet organizzata fis-Swali tal-Każin wirja dettaljata bl-isem 'Lenti fuq is-Soċjetà 1910-2010'. Din il-Wirja nfetħet mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra u tbierket mill-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana. Kienu mistednin rappreżentanti tal-Għaqdiet kollha Mqabbin, kif ukoll soċji u partitarji. Din il-wirja ġabret l-istorja kollha tas-Soċjetà mill-bidu tat-twaqqif tagħha sal-lum, permezz ta' ritratti, dokumenti u pubblikazzjonijiet. Ġew esebiti strumenti mużikali antiki, diversi għodod relatati max-xogħol tal-logħob tan-nar, armar tal-Festa, abiti u fuq kollox l-Unuri kollha miksuba mis-Soċjetà Santa Marija. Ingħatat informazzjoni dwar il-Presidenti kollha li mexxew is-Soċjetà matul dan iċ-Ċentinarju, is-Surmastrijiet tal-Orkestra Santa Marija u tal-Banda Re Ġorġ V, kif ukoll rakkont dettaljat sena b'sena tal-avvenimenti sinifikanti li kellha s-Soċjetà.

F'Lulju saru diversi attivitajiet b'risq il-Festa u għall-partitarji kien xahar impenjattiv ħafna peress li riedu jsiru l-preparamenti finali għall-Festa ta' Santa Marija. Fit-30 ta' Lulju, l-ewwel jum tal-Kwindicina ngħata l-bidu uffiċjali tal-Festa ta' Santa Marija. Kien xieraq li din is-sena l-Festa tkun waħda speċjali u s-Soċjetà għamlet kull almu biex jintlaħaq dan l-iskop. Spikka ħafna l-armar li jlibbes lir-raħal il-libsa tal-festa, l-opri ġodda, u l-briju organizzat miż-Żgħażagħ. Spikka wkoll il-programm vokali u strumentali li sar mill-Banda Re Ġorġ V nhar l-10 ta' Awwissu taħt il-Patroċinju tal-Prim Ministru ta' Malta l-Onor Dr Lawrence Gonzi. Waqt dan il-programm diversi Għaqdiet u individwi ppreżentaw rigali lis-Soċjetà bħala turija ta' ferħ ta' dan iċ-Ċentinarju u awguri għas-snin li ġejjin. Biex jibqa 'mfakkar dan iċ-Ċentinarju s-Soċjetà żanżnet ukoll il-kanzunetta 'Mitt Sena Għall-Imqabbin' b'versi tas-Sur Nicholas Baldacchino, mużika ta' Mro. David Agius u li tkantat b'ħila kbira minn Alison Ellul. Dakinhar inkixfet ukoll lapida fil-Każin mill-istess Prim Ministru sabiex tfakkar dan iċ-Ċentinarju. L-eloġju li l-istess Prim Ministru għamel fuq is-Soċjetà Santa Marija jibqa' mnaqqax fl-imħuħ ta' dawk kollha li kienu preżenti. Il-qofol tal-Festa kienu l-ġranet tal-14 u l-15 t'Awwissu meta folol kbar ħonqu L-Imqabba biex jaraw l-ispettakli tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru sinkronizzat mal-mużika kif ukoll dak mekkanizzat tal-Art. Fil-għaxija ta' Jum il-Festa assistejna għall-Purċissjoni bl-Istawa Devota u Titulari ta' Santa Marija, Patruna tal-Imqabba. B'hekk ix-xahar ta' Awwissu s-Soċjetà ċċelebratu bil-kbir.

L-attivitajiet għax-xhur ta' Settembru u Ottubru ħadu forma ta' divertiment għad-diversi fergħat fi ħdan is-Soċjetà. Saru diversi ikliet, barbeques u open air discos biex l-partitarji jingħataw ftit mistrieħ mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum.

Matul ix-xahar ta' Novembru komplejna fejn ħallejna. Il-Ħadd 21 ta' Novembru organizzajna Motorsport Sunday, attività sportiva bil-parteċipazzjoni tal-Island Karting Club. Saru tlielaq tal-Go Karts, scooters u mini moto, fl-inħawi ta' Misraħ il-Fidwa. Din l-attivita divertenti kienet xi ħaġa innovattiva għar-raħal tal-Imqabba. Iżda l-għan ewlieni ta' din l-attività kien wieħed filantropiku. Infatti matulha nġabru fondi li ngħataw lil tfajjel mill-istess raħal li għandu bżonnijiet speċjali.

Fl-istess xahar ukoll, sewwasew nhar it-Tlieta 23 ta' Novembru ġiet organizzata logħba futbol bejn it-timijiet tal-Imqabba FC u l-Valletta FC li ntlagħbet fl-Imqabba Football Grounds. Saret żjara lill-Imqabba FC peress li din is-sena jaħbat ukoll l-10 snin anniversarju mit-twaqqif tal-Imqabba FC Youth Nursery. Wara ż-żewġ timijiet għamlu żjara ta' kortesija fis-Sede tas-Soċjetà, saret bibita u ngħataw rigali ta' tifkira. L-Imqabba FC għoġbu jagħmel donazzjoni ta' somma flus biex nagħtuha lil min hu fil-bżonn. Aħna wettaqna dan il-ħsieb nobbli u rregalajniehom lill-partitarju li kien għaddej minn mumenti diffiċli ta' saħħa. Din kienet attività oħra fejn



*Preżentazjoni mis-Soċjetà Mużewmina*



*Preżentazjoni tal-Logo lil Fr Jonathan Farrugia*

COMPUTER BARGAINS

Computer Systems
Laptops • Upgrades
Repairs • Accessories
Peripherals & Networking

*Andrè Cassar ( Director)*

Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 04 - Malta
Tel/Fax: 21677999 • Mob: 9945 3187 • E-mail: compbargains@onvol.net
Opening Hours: Mon to Sat: 9.00am - 1.00pm • Mon to Fri: 4.00pm - 7.00pm

Opening Hours:

Monday
Closed

Tuesday,
Wednesday & Friday
9.00 – 12.00
15.30 – 18.00

Thursday
15.30 – 18.00

Saturday
9.00 – 18.00

• Qualified Staff
• Friendly Atmosphere
• Hair Care Products & Cosmetics
• Gift vouchers available

*With every Body Massage booked you get a FREE Hair Treatment (offer valid for the months of August & September 2011)*

*Beauty Treatments:*
Facials
Eyebrow Shaping
Eyebrow & Eyelash Tinting
Waxing
Electrolysis
Manicures
Makeup for all occasions
Pedicures
Nail Extensions
Nail Art
Nutrition Advice
Slimming Treatments

Triq it-Tempesta,
Qrendi
Tel: 21649407, 21685081
Mob: 99840556

*Hairdressing:*
Cuts
Blow drys
Treatments
Real Hair Extensions
Lights
Perms
Straightening
Colouring
Upstyles

*Holistic Therapy:*
Aroma Massage
Swedish Massage
Hot/Cold Stone Therapy
Indian Head Massage
Legs, Hands and Foot Body points
Anti-stretchmark Massage

vanity affair

COME IN FOR YOUR TIME OUT!



urejna li l-għan tagħna kien li nifirħu aħna u nferrħu lill-Imqabbin kollha, speċjalment lil min hu fil-bżonn.

Ix-xahar ta' Diċembru ma kienx nieqes mill-attivitajiet: anzi s-Soċjetà għalqet dan iċ-Ċentinarju bil-kbir. Bejn l-20 u s-26 ta' Diċembru s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija organizzat it-Tielet edizzjoni tal-Presepju Ħaj fl-Imqabba. Dan il-Presepju kien mifrux fuq medda ta' 1,700 metru kwadru ta' art u ħadu sehem 'il fuq min 75 persunaġġ. Attività li fiha spikka ferm l-element kreattiv taż-żgħażagħ u dak tal-volontarjat. Il-Presepju Ħaj kien suċċess kbir u xhieda ta' dan huma l-eluf ta' Maltin u barranin li żaruh.

Fis-26 ta' Diċembru waslet il-ġurnata tant mistennija. Kienet il-ġurnata li fiha s-Soċjetà Santa Marija laħqet il-qofol u l-quċċata ta' dan iċ-Ċentinarju. Kienet il-ġurnata meta saret l-inawgurazzjoni tal-Estensjoni tas-Sede tas-Soċjetà. Il-ġurnata bdiet b'Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Patruna tal-Imqabbin kollha Santa Marija. Wara, sar marċ brijuż mat-toroq tar-raħal mill-Banda Re Ġorġ V u tħawlet ukoll siġra f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira sabiex tfakkar dan iċ-Ċentinarju. Ma' tmiem il-marċ saru diskorsi kommemorattivi mic-Chairman tal-Kummissjoni Dr. Charles Sciberras u mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra. Wara saret l-inawgurazzjoni uffiċjali mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra fil-preżenza tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Fergħat tas-Soċjetà. It-tberik sar mill-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana. Wara, d-diversi mistednin distinti, soċi u partitarji attendew għal riċeviment kif kienet titlob din l-okkażjoni hekk ferrieħa. Din l-estensjoni waslet wara snin ta' ħidma biex minn ħolma saret realtà, proġett li nbeda f'Ottubru 2008 u tlesta f'temp daqshekk qasir sabiex ikun inawgurat proprju fis-Sena taċ-Ċentinarju. Dan juri biċ-ċar il-ħidma kontinwa u bla heda li għaddejja biha s-Soċjetà Santa Marija. Wieħed jista' jiddeskrivi dan il-proġett bħala l-isbaħ rigal li s-Soċjetà setgħet tagħti lis-Soċi u l-partitarji sabiex ikun jista' jitgawda minnhom u mill-ġenerazzjonijiet futuri, rigal xieraq fl-okkażjoni tal-Ewwel Ċentinarju 1910 – 2010.


*Skambji ta' rigali mal-Island Carting Club*

Għalhekk is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tirringrazzja lis-Soċi u Partitarji u dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu involuti f'din is-sena ta' ħidma sabiex seta' jiġi ċċelebrat dan iċ-Ċentinarju hekk b'suċċess. Ikun xieraq li ringrazzjament speċjali jsir lill-membri kollha tal-Kummissjoni Festi Ċentinarji li ħadmu bis-sħiħ sa minn żmien qabel u matul is-sena kollha biex jintlaħaq dan is-suċċess ta' livell għoli. Din il-Kummissjoni kienet magħmula minn dawn is-Sinjuri:

Chairman - Dr. Charles Sciberras

Membri – Abdilla Antoine, Farrugia Antoine, Sciberras Antoine, Sciberras Carlo, Vella Francis, Zammit John, Zammit Mario.

Is-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V
tirringrazzja lill-membri kollha
tal-Kummissjoni Festi Ċentinarji
tas-sehem tagħhom
fl-organizzazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet
tal-Festi Ċentinarji is-sena li għaddiet.


Ta' Victor Restaurant
Victor Aquilina
Misrah Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk • Tel: 00356 2164 1033 • Mob: 00356 9947 4249
(Situated in the Church Square)
Tuesday to Sunday from 10.00 hrs till late
E-mail: info@tavictorrestaurant.com
Website: www.tavictorrestaurant.com


Reborn
BAR
Marsa Cross Road, Marsa
(Infront of Bank of Valletta Branch)
We specialize in
Pasta dishes, Steak dishes
& a variety of snacks
Tel 21224921
Open on week days from 6.00 am onwards



Preżentazzjoni tal-Logo lill-President ta' Malta



Il-Prim Ministru Dr L. Gonzi ppreżentat bil-Logo taċ-Ċentinarju



Preżentazzjoni uffiċjali tal-logo mill-President tas-Soċjetà lis-Sindku s-Sur Noel Galea



Preżentazzjoni tal-Logo lill-Kappillan



Preżentazzjoni tal-Logo lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju



Preżentazzjoni tal-Logo lill-Partit Nazzjonalista



Preżentazzjoni tal-Logo lill-Partit Laburista



Preżentazzjoni tal-Logo lill-President tal-Imqabba FC

Logo



Membri tal-Kummissjoni mal-President ta' Malta



Il-President Carmel Zahra jiftaħ l-attivitajiet
taċ-Ċentinarju nhar l-1 ta' Jannar



Mistednin u Partitarji
għal Riċeviment fil-ftuħ taċ-Ċentinarju



Żjara ta' kortesija lill-President Dr G. Abela nhar it-12 ta' Jannar 2010



Wasla tal-President Dr G. Abela
fil-Każin Santa Marija nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar



Il-President jammira l-pittura tal-Konvoj



Dr G. Abela jifli l-qabar oriġinali tal-Istatwa ta' Santa Marija



Il-President ta' Malta jispezzjona l-unuri miksuba mis-Soċjetà



Dr Abela jingħata rigali ta' tifkira



Quddiesa kkonċelebrata li saret il-Ħadd 21 ta' Frar biex tfakkar lill-partitarji ta' qabilna



Parteċipazzjoni mill-fergħat kollha tas-Soċjetà



Dehra tan-nies li attendew nhar id-9 t'April



Il-Kummissarju Għoli Ingliż Louise Stanton fix-xelter tal-Każin



Ikel servut waqt din l-attività



Żjara lill-Kunsill tal-Imqabba li saret il-Ħadd 9 ta' Mejju



Trofew mirbuħ
tal-Festival tan-Nar tal-Art



Wara l-marċ ta' 2 ta' Mejju, Partitarji ferħanin
imdawwrin mal-unuri kollha miksuba mis-Soċjetà



Artista tpitter xeni mill-Imqabba




Is-sezzjoni tan-nar waqt
il-wirja Lenti fuq
is-Soċjetà



Kxif mill-Prim Ministru ta' lapida
biex tfakkar iċ-Ċentinarju fl-10 t'Awwissu



Tberik tal-lapida mill-W. R. Kappillan



Go carts itellqu waqt l-attività Motorsport Sunday
li saret fil-21 ta' Novembru



Muturi waqt l-istess attività



Mqabba FC u Valletta FC qabel il-partita ta' ħbiberija t-Tlieta 23 ta' Novembru



Il-kontinġent tal-Valletta FC miġbura fil-Każin Santa Marija



Preżentazzjoni lis-Sur George Busuttil ex-President tas-Soċjetà u ex-coach ta' Valletta FC



Għoti ta' rigali ta' tifkira lill-Captain Gilbert Agius



Tħawwil ta' siġra



Ftuħ tal-Estensjoni mill-President Carmel Zahra nhar is-26 ta' Diċembru



Kxif tal-lapida kommemorattiva



Preżentazzjoni tas-Sindku N. Galea lis-Soċjetà Santa Marija


Ħruġ il-Vara 9 t'Awwissu


Il-Banda Re Ġorġ V fiz-zuntier tilqa' lil Santa Marija


Partitarji jsellmu lil Santa Marija


Dħul il-Vara


Marċ bl-esebizzjoni tal-unuri miksuba mis-Soċjetà


Il-Prim Ministru Dr L. Gonzi jsegwi l-programm


Banda Re Ġorġ V tesegwixxi l-programm


Mistednin u partitarji


Il-President waqt
id-diskors tiegħu


Kxif tal-lapida



Il-Prim Ministru jagħmel diskors tal-okkażjoni



Mro David Agius jingħata l-awguri mill-Prim Ministru



Alison Ellul tkanta Ċentinarju Tagħna Lkoll



Il-Prim Ministru fis-Sala Prinċipali



Dehra ġenerali tal-Purċissjoni tat-Transulazzjoni



Knisja mżejna għall-Festa tat-Titular



Mons. Alfred Xuereb jinseġ il-Paniġierku



Ħruġ il-Vara



Dħul il-Vara



Fratellanza tas-Sagrament waqt il-Purċissjoni



L-Istatwa artistika ta' Santa Marija

Dilettanti tan-nar iroddu ħajr lil Santa Marija





Il-mitt sena tas-Soċjetà



Partitarji jifirħu b'uħud mill-unuri miksuba



Partitarji waqt il-marċ tal-Aħħar Tridu



Attività mtellgħa miż-Żgħażagħ



Banda Re Ġorġ V



Marċ ta' nofsinhar



Partitarji jkomplu jifirħu

## Esebizzjoni Piroteknika tal-ajru u tal-art













## Minn Melbourne l-Awstralja




# Mill-Emigranti Mqabbin

Is-Sur Joe Ghigo

Għeżież Soċi, Żgħażagħ u Ħbieb,

Għaddiet sena li kont fostkom niċċelebra magħkom il-Festa kbira Imqabbija u li tant tiġi iffesteġġjata b'qima solenni mill-partitarji żgħażagħ u anzjani bi ħsieb wieħed li jqimu lil Marija Mqaddsa li telgħet il-ġenna bir-ruħ u bil-ġisem.

Kemm domt magħkom innotajt li l-Imqabba vera għandha parruċċani li jaħdmu b'ruħhom u ġisimhom biex il-Festa tat-Titular tkompli tikber u tiffjorixxi bħalma dejjem kienet kbira fost il-kumplament tat-titularijiet oħra f'Malta.

Inħossni wisq kburi bikom iż-żgħażagħ għax kont fostkom niċċelebraw l-aħħar festa 2010, u rajt kemm hija għażiża l-festa tal-parroċċa. Barra l-festa titulari tal-istess Santa Marija u l-istess Soċjetà torganizza ħafna attivitajjiet matul is-sena, sabiex naraw il-festa dejjem tikber. Iż-Żgħażagħ b'qalb kbira jkollhom diversi attivitajiet għal min hu fil-bżonn u attivitajiet reliġjużi, eżempju l-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa.

Intom iż-żgħażagħ bħal ta' qabilkom ħaqqkom kull tifħir għax-xogħol li tagħmlu f'ġieħ Ommna Santa Marija dik li salvat lil Malta bil-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija li daħal Malta fil-15 t'Awwissu 1942.

KIF NISTGĦU NINSEW DIN IL-ĠURNATA GĦAŻIŻ LI MA TIĠIX ĊĊELEBRATA B'TANT QIMA.

Ma nistax ninsa dawk il-ġranet tal-festa li qattajna flimkien u sirna nafu lil xulxin, wara tant snin 'il bogħod minn Raħalna.

Permezz tagħkom iż-żgħażagħ tal-preżent u ta' dawk ta' qabilkom, is-Soċjetà laħqet għanijiet kbar.

Il-banda ħarġet barra minn xtutna u ġabet lura magħha unur li qatt ma kien intrebaħ bħalu f'Malta; Les Étoile d'Or du Jumelage, Il-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta fil-Port il-Kbir, unur ieħor Mondjali tan-Nar ġewwa Ruma; Caput Lucis, fejn ikkompetejna mal-aqwa pirotekniċi fid-dinja, kif ukoll fil-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, permezz ta' żewġ biċċiet Nar tal-Art li sa issa qatt ma dehru bħalhom.

Dan kollu frott tal-Ewwel Soċjetà ġewwa l-Imqabba li dejjem kienet ta' eżempju għal għaqdiet oħra.

Ma nistax min tant 'il bogħod ma nġibx quddiem għajnejja l-entużjażmu li jeżisti fis-Soċjetà u li b'qalb kbira tafu torganizzaw u tiċċelebraw il-Festa li hi għal qalbkom u għażiża għas-Soċjetà kollha.

Nispera li l-kleru Mqabbi jħares lejkom iż-żgħażagħ u jkun kburi bikom għax mhux biss tieħdu ħsieb tiċċelebraw il-festa f'ġieħ Ommna Marija, iżda tieħdu ħsieb tipparteċipaw f'opri oħra ta' ħniena ma' min hu fil-bżonn.


*Is-Sur Joe Ghigo flimkien mas-Sur Patrick Ghigo waqt intervista bit-telefown fil-ġranet tal-festa, fuq Melton Community Radio 97.9FM li jxandar minn Melbourne.*

Is-Soċjetà mhux biss mogħnija bl-unuri imma sinjura wkoll fit-talenti, li permezz tagħhom dejjem għollew isem is-Soċjetà u r-raħal tal-Imqabba, kemm f'Malta u kemm barra minn xtutna.

Onestament nieħu gost meta nisma' ċertu Maltin li jiġu jżuru Malta mill-Awstralja għall-btajjel tas-Sajf u jgħidu kemm raw spettakli pirotekniċi, isbaħ min ta' Santa Marija tal-Imqabba ma rawx, fosthom is-Sur Charles Busuttil li minkejja li mhux Imqabbi, fil-passat ġieli kiteb xi poeżiji fuq il-Festa ta' Santa Marija tal-Imqabba.

Nikkonkludi billi ngħid prosit lill-Fergħa tan-Nisa, lill-Għaqda tal-Armar, lill-Kumitat Eżekuttiv, u l-aħħar u mhux l-anqas lill-Għaqda tan-Nar li b'sogru kbir ipaxxu lill-eluf ta' Maltin u turisti li joħonqu t-toroq ta' madwar ir-Raħal fil-jiem tal-Festa. Ma nistax ma nsemmix l-estensjoni li saret fis-Sede tas-Soċjetà li tant kiber u sbiħ. Prosit lil dawk li taw sehemhom biex dan il-proġett seta' jsir u biex illum qed ingawdu l-frott li ħadmu għalih.

Il-Festa ta' Santa Marija tant hija kbira li anke hawn ġewwa Melbourne, l-Awstralja din il-festa tiġi tal-Assunta tiġi ċċelebrata b'qima u hi l-aħjar u l-aqwa festa li tiġi ċċelebrata mill-Għawdxin u l-Maltin fost il-festi l-oħra.

Nawgura l-festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha b'mod speċjali lill-partitarji tas-Soċjetà.

VIVA SANTA MARIJA
'Il bogħod minn Pajjiżi
Melbourne Australia

# Nick's Agriculture

**Supplier of Agricultural and Gardening Products + Others**

• Plant Protection Products •
• Fertilizers •
• Irrigation Fittings • Pots •
• Peat and Potting Compost •
• Drip Irrigation Systems •
• Pet Foods and Other •

**Mons. Mikiel Azzopardi Street,**
**Siġġiewi**
**Tel: 2146 5869**




# Il-Festa ta' Santa Marija f'Deer Park, Melbourne

Is-Sur Joe Ghigo

Waħda mill-aktar Festi popolari organizzati mill-Maltin fl-Awstralija hija bla dubju ta' xejn dik ta' Santa Marija Assunta li tiġi ċċelebrata f'Deer Park, Melbourne.

L-Għaqda li tieħu ħsieb torganizza din il-Festa ġġib l-isem ta' Santa Marija Assunta Association u ġiet imwaqqfa fl-1983 minn tliet immigranti mir-Rabat t'Għawdex; Terry Farrugia R.I.P., Martin Grech u Vince Fenech; filwaqt li ftit żmien wara ingħaqdu magħhom emigranti oħra Maltin u Għawdxin.

L-Ewwel festa li ġiet organizzata, kienet dik tal-1983 u nżammet fis-St. Peter's Channel's Church bil-għajnuna ta' Dun Carmelo Borg. Hawnhekk il-purċissjoni saret permezz ta' pittura tal-Assunzjoni, xogħol tal-artist Malti s-Sur Richard Curmi. Wara s-suċċess kbir ta' din l-ewwel Festa, twaqqaf kumitat iffurmat minn 12-il membru sabiex jibda jaħdem fuq il-festa tas-sena ta' wara.

Fl-1984, il-festa ta' Santa Marija f'Deer Park ġiet iċċelebrata permezz ta' statwa li ġiet mislufa lilhom mill-parroċċa ta' Kellyville, fi New South Wales.

Sadanittant laħqu saru kuntati mal-iskultur Għawdxi Michael Camilleri Cauchi sabiex tinhadem statwa ta' Santa Marija. L-Istatwa nhadmet mill-kartapesta, ta' daqs ta' 1.8 metru. Din ġiet transportata minn Malta sal-Awstralja permezz tal-kumpanija tal-Ajru Singapore Airlines u laħqet waslet fil-hin f'Melbourne għall-festa tal-1985. Hekk kif waslet fl-Awstralja l-istatwa ntramat fil-knisja ta' St. Peter's Channel's Church. Hemmhekk intramat fuq Pedestall li nħadem apposta mis-Sur Terry Farrugia filwaqt li l-bradella u l-bankun inħadmu mis-Sur Frank Caruana, it-tnejn membri fil-Kumitat ta' Santa Marija Association.

Il-Festa ta' Santa Marija f'Deer Park hija mifruxa fuq tlett ijiem, Ħadd qabel il-15 ta' Awwissu, L-istatwa toħroġ min-niċċa u tintrama taħt pavaljun tal-bellus fejn l-altar maġġur. L-ewwel ġurnata, filgħaxija jingħad ir-rużarju, u ssir preżentazzjoni ta' fjuri lil Santa Marija, u wara quddiesa solenni. Wara ċ-ċeremonji tal-knisja jinħaraq logħob tan-nar, imbagħad ikun hemm daqq ta marċi brijużi mill-banda, fis-sala tal-parroċċa, u anke u xorb ħafif għal dawk li jattendu.

It-tieni ġurnata jsir il-Ballu tradizzjonali b'attendenza ta' madwar 620 persuna; filwaqt li fit-tielet ġurnata jum il-festa ssir ċerimonja sagra u sabiħa mill-Isqof jew l-Arcisqof ta' Melbourne. Wara jekk it temp jippermetti, issir il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija, fost logħob tan-nar.

Bla dubju ta' xejn din hija waħda mill-akbar u l-aktar festi popolari organizzati mill-Maltin fl-Awstralja u hija magħrufa bħala Santa Marija ta' Deer Park fejn jattendu għaliha għadd ta' Maltin minn stati oħra ta' l-Awstralja.



*L-Istatwa ta' Santa Marija ta' Deer Park waqt il-purċissjoni f'Jum il-Festa.*



*Diversi standardi li jakkumpanjaw il-purċissjoni ta' Santa Marija f'Deer Park.*

# RAYMOND ABDILLA

## Exporter & Importer

AGRICO

## Seed and Ware Potatoes

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-prodotti:*

**Arinda** – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru

**Picasso** – T'għajnha ħamra

**Agria** – Ta' qatgħa safra

**Stirling** – Ta' qatgħa bajda

**Diamant** – Ta' qatgħa safra

**Aladin** – Ta' qoxra ħamra

**Santè** – *(għall-esportazzjoni)*

**Destiny** – *(għall-esportazzjoni)*

**Fleur** – *(għall-esportazzjoni)*

**Alpha** – *(għall-esportazzjoni)*

*Varjetajiet ġodda*

Fertilizer Ġermaniż ta' l-aqwa kwalità...

BECKMANN BB

(blu) 12+12+17+2+7
(isfar) 27%
(abjad) 21%

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21683870 (Res.)
21436594 (Grading Station)
Mob: 9949 7980, 9944 9553, 9983 0176
E-mail: potatograding@waldonet.net.mt

# Mastru Alessandro Farrugia

Is-Sur Mario Zammit

## 175 sena ilu ta lir-raħal tagħna, l-isbaħ ġawhra tal-Imqabbin

Alessandro Farrugia jew kif inhu magħruf aħjar Mastru Xandru twieled Iż-Żejtun fl-1791, iben Ġużeppi Farruġia u Duminka mwielda Formosa. Hu żżewweġ lil Marjana Camilleri li kienet armla ta' Ġużeppi Zahra, nhar it-18 ta' Novembru 1814. Meta żżewġu huma marru joqogħdu f'Ħal Bisbut, dik il-parti taż-Żejtun li tagħti lejn Ħal Għaxaq. Huma kellhom tlett itfal; Mikiel, Kolumba-Roża u Ġanni.

Mastru Xandru tgħallem l-iskultura mingħand Mariano Gerada wieħed mill-aqwa skulturi li kien hawn Malta.

Minbarra l-istatwa Titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba, Mastru Xandru ħadem xogħlijiet oħra fl-injam. Jispikkaw fost l-oħrajn l-Istatwa Titulari ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien kif ukoll l-Istatwa Titulari ta' San Pawl f'Ħal Safi li nħadmet fl-1840. Minbarra dawn il-kapulavuri ta' statwi Titulari, il-bravu Alessandro Farrugia ħadem diversi xogħlijiet oħra għal diversi knejjes madwar Malta u Għawdex u anke xi xogħlijiet għal barra minn xtutna. Fost dawn insibu; Il-Madonna tar-Rużarju tax-Xagħra u ta' Ħal Għaxaq, San Mikiel għall-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u għal San Ġorġ t'Għawdex. Ħadem l-istatwa l-antika ta' Sant'Anna ta' Wied il-Għajn u San Franġisk li jinsab fil-Belt Valletta. Ħadem ukoll dawk tal-Immakulata li jinsabu waħda fil-belt u oħra fil-Birgu, kif ukoll l-istatwa msejħa tal-Katina għall-Isla.

Minbarra dawn, hu ħadem ukoll xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira għan-Naxxar, San Ġorġ ta' Għawdex u għar-raħal tiegħu stess, jiġifieri ż-Żejtun. Wieħed ta' min isemmi wkoll li ħadem xi statwi għall-Eġittu u t-Tuneżija.



*Alessandro Farrugia*



*L-Istatwa ta' Santa Marija tal-Imqabba*

Minbarra x-xogħlijiet tiegħu fl-injam li l-aktar kien magħruf għalihom, Mastru Xandru ħadem anke xogħlijiet fil-ġebel u fil-kartapesta.

Alessandro Farrugia miet fl-4 ta' Diċembru 1871 fl-età ta' 80 sena. Hu ġie midfun taħt il-knisja parrokkjali taż-Żejtun.

Jgħaddi kemm jgħaddi żmien, ir-raħal taż-Żejtun qatt mhu ser jinsa lil dan l-iskultur bravu li tant ħarġu opri artistiċi sbieħ minn taħt idejh. L-istess bħalma qatt mhu se jinsewh irħula oħra li fihom insibu xogħlijiet minn tiegħu.

Ir-raħal tal-Imqabba wkoll irodd ħajr lil dan il-personaġġ bravu li bil-ħiliet tiegħu, proprju 175 sena ilu naqqax lill-Imqabbin din il-ġawhra li għadha u tibqa' ssebbaħ lir-raħal sal-ġurnata tal-lum, il-vara Titulari ta' Santa Marija.




# Cassar Florist

(taz-zizzu)

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***





5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!*

# Ix-Xbieħa ta' Santa Marija Monument ħaj għall-Imqabbin

Is-Sur Stefano Farrugia

## F'għeluq il-175 sena mill-miġja tal-Istatwa ta' Santa Marija fl-Imqabba (1836-2011)

Kull darba li nidħol fit-tempju tar-raħal
fil-festa ta' tlugħek O Santa Marija,
għajnejja jitgħaxxqu bil-wiċċ ħlejju tiegħek
minqux bħal kullana għall-ikbar foħrija.

U dlonk jien niftakar fil-ġrajja hekk għażiża
miktuba fl-Istorja li ntisġet ma' qalbna
tal-miġja tax-xbieħa li tixhed sbuħitek
għax fiha jintlemaħ is-seħer ta' artna.

Bħal xrara li tqabbad ħuġġieġa kotrana,
imkebbsa bit-tama fil-forn tal-imħabba,
ixxettlet ix-xewqa ta' wlied għall-omm tagħhom
biex fosthom għal dejjem issaltan fl-Imqabba.

Kien frott ta' kemm ħabrek fil-ġbir u fil-ħidma,
il-mibki u qatt minsi, maħbub ragħaj Caruana
li writna fiċ-ċokon teżor għal tant iżmna,
imsejjes fid-dehra fuq dak tax-xriek tagħna.

Kif b'għaqal ta' Mgħallem Marjanu Gerada
mar ħalla f'Ħal Għaxaq vetrina tas-sema,
xejn inqas ma għamel warajh bħal dixxiplu,
il-kbir Alessandru għall-qima tal-ġemgħa.

Daqskemm tieħu l-ħajja fil-ġuf għal tarbija
li timla bil-hena lil kull min jitmagħha
daqshekk il-vjaġġ ħtieġlu biex radd l-opra tiegħu,
mogħnija kif jixraq bil-ġmiel u bis-saħħa.

Minn zokk ħoloq vara titkellem b'għajnejha
u tħallem bl-għamara fi tmiem it-tbatija,
ħa ġġedded il-wegħda li tagħraf l-insara
mill-bieb ta' kull żelu li hu l-Magħmudija.

Fuq qabar tittajjar qalb l-iżraq fuqani,
mixduda bħal xbejba fin-nhar li tittejjeġ,
mirfuda w bla tebgħa bħall-Iben Setgħani
li l-baħar jimmansa u n-nar f'dawl iħeġġeġ.

Imdawwar ma' rasek stellarju bellusi
bħal mera tal-qawwa li Int kont għalina,
f'riġlejk sandli jlellex bid-deheb bħad-djamanti
li jnessi bis-sabar kull telf u rovina.

Bħal donnok qed tiżfen mal-anġli qalbiena
b'ħarsitek ċelesti li ssorr għajn ta' sogħba
u b'ġismek serpenti mas-sħab lewn il-fidda,
strument b'ħilet l-arti li jnissel kull għoġba.

U x'merħba mistħoqqa fis tawk ir-raħħala
kif Int xrift ġo nofshom bħal kewkba bid-dija,
bil-ferħ riedu jtiru mal-qtajja' tal-ġenna
w bla heda jgħannulek mal-qniepen godlija.

Tliet arki mibnija fuq stil trijonfali
ħejjewlek fit-toroq miksija bil-fwieħa
u wara l-mixegħla tal-linef u l-fjakkli,
il-beraħ iddawwal b'murtali rewwieħa.

Fis-snin imgħoddija d-devoti ta' niesna
komplew lil suritek isebbħu bizzilla
b'żewġ opri li bħalhom ma deher qatt f'gżiritna
biex tarka tkun magħhom fil-għawġ u f'kull qilla.

Bil-qalb tal-imsieħba miftuħa bħal ċinju
u bl-id maestuża ta' ġenju minn Bormla,
issarraf it-toqol ta' kull sagrifiċċju
fi ħsad sfiq għall-poplu li laqgħu bħal qronfla.

U kif missier ġwejjed jindokra lil bintu
miftuma minn drieghu biex trawwem familja
hekk donnu sal-aħħar il-qasam Żejtuni
ried jgħarbel xbihetek ħa jżejnek b'kull milja.

Narawk ta' kull sena merfugħa minn ħutna
lebsin il-mozzetta ruxxana, peprina,
nilqgħuk bil-ġieħ kollu u b'talbna nsellmulek
f'kull jum ta' ħajjitna li jsir kwindiċina.

***L-Imqabba, 21/01/2011***





Ritratt: Mark Micallef

# Lorraine's Beauty Clinic

**Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba**



Your skin deserves the best. Offering customized facial and body treatments. Specializing in body massage, Slimming programmes with Ultratone and Spa Wraps;
Electrolysis and waxing.

*For all treatments please book in advance.*

***Tel: 2168 9785 / 2164 1263***
***Mob: 9945 0647***



# MARCON'S
## HAIR SALON





**Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba**

**Opening Hours:**
Tuesday from 9am till 12pm
Wednesday from 9am till 12pm - 3pm till 6.pm
Thursday from 9am till 1pm
Friday from 9am till 1pm - 3pm till 7pm
Saturday 9am till 4pm
*Monday closed*





**Tel: 27602437 Mob: 79602437**



*Mill-album antik tal- Vara*


ARTHUR SALERNO
99211445
TATTOO ARTIST


Semi Permanent Make Up
by Marlese
Hair stroke simulation Eyebrows, Eye liner, Lip enhancement, Beauty spots. Mob: 9986 9665, arthursalerno




# Ad futuram rei memoriam

Dun Jonathan Farrugia S.Th.L.

## Il-persuni li matul 175 sena naqqxu l-istorja tal-vara titulari ta' Marija Assunta l-isbaħ u l-għeżeż ġawhra tal-Imqabbin

Għaxar snin ilu, fl-okkażjoni tal-165 sena mill-miġja tal-vara ewlenija tal-Imqabba, dik tal-patruna tar-raħal, kont ġbart l-istorja tagħha sa dik is-sena. Kien, u għadu, l-iktar studju eżawstiv li qatt sar fuq il-vara għażiża tagħna, dik li aktar minn kull xbiha marjana oħra tagħti identità lill-Imqabba u lill-Imqabbin.

Għal din is-sena ħsibt li xorta waħda nagħti ħarsa lejn il-vara li aħna l-Imqabbin tant għandna għax inkunu kburin biha, imma b'differenza. U f'Diċembru li għadda, waqt ikla ma' ħabib tiegħi li hu arkivista, nibet il-ħsieb li nagħti ħarsa *biografika* lejn il-vara. B'hekk f'dan l-anniversarju importanti, apparti milli mill-ġdid napprezzaw l-istatwa tagħna u nitpaxxew bil-ġmiel inimitabbli tagħha, nagħtu wkoll ġieħ xieraq lil dawk li b'xi mod jew ieħor b'ħidmiethom intrabtu magħha, dawk li għamluha, li żejjnuha, li ħadu ħsiebha, li ħabbewha... *ad futuram rei memoriam*... biex jibqa' mfakkar xogħolhom... għaż-żmien li ġej.



### 1. Saċerdoti

Bla dubju li, la qed nitkellmu fuq xbieha qaddisa, diversi saċerdoti kellhom rwol attiv fl-istorja tagħha. Il-biċċa l-kbira kienu l-kappillani li mexxew il-parroċċa tagħna mis-sena mbiegħda tal-1835 sa żmienna. Dawn is-saċerdoti kienu spiss il-moħħ wara l-ħidma li saret, kienu s-sors tal-ġbir tal-finanzi jew inkella kienu dawk li taw il-permessi biex id-devoti jżejjnu l-istatwa jew inkella biex isir ix-xogħol li kien hemm bżonn.

### Dun Tumas Agius-Caruana

Twieled fil-Belt fil-11 ta' Mejju 1807 u ħa l-pussess tal-parroċċa tagħna fit-3 ta' Novembru 1833. Dan kien il-moħħ wara l-miġja tal-vara titulari preżenti f'raħalna. Nafu minn kliemu stess li r-raġuni kienet li l-istatwa li kien hawn qabel ma kienetx sabiħa u li ħabba f'hekk il-ġirien kienu jiġu l-Imqabba jgħaddu lil missirijietna biż-żmien. Kien hu li xtaq li ssir din l-istatwa u li ħadem bis-shiħ flimkien ma' saċerdoti oħra biex isir il-ġbir meħtieġ u biex l-istatwa ssir u ssir sew. Il-ġrajja li qed niċċelebraw din is-sena bdiet kmieni fis-sena 1835 meta sar l-ewwel appell għall-ġbir. Interessanti li fil-kuntratt li sar fit-30 ta' Ottubru ta' dik is-sena nsibu li hu nsista li jekk l-istatwa jkollha xi difett li ma jistax jitranġa,

**[C] TRONICS**

Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs
Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm
Sat 9.00 Am—12.30 Pm

For appointments Call on
T: 21642744 M: 79478259

Go Subscriptions
Homepacks
Adsl / Tel

Repairs On Notebooks
Repairs On Pc Systems
Format / Repairs
Notebook Upgardes
Pc Upgrades
Virus Removal

## Best Prices on Pc's Notebooks & Netbooks

Asus Atx Case
Asus Mainboard
Intel Core i5
6GB DDR III
DVD / Card Reader
500 GB 7200
18.5 LED Monitor
Logitech Kb / Mouse
Win 7 Home Premium CD
Antivirus
Open Office

Total € 835.00








Sony Vaio € 835.00
Core i3 / 4GB / 500GB / GF
DvDrw / Webcam / Wifi /

Sony Vaio € 660
P 6200 / 4GB / 320GB / Ati 5470
DvDrw / Webcam / Wifi / Win7

Asus K52F € 585.00
Intel P 6100 / 4GB / 500GB
DvDrw / Webcam / Wifi / Win7

All in one Printers starting from € 70.00

Student Smartcard Accepted

Warranty 2 Years parts & Labour on all computers
Warranty on notebooks carry 1—3 years
Warranty on netbooks Carry 1 year.

Present This coupon for 25% Discount On Format & Repairs.

Parts not included.



**MOVIE LAND**

70, Zurrieq Rd., Safi
Tel: 27642460, 21642460
Email: movieland@melita.com

**Exclusive MELITA Resellers**

melita

- Apply for all MELITA services & offers
- TV, Internet, Telephony, Mobile
- Pay all your Melita bills




- LED & LCD TV's with 3 YEARS FULL WARRANTY
- All popular sizes available.
- GREAT PRICES!!!

**SPECIAL OFFER:**
AOC LED 42" - FULL HD - 100Hz
**ONLY EUR779**
- Other Brands available.

Panasonic. SAMSUNG LG

**DVD & BLU-RAY Rentals**
- Attractive prices, GREAT SELECTION

**Photocopy Service**
- Unbeatable quality - Full Colour, B&W
- Print from digital media - CD/USB/MMC
- Business cards, bookmarks, posters, etc.

**Repair Centre**
- GUARANTEE issued on most repairs

**Mobile Phones**
- Latest models, accessories, repairs



jkollha ssir mill-ġdid. Dan jixhed is-serjetà li biha kien ħa dan il-proġett dan il-kappillan. U, bħalma jgħidu, min jidħak l-aħħar jidħak l-aħjar, għax meta l-istatwa meraviljuża li għadna ngawdu żżanżnet fil-festa tal-1836, dawk li s-soltu kienu jgħaddu l-Imqabbin biż-żmien ħadu risposta! Bla dubju dan kien l-akbar benefettur tal-parroċċa u dak li għana l-Imqabba bl-isbaħ teżor li għandu r-raħal.



## Dun Bernard Xiberras u Dun Ġwann Bonavia

Dawn huma żewġ saċerdoti li kienu jaħdmu fl-Imqabba ma' Dun Tumas meta kien għaddej il-proġett tal-vara. Dun Tumas ħatar lilhom bħala l-prokuraturi ta' dan il-proġett u għalhekk dawn iż-żewġ saċerdoti kellhom l-inkarigu li jiġbru l-flus meħtieġa. Dun Bernard huwa Mqabbi u ġie ordnat fl-20 ta' Settembru 1829. Kien dan is-saċerdot li bena tliet arki trijonfali, wieħed f'tarf l-Imqabba, l-ieħor f'tarf il-pjazza u l-ieħor fuq iz-zuntier, biex jilqgħu b'mod denn lir-Reġina tas-sema u l-art meta x-xbieha meraviljuża tagħha waslet l-Imqabba nhar il-Ħadd 14 ta' Awwissu 1836. Dun Ġwann ma jidhirx fil-lista tal-kleru Mqabbi mwassla lilna minn Lawrenz Zammit. Presumibilment ma kienx mill-Imqabba.

## Dun Paċifku Mifsud

Twieled fil-Mosta, għalhekk bil-fors li kellu ġibda partikulari lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Assunzjoni. Ħa l-pussess fit-13 ta' Awwissu, fis-sena 1922. Fi żmien Dun Paċifku saru l-pedestall tal-fidda u l-bradella l-prima. Fis-snin għoxrin jidher li qam interess fil-pedestalli tal-vari għax matul il-parrokat tiegħu sar ukoll il-pedestall preżenti tal-Madonna tal-Ġilju. Grazzi għall-ħidma tiegħu u ta' diversi benefatturi, kif ukoll għall-maestrija ta' Abram Gatt, Emmanuel Buhagiar u d-ditti Ghezzi u Stuflesser, saru l-pedestall u l-bradella ta' Santa Marija, żewġ opri kolossali (sew fl-arti kif ukoll fl-ispiża) li għadhom sal-lum iżejjnu l-vara tal-patruna tar-raħal u jgħaxxqu lil kull min jarhom. Jidher li l-proġett tal-pedestall kien wieħed li beda jaħdem fuqu mill-ewwel għax il-ġbir beda f'Settembru 1923.



## Dun Ġerald Mangion

Twieled fl-Imqabba fl-14 ta' Mejju 1911. Ħa l-pussess tal-parroċċa fit-30 ta' Lulju 1945. Peress li kien il-kappillan ta' wara l-gwerra, fi żmienu sar ix-xogħol kollu ta' tiswija li kien meħtieġ. Fost dan nafu li sar restawr u induratura fuq it-tliet statwi li lkoll sofrew xi ħsarat. Ir-restawr fuq il-vara titulari sewa £55. Ħa ħsieb ukoll biex isiru l-4 gastri tal-fidda u bukketti għal magħhom li jintramaw madwar il-vara tal-Assunta, kif ukoll is-6 gandlieri tal-metall abjad li jkunu mal-vara fil-ġranet tal-festa. Fi żmienu wkoll ġew illustrati l-bradella u l-istellarju u sar is-sandli tad-deheb bid-djamanti u saru żewġ anġli ġodda għal mal-vara.

## Dun Karm Bianco

Twieled f'Birkirkara fid-29 ta' April 1934 u ħa l-pussess bħala kappillan fit-23 ta' Mejju 1963. Fost il-ħafna xogħol li għamel il-kappillan Bianco fl-Imqabba jispikka r-restawr kbir li ornda fuq il-vara tal-Assunta u l-bradella tagħha. F'kitba li ħalla hu stess fl-arkivju naqraw: "*La statua artistica di S. Maria Assunta, titolare, pur essendo stata già per qualche anno addietro malamente restaurata, fu restaurata di nuovo per opera del parroco sottoscritto il quale affidò l'incarico al Sig. Samuele Bugeja di Sliema, professionista di restauri, mentre eseguiva la restaurazione degli affreschi della Cattedrale di Mdina. Varii parrochiani, tutti partitari per la festa di S. Maria Assunta, con le loro tante e generose offerte hanno reso possibile i costosi lavori necessari. Finiti detti lavori, il giorno 7 agosto fu introdotta solennemente in parrocchia con clero e banda dalla cappella dell'Addolorata fino alla chiesa parrochiale. Le spese incorse salirono a £145. (Agosto 1966)*". Minn diskursata li kelli miegħu ftit xhur qabel miet, Monsinjur Bianco qalli li b'dan ir-restawr il-vara reġgħet ħadet il-bixra li kellha meta ħarġet minn taħt idejn Xandru Farrugia 130 sena qabel. Sena wara ħa ħsieb biex isiru sett fjuretti prezzjużi li għadhom jintużaw sal-lum.



## Dun Willie Vella

Twieled fiż-Żebbiegħ fl-1 ta' Novembru 1946 u sar kappillan 14 ta' Lulju 1980. Fi żmienu sar l-aħħar restawr tal-vara, 25 sena ilu. Meta tlestiet, fit-30 ta' Lulju 1986, il-vara nħarġet fuq l-ispallejn mill-Imdina sas-Saqqajja u nġarret sal-Imqabba fuq trakk. Dan il-kappillan laqagħha f'tarf Triq il-Belt Valletta, kixifha, berikha u wassalha sal-knisja, fejn waslet għall-ħabta tal-23:30, akkumpanjata mill-Banda Re Ġorġ V, mill-isparar tal-murtali u mid-daqq tal-qniepen bil-kbir. Fi tmiem
















L-abbozz għall-induratura ta' Horace Farrugia

# Int kolloks sbejħa O Marija!

Ritratti: Jonathan Farrugia
Mark Micallef
Jonathan Mifsud

dan ir-restawr l-istellarju tad-deheb tal-vara kompla jiżżejjen b'aktar djamanti u rużetti fuq kull stilla. Kien grazzi għal dan il-kappillan li l-vara tal-Assunta saret l-ewwel vara fl-Imqabba li fi tmiem il-purċissjoni bdiet tiddawwar tħares lejn il-poplu, proprju fl-1983.

## Dun Joe Bartolo

Twieled il-Gżira fil-15 ta' Ġunju 1944 u ħa l-pussess bħala kappillan fl-1 ta' Jannar 1992. Fl-1998 tnaddaf il-pedestall tal-fidda b'mod professjonali għall-ewwel darba. Fi żmien dan il-kappillan ukoll saru l-festi straordinarji fl-aħħar ta' Ottubru tas-sena 2000 biex jimmarkaw il-50 anniversarju mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta. Il-vara reġgħet ġiet esposta fil-knisja fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru u nħarġet f'purċissjoni għal din l-okkażjoni.

## Dun Nazzaren Caruana

Twieled fit-22 ta' Frar 1947 u beda l-ħidma pastorali tiegħu fl-Imqabba fl-10 ta' Ottubru 2004. Il-kappillan preżenti ġab il-permessi meħtieġa biex għal din is-sena anniversarja jsiru mill-ġdid is-sitt xemgħat impittrin ta' madwar il-vara kif ukoll biex isiru festi straordinarji fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru sal-1 ta' Novembru bħala l-qofol tal-anniversarju li qed tiċċelebra l-parroċċa din is-sena.

## 2. Artisti u professjonisti

L-istatwa hija oġġett artistiku u bilfors li fost l-ismijiet marbutin magħha nsibu wkoll numru sabiħ ta' artisti li taw sehemhom biex ħolquha u biex żejjnuha. Ma' dawn jidħlu wkoll professjonisti oħrajn li kellhom sehem fl-ordni ċivili fil-manifattura ta' dan il-kapulavur.

## Xandru Farrugia

Twieled fiż-Żejtun fit-2 ta' Frar 1791. Studja taħt il-kbir Marjanu Gerada. Fost l-istatwi li għamel insibu dawk tal-Madonna tar-Rużarju f'Ħal Għaxaq u fx-Xagħra, dik tal-Madonna tal-Katina f'Senglea u dik ta' San Mikiel fir-Rabat ta' Għawdex u dik ta' San Pawl f'Ħal Safi. Il-kapulavur tiegħu huwa meqjus li hu l-vara ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, imma tant saru modifiki fuqha (anke rasha tbiddlet) li bil-kemm għadha tintagħraf minn kif kienet meta ħarġet minn id Xandru. Ta' warajha hija l-vara meraviljuża tal-Assunzjoni, minquxa fl-1836 li, għall-kuntlarju, għadha intatta kif ħoloqha l-iskultur ħlief għal tnejn mill-uċuħ tal-anġli li nkisru fil-gwerra. Bil-vara titulari ta' Santa Marija Xandru rabat ismu għal dejjem mal-Imqabba b'mod li ebda artist ieħor ma jista' jagħmel.



## Massimiliano Menville Troisi

Dan kien in-nutar li quddiemu sar il-kuntratt tal-vara nhar it-30 ta' Ottubru 1835. Ix-xhieda kienu Angelo Caruana (minn Ħal Tarxien) u Ġużeppi Xuereb (miż-Żejtun). Huwa kien attiv fis-snin bejn l-1798 u l-1843.

## Is-sorijiet ta' Santa Katarina tal-belt

Mit-testimonjanza li ħalla l-kappillan Caruana nafu li das-sorijiet ħadmu l-ewwel bukkett li żejjen il-vara biex inġiebet miż-żejtun. Fi tmiem it-trasport solenni, dal-bukkett ingħata lill-ammirall tal-armata li ġiet l-Imqabba tagħti s-salut. Dan il-monasteru, li jinsab fi Triq ir-Repubblika, jaf il-bidu tiegħu minn legat magħmul fl-1580 mill-Markiż Giovanni Vasco-Oliviero u martu Katarina. L-ordni klawstrali ġie rikonoxxut fl-1606. Fl-1850 ħaddnu r-regola Agostinjana, li għadhom isegwu sal-lum. Matul is-sekli das-sorijiet kisbu fama kbira bħala nies tas-sengħa fir-rakkmu, fil-ħjata u fil-manifattura tal-fjuri tal-ganutell.

## It-tabib Arkanġlu Pullicino

Meta nġiebet l-istatwa miż-Żejtun sal-Imqabba tnejn mit-tliet arki trijonfali li kien bena Dun Bernard kellhom fuqhom xi skrizzjonijiet bil-Latin. Dawn kienu saru mit-tabib Pullicino.

## Abram Gatt

Twieled f'Bormla fl-4 ta' Ottubru 1863 u kellu jsir wieħed mill-aqwa artisti u disinjaturi Maltin tas-seklu XX. Tgħallem għand Lazzru Pisani u Karlu Darmanin, imma spiċċa biex sar wisq aqwa minnhom. Meta beda l-ġbir għall-pedestall tal-fidda fl-1923, Gatt kien dak li ntagħżel biex jiddisinjah. Kien diġà ħadem xi xogħol għall-każin Giorgio V, fosthom il-pedestalli tal-appostli u l-iskultura tal-kolonna tal-Inkurunazzjoni. Barra d-disinn tal-pedestall, Gatt ħażżeż ukoll id-disinn tal-bradella prezzjuża li terfa' l-vara fit-tliet ġimgħat tal-festa. Ma dawn iddisinja wkoll il-gastri tal-fidda ta' madwar il-vara, li saru wara mewtu. Fl-1936 ddisinja u ħadem ukoll il-ġilandra ta' Corpus. Il-parroċċa tagħna għandha tassew għalfejn tiftaħar li għandha opri tant sbieħ u uniċi li ħarġu minn id artist daqshekk kbir.

## Emmaunel Buhagiar

Buhagiar twieled fil-Birgu fis-16 ta' Diċembru 1876 u kien skultur u disinjatur mill-iprem, li spiss ħadem id f'id ma' Abram Gatt. Għall-Imqabba huwa ħadem il-mudell tal-qabar li mbagħad kellu jsir tal-fidda, kif ukoll naqqax u nterzja l-bradella l-prima tal-parroċċa – dik tal-vara titulari. Fost ix-xogħlijiet ta' Buhagiar din il-bradella hija waħda mill-isbaħ u bla dubju wara l-vara hija l-isbaħ xogħol fl-injam li nsibu fil-knsija parrokkjali tar-raħal tagħna. Lejn it-tmiem ta' ħajtu ddisinja u ħadem ukoll il-bradella tal-Madonna tal-Ġilju.

## Id-ditta Antonio Ghezzi e figli

Din id-ditta kienet imwaqqfa f'Milan u kienet tispeċjalizza fil-manifattura ta' oġġetti liturġiċi u sagri. Il-pedestall tal-fidda għall-vara ta' Marija Assunta kien wieħed mill-akbar opri li għamlet din id-ditta. Baqgħet teżisti sas-snin ħamsin meta miet l-aħħar iben ta' Antonio Ghezzi, li fi żmienu sar il-pedestall tal-parroċċa tagħna.

## Id-ditta Ferdinando Stuflesser

Din ukoll hija kumpanija, imwaqqfa fl-Awstrija, li tispeċjalizza fil-manifattura ta' oġġetti liturġiċi, l-aktar statwi tal-injam. Din il-kumpanija ħadmet l-appostli ta' mal-

bradella ta' Santa Marija, minquxin fl-injam tas-*sycamore*.

## Dun Ġużepp Portelli

Twieled fil-31 ta' Jannar 1920 f'Bormla u f'żgħożitu mar joqgħod fiż-Żurrieq fi żmien il-gwerra u baqa' joqgħod hemm sa ma miet fit-13 ta' Diċembru 1993. Hu ddisinja l-gandlieri tal-metall li jintramaw madwar il-vara ta' Santa Marija fil-ġranet tal-festi.



## Samwel Bugeja

Twieled fir-Rabat fis-27 ta' April 1920 u kien imħarreġ sewwa fl-arti għax studja taħt diversi artisti Maltin rinomati. Fl-1966 hu rrestawra l-vara ta' Santa Marija u l-bradella tagħha fil-mużew tal-katidral tal-Imdina waqt li kien qed jirrestawra l-affreski tal-knisja katidrali. Għamel ukoll diversi statwi, fosthom dik tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid.

## Manwel Sciberras

Fi żmien meta l-arti tal-ganutell kienet kważi ntesiet, il-familja Sciberras tal-Qrendi żammet ħajja din is-sengħa. Manwel twieled fil-Qrendi fis-7 ta' Frar 1907 u permezz ta' ħafna esperimenti personali rnexxielu joħloq stil tiegħu fil-ħidma tal-fjuri tal-ganutell. Huwa ħadem ħafna fjuretti għall-maġġur parti tal-knejjes ta' Malta. Il-fjuretti kollha li nsibu fl-Imqabba li nħadmu sas-snin sebgħin inħadmu minnu. Fost l-ewwel xogħlijiet tiegħu għall-parroċċa tagħna hemm l-erba' fjuretti prezzjużi tal-ganutell u l-lama li jintramaw madwar il-vara ta' Santa Marija li saru fl-1967 u swew £65.





## Horace Farrugia

Bla dubju hu wieħed mill-aqwa induraturi u disinjaturi ta' żmienna. Fl-1986 lilu ġie fdat ir-restawr, l-isgraffit u l-induratura tal-vara titulari tal-Imqabba fl-okkażjoni tal-150 sena mill-miġja tagħha. Għaliha ħoloq disinn ġdid. Ir-riżultat kien meravilja ta' nduratura u disinni li m'hawnx bħalhom fl-Imqabba. Fl-2010 hu stess reġa' naddaf l-istatwa minn xi ġdiem li kellha minħabba t-trab tal-murtali.



## Michael Camilleri-Cauchi

Iben l-istatwarju famuż Wistin Camilleri, Michael twieled fir-Rabat ta' Għawdex fit-3 ta' Frar 1951. Studja l-arti ma missieru kif ukoll ma' artisti bħal Emvin Cremona. Malajr wera l-kapaċità tiegħu b'mod speċjali fejn tidħol il-manifattura tal-istatwi u l-espressjoni ta' wiċċhom. Bla dubju huwa l-għola awtorità fil-gżejjer Maltin fejn jidħol ir-restawr tal-karnaġġjon tal-istatwi tal-knejjes – fil-fatt ħa ħsieb il-karnaġġjon ta' aktar minn 40 statwa, fosthom il-vara għażiża tagħna wara r-restawr ta' Farrugia.



## Rosario Zammit

Twieled fl-Imqabba fit-13 ta' April 1948, iben Antonio, artist ieħor li għamel ġieħ lill-Imqabba. Fost il-ħafna xogħol li għamel fir-raħal tagħna huwa sebbaħ in-niċċa tal-vara titulari wara r-restawr tal-1986 u din is-sena pitter ix-xemgħat il-ġodda ta' mal-vara li qed jiżżanżnu fl-okkażjoni tal-festa anniversarja. Barra minn hekk fil-knisja parrokkjali tal-Assunta ddekora n-niċeċ tal-vari l-oħra u l-battisterju, irħama u ndura ċ-ċinta, għamel l-anġli għall-erba' pilastri maġġuri kif ukoll pitter is-saqaf tal-knisja tad-Duluri. Naqqax ukoll il-bust tal-Madonna tal-Ġilju fuq il-faċċata tal-każin.

## Tarcisio Cassar

Twieled fiż-Żejtun fit-18 ta' Frar 1934 u huwa arġentier mill-iprem ġej minn familja ta' arġentiera. Fl-1998 naddaf il-pedestall, l-istellarju



Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
A Wide range of Wedding Cars for Hire • Taxi Service • Mini Bus Service 24 Hours a Day • Rent Cars
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun Tel: 21 693247 / 21 694212 • Mobile: 9949 8829




Horace Spiteri
Tan-Newwes
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta jew ta' Barra • Fjuri • Reffija • Permessi
• Karozzi tal-Mejtin • Karozzi Privati • Xandir fuq ir-Radju • Santi • Defina
u dak kollu li ghandhom x'jaqsmu mal-Funerali.
Prezzijiet Moderati
24 Siegha Servizz
'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele. Żejtun
Mobile: 9949 8829 • Tel: 2169 4212 / 2169 3247

u s-sandli l-vara. Din kienet l-ewwel darba li l-vara nqalgħet minn fuq il-pedestall u ġie konfermat li l-pedestall huwa magħmul minn aktar minn 200 biċċa fidda. Fost ix-xogħolijiet l-oħra li għamel fil-fidda nsemmu r-rigali li ngħataw lill-Papiet u lir-Reġina meta ġew Malta, ir-relikwarju ewlieni ta' San Ġorġ Preca, u l-kuruna tad-deheb u r-raġġiera tal-fidda għall-istatwa ta' Marija Bambina fix-Xagħra.

### 3. Benefatturi

Naturalment biex proġett ikun jista' jsir realtà dejjem ikun jinvolvi ċertu ammont ta' spejjeż. U hawn jidħlu fl-istampa l-benefatturi. Dawn mhumiex biss dawk li-individwi li daħħlu jdejhom fil-but u ħarġu l-flus, imma wkoll dawk li stinkaw u ħadmu biex il-ġbir ikun organizzat.

### Joseph Bugeja, Emmanuel Zammit, Ġużeppi Marija Mallia, Lorenzo Zammit

Dawn l-erba' rġiel ħadu ħsieb li jinġabru l-flus għall-pedestall sarkofagu tal-fidda li għadu sal-lum iżejjen il-vara tal-parroċċa. Bugeja kien president taċ-Circolo Giorgio V bejn l-1925 u 1949. Kien hu li ħeġġeġ biex fl-1923 jerġa' jibda jsir il-ġbir għal dan il-pedestall wara li kien sfaxxa l-proġett fi żmien il-kappillan Bonanno. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalih li l-pedestall iżżanżan fi żmien il-presidenza tiegħu. Emmanuel Zammit, Ġużeppi Mallia u Lorenzo Zammit kienu l-irġiel ħabrieka li ħadu ħsieb il-ġbir tal-fondi ta' sold kull nhar ta' Ħadd mill-familji u l-investimenti ta' dawn il-flus biex jitkattru. Il-ktieb tal-kontijiet miżmuma minn dawn l-irġiel reġa' tfaċċa dan l-aħħar u jinsab fl-uffiċċju parrokkjali.

### Lord Gerald Strickland

L-istorja tgħidilna li waqt waħda mill-ġabriet ta' nhar ta' Ħadd Strickland kien qed jagħmel meeting politiku fl-Imqabba u meta sar jaf il-ġbir għala kien qed isir, huwa kien pront ta £10. Strickland imbagħad sar Prim Ministru ta' Malta bejn l-1927 u l-1930.

### Mikiel Zammit u Grazzja Inguanez

Il-*Mejlaq* u l-mara tiegħu kienu fost l-aktar nies benestanti fl-Imqabba. Meta beda l-ġbir għall-pedestall tal-fidda Mikiel għamel imħatra ma' dawk li kienu qed jiġbru li jekk huma jiġbru l-£400 meħtieġa għall-pedestall, hu jħallas għal bradella ġdida. Is-somma nġabret u l-koppja żammew kelmithom. Sar ir-rikors fit-12 ta' Jannar 1927 li ġie milqugħ fit-22 ta' Frar. Sena wara, flimkien mal-pedestall iżżanżnet il-bradella l-prima tal-parroċċa. Tliet snin wara Zammit ħallas ukoll għall-qanpiena l-kbira tal-Imqabba, li hija magħrufha bħala waħda mill-qniepen bl-isbaħ ħoss f'Malta.

### Anġlu u Grazzja Mallia

Waħda min-neputijiet tal-aħwa Anġlu u Grazzja qaltli li zijietha kienu ħallsu għall-anġli li hemm mas-sħab fuq wara tal-vara u għas-sandli tad-deheb. Meta fittixt fil-kuntratt tat-30 ta' Ottubru 1835 sibt li l-istatwa ġiet ordnata b'4 anġli mas-sħab, tnejn quddiem u tnejn wara, apparti l-anġlu wieqaf. Din kienet l-unika varjazzjoni speċifika bejn l-istatwa tal-Imqabba u dik ta' Ħal Għaxaq. Iżda fil-lista tal-opri li saru fi żmien Dun Gerald Mangion jissemmew 2 anġli għall-vara. X'ġara? Jien niftakar li kienu jgħidu li sal-1986 iż-żewġ anġli ta' wara u l-ġwienaħ tal-anġlu l-kbir kienu jinqalgħu biex il-vara tkun tista' tidħol fin-niċċa, li mbagħad tkabbret. Probabilment li fi żmien il-gwerra l-anġli ta' wara kienu miżmumin x'imkien fil-knisja u ntilfu meta din iġġarrfet. L-anġli li saru ġodda wara l-gwerra, li tħallsu minn Anġlu (u li sfortunatament ma nafux min għamilhom), saru eżatt bl-istess wiċċ bħal dawk li baqgħu sħaħ. Wara r-restawr tal-1986 meta ġew biex jitwaħħlu f'posthom wieħed minn ta' quddiem tpoġġa wara għax kien jidher b'wiċċu wisq la ġenba, u floku tpoġġa wieħed mill-ġodda. Grazzja ħallset għas-sandli tad-deheb bid-djamanti li għandha f'sieqha l-Madonna. Dan kien l-ewwel sandli tad-deheb li sar fuq vara fl-Imqabba.

### Ġużeppi Zammit

Fuq inizjattiva tal-kappillan Bianco, Zammit ħallas £65 għall-fjuretti l-ġodda li saru għall-vara sena wara r-restawr tal-1966.



### L-Imqabbin ta' kull żmien...

... tal-bieraħ u tal-lum li ħabbew lil Santa Marija, il-patruna tagħhom ilkoll, li riedu li ssir din il-ġawhra għażiża, li għamlu s-sagrifiċċji biex ħallsu għaliha, għall-manutenzjoni u t-tisbiħ tagħha, li dakinhar tal-14 ta' Awwissu 1836 żejjnu t-toroq miż-Żejtun sal-Imqabba bil-fjuri u dawwlu r-raħal kollu bil-lampi taż-żejt biex jilqgħu lir-Reġina fil-wasla tagħha fir-raħal iddedikat lilha, li llum għadhom kull sena jsebbħu r-raħal fil-ġranet tal-festa u jsebbħu l-knisja bl-attendenza eżemplari fil-funzjonijiet kollha u li ma ddejjqux jagħtu d-deheb prezzjuż tagħhom biex darba f'sena jkomplu jżidu mal-ġmiel inkomparabbli tagħha.


Coca-Cola
Coca-Cola open happiness
www.mycoke.com.mt

A QUALITY SERVICE YOU CAN RELY ON

Elmo INSURANCE




**Bellizzi Services Ltd. • Tel: Tel. 21642519 • Fax: 21689791 • bellizziservices@gmail.com**

Bellizzi Services Ltd, 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021

Elmo Insurance Ltd., Head Office, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Tel: 2343 0000, Fax: 2134 5037, www.elmogroup.com

Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry out tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

GRAF FAI Auto Parts

do not waste your time going around stop at

MAŻINI AUTOPARTS & ACCESSORIES

QH WÜRTH Valeo Japanparts Gates ICER

FERODO AISIN MONROE

where you will find

everything under one roof

*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465

# J&J

## BOATYARD & WAREHOUSING

Ta' Għadajma l/o Mqabba
(near ST Micro Electronics)

**m: 99995020 / 79495020**



State-of-the-art Facilities
24 hrs x 7 onsite Security
CCTV recordings all around
All time access to pass holders









**Rental charges**
garages 250sqm - 600sqm - €39.50/sqm yearly
boatyard & caravans -€16.30/r ft yearly
internal boat storage -€32.60/r ft yearly

**your storage partner**




# Verżjoni moderna tal-Arma tas-Soċjetà

Is-Sur Chris Schembri Baldacchino

Jekk wieħed iħares lura lejn l-istorja tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, isib li oriġinarjament l-arma tas-Soċjetà kienet kemxejn differenti minn dik nafu preżentement. Hu mifhum li, sa mill-bidu, l-eqdem verżjoni tal-arma hija kienet dik li nsibu rrakmata fl-istandart l-antik, li llum jinsab esebit fil-kamra tal-kumitat.

Meta fl-1990 nbidel l-isem tas-Soċjetà għal 'Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V', żdiedu l-istilel minkejja li l-elementi essenzjali tal-arma (cioe il-kuruna, ix-xettru u l-imħadda) qatt ma nbidlu. Kien f'dan il-waqt li arma l-ġdida ngħatat stil skont ix-xejriet riduzzjonisti popolari fl-arti ta' dak iż-żmien.

Fl-2010 fl-okkażjoni tas-sena ċentinarja tas-Soċjetà, l-arma ġiet aġġornata għaż-żminijiet kontemporanji billi ngħatat dehra moderna permezz tal-effett tri-dimensjonali. Matul il-proċess tal-modifika, inżammet l-attenzjoni biex il-bidla ma tkunx waħda radikali kif ukoll li l-elementi essenzjali tad-disinn jinżammu kollha. Fil-fatt, dawn tal-aħħar ġew imsebbħa b'mod li jkunu aktar simili għall-arma oriġinali li hemm fuq l-istandart l-antik, kif ukoll li l-istilel saru b'6 ponot biex jixbhu dawk tal-vara titulari. B'hekk, apparti li ngħatatilha dehra isbaħ, l-arma issa tirrifletti aktar minn qatt qabel dik tal-passat impekkabbli tas-Soċjetà, liema soċjetà kienet dejjem kapaċi tevolvi lilha nnifisha maż-żminijiet filwaqt li żżomm konsistenti l-prinċipji li hija tħaddan.

Ix-xogħol tal-grafika fuq l-arma sar mis-Sur Chris Schembri Baldacchino; membru fi ħdan l-istess Soċjetà u bandist mal-Banda Re Ġorġ V. Il-verżjoni finali tal-arma ġiet ippreżentata lis-Soċjetà nhar is-26 ta' Diċembru 2010 fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni uffiċjali tal-estensjoni tal-Każin. Din tinsab esebita fit-taraġ ewlieni tal-Każin, kif ukoll (b'ringrazzjament lill-benefattur tas-Soċjetà) qed issebbaħ l-entratura ta' dan il-palazz meraviljuż.



*Is-Sur Chris Schembri Baldacchino jippreżenta l-verżjoni l-ġdida tal-arma tas-Soċjetà lill-president tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra, nhar is-26 ta' Diċembru 2010.*




*L-Ewwel arma tas-Soċjetà.*




*It-tieni verżjoni tal-arma li saret fl-1990.*




*Il-verżjoni l-ġdida tal-Arma tas-Soċjetà. Ippreżentata uffiċjalment nhar is-26 ta' Diċembru 2010.*

i1 CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420

*Panel Beating • Spray Painting*
**Lawrence Grixti**

**DEMSWEET**
**Garage**

Sejba Road, Mqabba
Mob: 9945 5636
Tel: 2164 2992

## Apprezzament




# Ġużepp Ghigo

Is-Sur Patrick Ghigo

Minn meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel u bdejt niffrekwenta l-każin tas-Soċjetà Santa Marija, dejjem kelli ammirazzjoni lejn persuna li spiss kont ninnota fuq it-taraġ tal-każin jew fl-intrata, tiddiskuti ma' rġiel oħra u tispjega bir-reqqa u fid-dettall kull diskursata li kienet tqum.

Aktar ma bdejt nikber, aktar bdejt ninduna kemm Ġużepp Ghigo, jew kif konna nsibuh aħjar 'in-Naqxi', kien bniedem ta' intelliġenza, perfezzjonist, ħabrieki u bniedem li



Is-Sur Joseph Ghigo mal-Arloġġ. Waħda mill-biċċiet Nar tal-Art innovattivi li pproduċa hu stess.



Is-Sur Joseph Ghigo, ma' waħda mill-biċċiet Nar tal-Art innovattivi li kien jagħmel.

f'ħajtu ra ħafna affarijiet li għallmuh u li hu, min-naħa tiegħu, għallem ħafna nies permezz tagħhom. Min jaf kemm ta pariri anke mhux fejn jirrigwarda l-festa jew is-Soċjetà.

Ġużepp Ghigo twieled fl-20 ta' Marzu, 1930, iben Ġużeppi u Ġulja mwielda Mallia. Wara li temm l-istudji skolastiċi tiegħu ġewwa s-Seminarju, f'Ħal Qormi, Ġuzepp ħadem bħala pustier u temm il-karriera tiegħu fil-kariga ta' Assistant Director tal-Posta. Huwa kien Segretarju tal-Każin u, wara, okkupa wkoll il-kariga ta' President ta' din is-Soċjetà mill-1975 sal-1977.

In-Naqxi kien ukoll wieħed milli ħadem bis-sħiħ biex giet akkwistata l-art magħrufa bħala Ta' Sapjan biex seta' jinbena l-Post tan-Nar eżistenti u għen ukoll fil-bini.

F'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà, fl-1960, ivvinta s-sistema tal-Universal Joint li ħolqot rivoluzzjoni sħiħa fin-nar tal-art u għadha tintuża sal-ġurnata tal-lum prattikament f'kull ħarqa nar tal-art li ssir f'dawn il-gżejjer.

Sena wara, ħareġ minn taħt idejh il-famuż 'arloġġ', li reġa' għamel 25 sena wara, fl-1986. L-'arloġġ' kien replika ta' dak tal-Knisja parrokkjali li kien saħansitra jdoqq it-tokki kull siegħa.

Barra minn hekk, ħadem ukoll biċċiet tan-nar tal-art li jaħdmu b'xogħol bil-katina, żiemel b'karettun warajh jiġbed ħmara, u xogħol pirotekniku ieħor li Ġużepp jibqa' magħruf għalih.

Ħadem ukoll diversi tipi ta' murtali li jinkludu beraq pront, beraq tal-kulur u murtali tal-kulur. Proprju 25 sena ilu, fl-okkażjoni




Is-Sur Joseph Ghigo mal-murtal kbir li kien ħadem hu stess u li kien ġie mlaqqam il-Grand Salam.

ta' għeluq il-150 sena mill-miġja tal-Vara Titulari fl-Imqabba, kienet l-aħħar sena li Ġużepp ħadem in-nar, fejn ippreżenta kaxxa tad-dhul li għadha tissemma u li kienet tinkludi għadd ta' murtali kkumnikati fl-istess kaxxa.

Ġużepp Ghigo kien ukoll benefattur tas-Soċjetà. Fis-snin tmenin, flimkien ma' ħutu Kola u l-mibki Dun Karm, għaddew biċċa art lis-Soċjetà tagħna li llum isservi bħala wieħed mill-imħażen.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V sellmet lil dan il-benefattur kbir meta ħalla din id-dinja fil-11 ta' Frar, 2011, fl-età ta' 80 sena. Ftit ġranet qabel ħalliena, Ġużepp bi pjaċir kbir esprima ruħu li kien ixxurtjat li ra l-ħolma tal-estensjoni tal-każin issir realtà.

Is-Soċjetà qatt mhi se tinsa nies bħalek waqt li tapprezza l-ġid li tħaddan u l-livell għoli milħuq kull sena fil-festa li parti minnu huwa grazzi għall-ġenerozità, l-għaqal u l-intelliġenza tiegħek, Żepp. Mhux ta' b'xejn kulħadd kellu ammirazzjoni kbira lejk.

Grazzi Ġużepp.

# TAX-XIHA RESTAURANT

Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq




*specialising in:*

**FRESH FISH AND MEAT**

***(A la Carte and Maltese Rabbit also available)***

**AND MANY SPECIAL DISHES**

*For reservations phone 21680684*

**Opening Hours (from 1st June onwards)**
**from 9.00am till 11.00pm**



Msida multi-level intersection



Msida multi-level intersection



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commercial Centre, Sliema



St.James Art Centre, Valletta

**BALLUT BLOCKS LTD.**

**Civil Engineering Contractors, Manufacturers of precast concrete products and suppliers of building materials.**

**Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar**
**Tel: 2157 3093, 2157 2666 • Fax: 2157 5562**

# SKIP HIRE




*Mini Skip Service*
*also available*

*Leli Camilleri*

Leli,
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba
Tel: 9947 4468



# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

## Apprezzament




# L-istatwa ta' Santa Marija

## (wara s-sena 1928)

Is-Sur Joseph Farrugia

Din is-sena qed infakkru l-175 sena mill-wasla tal-istatwa ta' Marija Assunta fil-parroċċa jagħtunaħna. Mid-dokumenti li għandna nafu li missirijietna għamlu l-almu kollu tagħhom biex lill-parroċċa tawha statwa artistika. Imma x'kien l-iskop ewlieni tagħhom? Irrid ngħid: x'kien is-siwi li taw statwa?

Mill-kotba tat-Testment il-Qadim, nafu li l-istatwi għall-qima ma kinux permessi. Dan nagħrfuh l-iktar minn dak li joħroġ mill-ewwel kmandament 'Jien hu Alla Sidek: ma jkollokx alla ieħor għajri'. Għall-Iżraelin, din il-liġi kienet stretta ħafna. Madankollu l-kultura pagana tal-pajjiżi ġirien li jqimu l-istatwi u xbihat ta' kull xorta, kienet isservi ta' tentazzjoni qawwija. Għalhekk ma kien xejn tal-għaġeb meta Mosè sabhom iqimu għoġol tad-deheb. San Pawl kien josserva sew din il-liġi u għax kien iħaddanha kellu l-inkwiet f'Efesu.

Allura kif fit-Testment il-Ġdid il-projbizzjoni tal-istatwi ma baqgħetx osservata? Insibu li l-Konċilju Ekumeniku ta' Niċea fis-sena 787 fehem u qabel mal-kunċett li l-inkarnazzjoni ta' Kristu man-natura t'Alla libset ukoll in-natura umana. Hekk aħna stajna nifhmu aħjar it-tagħlim li tana l-Iben t'Alla inkarnat. Mela, la Alla, li ħadd qatt ma ra, issa bagħtilna l-Ibnu f'sura ta' bniedem, aħna nistgħu ninqdew bi xbihat u figuri ta' Qaddisin: hekk it-talb tagħna jasal għand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddisin, li fis-sura ta' statwi u xbihat aħna nqimu.

Niġi issa għal dak li jirrigwarda l-istatwa ta' Santa Marija fl-Imqabba. Jidhirli li l-istorja mill-preparamenti sal-wasla tagħha fir-raħal u t-tisbiħ u t-tibdil li sar fl-istatwa sal-1928 hi magħrufa sew. Dun Jonathan Farrugia ppubblika tagħrif dettaljat fuq l-istatwa mill-ħsieb li ssir sal-wasla tagħha fil-knisja tagħna u wara.[1] Ms Carmen Lia tatna tagħrif storiku ta' nota dwar il-pedestall sarkofagu tal-fidda u bradella ġdida fl-1928.[2]

Minn dokument f'idejn Mons. Rev Dun Joe Bugeja ffirmat minn Abram Gatt bid-data tal-5 ta' Novembru 1930, nifhem li missieru, is-Sur Joseph Bugeja, li kien ta sehem qawwi biex sar il-pedestall sarkofagu, issa kien qed jaħseb fil-gastri għal mal-istatwa bħala l-pass li jmiss. Dan id-dokument jittratta d-dettalji tax-xogħol u l-kwalità tal-fidda. Meta fl-1939, is-Sur Lorenzo Zammit tħajjar jagħmel dawn il-gastri sa kellu f'idejh il-mudell fuq disinn ta' Abram Gatt, inqala' intopp dwar id-disinn. Ġiet il-gwerra u l-proġett waqaf hemm.

Kienet sorpriża sabiħa meta, fl-aħħar nofs tas-snin ħamsin, il-Kappillan Dun Ġerald Mangion ħabbar fl-ewwel quddiesa tal-Ħadd - Ħruġ il-vara min-niċċa, li l-istatwa ta' Santa Marija ġiet mogħnija b'sett gastri tal-fidda minn donatur anonimu. Maż-żmien sirt naf mis-Sur Ġanni (Ġakki) Zammit li dawn il-gastri kienu regalati miz-zija tiegħu, Mari'Anna Zammit (1870-1957) bint Michele u Concetta. Wara l-kappillan stess qalli kif kien għamel biex il-gastri nħadmu fuq disinn t'Abram Gatt u li l-mudell tagħhom ġie ġentilment misluf mis-Sur Lorenzo Zammit. F'dan iż-żmien, il-bradella ġiet illustrata għand il-magħruf Antonio Buhagiar u l-istatwa ġiet mogħtija l-verniċ. Maż-żmien, il-verniċ affettwa l-kulur tal-libsa tal-Madonna. Għad li fl-1960 il-kappillan Mangion kien qed jaħseb biex inaddaf l-istatwa, ix-xogħol sar fi żmien il-kappillan Dun Karm Bianco fl-1967. L-istatwa tnaddfet mir-restawratur Samuel Bugeja fis-seminarju tal-Imdina u nġiebet lura r-raħal nhar il-Ħadd 6 t'Awwissu 1967. L-istatwa ntramat fuq il-bradella ħdejn l-għassa tal-pulizija, tbierket mill-kappillan u tnizżlet proċessjonalment għall-knisja akkumpanjata mill-banda Re Ġorġ V.

Fl-1986, l-istatwa ġiet indurata mill-ġdid minn Horace Farrugia f'għeluq il-150 sena fost l-Imqabbin[3]. F'din l-okkażjoni, fuq inizjattiva personali tas-Sinjura Eliża Buttiġieġ flimkien mas-Sinjorina Katerina Zammit sar raġġiera tal-fidda mastizz li għandha l-istatwa. Għal dan l-iskop, huma waqqfu arbular biex jitħallsu l-ispejjeż.

Itfa' Rendikont tal-istatwa.

Ix-xogħol fuq l-istellarju magħmul minn fidda mastizz sar mid-ditta tal-arġentier 'Gerald Jewellery' tar-Rabat Malta. Fl-1998 tnaddaf għall-ewwel darba l-pedestall sarkofagu tal-istatwa ta' Santa Marija mill-arġentier Tarcisio Cassar taż-Żejtun[4]. Noħlom li għad nara l-istorja tal-istatwa ta' Santa Marija miġbura fi ktejjeb!

**Referenzi**

1 Rev. Dun Jonathan Farrugia B.A. (Hons), B.A.T. & H.S., S.Th.B, S.Th.L; Il-vara titulari tal-Assunzjoni tagħlaq


Mqabba F.C.
Snack Bar, Pizzeria, Take away, Pasta & Grills (Menu available at the Bar)
Watch LIVE sports on 3 different Screens (All in HD)
Genuine appetizers served 7 days a week
Organised Meals (fenkati, laħam taż-żiemel, etc.)
Opening hours : From 7:00 a.m. till late
For more info contact : 21642774; 79421865; 79205407
Find us on Facebook
Mqabba Fc Bar


time for a larger home
Once upon a time you chose your dream home. Now you need a larger home and there has never been a better time to buy one. Speak to us today and discover the range of benefits that can make this step a simple and affordable one.
Your success is our goal.
BOV HOME LOANS
2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta
BOV 27444
Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply. The term of the loan must not go beyond retirement age.
BOV
Bank of Valletta

165 sena – Ktejjeb Festa Santa Marija, L-Imqabba - 2001 p.55-67.

2 Ms. Carmen Lia B.Ed (Hons) B.A.; Qabar tal-Fidda u Bradella ġdida għall-istatwa Titulari tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni – 75 sena ilu. Ktejjeb Festa Santa Marija – 2003 pg 57-61.

3 Ktejjeb Festa Santa Marija – 1987 pg 13-17.

4 Ms Carmen Lia B.Ed (Hons) B.A.; L-Istatwa titulari tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni għat-tieni darba fl-istorja tagħha ġewwa ż-Żejtun – isir tindif tal-pedestall sarkofagu – Ktejjeb Festa Santa Marija 1998 pg 113-115.

**Noti ta' tagħrif**

1. Mario Buhagiar, f'apprezzament fis-Sunday Times tat-30 t'Awwissu 1998, isemmi t-tiswija li saret minn missieru Antonio, fuq l-istatwa ta' Santa Marija tal-Imqabba. Tul ħajti ma naf xejn li qatt saret xi tiswija fl-istatwa. Biss hemm possibbiltà li sar xi ħaġa fuq il-puttini tal-faċċata tal-vara kmieni wara l-gwerra. Ġralhom xi ħsara fil-gwerra? Fiż-żgur ma naf xejn.
2. Malli Lorenzo Zammit sar jaf li l-bradella (li kien għamel missieru Mikiel) kienet għand is-Sur Buhagiar ta' Ħal Tarxien għal-lostru informa lill-kappillan li l-busti tal-appostli li hemm fil-bankun kienu illustrati bix-xema' mill-fabbrika meta saru ġodda. Il-kappillan informa minnufih lill-illustratur fejn dan tal-aħħar qallu li hu kien ġa illustrahom.
3. Fl-1960, il-kappillan ried jiġbor il-mudell tal-gastri ta' mal-vara mingħand l-arġentier Cassar ta' Bormla biex jirritornah lil Lorenzo Zammit. Irriżulta li l-arġentier kien qatta' l-mudell f'ħafna biċċiet biex jimmudella fuqhom.


Rendikont.

| | |
|---|---|
| Indurar tal-Istellarju u 11 Rosetta | = 340 |
| Tiswija tad-deheb | = 16 |
| Tindif tal-pedestall ta' Santa Marija | = 40 |
| Restawr tal-Anġlu tal-istatwa | = 12 |
| Total | = 408 |

Eliża Buttiġieġ.


**GERALD JEWELLERY**
**GERALD ATTARD**
St. Rita Street, Rabat - Malta

L-Istellarju ġie indurat bid-deheb u twaħħlu ħdax-il Rosetta tal-fidda b'sebà djamanti f'kull stilla, deheb
[illegible]

Is-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V
tawgura l-Festi t-Tajba
lil kulħadd
speċjalment lil ħutna emigranti
barra minn xtutna.

BRAND IT
MERCHANDISING

www.branditmalta.com

For all your feast fund raising requirements .

Flags, T-Shirts, Keychains and more ...

Small quantities accepted

A Mompalao Trading Ltd
Carmel Street
Luqa LQA1312 - Malta

T (356) 21 257 411
M (356) 99 499 043
E info@branditmalta.com

IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi Tel: 2168 0006 Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net







Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims
Available Underseal & Rustproofing




# Bini tal-Estensjoni tal-Każin Re Ġorġ V – Soċjetà Santa Marija

Dr. Charles Sciberras MD

Is-sena 1999 rat ħolma kbira ssir realtà. Sa mill-1934 l-President is-Sur Joseph Bugeja flimkien mal-Kumitat u s-soċi tal-Każin Re Ġorġ V kienu diġà qegħdin iħossu l-ħtieġa li titkabbar is-Sede tas-Soċjetà li kienet għadha kif inxtrat. Fl-1949 beda jinbena sular ieħor, iżda dan ma kienx biżżejjed. Il-ħtieġa għal aktar estensjoni fil-konfini tal-Każin baqgħet tinħass. Iżda dan qatt ma sar minħabba raġunijiet varji. Għall-ħabrieki President s-Sur Carmel Zahra, flimkien mal-Kumitat, dan il-għan kien prijorità. L-unika possibbiltà li kien fadal kienet li tinxtara l-proprjetà ta' biswit il-Każin Nru 41, 42, 43 Pjazza tal-Knisja mingħand is-Sinjura Tereża Żammit (il-Fakkina). Għalhekk ma kinitx sorpriża li meta ġietu l-opportunità tad-deheb, dan ħatafha bil-galbu u l-għaqal kollu. Bil-ħeġġa u l-ġenerożità tal-partitarji warajh, il-President flimkien ma' sħabu s-Segretarju Carmel Ellul u l-Kaxxier Carmel Briffa resaq għall-kuntratt tax-xiri nhar il-11 ta' Marzu 1999. Fil-preżenza tagħhom kien hemm ukoll is-Sur Benny Camilleri flimkien mas-Sinjura tiegħu Mary li għoġobhom jisilfu somma ta' flus mingħajr imgħax. Wara dan il-kuntratt sar ieħor bejn il-Każin u s-Sur Lawrence Schembri biex seta' jsiru xi tpartit ta' kmamar u l-faċċata.

Fis-sena 2003, tlestew il-pjanti tal-estensjoni mill-Perit Dr. Edwin Mintoff u dawk tal-Faċċata mill-Perit Vince Centorino. Dawn il-pjanti, flimkien ma' artistic impressjonijiet artistiċi magħmula mis-Sur Omar Caruana, intwerew għas-sodisfazzjon tal-membri tas-Soċjetà sabiex min ried jagħmel xi suġġerimenti dan seta' jagħmilhom bil-liberta kollha. F'ċirkustanzi bħal dawn, id-diskussjonijiet ma naqsux, iżda finalment il-pjanti tal-estensjoni ġew approvati fil-Laqgħa Ġenerali li saret fl-4 ta' Mejju 2003. Il-permessi mal-MEPA saru fl-2004, u wara ħafna dewmien, diskussjonijiet u taqtigħ il-qalb, dawn finalment nħarġu fl-1 t'April 2008. Xi disinji mill-faċċata kellhom jinbidlu u fuq l-insistenza tal-istess Awtorità l-faċċata tal-pjan terran kellha tinbena fuq l-istess stil tal-faċċata oriġinali tal-post. Ma rridux ninsew li dan il-bini kien ser isir proprju fil-qalba tar-raħal u allura hija xi ħaġa normali li jkun hemm ħafna restrizzjonijiet u kundizzjonijiet marbuta mal-permessi maħruġa.

Issa t-tiġrija kienet kontra ż-żmien. Il-Festi Ċentinarji tas-sena 2010 kienu fil-qrib wisq. Għalhekk mħeġġa biż-żelu u d-determinazzjoni tas-Soċjetà kollha nbeda x-xogħol f'Ottubru 2008 mill-Kumpanija Zahra Ltd., li ntgħażlet bħala l-kuntrattur responsabbli għall-bini wara li saret l-evalwazzjoni tal-offerti magħmula minn diversi kuntratturi.

It-twaqqigħ tal-bini eżistenti sar metodikament u bil-galbu. Hekk ukoll sar it-tħammil u l-iskavar tal-art sabiex ikun jista' jsir s-sotterran ħalli 'l quddiem dan jintuża bħala workshop u maħżen għall-affarijiet tas-Soċjetà. Hekk kif issaqqaf dan il-pjan, inbeda x-xogħol fuq il-pjan terran. Għal raġunijiet ta' loġistika x-xogħol inbeda minn ġewwa għal barra, bil-faċċata tinbena l-aħħar. Min kien xettiku u beda jaħseb li dan il-proġett ambizzjuż kien jinsab fis-sħab, malajr biddel fehmtu hekk kif il-pjan terran beda jieħu l-forma. Dan is-sular tforna b'entratura alternattiva, taraġ sabiħ għas-sulari ta' fuq, tojlits, kif ukoll b'sala kbira biex takkumpanja s-sala eżistenti t'isfel. Il-bar tal-Każin għalhekk seta' jiġi rilokat u mibni mill-ġdid fuq stil modern u mgħammar kif jixraq lis-Soċjetà.

Fl-ewwel sular inbniet sala kbira, attrezzata bi kċina, ħalli tintuża għall-attivitajiet soċjali li jkunu ppjanati matul is-sena. B'hekk is-Sala Prinċipali tal-Każin, meqjusa bħala ġawhra artistika u ta' valur imprezzabbli, ma tibqax isservi għal dawn l-attivitajiet iżda ssir l-attrazzjoni prinċipali tal-Każin. Dan is-sular finalment tniffed mas-Sede prinċipali permess ta' taraġ bi ftit tarġiet.

Fit-tieni sular inbnew diversi kmamar li se jakkomodaw il-laqgħat regolari tal-Kumitat Eżekuttiv u dawk tad-diversi sottokumitati. Saru wkoll workshops imdaqqsin. Il-viżjoni tad-disinjaturi ma waqfitx hawn għax anke l-bejt se jkollu l-użu tiegħu. Hekk se jsir roof garden biex jakkomoda attivitajiet varji li jistgħu jsiru fil-ġranet sbieħ ta' matul s-sena, speċjalment dawk sajfin.

Is-sulari kollha huma mgħammra bit-tojlits u huma aċċessibbli għal kulħadd peress li minbarra taraġ konvenzjonali hemm ipproġettat li jsir elevator ukoll.

Dan ix-xogħol ta' bini sar kollu fl-iqsar żmien possibbli. Issa kien imiss li l-post jitlesta billi jsiru


fgp
The Garage Door People
We manufacture & supply all types of commercial,residential & industrial garage doors, industrial gates,barriers & remote control automations and misc. sheet metal works
FGP Ltd, 109, Valletta Road Luqa LQA1762
Tel: 21667107/8, 21673627, Fax: 21675384
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt


Zneiber
Confectionery
Professional Caterers
with the
Personal Touch
134, Triq il-Karmnu, Luqa
Tel: 2180 3999
Mob: 9988 3692



Tikħil tal-post



Żagħżagħ Jos Briffa,Matthew Borg, Matthew Spiteri
Jeremy Mercieca, Roderick Pace, Felix Galea, Jonathan Mifsud

s-servizzi tal-ilma, dawl u drenaġġ, kif ukoll t-tikħil u t-tqegħid tal-madum. Hawnhekk tispikka l-ħeġġa tal-partitarji ta' kull età u mingħajr distinzjoni. Żgħażagħ u partitarji maturi, membri tal-Kumitat u ħafna oħrajn meddew idejhom għal din l-isfida tat-tkomplija. Dawk li ma setgħux jgħinu manwalment, ikkontribwew finanzjarjament. Biċċa xogħol bħal din mimlija spejjeż kbar kienet tirrikjedi ħafna u ħafna ġenerożità finanzjarja kemm mill-partitarji kif ukoll minn benefatturi tas-Soċjetà tagħna, speċjalment kuntratturi varji li għoġobhom jagħtu kontribut finanzjarju kbir billi fornew ħafna materja prima bħal konkos, planki u ħadid. Ħajr kbir imur lil kumpaniji Ballut Blocks Ltd, Denfar Ltd, Elbros Construction Ltd, Polidano Brothers Ltd, Tar-Robba Ltd. Hawnhekk insemmi wkoll lil Benefattur ieħor li xtaq jibqa' anonimu imma ismu jibqa' mfakkar matul ż-żminijiet. Ta' min jirringrazzja wkoll lill-partitarji u oħrajn li b'xi mod jew ieħor għenu finanzjarjament għax kienet kemm kienet l-offerta tagħhom aħna



Stadji varji tal-bini tal-faċċata

persważi li din ingħatat mill-qalb ġeneruża tagħhom u sforz l-imħabba li għandhom lejn is-Soċjetà Santa Marija.

Il-partitarji li taw sehemhom jibqgħu mfakkra minn ġenerazzjoniet futuri għall-ġenerożità tagħhom. Fost dawk li meddew idejhom ma nistgħux ma nsemmux lil grupp taż-żgħażagħ li taħt is-superviżjoni ta' partitarji akbar minnhom qattgħu ħin twil jaħdmu volontarjament biex seta' jsir it-tqattigħ ta' trinek, komunikazzjoni tad-drenaġġ u ħafna xogħol ieħor. Hekk għamlu Felix Galea, Joseph Briffa, Jeremy Mercieca, Jonathan Mifsud, Matthew Spiteri, Matthew Borg, Roderick Pace u ħafna oħrajn. Is-Sur Peter Psaila b'esperjenza kbira u megħjun minn oħrajn ħa ħsieb l-istallazzjoni tad-dawl u l-ilma. Ta' dan is-Soċjetà tirringrazzjah mill-qalb. Grazzi wkoll għandha tmur għat-tqegħid tal-madum tat-tojlits li sar mis-Sur Andrew Zammit u lis-Sur Pawlu Mifsud li lesta x-xogħol ta' tikħil tas-sala t'isfel. It-tikħil tal-estensjoni kien ser jieħu fit-tul minħabba l-kobor li hemm. Però bħalma diġà għedna l-qalb ġeneruża tal-partitarji tagħna hija kbira wisq. Għalhekk għal dawn l-ispejjeż tat-tikħil tal-appoġġi u l-kisi bil-ġibs kif ukoll tal-faċċata ndaħal s-Sur Martin Gaffarena li pprovda l-finanzi u l-ħaddiema u ta' dan aħna wkoll irridu nirringrazzjawh bil-kbir.

Il-membri tal-Kumitat ma qagħdux lura u l-preżenza tagħhom kienet il-ħin kollu ta' inkoraġġiment għall-partitarji kollha. Minbarra



# GREEN GARDEN

**Joe Borg**

*Joe ta' Lukardu tal-Fjuri*

**All Year round Growers of All Types of Flowers**

***Specialising in*** **Carnations, Gebra, Gladioli.**

Residence: 12, St Bartolomew Street, Qormi Tel: **2144 3723**
Ta' Kandja Nursery, l/o Siggiewi Tel: **2164 0467**
Fax: **2147 0335** Mob: **9945 8234**

# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

(ta' Rita)

Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 10.00am onwards (Summer Time)
Mondays Closed



*Waqt il-Quddiesa ta' ringrazzjament*



*Mistednin waqt ir-riċeviment*

x-xogħol manwali li għamlu, huma ħadmu wkoll bla heda minn wara l-kwinti biex setgħu jitlestew il-kuntratti, pjanti u disinni, permessi, jinstabu l-benefatturi kbar u jsir il-ġbir finanzjarju. Għalhekk grazzi kbira għandha tmur lejn il-ħabriek President is-Sur Carmel Zahra, is-Segretarju s-Sur Carmel Ellul, il-Kaxxier is-Sur Carmel Briffa, u d-Direttur tal-Każin is-Sur Anthony Farrugia, kif ukoll lejn il-Membri kollha tal-Kumitat Eżekuttiv u Sezzjonijiet varji li qegħdin fi ħdan is-Soċjetà ie Fergħa tan-Nisa, Żgħażagħ, Nar u Armar. Dawn kollha b'xi mod jew ieħor ikkontribwew biex din il-ħolma ssir realtà.

Matul il-bini ta' dan il-proġett kien essenzjali li l-ħajja ta' kuljum tas-Soċjetà tibqa' miexja normali kif ukoll kemm jista' jkun titnaqqas l-inkonvenjenza lis-Soċi u partitarji. Kien imperattiv li akkost ta' kollox is-Sede prinċipali tibqa' miftuħa kuljum sabiex tibqa' tilqa' lill-membri tagħha u tipprovdilhom il-post xieraq ta' mistrieħ. Għalhekk biex jintlaħaq dan il-għan kien deċiż li ż-żewġ binjiet jibqgħu momentarjament separati sabiex ix-xogħol tal-bini jibqa' miexi b'ritmu mgħaġġel u mingħajr periklu. Ġunju 2009 kien iż-żmien opportun sabiex jitwaqqa' l-ħajt li kien qed jifred iż-żewġ binjiet. Kien mument ta' emozzjoni kbira hekk kif il-Każin prinċipali ngħaqad mall-Estensjoni l-ġdida. Kulħadd seta' jammira l-kobor u d-dimensjoni ġdida li akkwista l-Każin.

Wara dan l-avveniment issa kien jonqos l-aħħar battuti biex dan il-proġett hekk ambizzjuż jitlesta. Il-mira tal-Kumitat dejjem kienet is-sena 2010 – is-sena tal-Ewwel Ċentinarju tas-Soċjetà tagħna lkoll. X'rigal isbaħ minn hekk stajna naghtu lit-Titular tagħna Ommna Marija Assunta li b'qima kbira aħna niċċelebraw il-Festa Grandjuza Tagħha fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena? U x'rigal isbaħ minn hekk kien jixraq lil missirijietna, l-partitarji u benefatturi ta' qabilna li proprju fl-1910 welldu din is-Soċjetà u li fl-1934 għanewha b'Każin hekk sabiħ? Kienet tmiss lilna x-xorti li nkomplu nsebbħu dak li tawna ta' qabilna billi għalenija dħalna għall-bini ta' din l-Estensjoni.



*Marċ*

Saru sforzi kbar biex ikun jista' jibda jitpoġġa l-madum tal-art, granit tat-taraġ u poġġaman, xogħol tal-aluminju u injam sabiex jitlestew il-bibien ta' barra u aperturi kif ukoll ix-xogħol taż-żebgħa L-ispejjeż dejjem kienu qegħdin jikbru. Imma anke r-ruħ u l-kuraġġ tagħna kibru u qamu għal din l-okkażjoni għax il-kontribuzzjonijiet ġenerużi baqgħu jsiru. Bdiet ukoll issir ir-rallokazzjoni tal-bar. Dan inbena mill-ġdid fuq stil modern u mgħammar b'aċċessorji ġodda u moderni. Il-ħsieb dejjem kien li l-partitarji jkollhom il-kumditajiet kollha – xi ħaġa li kienet tixraq għall-isforzi kbar li għamlu biex titlesta din l-estensjoni. Sal-Festa ta' Santa Marija 2010 ħafna mix-xogħol kien tlesta u kulħadd seta' jammira l-kobor u s-sbuħija tal-binja l-ġdida.

Kien jonqos issa l-ftuħ uffiċjali tal-estensjoni. Il-ġurnata mistennija thalliet għax-xahar ta' Diċembru ħalli dan l-akbar avveniment jagħlaq il-festi taċ-Ċentinarju. Kienet ix-xewqa wkoll ta' bosta mill-partitarji li din l-estensjoni tiġi inawgurata mill-President tas-Soċjetà Santa Marija, is-Sur Carmel Zahra flimkien mal-membri tal-Kumitat u l-Fergħat tas-Soċjetà. Kienet xewqa raġonevoli ħafna meta wieħed iqis li l-moħħ prinċipali wara dan kollu kien proprju l-istess President.

Kien il-Ħadd 26 ta' Diċembru, l-aħħar Ħadd tas-sena 2010. Din kienet il-ġurnata tant mistennija li fiha s-Soċjetà

Planning a party?

PISCOPO'S CASH & CARRY

can provide you with all your needs

Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives,
beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins,
balloons, disposable plates
and much much more!

All items at a discounted price!!

**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 2157 0265, 2157 0375**



Dolceria
Croce Bonaci

We are the originals

Over 100 years Experience
*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Tel/Fax: 2122 5924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933



*Taraġ*



*Sala*

Santa Marija laħqet il-qofol u l-quċċata tal-ewwel Ċentinarju tagħha. Kienet il-ġurnata meta saret l-inawgurazzjoni tal-Estensjoni tas-Sede tas-Soċjetà. Il-ġurnata kienet waħda b'temp sabiħ u mżejna b'żiffa xitwija.

Kif kien xieraq bdejna ċ-ċelebrazzjonijiet b'Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Patruna tal-Imqabbin kollha Santa Marija. Wara, bil-parteċipazzjoni tal-partitarji sar marċ brijuż mat-toroq tar-raħal mill-Banda Re Ġorġ V. Tħawlet ukoll siġra f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira sabiex tfakkar b'monument ħaj din l-okkażjoni u dan iċ-Ċentinarju. Ma' tmiem il-marċ saru quddiem is-Sede prinċipali diskorsi kommemorattivi mic-Chairman tal-Kummissjoni Dr. Charles Sciberras u mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra. Wara saret l-inawgurazzjoni uffiċjali mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra fil-preżenza tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Fergħat tas-Soċjetà. It-tberik sar mill-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana. L-ebda kitba ma tista' tiddeskrivi l-ferħ kbir li ħassew il-partitarji preżenti għal din iċ-ċerimonja hekk sinifikattiva. L-iskop u l-ħidma ta' kulħadd intlaħqu proprju f'dan il-mument. Ghalhekk kien xieraq li diversi mistednin distinti, soċi u partitarji attendew għal riċeviment kif kienet titlob din l-okkażjoni hekk ferrieħa.

Din l-estensjoni waslet wara snin ta' ħidma kbira kemm min-naħa tal-Kumitat kif ukoll mis-Soċi u partitarji biex minn ħolma saret realtà, proġett li nbeda f'Ottubru 2008 u tlesta f'temp daqshekk qasir sabiex ikun inawgurat proprju fis-Sena taċ-Ċentinarju. Dan juri biċ-ċar il-ħidma kontinwa u bla heda li għaddejja biha s-Soċjetà Santa Marija.

Wieħed jista' jiddeskrivi dan il-proġett bħala l-isbaħ rigal li s-Soċjetà setgħet tagħti lis-Soċi u l-partitarji sabiex ikun jista' jitgawda minnhom u mill-ġenerazzjonijiet futuri, rigal xieraq fl-okkażjoni tal-Ewwel Ċentinarju 1910 – 2010.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V terġa' għal darb'oħra tirringrazzja lil kull min ipparteċipa kemm fiżikament jew finanzjarjament biex din il-ħolma saret realtà. Tħeġġeġ lil kulħadd biex jgħożż dan il-bini u jara li ma ssir l-ebda ħsara. Wara kollox din il-ġawhra ta' Każin inbniet b'ħafna sagrifiċċji kemm minn missirijietna kif ukoll minna wkoll. Jonqos x'isir biex inkomplu nżejnu u nlibbsu l-Każin.

Is-sehem tagħna lkoll huwa importanti biex jintlaħaq dan il-għan. Hemm diversi skemi kif wieħed jista' jgħin finanzjarjament. Kull donazzjoni, żgħira jew kbira, ser tintlaqa' bil-qalb għax aħna nafu li din ser tingħata mill-qalb u skont il-mezzi ta' kull individwu.

Grazzi mill-qalb u prosit lis-Soċjetà Santa Marija.

Is-Soċjetà
Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tirringrazzja lil dawk kollha
li taw sehemhom
fil-proġett tal-Estensjoni tal-Każin.



Il-post oriġinali Fakkina



Faċċata Approvata



Laqgħat mal-Perit Edwin Mintoff



Twaqqigħ



Skavar



Bini tal-Kantina



Bini tal-pjan Terran



Bini tal-ewwel sular



Jinbeda t-tieni Sular



Tikħil
mis-Sur Pawlu Mifsud



Twaħħil tal-madum
mis-Sur Andrew Zammit



Installazzjoni tad-dawl
mis-Sur Peter Psaila



Is-Sur Martin Gaffarena



Il-President
is-Sur Carmel Zahra
mas-Sur Chris Spiteri



Is-Segretarju
s-Sur Carmel Ellul



Il-Kaxxier is-Sur Carmel Briffa



Id-Direttur tal-Każin
is-Sur Anthony Farrugia
mas-Sur Benny Camilleri



Żewġ binjiet jitniffdu



Diskors minn Dr C. Sciberras



Diskors tal-President Carmel Zahra



Sehem il-Partitarji



Bieb l-estensjoni jinfetaħ uffiċjalment



Kxif tal-lapida



Tberik tal-Estensjoni mill-Kappillan Dun Nazzarenu Caruana



Preżentazzjoni lill-benefattur Martin Gaffarena



Preżentazzjoni lill-benefattur Charles Farrugia




Lapida kommemorattiva

# L-AVUKAT
# DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**

**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**

Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**

VENMAR Limited

TOTAL • PEST • CONTROL

P.O. Box 6, Żurrieq,
Tel: (+356) 21 642660
Mobile: (+356) 99 455015
e-mail: jsphgauci@yahoo.co.uk

**Services we offer:**

- Fumigation
- Flying & Crawling Vermin
- Rodent Control
- Woodworm treatment
- Termite & Mite Control
- Pest Control Products

**Call or e-mail us for further information.**

**Nofru servizzi bhal:**

- Fumigazzjoni
- Kontrol ta l-insetti li jtijru,'cockroach', u 'wirdien'
- Kontrol ta' grieden
- Kontrol ta' 'termites' u 'mites'
- Trattament tas-susa ta' l-injam
- Prodotti ghal-'pest control'

**Cempel jew ibghat e-mail ghal aktar informazzjoni.**

We also provide emergency weekend services.

PEST CONTROL SERVICE




# Santa Marija f'Qalbi

Chev. Carmel Bianchi

Marija, l-aktar omm sbejħa
Nixtieq niġi noqgħod ħdejk,
Ilqagħni b'dirgħajk miftuħa,
Imħabbtek tiġbidni lejk.

Int fawwara ta' kull grazzja
U li tegħleb l-aqwa ġid,
Ukoll tgħinni tul il-ħajja,
Miegħi timxi t-triq id f'id.

Ħallini ħa ngħannqek miegħi,
żommni qribek titlaqnix,
Iinti l-għaxqa tal-qalb tiegħi,
tħobbni wisq, ma twarrabnix

Fik jien nara l-ġmiel tal-ġenna,
Sbuħitek tisboq ix-xemx,
Wiċċek ħelu qisu manna,
Tabilħaqq li bħalu m'hemmx.

Naf li dejjem Inti miegħi
Għax Int Omm, li tagħder, tħenn,
Fik insib il-faraġ tiegħi,
Żgur Int għolja, sur ta' kenn.

Għinni nġorr kuljum salibi,
Ħdejk biss ħajti tagħmel sens,
Inti dejjem tisma' talbi,
F'kull hemm lilek sibtek wens.

Ħaddanni miegħek Marija
U ressaqni qrib Ġesù,
Magħkom żgur tgħib it-tbatija
U timlewni b'kull virtù.

Taf li niftaħ qalbi miegħek,
Int għalija tassew Omm,
Naf li tgħoddni b'iben tiegħek,
Hemm fi ħdanek lili żżomm.

X'ferħ inħoss inkun madwarek,
Tassew qalbi tant tistrieħ
Għax fis-skiet jien nisma' kliemek
Kollu faraġ u sabiħ.

Kemm nixtieq li nkun sew qribek,
Inti żgur li tridni ħdejk,
Noqgħod hemm nitfissed miegħek
U nitpaxxa b'ġmiel ħaddejk.

Ħal Qormi

Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq
**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**



For
Receptions,
Parties
and all
occasions


Art and Beauty
• Nails
• Make up for all occasions
• Waxing
• Manicures and pedicures
• Slimming Treatments
• Massages
• Eyelash and Eyebrow tinting
• Facials
• Face painting for birthday parties or other occasions
• Body glitter art painting
Free consultations
Tel: 27809937 • Mob: 99206919
Web: www.artandbeautymalta.com • Email: artandbeauty@live.com
Address: Valletta road Mqabba


transfer your fantasy into reality!
Aldo Ritchie
'Madonna ta' Pinu',
Triq il-Ħarriġiet
Mqabba ZRQ 08
Tel: 21641032
Mob: 9946 5963
e-mail: alnaca@onvol.net
Fantasy Flowers
Flowers for weddings, engagements, etc
Invitations & Souvenirs




# Ġieħ l-Imqabba 2010

Is-Sur Mario Zammit

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba għal dawn l-aħħar snin organizza l-premju annwali Ġieħ L-Imqabba. Dan il-premju li jingħata kull sena, jiġi mogħti lil persuna jew persuni li jkunu iddistingwew ruħhom f'xi qasam jew ieħor tas-Soċjetà Mqabbija, liema persuni jiġu nominati minn xi għaqda tar-raħal. Wara li jiġu evalwati n-nominazzjonijiet, ikun il-Kunsill Lokali li jiddeċiedi lil min minn dawn jippremja b'dan l-unur.

Din is-sena l-premju ġie ngħata lil żewġ nominazzjonijiet, waħda minnhom kienet nomina konġunta bejn is-Sinjur u s-Sinjura Joe u Mary Debattista li sa mill-1986/87 ffurmaw il-kor tar-Raħal fil-Knisja Parrokkjali u li għadhom attivi sal-ġurnta tal-lum, filwaqt li nnomina l-oħra magħżula kienet proprju tas-Sur Carmel Zahra għax-xogħol li wettaq fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kif ukoll fir-raħal tal-Imqabba.

Nomina oħra kienet dik tas-Sur Ġużeppi Ghigo, eks President tas-Soċjetà li sfortunatament ħalliena aktar kmieni din is-sena u li ġie nnominat għax-xogħol li wettaq fil-qasam tal-piroteknika u l-introduzzjoni tal-hekk imsejħa Universal Joint fin-Nar tal-Art. Għalkemm ma kienx fost dawk li ġew ippremjati b'dan il-premju, xorta ngħata tifkira ta' rikonoxximent.

# Is-Sur Carmel Zahra...

## Snin ta' Impenn fis-Soċjetà

miġbura minn Antoine Sciberras

Is-Sur Carmel Zahra twieled l-Imqabba nhar is-26 ta' Ottubru, iben Joseph Zahra u M'Grace née Zammit. Ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola primarja tal-Imqabba u dik sekondarja fit-Technical Institute f'Raħal Ġdid. Minn età żgħira beda jaħdem fl-industrija tal-ġebel, l-ewwel bħala impjegat ma' missieru u wara bħala self-employed fl-istess industrija tiegħu. Fl-1984 għamel xi żmien qasir jaħdem bix-xarabank, sabiex wara sar importatur tal-inġenji użati kif ukoll daħal fl-industrija tal-bini u artijiet. Fl-1998 sar Direttur Maniġerjali tas-sala tat-tiġijiet Palazzo Nobile u llum huwa pensjonant. Minn żgħożitu kellu ħerqa kbira għall-Festa u wara xi żmien jgħin fid-delizzju tan-nar, xtaq li jkollu ħidma aktar diretta fis-Soċjetà. Għalhekk fl-1986 sar membru fil-Kumitat Ċentrali u bejn l-1988 u l-1990 okkupa l-kariga ta' Segretarju tas-Soċjetà. Fl-1990 nħatar bħala President u żgur li qatt ma għaddielu minn moħħu li din il-kariga kienet se tkun waħda dejjiema. Tant li sal-lum għadu jokkupa din l-kariga mingħajr ebda interruzzjoni. Għandu esperjenza kbira fil-bini u għalhekk żgur li ma jistax jonqos li l-Presidenza tiegħu ma tkunx karatterizzata minn programm sħiħ ta' tibdil strutturali fis-Sede tas-Soċjetà kif ukoll tisbiħ tal-istess Każin. Saru ħafna proġetti, fosthom it-tibdil tat-taraġ ewlieni biex dan sar tal-granit, il-bini tat-tieni maħżen u s-sala ta' fuqu, ir-restawr tas-Sala Prinċipali u t-twettiq tal-proġett tal-pitturi varji u maestużi li jsebbħu din is-sala – il-Konvoj, Maria Regina, l-arti, il-mużika, l-iskultura, il-letteratura u l-oħrajn. Ingħata bidu għall-bini tal-planċier u sar ħafna tkabbir tal-armar u statwi ġodda li jkomplu jkabbru u jsebbħu l-Festa ta' Santa Marija. Impossibbli li ssemmi kulma sar matul dawn l-għoxrin sena. Imma l-akbar monument li se



*Is-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà ppreżentat il-Premju Ġieħ L-Imqabba mis-Sindku tal-Imqabba s-Sur Noel Galea.*

jitħalla huwa l-estensjoni tal-Każin, ħolma li ilha tberren fil-moħħ tal-President u proprju s-sena li għaddiet saret realtà, rigal sabiħ għall-Festi Ċentinarji. Saru diversi żjarat minn ħafna personalitajiet distinti fosthom Presidenti ta' Malta, Prim Ministri u Politikanti distinti, Arċisqof ta' Malta u Isqfijiet oħra, Ambaxxaturi u nies oħra prominenti fil-ħajja Maltija kif ukoll barranija. Kien hemm ukoll laqgħat mal-Familja Rjali Ingliża. Avveniment importanti kien il-Ġemellaġġ li sar mal-Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano ta' Ascoli Piceno, L-Italja, li wassal għar-rebħ tal-Unur prestiġjuż ta' Les Étoiles d'Or du Jumelage. Fis-sena 2007 il-Banda Re Ġorġ V kellha x-xorti li ddoqq għall-ewwel darba ġewwa s-sala Nervi f'udjenza mal-Papa Benedittu XVI. Twieldu diversi fergħat fis-Soċjetà, fosthom il-Fergħa tan-Nisa, is-Sezzjoni Żgħażagħ u l-Għaqda tal-Armar. Waqt li tkabbret l-Għaqda tan-Nar. Dan kollu wassal għal ħafna rebħ ta' Unuri minn dawn l-għaqdiet diversi, kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll dak Internazzjonali. Dan kollu kien strumentali biex is-Soċjetà Santa Marija tpoġġiet fi klassi ta' Soċjetajiet kbar Maltin. Huwa miżżewweġ lil Mary née Sciberras, għandhom tlett itfal u joqgħod fil-limiti tas-Siġġiewi.

# Akkademja tal-mużika ġewwa l-Każin.

Ibgħat lil uliedek jitgħallmu l-mużika b'xejn kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.






# Qed jiċċelebra l-Ġublew tad-Deheb

Is-Sur Joseph Farrugia

Mela twieled fl-1961! Iva, hekk hu. Kienet is-sena tal-ewwel festa tal-Assunta fl-Imqabba wara mpass ta' xi snin. Il-membri tas-Soċjetà Santa Marija issa reġgħu daħlu fl-ispirtu u l-ħeġġa biex jorganizzaw u jqajmu dak l-entużjażmu u ferħ tul iċ-ċelebrazzjonijiet festivi tal-Assunta fir-raħal tagħna.

Kien f'dan l-ispirtu li sibt ruħi meta, wara nuqqas ta' 10 snin, ġejt elett fil-kumitat tas-Soċjetà Santa Marija u sussegwentement membru tal-Kumitat tal-Festa. Kien filgħaxija, ġurnata tar-Rebbiegħa, meta kont qed nifli assortiment ta' karti merfugħa fi gradenzina fil-każin li ġie f'idejja sunett (poezija) bit-titlu 'Innu lil Santa Marija'. Ġara li waqt li kont qed naqrah ħassejt tema addattata għal-lirika: mort id-dar u abbozzajt il-mużika f'tonalità għal vuċi pwerili.

Meta qorbot il-festa, tkellimt fuq dan mal-kappillan Dun Gerald Mangion, dwar il-possibbiltà li jitkanta fil-festa. Il-kappillan semgħu jindaqq fuq l-orgni, għoġbu u ħa ħsieb li jkun mgħallem lill-abbatini. L-'Innu lil Santa Marija' tkanta l-ewwel darba fl-ewwel jum tal-Kwindiċina nhar it-30 ta' Lulju 1961, wara l-barka Sagramentali minflok is-solitu 'Ave Maria' u baqa' jitkanta tul il-kwindiċina kollha.

Wara l-ewwel snin tal-kant ta' dan l-innu – għal xi raġuni li ma nafx – il-kant tiegħu beda jinqata' sa ma waqaf.

F'Mejju 1978, iltqajt mal-organista, is-Sur Charles Galea, u staqsejtu fuq l-innu. Ir-risposta kienet ċara – 'Fuq l-orgni m'hemm xejn'. Dan għalija kien xokk għaliex ma kontx għaraft inżomm kopja. Ladarba bqajt niftakar il-melodija ħsibt li nirranġa l-mużika għall-banda għad li kelli l-intopp tal-lirika. Poeta miniex però għal dak jien għamilt mill-aħjar fil-faqar tiegħi.

F'Mejju 1995, kelli laqgħa mas-surmast tal-Banda Re Ġorġ V, Mro Inġ Anthony Camilleri biex nagħtih il-mużika ta' 'Innu lil Marija Assunta' għall-programm tal-festa ta' dik is-sena. Minn din il-laqgħa ħadt l-okkażjoni u għidt lis-surmast li għandi innu ieħor tal-Madonna mmużikat għall-banda, biss jonqsu xi rtokki fil-lirika. Is-Surmast qalli minnufih 'Lestih u ndoqqulek'. Apprezzajt ferm din l-istedina spontanja u lqajtha bil-ferħa.

L-Innu lil Santa Marija ndaqq l-ewwel darba taħt forma ġdida mill-Banda Re Ġorġ V immexxija minn Mro Anthony Camilleri nhar l-10 t'Awwissu 1995 fil-programm kommemorattiv tal-50 sena mit-twaqqif tal-orkestra Santa Marija. Kien ħa sehem il-kor Marija Bambina tal-Isla mmexxi minn Mro Alfred Callus.

Dawn l-aħħar snin, l-Innu lil Santa Marija qed nisimgħuh mill-vuċi sabiħa tas-Sopran Imqabbija, s-Sinjorina Francesca Farrugia akkumpanjata mill-Banda Re Ġorġ V immexxija minn Mro David Agius fi ħruġ il-vara ta' Santa Marija fuq iz-zuntier nhar id-9 t'Awwissu u mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq immexxija minn Mro Alfred Farrugia waqt il-purċissjoni.

U tgħid kif igerrbu s-snin! Qisu lbieraħ għadni nara l-kappillan fuq l-altar maġġur u l-abbatini fuq l-orgni jkantaw l-'Innu lil Santa Marija' għall-ewwel darba… Ħamsin sena ilu!

Mil-Lenti tal-Passat

Set ta' 10 DVDs

tal-Festi ta' Santa Marija tas-snin 80 u 90

Għall-bejgħ mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ għall-prezz ta' €20.00

DIGITAL ARENA
COMPUTER CENTRE
Blue Grotto Avenue, Zurrieq.
www.digitalarena.com.mt info@digitalarena.com.mt (+356) 79707072




Sales / Laptop /Desktop Pc
Repairs / Upgrades
LCD TVs / Digital Cameras
Mobiles / Hi-Fi
Airconditioners
**Where Quality Counts**

BRIAN & JAMES GREEN

FUNERAL SERVICE

*Irrikorru*

30, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738
Rustica, Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508 – 9949 7959
"Green", St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791 – 9949 4880



# Innu lil Santa Marija

Kont maħsuba fil-pjan tal-kbir Alla,
Lilek għażel minn fost il-bnedmin,
Kellek tkun tempju safi għal Ibnu
Għalhekk ogħla minn kemm Qaddisin!

Fil-Mulej sibt ’l hena bil-ferħ ruħek qabżet
Bħal għarusa b’mant tal-qdusija għattiek,
Biex meta l-waqt jasal tal-fidwa tal-bniedem,
Tkun tempju xieraq biex tilqa’ l-Ħallieq.

U ġejt fostna Marija bi ġmielek,
Kewkba mdawwla fid-dalma tal-lej’
U b’dik l-iva li għidt lill-Arkanġlu,
Tajtna ’l Ibnek li kien il-Feddej.

Int tlajt O Marija Ħdejn Ibnek fis-sema,
Sabiħa u glorjuża bil-ġisem u r-ruħ,
Mal-ferħ u l-kant ħlejju tal-anġli ferrieħa
Fuq tron tal-qdusija mill-verġni merfugħ.

Ibqa’ magħna mimlija bil-grazzja,
Żommna bħalek rebbieħa mid-dnub,
Biex kif tasal is-siegħa ta’ mewtna,
Int teħodna ħdejn Ibnek maħbub.

Assunta Marija Int l-għaxqa tal-għoli,
Reġina tal-martri, omm tagħna l-bnedmin.
Tifħir ġieħ u glorja lil Ommna tas-sema
Minn qalbna lkoll nagħtu ta’ wliedha Mqabbin.

# J. Cutajar

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*

*Pizza is also available*

3M Take Away

SOUTHERN STYLE Chicken

*We do delicious Pizza*

**9, Blue Grotto Avenue, Żurrieq**
**Tel: 2164 2986 • Mob: 7947 6573**

# Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

*Mob: 9946 9580 • Tel: 2168 3834*
*E-mail: kirstenbriffa@hotmail.co.uk*




# L-inkwatru ta' Santa Marija ta' Ħal Millieri

Is-Sur Giovanni B. Farrugia

[1] Dan ir-raħal medjevali, li kien hemm żmien meta ġibed l-attenzjoni tal-istoriċi, kemm Maltin kif ukoll barranin insibuh ukoll immarkat fil-mapep ta' Malta, bħall-mappa tas-Seklu 16, li tinkludi lil Ħal Millieri! Din hi ta' Perez di Leccio li tinsab fil-Palazz tal-President, il-Belt.

Din turi mogħdijiet li jieħdu għall-irħula fosthom dik li hemm għall-Imqabba! Fil-Mappa mmarkata b'ċirku! Dan insibuh dokumentat b'ċirku fis-sena 1419 fil-lista tad-dejma bħala *casale*. [2] F'din il-kamra, li wara saret il-Kappella b'kampnar maġenbha, kien sar inkwatru ta' Santa Marija, li beda jingħata devozzjoni kbira. Żmien ta' diffikultajiet li kien hawn circa l-1090… wara saret il-kappella… circa l-1200. Minn dokumenti storiċi, jidher li dan il-villaġġ kien ilu b'kultura reliġjuża sa mis-sena 870 WK. Dan l-inkwatru nsibu li ġibed devozzjoni kbira… li kienu jmorru jżuruh ħafna devoti, anke minn irħula oħra 'l bogħod; anke saru ikoni (ex voto). [3] Din il-kamra, li saret kappella ħdejha kienet imdawra bis-siġar, li l-pellegrini kienu jistkennu taħtha fil-ġranet sħan tas-sajf. Peress li dan il-villaġġ qiegħed fl-ikbar pjanura ta' Malta, allura jagħmluh sabiħ u attraenti… jibqa' l-fatt li dan il-villaġġ ma tilifx malajr l-importanza tiegħu… tant li fis-sena 1711 sar l-aħħar twelid u jidher li dan il-villaġġ kien ihaddan l-iktar familji *Mqabbin.* [4] F'xi dokumenti li kellhom il-Kapuċini kienu l-Imqabbin li taw lil Patri (li kien Direttur Spiritwali) post fejn jistkenn, li tawh żewġ kmamar u għalqa, li damu jaħdmuha sal-1936. Kien jiġi fra mir-Rabat. Għall-ħabta tas-sena 1200, irranġawlu post iktar komdu 'li kien maġenb iċ-ċimiterju fi sqaq – kienu jgħidulha d-dar tal-ewwel kappillan, din kienet ġawhra fl-istorja tal-Imqabba li twaqqgħet biex twessa' l-isqaq maġenb iċ-ċimiterju tan-Nazzarenu. Kien sar


Dehra minn barra ta' dik li kienet il-Kappella ddedikata lil Santa Marija ta' Ħal Millieri. Illum insibuha bħala San Ġwann ta' Ħal Millieri.



Mappa antika li turi ġo ċirku r-Raħal ta' Ħal Millieri.


Dehra tal-Kwadru ddedikat lil Santa Marija li kien jinsab ġol-istess Kappella.

HORACE ENTERPRISES LTD.



Trophies &
Sports Goods
Importer &
Wholesaler

Tel: 2169 6302, Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397
174, Triq Raymond Caruana, Gudja
E-mail: horaceenltd@link.net.mt



POWER WAGON GARAGE



V.R.T. Station
Triq ta' Kandja, Siġġiewi
*Victor Attard*

*Tel: 2146 6111   Tel/Fax: 2146 2635*
*Mobile: 9949 8736*



Mobiltech

**Prop. John W. Cutajar**

*Auto Electric Service*
**Valletta Road, Żurrieq ZRQ 06**
**Tel: (+356) 2164 0466 – Fax: (+356) 2164 7052 – Mob: 7949 8465**
**E-mail: mobiltech@global.net.mt**

rapport u ġew nies mill-mużew tal-antikitajiet tal-Belt. Dan juri li kien hemm numru kbir ta' Mqabbin għax dan il-post kien ġo għalqa ta' bidwi mill-Imqabba u li llum il-ġurnata qiegħda għand il-familja Bondin.

[5] Dwar l-inkwatru ta' Santa Marija, dam fil-kappella ta' Ħal Millieri, fejn ġoz-zuntier, kien hemm ħanut kbir fejn kienu jagħsru ż-żebbuġ. Dan kien fis-sena 1420. [6] Dan l-inkwatru aktarx ġie mpitter bi professjonalità kbira minn xi Sqalli li kien jiġi man-negozjanti tal-qoton u li l-inħawi kienu msemmija għal dan il-prodott, għax l-għelieqi kbar u ħawtiela, bħal ħabel ix-xiħ, ħabel twil u oħrajn. [7]L-idea li l-patri kien ġabu fil-kappella ta' tliet arkati, li żmien wara saret San Bażilju, għax sabuh iktar minn darba maqlugħ minn postu, kienet l-aħjar soluzzjoni għax din il-kappella kienet diġà bdiet tkun imdawra bid-djar u allura iktar protett u d-devozzjoni mhux talli naqset imma kibret għax f'din il-kappella minn tliet arkati saru sebgħa. Anke kibru l-ikoni (exvoto) li minn kliem Dun Ewġen kienu diġà bdew jonqsu ca 1850 għax veru kienu ta' interess għall-istudjużi u għal nies privati (sinjuri) li kienu jriduhom għall-kollezzjoni.

[8] Dan l-inkwatru ta' Santa Marija li nġieb minn Ħal Milleri, dam fuq l-altar maġġur sal-1510 jew sal-1515. Wara nqala' Benefattur li għamel dan l-inkwatru kbir lis-Ssma Trinità tinkuruna lil Marija Ssma fil-preżenza ta' San Bażilju. Sakemm sar dan l-inkwatru, t-triq kienet Santa Marija u wara saret Triq San Bażilju. F'din it-triq hemm djar antiki tant li d-dar tal-Familja Farrugia għandha l-annu 1480. [9] Dan l-inkwatru ta' Santa Marija, li kien espost għad-devoti f'San Bażilju, fejn illum għamlu inkwatru tal-Kurċifiss fuq il-Golgota… dam fuq dan l-ispeċi t'altar żgur sal-1896 meta kienu żejnuh u kienet saret Transulazzjoni Solenni għall-Parroċċa ta' Santa Marija. Il-permess ta' din il-festa applika għalih Dun Kalċidon Schembri, bin-numru tal-permess ikun 489.

[10] L-Isqof Mattei, li kien qabbad lil Dun Gejt Buttiġieġ, biex jiġbru nformazzjoni dwar kappelli u inkwatri ta' ċerta devozzjoni lejn Marija SSma u li kien dokumentat fir-riċerki li saru u li kellhom ċerta importanza, kienu msemmija f'ħafna dokumenti storiċi. Ix-xogħol ta' Dun Gejt… dan il-qassis, kien imsemmi fl-arkivji privati tal-familja Theuma bosta drabi.

Dan l-inkwatru jagħmel parti integrali mill-istorja tagħna l-Imqabbin, li skont storiċi għandna storja interessanti. Għalkemm għandna ħafna episodji li xi whud minnhom għadna ma nafuhomx, dawn juruna kif l-antenati tagħna, kienu jifhmu d-devozzjoni lejn Marija Ssma li tul iż-żmien għożżew bl-ikbar ġieħ! Marija Ssma ħadet ħsiebna qabel irrikorrejna lejha, bħalma għamlet fit-tieġ ta' Kana. Tul l-istorja tagħna, hemm biżżejjed fatti biex wieħed iqim lil din l-Omm Ħanina; mhux biss bħala Mqabbin, imma wkoll bħala Maltin, u hawn ta' min jagħmel appell lil Ħutna Mqabbin kollha, għall-għaqda fostna – ninsew kull ħaġa li tista' tifridna imma nfittxu biss mumenti li jgħaqqduna bħall-festa tad-Duluri, li fiha, l-Imqabbin kollha bi ħġarhom jimxu wara l-istatwa t'Omm Imbikkija, bil-mewt krudila ta' Binha Ġesù – Nagħlaq bil-poeżija li darba ktibt jien:-

L-għejun ta' kull ħniena
U l-maħfra tal-ħżiena;
Anke l-aħwa ħosbiena;
Fik sabu faraġ, meta għamlu
ndiema.
Nitolbuk l-għanja, ta' ferħ u qima;
Omm tagħna, Santa Marija;
Li jixraqlek kull foħrija;
Li għandna nagħtuk għalenija.

Ismagħha l-Għanja, Sidtna Marija;
Li għannejna tul is-snin;
Żomm l-għaqda - żomm l-imħabba;
Ġewwa l-qlub tagħna l-Imqabbin!!

**Referenzi**


1 Gwida 1980 paġna 47.
2 Loreto Vella – Ark. Priv. P 18. Vol 5.
3 Ark Privat – Joe Zahra Ħal Qormi – Ibid – Leaflet Iż-Żurrieq.
4 Patri Gulliermu – Minn Ark. Tal-Kapuċċini.
5 Girolamo Manduca – Melita Hist.
6 Boissevain - Ħal Farruġ & Ħal Millieri Med. Villages in Malta New York 1965 – ibid – Loreto Vella Vol. 5.
7 Dun Ewgen Mallia qalu lili personali – Dan l-inkwatru semmieh ukoll Mons Capurro fil-Paniġierku ta' Santa Marija fl-Imqabba.
8 Il-Berqa – 7 ta' Jannar 1951 – ibid – Loreto Vella Vol. 5.
9 Loreto Vella – Vol. 5; ikompli Dun Ewgen Mallia qalu lili personali.
10 Joe Theuma – Ark Privat ta' Triq l-Oratorju, B'Kara. Ibid Programm Sant'Elena 1987.


Dan il-ktejjeb huwa aċċessibli
fuq il-website uffiċjali tas-Soċjetà
www.santamarija.com

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**CAR WASH**

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**

# Dr Lorraine Pulis

B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.
Notary Public and Commissioner for Oaths

21, Valletta Road, Mqabba MQB 9012, Malta
Tel: (356) 2164 7456 • Mob: (356) 9986 0028
Email: lpulis@maltanet.net

Office Hours:
Monday, Tuesday, Thursday and Friday: 5.00pm – 7.00pm
or by appointment

# C.D.S.

Aluminium Works

**Sejba Road Mqabba**
**For a Free Estimate Contact:**
**Carmel D. Spiteri**
**Mob: 9949 4304, 7999 3816**







# Solist

Is-Sinjura Rita Saliba

Għall-ewwel li xtawlu l-kurunetta dam jillostra fiha sakemm għajnu marret bih u kellhom jiġu jeħduhielu minn ħdejh billejl. Tgħidx kemm fittex fuq l-internet biex jara min l-ewwel kien jibni l-*Besson International*.

Kienet isservih ukoll ta' eżerċizzju biex jipprattika l-mekkanika. Min jaf? Darba qalulu li kien tajjeb biex jaqbad is-sengħa ta' mekkanik. F'kemm ili ngħidlek kien iżarmalha l-valvi u t-tubi kollha. Imbagħad arah bil-paċenzja kollha jerġa' jarmaha u jissikka l-*washers*.

Anke subgħajh kienu bdew jieħdu l-qagħda. Kien għadu żgħir, l-iżgħar bandist. Diġà kellu laqam; tal-kurunetta. Kien jogħġbu wisq. Qisu jtih xejra militari u ta' stima. Kellu seba' mitt sena sakemm jiddobba l-beritta anke jekk din tkun ta' xi ħadd li kellu l-qamel.

U meta sa fl-aħħar iddobba waħda, kienet tinżillu sa fuq għajnejh. L-abjad tagħha kien diġà sfar. X'jimporta ta' min kienet jew kemm ilu mejjet għand min kienet.

L-aqwa li ħareġ idoqq kburi u pulit bl-ispalletti li kienu joħorġulu għaxar ċentimetri 'l barra u l-ingravata bl-arma tas-Soċjetà li niżlitlu sa taħt iċ-ċinturin. X'jimporta li ma laħħaqx mal-oħrajn. L-aqwa li l-marċ brijuż ħariġlu sew. U l-aqwa li dabbar flixkun luminata b'xejn. Għalissa għadu ma jiħux birra.

Imma dakinhar is-surmast inqalgħetlu biċċa saram. Ma kellux bandist solist għall-kunċert li jsir quddiem is-sindku, il-president tal-każin, il-kappillan u l-benefatturi l-oħra. Kif kien se joħroġ ta' nies mas-Soċjetà li tant ħadem magħha, mingħajr solist li jipprometti? Xtaq juri l-ħila tiegħu fl-allievi li tella' f'banda li kienet l-għira tal-irħula tal-madwar.

"Għandna problema," qalilhom waqt li beda jogħrok geddumu hekk kif bdew il-provi tal-kunċert. "Is-solist tal-banda ma tantx jiflaħ. Irridu nsibu 'l min idoqq dil-biċċa partitura. Irridu nuru li aħna kapaċi nipproduċu bandisti ta' stoffa. Xi ħadd irid idoqq solist fil-kunċert li jmiss."

Hawnhekk il-bandisti bdew jitkellmu f'daqqa. Min iqaħqaħ għax griżmejh ma jtuhx, min jargumenta li m'għandux nifs biżżejjed u min jibża' li ma jistudjax biżżejjed u jaqa' għaċ-ċajt.

Il-bandist iż-żgħir ftit ħabbel moħħu x'kienu qed jgħidu. Kien ilu medhi jżarma l-istrument biċċiet żgħar u jdawwar il-valvi biex jippruvahom. F'daqqa waħda ħass tużżana pari għajnejn iduru għal fuqu. Ra lis-surmast jitbissimlu u jtektek bl-istikka mal-leġiju. Qalbu għamlet tikk.

"Int, żgħir," qallu s-surmast b'dik il-vuċi kollha lajma "'kk ikolli ngħid int l-aktar wieħed kapaċi fost il-bandisti." Is-surmast ried jagħmel minn kollox biex jikkonvinċih għalhekk żied jidilku bix-xema'. Barra minn hekk kien jaf li aħjar irawwem 'il dan iż-żgħir biex 'il quddiem joħorġu ta' nies quddiem xi udjenza importanti milli xi xiħ żmagat il-ħin kollu jbeżżaq mit-tubi tal-istrument.

"Jien surmast?!" staqsa l-bandist kollu mistagħġeb u xi ftit imbeżża' mir-responsabbiltà ġdida li kienu qed jissuġġerulu.

"U għaliex le?" reġa' żiegħel bih is-surmast, "dejjem kont preżenti għall-provi u b'naqra studju u prattika tiġi tajjeb."

Iż-żgħir kien għadu ma qabadx l-art sew. Kulma sema' ċar kienu dawk iż-żewġ kelmiet tal-biża', l-istudju u l-prattika. Kien għadu ma jafx is-surmast x'purgatorju fuq l-art kienu jqabbduk dawk iż-żewġ kelmiet. Lanqas biss taħ ċans iwieġbu li ma bediex inewwillu l-mużika u jispjegalu minn fejn għandu jibda u jispiċċa. Minn taħt l-għajn il-bandist seta' jara 'l sħabu li kienu diġà ħadu r-ruħ li din il-biċċa xogħol ma messitx lilhom. Xtaq jisparahom dak il-ħin.

Wara l-provi sħabu l-bandisti kollha komplew jilagħbu l-parti tagħhom sew.

"Prosit, żgħir! Għadek ma tafx x'unur għall-banda tagħna għandna lilek!" qallu Toni tal-baxx. Dan iktar kien moħħu biex ilegleg xi flixkun birra b'xejn, u l-erba' noti li kien idoqq kien jafhom bl-amment wara erbgħin sena jdoqq l-istess.

Dik il-lejla tal-kunċert l-udjenza u l-mistednin distinti baqgħu bla nifs jisimgħu lis-solist il-ġdid li jipprometti jinterpreta l-*Wonderland by Night.*

Kien qala' fwiedu jonfoħ u bejn bl-sforz u bejn bil-mistħija wiċċu sarlu skorfna. Imma eżatt kif spiċċa kulħadd qam bilwieqfa jċapċap lill-bandist iż-żgħir li se jkun l-għira tas-soċjetajiet mużikali madwar il-gżira. Bix-xieraq irawmu tifel b'għeruq sodi fejn tidħol il-kultura tal-post. It-tfajjel ma jafx kemm veru kienu jifhmu fil-mużika sħabu jew kemm indunaw li għamel ħemel żbalji. Jaf żgur li kienu farfru waħda sew minn fuq spallejhom li lilu kienet swietlu xi erba' ġimgħat ġewwa jistudja flok ma jmur jilgħab il-ballun.

Nota żgarrata tal-ewfonju ġabitu f'tiegħu. Kienu għaddew is-snin minn dik il-lejla. Tal-kurunetta baqa' jitharreġ u jitgħallem. Saru jgħajtulu "Surmast" u issa qed itella' l-allievi l-ġodda. Tbissem xħin rahom kemxejn moħħ ir-riħ u fakkruh fi tfulitu. Ried jgħaddi sew il-partituri għall-kunċert li kien ġej dalwaqt. Imma kellu biċċa inkwiet tistennieh. Solist għal dik il-lejla kien għad m'għandux.





# La Piccola Discount Store






Għal kull xorta ta' offerti fuq preserves, detergents, affarijiet tal-friża, spiriti, prodotti tad-dieta u dak kollu li tistgħu ssibu f'supermarket.
Nagħmlu free deliveries għaż-Żurrieq, Mqabba, Qrendi, Safi u Kirkop. Tistgħu tagħmlu x-xirja tagħkom minn fuq il-linja tat-telephone u nġibuhielkom id-dar b'xejn.



Għalhekk ċempel fuq **21642878.**
Staff ikun għad-dispożizjoni tiegħek il-ħin kollu.

**Nifttħu** mit-Tnejn sal-Ħamis mill-5.30 sas-19.00
il-Ġimgħa mill-5.30 sat-20.00
is-Sibt mill-5.30 sal-17.00
il-Ħadd mill-5.30 sal-11.00



Mingħand La Piccola Discount Store toħroġ sodisfatt ŻGUR.

Il-festa t-tajba mingħand id-Diretturi u l-istaff kollu.




# Il-messaġġ tal-Logo għall-175 sena tal-istatwa titulari

Is-Sur John Zammit

L-ebda avveniment m'għandu jgħaddi bla ma jagħtina messaġġ li jqanqalna għal azzjoni u titjib. Dan hu l-ħsieb li bih sar il-Logo tal-attivitajiet li jimmarkaw il-miġja fl-Imqabba tal-istatwa titulari fl-1836.

Iddeskrivejna l-ewwel nett l-anniversarju, jiġifieri l-175 sena minn meta saret l-istatwa li qed nirreferu għaliha. Din mhix statwa bħall-oħrajn imma, isimha magħha: dik titulari. Aħna u nsejħulha hekk nifhmu mill-ewwel liema hi: l-istatwa li tirrappreżenta lil min hu ddedikat ir-raħal tagħna u li naraw fil-pittura tal-altar titulari fil-knisja parrokkjali tagħna.

Sa minn sekli twal ilu, il-Knisja Kattolika bdiet tagħti t-titlu ta' qaddis patrun lil kull knisja jew post ta' qima. It-titular ikun stabbilit mill-Isqof li jbierek il-knisja, fuq proposta tal-poplu tal-lokal.

Isem il-qaddis patrun jissejjaħ fit-tberik tal-ewwel ġebla u jitniżżel ukoll fuq il-parċmina li tibqa' permanentement taħt l-altar maġġur.

Bdejna l-messaġġ li ridna nwasslu din is-sena b'isem ir-raħal tagħna għax dan hu r-raħal li jagħti isem u identità lil kull wieħed u waħda minna. Aħna Mqabbin u kollettivament, ilkoll flimkien, din is-sena qed nagħmlu xi ħaġa; qed inġeddu.

It-tiġdid għandu tifsira li hi aktar minn konservazzjoni jew tibdil. It-tiġdid ifisser fl-istess ħin kemm il-ħarsien kif ukoll it-titjib. It-tiġdid ifisser il-passaġġ mill-imgħoddi li qed infakkru għall-ġejjieni li rridu nseddqu.

Dak li qed inġeddu flimkien hu d-dedikazzjoni tagħna. Jekk L-Imqabba tagħtina isem u identità, jekk il-parroċċa tagħna hi ddedikata lit-titular tal-Assunzjoni tal-Madonna, aħna wkoll, kull Imqabbi u Mqabbija, aħna ddedikati lil Santa Marija. U din id-dedikazzjoni qed inġedduha f'dan l-anniversarju.

F'dan il-messaġġ, ridna wkoll intennu l-isem li bih il-Maltin minn żmien ilu sejħu din il-festa li aħna niċċelebraw b'għożża: Santa Marija. Dan l-isem li ġej mil-Latin, li nsibuh fl-Ave Maria (Qaddisa Marija) u anke fil-Litanija tal-Madonna (Imqaddsa Marija), jiġbor fih il-virtujiet kollha tal-Madonna li aħna ddedikati biex nixbhu fil-qdusija tagħha.

Dan il-messaġġ, għalhekk, iqanqalna għal azzjoni: iqanqalna nagħmlu aktar biex nixbhu lil dik li tant narawha sabiħa mqar fi xbieha fl-injam, aħseb u ara kemm hi sabiħa fir-realtà li nemmnu li għad naraw fil-ġejjieni li nittamaw.



Primavera caterers

*CATERERS FOR ALL OCCASIONS*

*SCHOOL STREET, TARXIEN*
*TEL: 2182 6226, 2167 7098 FAX: 2167 6891*

John's Butcher

41, Misraħ il-Fidwa,
Mqabba

**Tel: 2168 0942**

Tue: 07.15 - 11.45
Wed: 09.30 - 11.45
16.00 - 18.45
Thurs: 06.30 - 11.45
Fri: 06.30 - 11.45
16.00 - 18.45
Sat: 06.30 - 11.45

HAMMERITE THE METAL CARE SPECIALISTS
CISA
rolson QUALITY TOOLS
WURTH




Every thing you need under one roof.

SUPER S IRONMONGERY

Dun Matteolo Saliba Street, Zurrieq Tel: 21 689 256







MOTTURA



Opening Hours:
Monday to Friday: 6:30am - 1:00pm
3:00pm - 7:00pm
Saturday 6:30am - 1:00pm

# Mill-Festi tal-Imgħoddi






*Raddiena magħrufa bħala ċ-Ċatta.*



*Ġo l-Għalqa fejn jinħaraq in-Nar.*



*Marċ fis-snin ħamsin. (Ħajr Leonard Farrugia)*



*Tiżjin u armar għall-festa ta' Santa Marija ta' ħafna snin ilu, (Ħajr Innocenzo Camilleri)*



*Il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. (Ħajr Innocent Camilleri)*

m e l i t a n e t



**Internet Cafes and Call Centres Franchise**

Computers & peripherals • Computer repairs
Satellite decoders • Satellite repairs

Trade enquiries: 2138 0901 Mob: 9938 0901
Office: Ball Street Paceville, St Julians
Email: info@melita.net.mt






# La Semana Santa Espana fl-Imqabba

**Is-Sur Michael Chetcuti**
Koordinatur tal-Wirja La Semana Santa fl-Imqabba u Membru fil-Hermandad de la Esperanza Macarena ta' Sevilla

Hemm ħafna x'tikteb fuq din l-akbar u l-eqdes ġimgħa tas-sena; is-Semana Santa. F'dawn il-ftit versi ħa nipprova ndaħħalkom fil-qrib ta' din il-ġimgħa l-aktar importanti għalina l-Insara, speċjalment kif tiġi ċċelebrata fil-belt Spanjola ta' Sevilja.

Is-sena l-oħra kelli l-opportunità mmur f'din il-belt tant sabiħa ta' Sevilja (il-kapitali tal-Andalucia), biex nara dawn il-purċissjonijiet tant famużi fid-dinja. Għamilt hemm minn Ħadd il-Palm sal-Għid il-Kbir. Kienet ġimgħa sħiħa ta' purċissjonijiet b'vari differenti, 'il fuq minn 116-il waħda. Dawn jirrappreżentaw xi misteru mill-passjoni ta' Ġesù.

Dawn jissejħu *Pasos* u dawk tal-Verġni Marija bid-dmugħ f'għajnejha, b'diversi titli sbieħ Marjani jissejħu *Bajo Palio*. Id-Duluri taħt baldakkin irrakkmat bid-deheb u nkurunati, statwi tant sbieħ u rikki kollha mlibbsa bil-bellus irrakkmat, li jistrieħu fuq pedestall (*Tronos*) li jkun kbir u tawwali, jew skulturat fl-injam u indurat bid-deheb jew oħrajn li jkunu tal-fidda. Ma' dawn il-purċissjonijiet jieħdu sehem eluf ta' fratelli bix-xemgħat f'idejhom u lebsin bil-konfratija bil-kulur tal-*Hermandad* tagħhom. Numru kbir ta' baned narawhom jakkumpanjaw dawn il-vari li jdoqqu marċi ferm sbieħ tal-okkażjoni.


*Il-Vara tant popolari Santa Maria de la Esperanza Macarena.*

Però bla dubju ta' xejn l-aktar mument importanti għalija kien meta rajt għall-ewwel darba l-istatwa tant għażiża ta' Santa Maria de la Esperanza Macarena, inkurunata fil-31 ta' Mejju 1964, meqjuma b'tant għożża fil-Bażilika ddedikata lilha. Statwa li ssaħħrek u li żgur tqabbiżlek demgħa xhin thares lejha. Il-Macarena hija s-sinjura u r-Regina ta' Sevilja. Jiena miktub fil-fratellanza Hermandad tal-Macarena u qed nieħu sehem fil-purcissjonijiet li jsiru fil-parroċċa tal-Imqabba (bil-munzetta Ħadra). Din is-sena għall-ewwel darba ħadt sehem (bill-konfratija proprja tal-Macarena ta' kulur aħdar u abjad) fil-purċissjoni tal-ġimgħa l-Kbira li ssir fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat Malta, mmexxija mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Is-sena d-dieħla ħa niżdiedu b'4 fratelli oħra.

Din is-sena kienet il-ħames darba li flimkien maż-żgħażagħ tas-Soċjetà Santa Marija, tellajna din il-wirja unika fil-gżejjer tagħna u li kienet suċċess kbir. Kellna diversi statwi ġodda fosthom l-Eżaltazzjoni tas-Salib maħduma Għawdex mill-istatwarju bravu Michael Cutajar Zahra, u l-vara ta' meta Ġesù ġie mneżża' minn ħwejġu, li Leonard Azzopardi ħadem mill-pedestall tagħha. Mal-vari ġa eżistenti żidilhom xi statwi oħra. Ħafna mill-istatwi komplejna nżejnuhom b'aktar rakkmu fl-ilbies tagħhom fejn komplew ħadu dehra isbaħ u aktar rikka.

Il-monument sarulu 8 fjuretti sbieħ


*Is-Sur Michael Chetcuti jidher jispjega lill-eks Ambaxxatur Malti għal Spanja l-ET is-Sur Gaetan Naudi, id-dettalji tal-vari waqt il-ftuħ tal-wirja nhar it-12 t'April 2011.*

ħafna tal-ganutell, maħdumin minn Marisa Grech li nirringrazzjawha mill-qalb.

Saru żewġ bradelli oħra tal-kewba minn Pawlu Muscat tal-Fgura, pittura tal-Macarena minn Neville Attard ta' Ħal Qormi. Nathalie Azzopardi ħadmet żewġ biċċiet pittura l-ġmiel tagħhom, dik ta' *Cristo el Rico* u tal-*Piedad* ta' Malaga. Nathalie u Leonard jaħdmu ħafna mill-qalb, senza interessi għal din il-wirja u ħaqqhom kull tifħir. Nirringrazzjaw ukoll lill-Kumitat tan-Nisa li ħietu l-purtieri tas-sala l-ġdida u ġew vera sbieħ. Grazzi ħafna u prosit lil Connie Farrugia tal-ħjata li tagħmlilna. Niringrazzjaw ukoll lil Gulja Ghigo li mill-qalb tgħini biex narma u nżarma din il-wirja li żgur hi għall-qalb is-Soċjetà kollha.

Nirringrazzjaw lil Frans Sciberras tal-għajnuna tiegħu u fl-aħħar u mhux l-inqas il-grazzi tmur lill-Kumitat Eżekuttiv li dejjem appoġġjani u kkuntentani f'dak kollu li jkolli bżonn biex flimkien naħdmu u nkomplu nibnu din il-wirja speċjali li tant tagħtina sodisfazzjon u li tkompli tgħolli l-isem tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba.

Grazzi lil kulħadd.

# SHOE SHINE FOOTWEAR

**MR & MRS CARUANA**



*FOOTWEAR & LEATHER GOODS*



SHOE SHINE, Carmelo Caruana Street, Żurrieq ŻRQ 04
Phone: 2168 5241 • Fax: 2164 9381 • Mob: 9982 1932
E-mail: shoeshin@maltanet.net




**Rose Stationery & Gifts**

*Stationery - Accessories - Gifts - Haberdashery*
*Cell Phones - Underwear - School Bags*
*Photocopy Service in Black/Colour - Binding*
*and more ...*

*@ unbeatable prices!*

*134 Triq il-Konvoj ta' Santa Marija*
*Mqabba*
*Tel: 27023239*

# TA' BALAL
## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**




# Tfajla minn wild Imqabbija tirrappreżenta lil Malta fil-"Miss Italia Nel Mondo"

Is-Sur Ian Camilleri

Joanne Galea hi t-tieni wild ta' Manuel u Helen Galea minn fost tliet aħwa, Adrian il-kbir u Daphne oħtha ż-żgħira. Joanne li għandha 20 sena, u ilha għal dawn l-aħħar erba' snin timmudella, sa minn meta kienet żgħira kellha ħolma li ftit tal-jiem ilu rnexxiela twettaqha b'kuraġġ u sodisfazzjon.







Kien is-Sibt, 28 ta' Mejju, 2011, meta fil-Pjazza ta' Montekristo f'Ħal Farruġ ittellgħet is-serata finali għal min se jirrappreżenta lil Malta fil-"Miss Italia Nel Mondo", organizzat mill-Modelle International taħt id-direzzjoni ta' Sue Rossi u Claudia Calleja. Il-ħolma ta' Joanne saret realtà meta t-titlu ta' "Miss Italia Nel Mondo" biex tirrappreżenta lil Malta ingħata lilha. Is-serata finali tal-"Miss Italia Nel Mondo" saret it-Tnejn, 4 ta' Lulju, 2011, f'Reggio Calabria u li ġie trasmess b'mod dirett fuq Rai Uno u Rai International. Ta' min ngħidu li Joanne kienet tifforma parti minn 40 kontestanta fis-serata finali.

Fil-jiem li Joanne għamlet f'Reggio Calabria, ħadmet ma' ħafna nies tar-Rai TV li kuljum kienu jxandru l-intervisti tagħha fuq l-istazzjonijiet tar-RAI. Il-preżentaturi tal-konkors "Miss Italia Nel Mondo" kienu l-mudella Taljana ta' fama Internazzjonali, Elisa Isoardi u l-kantant Taljan Pupo. Wieħed ma jistax jinsa li filwaqt li Carlo Conti kien jifforma parti mill-ġurija, l-attur Franċiż Gerard Depardieu kien preżenti għall-okkażjoni.

Fost l-attivitajiet li ħadu sehem fihom il-parteċipanti flimkien mar-rappreżentanta Maltija, Joanne, kien hemm parata fejn it-tfajliet kollha żammew bandiera ta' pajjiżhom u bdew għaddejjin fost il-persuni preżenti u fost l-għajjat "Malta, Malta!!"

Qabel ma' Joanne telgħet għall-konkors f'Reggio Calibria, iltaqgħet ma' diversi diżinjaturi u ħadet ritratti tal-kollezzjoni ta' ħwejjeġ iddiżinjati mill-boutique Mila Shon għas-sena 2012. Fl-istess ħin hija għandha kuntratt ta' sena bħala mudella mal-istess kumpanija.

Joanne hi kwalifikata u taħdem fl-estetika bħala 'beauty therapist', fejn fil-futur tixtieq li jkollha 'beauty salon' privat tagħha. F'isem is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re George V nawguraw lil Joanne Galea kull suċċess.

Żepp
Skip Hire

*Joseph Mifsud*

Rochelle,
Triq Innoċenz Zammit,
Mqabba MQB 9020

Tel: **2168 9407**
Mob: **9987 7417**



Seabreeze Hotel

Pretty Bay, Birżebbuġa - Malta

Tel: 24 Hours (+356) 21 651256, 21 651499 - 21 651493
Fax: (+356) 21 653898 • E-mail: seahotel@maltanet.net



OPEN TO NON-RESIDENTS

FULLY AIRCONDITIONED






# Mitt sena mit-tberik u l-inawgurazzjoni tal-knisja tan-Nazzarenu fl-Imqabba

© Dun Jonathan Farrugia
B.A. (Hons). B.A. Theol. & Hum. Stud. S.Th.L.

F'dak li llum hu ċ-ċimiterju tar-raħal insibu knisja ċkejkna ddedikata lil Ġesù ta' Nazaret. Aspett partikulari li għandha hu li, waqt li l-erba' kappelli l-oħra li għandna fit-toroq tal-Imqabba huma kollha mibnijin qaqoċċa madwar il-knisja parrokkjali tal-Assunta, din tinsab ferm aktar 'il bogħod. Fil-fatt sa ftit snin ilu kienet letteralment kappella tal-kampanja, maqtugħa kompletament mill-bini tal-Imqabbin. Ħaġa oħra li hija partikulari ta' din il-kappella hi li hija binja relattivament reċenti, specjalment meta tqabbilha mal-kappelli l-oħra tar-raħal tagħna. Din tlestiet mill-bini fl-1911, waqt li l-kappella li nbniet qabilha fil-limiti tal-Imqabba u li għadha teżisti sal-lum kienet dik ta' Santa Katarina V.M., mibnija bejn l-1764 u l-1774.


*Il-knisja tan-Nazzarenu kif inhi llum*


*Il-knisja tan-Nazzarenu fl-istat oriġinali*

Għalkemm milli jidher il-kappella tan-Nazzarenu ma kinitx inbniet speċifikament bħala maqdes ta' ċimiterju, nafu li, sa minn qabel ma nbniet, iż-żona fejn tinsab kienet tintuża għad-dfin. Għalhekk ma nistgħux inħarsu lejn din il-kappella ċkejkna llum bla ma ninkludu magħha l-art ta' madwarha – iċ-ċimiterju – u nifhmu sewwa x'tirrappreżenta.

## Id-dfin tal-popli pagani u nsara

Il-qima lejn il-mejtin mhix drawwa li bdewha l-insara. Minkejja li l-popli pagani ta' qabel il-fondazzjoni tal-kristjaneżmu ma kinux jemmnu li hemm ħajja wara l-mewt, xorta waħda kellhom rispett kbir lejn qrabathom li jħalluhom. Il-panteiżmu Grieg u Ruman kien jgħallem li l-persuni wara mewthom kienu jmorru fl-Ade, l-art tal-imwiet, fejn kienu jibqgħu jeżistu bħala spirti għal dejjem, bla ma qatt setgħu joħorġu minn hemm u bla ma qatt setgħu jagħmlu kuntatt mad-dinja tal-ħajjin. L-akbar opri tal-letteratura klassika, l-*Odissea* u l-*Eneide*, jirrakkontaw ġrajjiet ta' bnedmin li jinżlu fl-Ade biex jitgħallmu mill-mejtin x'kellu jseħħ. Din it-tema letterarja tixhed ir-rispett li kellhom dawn lejn il-mejtin tagħhom. Barra minn hekk fil-ħajja ta' kuljum, kull dar Rumana kien ikollha niċċa żgħira ħdejn il-bieb li fiha kien ikun hemm xi statwetti li jirrappreżentaw l-antenati tal-familja. Dawn kienu jissejħu l-*Lares*, l-ispirti protetturi tad-dar. Kull arja sepolkrali, imbagħad, kien ikollha l-ispirti protetturi tagħha, il-*Manes*[1], li kienu jiġu invokati biex jishtu lil min jiddesakra xi qabar. Jekk naraw xi lapida pagana żgur li fuqha naraw miktubin l-ittri D M li jfissru *Diis Manibus* – "dal-qabar

WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

**MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES**

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



FABRIC GALLERY BIBAS

YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT OUR NEW CONCEPT STORE

**HOMPESCH ROAD, FGURA. TEL: 2169 1269**

CUTIE BOUTIQUE

Issibulna ħwejjeġ minn trabi sa kbar b'ditti rinomati bħal blue sand, sottotono, Koalarao, Alph Adventure, Pink Shadow u ħafna oħrajn. Issibulna wkoll żraben, ħwejjeġ ta' taħt bħal abanderado, nottingham, pompea mami u ħafna oħrajn.

Cutie Boutique jinsab Triq il-Pal Mqabba.
Tel: 2164 1209
*Prezzijiet fenomenali*

huwa protett mill-allat Mani". Din kienet forma ta' twiddiba għal min ried jisraq xi ħaġa mill-qabar jew ikissru, u tkompli ssaħħaħ il-fehma li s-sepulkreti kienu meqjusin mill-pagani bħala postijiet sagri minħabba li fihom kien hemm il-fdalijiet (midfunin jew inċenerati) ta' persuni oħra. Nafu wkoll li fl-Imperu Ruman kien hemm liġi li kienet tipprojbixxi d-desakrazzjoni ta' oqbra, huma ta' min huma.

Fir-reliġjon Lhudija l-kunċett tal-eżistenza passiva wara l-mewt huwa simili ħafna għal dak li nsibu fid-dinja pagana: għal-Lhud l-erwieħ imorru fix-Xeol, li minnha ħadd ma jista' jaħrab. Aspett partikulari fil-Ġudaiżmu, li ma nsibuhx fir-reliġjon klassika, hu li l-Liġi ta' Alla tipprojbixxi lill-ħajjin milli jippruvaw jevokaw il-mejtin permezz tan-nekromanzija (Dewt. 18, 11-12). Fl-unika silta biblika li fiha d-dell jew l-ispirtu[2] ta' persuna mejta jiġi evokat – l-episodju ta' meta Sawl jevoka l-ispirtu ta' Samwel permezz tas-saħħara ta' Endor (2 Sam 28, 13) – l-ispirtu tal-mejjet javża lil min sejjaħlu li se jpattiha qares.

Ir-reliġjon Kristjana ġabet bidla radikali f'dan il-ħsieb. Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet ġie mifhum bħala assigurazzjoni li l-mejtin ukoll għad iqumu mill-imwiet. Eżempju bikri mill-aktar ċar tal-qawwa ta' dan it-twemmin huwa marbut mal-kult ta' ommna Marija: l-ewwel lok ta' pellegrinaġġi strettament marbut ma' Marija kien il-qabar vojt tagħha fil-wied ta' Kedron, ftit 'il barra minn Ġerusalemm. Dan jixhed li l-eqdem twemmin nisrani marbut mal-Madonna kien appuntu l-assunzjoni tagħha, jiġifieri li l-mewt għaliha ma kinetx it-tmiem.

Il-bidla fil-kunċett tal-mewt tidher ukoll fit-terminoloġija funerarja li bdew jużaw l-insara. Fl-aħħar snin tat-tieni seklu l-insara ta' Ruma xtraw biċċa art li bdew jużaw għad-dfin. Qabel dan iż-żmien l-insara kienu jindifnu fl-arji sepolkrali tal-pagani. Tertulljanu, fit-tieni nofs tat-tieni seklu, jitkellem dwar "*areae sepulturarum nostrarum*"[3] fl-Afrika ta' Fuq iżda ma nafux dawn kinux żoni privati jew tal-komunità kollha, jew inkella kinux arji sħaħ jew inkella hux oqbra ndividwali użati mill-insara. Meta f'Ruma l-komunità nisranija xtrat biċċa art[4] għad-dfin, l-isem li tatha ma kienx "*sepultura*" (postijiet għad-dfin) jew "necropolis" (belt tal-mejtin), iżda "*coemeterium*" (mill-Grieg κοιμητήριον) li letteralment tfisser "post tal-irqad". L-isem stess mogħti lil dan il-post kien juri t-twemmin sħiħ li l-mewt kienet biss raqda. L-insara "reqdin" fiċ-ċimiterji kienu qed jistennew il-jum li fih jerġgħu jqumu.

Aspett partikulari fid-dfin tal-insara kien li għall-ewwel snin ma kinux jinkitbu l-ismijiet fuq l-oqbra jew fuq il-*loculi* tal-katakombi u lanqas ma kien ikun hemm differenza bejn l-oqbra tal-fqar u dawk tas-sinjuri. Dan kien juri li huma kienu jemmnu li mal-mewt id-differenzi soċjali ta' bejn il-persuni kienu jispiċċaw. Dan il-fenomenu kellu jerġa' jidher mijiet ta' snin wara meta bdew jintużaw iċ-ċimiterji kif nafuhom illum, qabel ma bdew jissebbħu bil-monumenti.

Lejn is-seklu sitta d-dfin tal-insara ma baqax isir fiċ-ċimiterji maqtugħin 'il barra mill-abitat. Minflok beda jsir fil-knejjes – prassi li baqgħet in voga sa nofs is-seklu dsatax meta mbagħad il-liġijiet ma baqgħux jippermettu li d-dfin isir f'postijiet fejn jiltaqgħu n-nies ta' spiss.

## Iċ-ċimiterji tal-Imqabba

L-eqdem post tad-dfin b'rabta nisranija fir-raħal tagħna huma bla dubju l-katakombi tal-Mintna, databbli għas-seklu 4 jew 5 wara Kristu. Kemm it-tip ta' dfin kif ukoll il-fatt li dawn kienu jinsabu maqtugħin miċ-ċentru tar-raħal juru li l-Maltin ta' sekli kbar ilu kienu qed isegwu t-tradizzjonijiet sepolkrali tal-bqija tad-dinja nisranija. Ma' dawn nistgħu nsemmu l-katakombi li kien hemm fin-naħa ta' fuq tat-Triq tas-Sejba, li minnhom ħadet isimha t-triq, u li nqerdu fil-bidu tas-seklu għoxrin biex tinbena r-*runway*. Eqdem minn dawn kien hemm xi oqbra puniċi ta' żmien il-Kartaġiniżi.

Minbarra l-katakombi nafu b'mill-inqas 4 postijiet oħra fejn, fi żmien ferm aktar qribna, l-Imqabbin kienu jidfnu l-mejtin tagħhom. Dawn huma z-zuntier tal-knisja ta' San Bażilju, dak tal-knisja ta' Santa Marija l-Fuqqanija (illum tad-Duluri), dak ta' Burixepp u, bħalma ġa għedna, il-knisja parrokkjali tal-Assunta.

Mal-bini tal-ewwel knisja parrokkjali ddedikata lil Marija mtellgħa s-sema d-dfin beda jsir dejjem hemm, ħlief ta' dawk li kienu jmutu bil-pesta. L-ewwel difna f'din il-knisja kienet fis-sena 1607. Il-vittmi ta' xi epidemija kienu jindifnu fiċ-ċimiterji l-oħra. Nafu, pereżempju, li fil-pesta l-kbira tal-1676 l-impestati ġew midfuna fil-knisja ta' San Bażilju u fiz-zuntier tagħha.[5]

Skont P. Karm Zammit op id-dfin tal-adulti baqa' jsir dejjem fil-knisja parrokkjali, anke meta din kienet imġarrfa fil-gwerra, waqt li t-trabi u t-tfal baqgħu jiġu midfuna fil-knisja ta' San Bażilju.[6] Dan kollu wasal fi



*Il-knisja minn ġewwa*

# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.

**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**



# *Carabott Jewellers*

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

Climax



**A.FERRIGGI** IMPORTERS & DISTRIBUTORS

FIORELLA, 65, GUZI ABELA STREET, ZEJTUN. ZTN 1651
EMAIL: antferriggi@onvol.net TEL/FAX: 21673719 MOB: 99475154

tmiem fl-1949 meta, f'konformità mal-liġi li tipprojbixxi d-dfin fil-knejjes, infetaħ uffiċjalment iċ-ċimiterju tan-Nazzarenu fuq is-sit taċ-ċimiterju mitluq ta' Burixepp.

## Il-bini u t-tberik tal-knisja ddedikata lil Ġesù Nazzarenu

Bħalma għedna, l-inħawi tal-kappella tan-Nazzarenu kienu ġa jintużaw bħala post tad-dfin minn ħafna snin, forsi sekli, qabel. Dun Lawrenz Zammit jgħidilna li "dina il cnisia giet mibnia fic-cimiteriu imsejjah ta Buriscep o inchella ta Hammillieri, li fih chienu mitfuna il cadaveri attaccati bil pesta"[7], waqt li fl-ewwel ktieb tal-kontijiet ta' din l-istess knisja naqraw li kienet "*dedicata a Gesù Nazzareno nel sottostante ossario*"[8]. Dawn iż-żewġ referenzi juru fiċ-ċert li xi forma ta' arja sepolkrali kienet ġa teżisti qabel.

Ir-raġuni għala nbniet din il-knisja proprju f'dak il-post mhux faċli nsibuha. Minkejja li l-liġi li tipprojbixxi d-dfin tal-mejtin fil-knejjes kienet ilha li saret aktar minn ħamsin sena, fl-eqdem kitba relatata mal-knisja – dik tal-ewwel ktieb tal-kontijiet – imkien ma nsibu li kien hemm il-ħsieb li tkun knisja għall-użu taċ-ċimiterju kif imbagħad bdiet tintuża wara l-1949[9]. Iżda fost il-kontijiet, bħalma se naraw aktar 'il quddiem, insibu wkoll xi spejjeż żgħar li saru għaċ-ċimiterju qabel din id-data.

Huwa punt interessanti li l-ewwel nota fl-ewwel ktieb tal-kontijiet tgħid li nhar is-16 ta' Ġunju 1911 £50 sterlina ngħataw minn Dun Ġużepp Galea, il-prokuratur tal-kaxxa tal-erwieħ tal-purgatorju, "*dal cumulo raccolto per la fabricazione di una cappella nel Cemeterio tal Meitin*"[8]. Barra minn hekk mill-1914 għandna dokumentat li kienet issir ġabra waqt li l-kappillan ibierek l-oqbra taċ-ċimiterju f'Novembru[8]. L-aħħar referenza li nsibu għal ġabra simili ġejja mis-sena 1934.

Minn hawn nistgħu nikkonkludu li forsi l-knisja nbniet hemm biex tagħti ġieħ lil dak il-post li fih kien hemm tant nies midfunin. Wara kollox il-postijiet tad-dfin l-oħra kollha kellhom knisja maġenbhom, u f'dawn ukoll kien hemm id-drawwa li jitbierku l-oqbra jew nhar il-festa patronali tal-knisja jew inkella f'Novembru.

Mill-informazzjoni li għandna nafu li l-knisja nbniet bl-impenn tal-kappillan Dun Franġisk Saverju Bonanno mill-imgħallem Imqabbi Pawlu Xuereb, missier Baskal u Dun Ġużepp.[10] Il-bini ma damx sejjer – fil-fatt tlestiet f'inqas minn sena. Dan nafuh mill-kitba li ħalla l-kappillan Bonanno fid-djarju tal-parroċċa[11].




*L-irħama li turi d-data tal-bini tal-knisja*

L-ewwel ġebla kienet tpoġġiet mill-kappillan fit-tielet Ħadd ta' Ġunju 1910[12] (li ħabat id-19 tax-xahar). Din il-funzjoni kienet okkażjoni speċjali għall-Imqabba għax telqet purċissjoni mill-knisja parrokkjali tal-Assunta mat-toroq tar-raħal għal ġol-kampanja fejn kien hemm iċ-ċimiterju mitluq. Nifhmu li r-rotta kienet kemxejn twila ladarba dak iż-żmien l-uniku mod biex toħroġ mill-misraħ tar-raħal kien billi timxi Triq Santa Katarina kollha, inkella Triq il-Belt Valletta jew Triq San Bażilju kollha. Meta waslu fil-post magħżul, il-kappillan għamel kelmtejn li fihom spjega lill-poplu miġbur t-tifsira tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja. Kemm il-ktieb tal-kontijiet kif ukoll il-kitba li ħalla l-imsemmi kappillan jgħidulna li kien hemm kważi r-raħal kollu miġbur hemm: "*indi s'incominciò la funzione alla quale si concorse quasi tutta la popolazione del Casale*".[8] Taħt din il-ġebla, bħalma kienet id-drawwa, tpoġġew



*L-ewwel ġebla tal-knisja mmarkata b'salib*

xi affarijiet: važett tal-ħġieġ bid-data tal-ġurnata u bl-ismijiet tal-kappillan u s-saċerdoti preżenti[13] kif ukoll ir-relikwi ta' San Innoċenzju, San Feliċ, santa Innoċenzja u Santa Modesta.[8] Il-ġebla kienet immarkata b'salib u nafu li kienet "*la prima del pilastro vicino la porta della sacrestia*"[8].

Jidher li x-xogħol tal-bini spiċċa fil-bidu tas-sena ta' wara, għalkemm ma nsibux referenzi eżatti. Li nafu fiċ-ċert hu li l-bini beda fid-19 ta' Ġunju 1910 u li l-knisja ġiet imbierka mill-Arċisqof Pietru Pace fis-16 ta' Lulju 1911[8], eżattament mitt sena ilu, minn meta appuntu bdew jiġu rreġistrati l-kontijiet. Tmien xhur wara, fit-13 ta' Marzu 1912, il-kappella ġiet imżejna b'indulġenza mill-istess arċisqof. Il-ħlas għall-bini ta' dan il-maqdes sar fil-maġġur parti tiegħu mill-kaxxa tal-erwieħ tal-purgatorju[14], li ħarġet £55, u l-bqija tħallas mill-poplu tal-Imqabba[15].

## Xogħol li sar fil-knisja fl-ewwel snin

Bħal kull knisja oħra, l-ewwel snin tal-eżistenza tal-knisja tan-Nazzarenu kienu mmarkati b'attività kbira, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri ta' apparat liturġiku u tiżjin ieħor.

Il-kontijiet tas-sena 1911 huma kollha relatati mal-bżonnijiet bażiċi tal-knisja l-ġdida u ma nsibux fosthom opri artistiċi. Jinkludu l-ewwel ħlas lil Pawlu Xuereb (£32.19.½) għall-ġebel u għax-xogħol; lill-marmista Costantino De Paolo (£1.10.0) għall-għatba u għal żewġ skrizzjonijiet tal-irħam; lil Rokku Saliba (£0.14.0) għal erba' travi tal-ħadid; lill-mastrudaxxa Innoċenz Agius (£6.9.2 u £1); lil Paolo Altar (£0.14.2) minn Ħal Qormi għat-tikħil; lid-ditta *Pace e Farrugia* (£2) għall-*bricks* tas-siment u lill-ħaddied Filippo Said (£1.18.0)[8].

Mis-sena ta' wara, flimkien mal-ispejjeż tal-manutenzjoni, ninnutaw li bdew isiru xi affarijiet ġodda: il-ħlas lil Karmenu Mallia minn Ħal Qormi (£1.12.0) għall-istatwa tan-Nazzarenu li hemm f'niċċa fuq l-altar; lil Dun Ewġenju Mallia (£0.4.6) talli mexxa l-għasar f'ġieħ Ġesù Nazzarenu; lil Feliċ Camilleri (£4) għal xi ġebel li ntuża għall-bini tal-

# SCICLUNA FLORIST

*Garden Centre*

***Specializes in:***

*Flower Arrangements for Weddings,*
*Holy Communion etc.*
*Souvenirs for every occasion, Artificial Flower and Tulle,*
*Fresh Plants and Fruit Trees.*

**Bronja Street, Żurrieq – Tel: 2164 9621**

# Golden Point

L-istaff jixtieq il-Festa t-Tajba
lil kulħadd



L-istatwa tan-Nazzarenu maħduma minn Karmnu Mallia fl-1912

knisja; lill-ħaddied Vinċenz Buttigieg (£0.17.6) għal bieb tal-ħadid; £0.16.0 għat-trasport tal-istatwa minn Ħal Qormi; £0.1.0 għal 100 santa tal-istatwa; £0.5.2 għat-twieqi; £0.10.0 għal-lampier tal-metall abjad; £0.3.0 għall-bieba tat-tabernaklu; £0.2.6 lil ċertu Andrea minn Ħal Għaxaq għall-kiri ta' 300 tazza taż-żejt għall-festa tan-Nazzarenu tas-sena ta' qabel; £0.1.3 għall-kiri ta' karozza biex il-kappillan mar Il-Marsa biex jordna qanpiena li swiet £11.13.8 u nxtrat mingħand Carmelo Pace u £0.2.3 oħra biex inġiebet; £0.4.0 għar-raġġiera tal-istatwa; £0.0.6 għal tifkira li ngħatat lill-arċisqof meta ħareġ id-digriet tal-indulġenza nhar it-13 ta' Marzu 1912; £0.3.10 għal sopradvalja għall-altar; £0.1.3 lill-mastrudaxxa Innoċenz Agius għall-gwarniċ tal-pittura ta' San Ġuda Taddew kif ukoll £0.4.7 għall-bieb tal-arloġġ[8].

Fl-1913 saru l-karti-gloria għal £0.3.6; 12-il gandlier għand Gaetano Muscat (£2.14.0); £0.5.0 tħallsu lil Costantino di Paolo għall-iskrizzjoni fl-irħam tal-indulġenza mogħtija mill-arċisqof is-sena ta' qabel[8].

Ix-xogħol baqa' sejjer: tibjid tal-bini jew tal-bibien, induratura tal-bieba tat-tabernaklu (fl-1915 għal £0.5.0), arġentatura tal-lampier u



*Il-kwadru ta' San Ġuda*

l-kalċi (£0.14.6) minn Emmanuele Farrugia, kurċifiss għall-altar (mingħand Gaetano Muscat għal £0.7.0 fl-1917) u statwa ta' ruħ għal mal-faċċata (maħduma minn Gio Maria Bajada għal £0.10.0 fl-1918) li mbagħad ġiet ikkulurita minn Michele Barbara fl-1923 għal £0.10.0. Fl-istess sena saret bieba ġdida għat-tabernaklu minn Baskal Xuereb għal £0.8.0. F'Ġunju tal-



*Il-kwadru ta' San Alwiġi*

1924 ittieħed f'din il-knisja d-driegħ ta' San Franġisk Saverju u kien hemm xi spejjeż ta' £0.0.8 u nxtara wkoll tapit mingħand Ġ. Saliba għal £2.0.0[8].

Fl-1927 sar id-damask għall-knisja (£1.4.6) u sena wara saret *wallpaper* qisha damask għan-niċċa tal-istatwa £0.2.6. Fl-1930 inxtara kalċi ieħor (£0.4.0). Fl-1936 saret niċċa ġdida li ġiet indurata għal £3.0.0 minn Emmanuele Catania. F'dik is-sena wkoll sar ventaltar għal £1.10.0[8].

Fl-1946 Antonio Zammit tħallas £3.7.8 talli żebagħ l-altar u sar pedestall għall-kanapew li sewa £0.12.0. Fl-1948 sar aktar damask ġdid u anke tlesta kanapew aħmar (£4.9.3). Sena wara sar kurċifiss ġdid għall-altar minn Carmelo Vella għal £2.15.6[16].

Barra minn dan kollu nsibu wkoll il-kont għal tibjida ta' kull sena li kien jagħmel is-sagristan Antonio Mallia, probabbli minħabba l-ammont ta' xemgħat li kienu jinxtegħlu u li bid-duħħan kienu jġemmdu kullimkien.

Minn dawn il-listi nifhmu li kien hemm ammont konsiderevoli ta' nfiq biex il-knisja tissebbaħ u tkun ikkurata kif suppost. Il-flus kienu jinġabru minn erba' għejun ewlenin: il-ġbir li kien isir fil-festa tan-Nazzarenu li kienet issir fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju, mill-ġabra li kienet issir meta kienu jitbierku l-oqbra f'Novembru, mill-kaxxa tal-flus tal-knisja u mill-għotjiet tal-benefatturi. Il-prokuraturi tal-knisja fil-bidu kienu l-kappillani, imma wara l-gwerra sar Ġużeppi Facciol li żamm il-kariga sakemm baqgħu jinżammu l-kontijiet.

L-aħħar biċċa nformazzjoni li għandna relatata mal-knisja tan-



*Il-ventaltar il-prim maħdum fl-1936*

# Stone Art Works










Old Valletta Road, Mqabba

Mob: 79730206 - 99873105




Step in

Bar & Restaurant

Wied iż-Żurrieq, ZRQ 09
Malta.
Tel/Fax: **2168 3104**
Mob: **9940 6309,**
email:
**mamosandro@hotmail.com**
www.starwebmalta.com

Nazzarenu ġejja mil-lista tax-xogħlijiet li saru matul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Bartolo. Dan kien jinkludi xi xogħol ta' restawr fil-kampnar, saqaf ġdid għas-sagristiji, tibjid, xogħol tal-injam u restawr tal-knisja minn barra. L-ispiża ta' dan kollu kienet ta' Lm2432 u sar fl-1998[17].

## Il-festa u d-devozzjoni lejn in-Nazzarenu

Din il-knisja ċkejkna, bħall-oħrajn, kienet tiċċelebra l-festa patronali tagħha, dik ta' Ġesù Nazzarenu li kienet issir matul l-ewwel ġimgħa ta' Lulju. Iċ-ċelebrazzjoni kienet tkun organizzata l-istess bħal tal-knejjes żgħar l-oħra u bħal tal-festi sekondarji tal-parroċċa qabel ma beda jsirilhom it-tridu fis-snin għoxrin. Kienet tikkonsisti f'quddiesa solenni bil-paniġierku u għasar solenni. Mill-kontijiet naraw li l-għasar solenni kien jieħu ħsiebu dejjem Dun Ewġenju Mallia waqt li kien ikun hemm paniġerista differenti kull sena. Prattikament il-qassisin Imqabbin kollha kellhom l-opportunità jippritkaw f'din il-festa. Jidher li l-ewwel darba li saret il-festa, fl-1911, kienet saret bi ftit pompa aktar milli baqgħet issir wara – dik is-sena kienu nxtegħlu 300 tazza taż-żejt fil-knisja u madwarha! Din il-festa, bħall-festi l-oħra tal-knejjes tal-Imqabba, nqatgħet fis-snin sittin.

Jidher illi fl-ewwel snin ix-xbieha tan-Nazzarenu li kien ħadem Karmnu Mallia għal din il-knisja kienet tiġbed ċerta devozzjoni, mhux biss mill-Imqabbin. Fl-ewwel ktieb tal-kontijiet, flimkien ma listi twal ta' għotjiet ta' flus bħala ringrazzjament, insibu lista ta' donazzjonijiet *ex voto* li sarulha. Din tinkludi:

- qalb tal-fidda mogħtija minn Maria Faure
- sieq tal-fidda mogħtija minn Maria Sciberras
- wiċċ ta' Kristu u ġisem tal-fidda minn Marianna Borg
- ġisem tal-fidda minn Michelina Borg
- par imsielet tad-deheb mogħtija minn Giuseppa Sacco (minn Ħal Kirkop) fl-1 ta' Diċembru 1916
- par ieħor minn Maria Borg fis-6 ta' Diċembru tal-istess sena
- par ieħor minn Rosa Abdilla fl-20 ta' Settembru 1919
- ċurkett tad-deheb minn Ursula Farrugia fit-13 ta' Ottubru 1919.

Barra dawn jissemmew ukoll ċurkett fil-fossa ħadra, par imsielet tad-deheb u misluta tad-deheb ta' raġel.[8] Dawn, la ma fihomx l-isem tad-donatur, probabbilment tħallew fil-kaxxa tal-flus tal-kappella.

## Xi xogħol li sar fiċ-ċimiterju matul is-snin

Għedna li din il-knisja ma nistgħux nifirduha miċ-ċimiterju li fuqu nbniet, għalhekk xieraq ukoll li issa nagħtu daqqa ta' għajn ħafifa lejn xi tappi fl-istorja ta' din l-arja sepolkrali.

Bħalma ġa semmejna, qabel il-bini ta' din il-knisja, "dan kien ċimiterju qadim mitluq bla kappella għall-vittmi tal-pesta"[18]. L-ismijiet li kienu jsibuh bihom kienu varji: ta' Buriscep[19], ta' Ħamillieri[19] u tal-Meitin[20]. Wara l-1911 insibu li bdiet issir ċerta attività anke fiċ-ċimiterju, avolja kien għadu ma sarx iċ-ċimiterju proprju tar-raħal.

L-ewwel referenza li nsibu hija tal-4 ta' Lulju 1915 meta Luigi Borg tħallas £0.2.0 "*per aver lavorato il cemitero*"[8]. Mhux speċifikat x'għamel sewwasew, imma ladarba d-data taħbat fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju, meta kienet issir il-festa, jista' jkun li kien xi xogħol ta' tindif u tneħħija ta' ħaxix ħażin.

Ħdax-il sena wara nsibu żewġ referenzi: ħlas ta' £0.5.4 biex saret serratura għall-bieb taċ-ċimiterju fid-29 ta' Settembru u mbagħad £0.2.6 biex fih jinxtegħlu l-fanali f'Novembru[8].

Dettall interessanti ħafna nsibuh fis-26 ta' Lulju 1933 – hawn sar ħlas ta' £0.2.0 għar-rikors biex jitkabbar iċ-ċimiterju[8]. Hawnhekk għall-ewwel darba dan jissemma bl-isem ta' *Cimiterio del Nazzareno*, l-isem li bih kellu jibqa' magħruf. Jidher li l-ħsieb li dan isir iċ-ċimiterju proprju tal-Imqabba nibet appuntu f'dan iż-żmien, l-ewwel nett għax saret it-talba biex jitkabbar – mela allura kien hemm il-ħsieb li jsir aktar dfin fih – u t-tieni għax naqraw fl-istess ktieb tal-kontijiet li fl-aħħar ta' Awwissu ta' dik is-sena tħallas saċerdot is-somma ta' £0.8.7 biex iċċelebra quddiesa "*per i defunti del C del Naz*". Għalhekk hawn naraw dokumentata għall-ewwel darba quddiesa speċifikament għas-suffraġju tal-erwieħ li sabu l-mistrieħ tagħhom f'dak il-midfen. Din setgħet kienet xi forma ta' manuvra pulita biex iċ-ċimiterju jibda jingħata identità. Ma neskludux li ġa minn dan iż-żmien kien beda jsir xi dfin hemm, imma m'għandna l-ebda prova konkreta ta' dan, waqt li nafu fiċ-ċert li sal-gwerra kien għadu jsir id-dfin fil-knisja parrokkjali tal-Assunta.

L-aħħar kont relatat maċ-ċimiterju ġej mit-23 ta' Lulju 1951 meta xi ħadd tħallas £8.18.0 "*per titntura porte chiesa e cimiterio*"[16].

Bejn dawn l-aħħar żewġ noti, iżda, nafu li kien sar kambjament fil-mod li bih in-nies kienu jħarsu lejn iċ-ċimiterju. Sentejn qabel dan kien beda jintuża b'mod regolari u d-dfin f'postijiet oħra kien waqaf għalkollox.

Il-liġi li tipprojbixxi d-dfin fil-knejjes kienet ilha li ħarġet mill-10 ta' Ġunju 1854 u kienet tgħid ċar u tond: "*It shall not be lawful to bury in any church or chapel or in the crypt of any church or chapel or in the appurtenances of any church or chapel the body of any person except with the special permission of the Superintendent of Public Health which shall be granted only in exceptional circumstances*"[21]. Stramba kif l-Imqabbin irnexxielhom jibqgħu jiksru l-liġi għal kważi seklu sħiħ! Imma forsi kienu jġibu l-permess mis-supretendent tas-saħħa u l-*exceptional circumstance* li kien jippreżenta l-kappillan biex jidfen fil-knisja kienet li ma kellux ċimiterju proprju. Biex sar ir-rikors fl-1933 jidher li l-liġi bdiet tissikka jdejha, sakemm fl-aħħar mill-1949 'il quddiem il-permess ma ngħatax aktar.

Il-mewt li wasslet għall-ewwel difna 'uffiċjali' fiċ-ċimiterju tan-Nazzarenu fl-Imqabba ġrat nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 1949. Il-mejta kienet Ġużeppa Ghigo, in-nanna ta' Dun Karm u p. John Mary Ghigo sj. Dan nafuh minn lapida sempliċi tal-irħam li tpoġġiet fuq il-qabar tagħha li tgħid "f'għeluq il-ħamsin sena mill-mewt tagħha fis-7 ta' Novembru

The Convenience Shop

Fresh Daily Bread & Confectionery

- Triq Mons Mikielang Sapiano. Zebbug. Tel:21464017
- Triq il-Magna tas-Serrar, Msida. Tel:27207126
- Triq l-Isqof Emanuel Galea, Zejtun. Tel:21821022
- Triq Sir Luigi Camilleri, San Gwann. Tel:21373755
- Triq iz-Zurrieq, Safi. Tel:27641209
- Triq Santa Katerina, Mqabba. Tel:27642411
- Mons. Alfred Mifsud Str, B'Kara



1949-1999 u mill-ftuħ ta' dan iċ-ċimiterju", b'hekk għandna prova ċerta tad-data li fiha dan il-midfen ħa l-istat tiegħu.

Il-kappillan li għandu l-mertu li ħadem bis-sħiħ biex iċ-ċimiterju tan-Nazzarenu jsir realtà kif nafuha llum kien l-Imqabbi dun Gerald Mangion (1945-1957). Iż-żmien tal-parrokat tiegħu kien wieħed diffiċli, mhux biss minħabba konflitti fir-raħal u nuqqas ta' qbil serju mal-każin King George V fuq l-irfigħ tal-vara titulari, iżda anke minħabba li kien iż-żmien ta' eżatt wara l-gwerra. B'hekk hu kellu l-uġigħ ta' ras li jiġbor il-flus u biex jara li jsiru t-tiswijiet neċessarji kollha biex il-knisja terġa' tqum fuq saqajha. Xi żbalji saru, bħal ngħidu aħna l-bini tal-koppla fl-istil li għandha, l-isfraġju li sar fuq l-altar tal-Inkurunazzjoni u l-bdil bla raġuni tal-pittura prezzjuża tal-Immakulata, però, minkejja dan, kien grazzi għal dan il-kappillan li llum nistgħu ngħidu li reġa' għandna knisja sħiħa. Flimkien max-xogħol fil-knisja, hu ħa ħsieb ukoll li jkabbar iċ-ċimiterju skont ir-rikors li kien sar fl-1933. L-ispiża għall-bini taċ-ċimiterju kienet ta' £3950[22], għalhekk kellu jara l-flus minn fejn se jġibhom. £1005 ingħataw mill-Gvern waqt li nġabru £598 mid-djar fis-snin ta' wara l-gwerra, waqt li nbiegħu 26 qabar ġdid għas-somma ta' £650. Il-bqija tal-ispejjeż inġabru ftit ftit bil-ġabriet tas-soltu, mill-kaxxa tal-knisja tan-Nazzarenu u mill-kapitali tal-parroċċa.

Fl-ewwel snin taċ-ċimiterju, meta kien qed isir il-pavimentar tal-irħam tal-knisja parrokkjali tal-Assunta, diversi fdalijiet ta' Mqabbin li kienu midfunin fil-knisja ġew trasportati mill-familji tagħhom u tpoġġew fl-oqbra li kienu xtraw, b'hekk naraw xi oqbra b'ritratti ta' nies li jġibu dati anterjuri għall-1949. L-eqdem data li nsibu, li tinsab f'lapida mwaħħla mal-ħajt taċ-ċimiterju, hija dik ta' Ġamri Briffa li miet fl-24 ta' Jannar 1942. Biż-żmien bdew jitwaqqfu wkoll il-monumenti sepolkrali fuq l-oqbra. L-ewwel tlieta li saru kienu tal-ġebel: tnejn jirrappreżentaw *relief* tal-Madonna tidher lil Bernardetta u oħra tirrappreżenta *relief* tal-Madonna tgħannaq il-ġisem mejjet ta' Binha, kollha mwaqqfin fil-bidu tas-snin Sittin.

Kappillan ieħor li ħalla l-marka tiegħu fuq iċ-ċimiterju ta' raħalna kien Dun Karm Bianco. Fid-djarju tal-parroċċa nsibu noti dettaljati miktubin minnu stess li jispjegaw x'sar. F'Settembru 1966 spiċċa xi xogħol li kien ikkummissjona f'żona taċ-ċimiterju li kienet tal-parroċċa u li fiha qabel kienu jindifnu t-tfal. Probabbilment minħabba li r-rata tal-imwiet infantili kienet naqset ħafna, il-Kappillan Bianco – li fost il-ħafna kwalitajiet li kellu ma nistgħux ninsew li kien amministratur tajjeb ħafna – iddeċieda li l-oqbra tat-tfal ikabbarhom u jagħmilhom tal-adulti u jbigħhom, kull wieħed għal £45[23]. Hu stess jikteb li "*tutte le nuove tombe sono andate a ruba dei compratori*"[24]. Jikteb ukoll li fiċ-ċimiterju kien hemm b'kollox 100 qabar: 50 privati u 50 tal-parroċċa, li minnhom 40 kienu għall-adulti u 10 kienu għat-tfal. Mill-istess kitba nafu li l-kuntratt għall-bejgħ tal-oqbra sar quddiem in-nutar Nikola Said mis-Siġġiewi nhar id-29 ta' Settembru 1966 u li sewa £117.30.4.[23]

Parti mill-flus li daħħal mill-bejgħ ta' dawk l-oqbra Bianco użahom għal proġett mill-aktar nobbli li għalih għandu jibqa' mfakkar: bena żewġ monumenti li għadhom isebbħu dal-maqdes. L-ewwel wieħed, u l-aktar importanti minnhom, kien il-monument fuq il-qabar tas-saċerdoti Mqabbin, li sewa £150 u tpoġġa f'postu lejliet Santa Marija tal-1967.

Sal-gwerra s-saċerdoti kienu jiġu midfuna fil-kripta tal-knisja taħt il-




*L-irħama li taħtha hemm il-fdalijiet tas-saċerdoti*

kor – din iżda ntradmet meta waqgħet il-knisja u hekk għadha sal-lum. Meta nfetaħ iċ-ċimiterju bla dubju li Dun Gerald irriserva xi oqbra għas-saċerdoti. Dun Karm ħa ħsieb li dawn l-oqbra jispikkaw fuq l-oħrajn hekk kif ix-xogħol tas-saċerdot għandu jispikka fuq kull mestier ieħor. Id-disinn tal-monument u l-ħidma tiegħu saret minn Marco Montebello, l-istess skultur li naqqax l-istatwa tal-Assunta li hemm tiddomina f'nofs il-pjazza u l-oħra li hemm tħares fuq L-Imqabba minn fuq is-sede tas-Soċjetà li ġġib isimha. Dun Karm ħalla miktub li "*la lapide tombale ricorda la missione sacerdotale e la loro traslazione all'eternità di gloria coi beati*" u fuq il-qabar innifsu ħalla skrizzjoni bil-Latin li tfisser: "Hawn jistrieħu fis-sliem l-iġsma ta' dawk li fid-dinja l-Mulej ikkonsagra biex jaħdmu għas-salvazzjoni eterna tal-erwieħ; lilhom jagħti li jitħennew fis-saltna tas-smewwiet imlibbsin bl-immortalità tal-qaddisin". Id-disinn huwa ta' niċċa tal-irħam li fiha hemm il-Kurċifiss waqt li fil-parti ta' fuq hemm is-simboli tas-saċerdozju mnaqqxin bejn l-A u ż-Ż: il-berettin u l-istola jserrħu fuq imħadda rranġati b'mod li jfakkar ħafna fl-arma tal-Assunta! Fil-parti t'isfel insibu l-kitba "*In memoriam Micabibae sacerdotum*".

Il-monument l-ieħor hu dik l-istatwa ta' Kristu Rxoxt li hemm f'tarf iċ-ċimiterju, mal-ħajt tan-naħa ta' wara. Ir-raġuni għala għażel din it-tema kienet biex ifakkar lill-parruċċani t-twemmin ottimist tal-Fidi Kattolika fil-destinazzjoni aħħarija ta' kull bniedem li hi l-qawmien mill-imwiet. Dan ukoll ħareġ minn idejn Montebello, li għalih tħallas £200 meta poġġieh f'postu nhar is-26 ta' Jannar 1971[24].

Fi żmien il-parrokat ta' Bianco, iżda, iċ-ċimiterju kien imdaħħal f'kontroversja li xxandret b'ittri kbar fuq diversi gazzetti Maltin bejn it-23 u t-30 ta' April 1967. Kollox beda meta wieħed minn dawk li xtraw l-oqbra tat-tfal li ġew imkabbra ried jittrasporta l-fdalijiet ta' missieru mill-qabar tal-komun li fih kien midfun għal ġol-qabar li hu kien xtara. Jidher, iżda, li l-fdalijiet ta' missieru – li kien ilu mejjet 4 snin – kienu ġa tneħħew mill-qabar u


ZIFFA GARAGE
Sammy
24 Hour Mini Bus
& Taxi Service
Fully Airconditioned
Mob: 9943 2990 - Tel/Fax: 2164 0479
E-mail: ziffagarage@gmail.com


Trid taqleb għal sistema DIĠITALI mingħajr ma tħallas kontijiet fix-xahar?
Mela ċempel lil David fuq 79710944
għal aktar informazzjoni.
Naċċetta wkoll tiswijiet
fuq kull
tip ta` televiżjoni.

tpoġġew fil-kannierja mal-bqija, u għalhekk ibnu ma setax jagħraf liema kien l-għadam ta' missieru. Skont l-aħħar ittra tiegħu li dehret fil-ġurnal "It-Torċa" tat-30 ta' April 1967, hu jgħid li "Kif kont imdejjaq, wara li ma sibtx lil missieri N. fil-qabar, fir-rikostruzzjoni tal-fatti u tad-dettalji ma nqastx li bla ma ridt tajt xi ħwejjeġ li ma jaqblux mar-realtà."[25] Il-"ħwejjeġ li ma jaqblux mar-realtà" kienu dehru fl-istess ġurnal ġimgħa qabel kif ukoll fil-ġurnal "Malta News" tal-24 ta' April. Fi ftit kliem il-ġurnal qal li hu kien "imbikkem bid-dehra li tkexkex u li ma jista' jinsa qatt meta mar ifittex il-fdalijiet ta' missieru fil-kannierja taċ-ċimiterju u ra fdalijiet ta' iġsma jgħumu f'erba' piedi ilma". Il-kappillan Bianco ma qagħadx b'idejh fuq żaqqu u mill-ewwel kiteb lill-ġurnali "L-Orizzont" u "It-Torċa" li fihom ċaħad dawn l-allegazzjonijiet u anzi stqarr li ċ-ċimiterju "għall-mod kif inhu miżmum kien imfaħħar saħansitra minn awtoritajiet tal-uffiċċju tas-Sanità"[26]. Il-ġurnal "It-Tarka" wkoll ikkummenta fuq din il-biċċa, iżda aktar ikkritika lill-ġurnal l-ieħor minħabba s-sensazzjonaliżmu li pprova joħloq a spejjeż tal-kappillan[27]. Wara dan, forsi fuq insistenza tal-istess kappillan Bianco, ir-raġel li ħoloq dawn l-allegazzjonijiet kiteb kjarifika u talab apoloġija talli bla ma ried ta idea negattiva tal-istat taċ-ċimiterju tagħna.

Ġimgħa wara din il-ġrajja fl-Imqabba kien hemm il-viżta pastorali tal-Arċisqof Gonzi, u fid-djarju tal-parroċċa nsibu li "*Sua Eccellenza si mostrò molto soddisfatto dello alto stato di manutenzione in cui si trovò il cimitero*"[24]. Qisu dan il-kumment kien risposta għal dak kollu li kien ixxandar ma' nofs Malta ġimgħa qabel!

L-intervent li jmiss li seħħ fiċ-ċimiterju kien meta tkabbar fi żmien il-kappillan dun Emmanuel Vella, bil-għajnuna tal-Onor. Dr Louis Galea. Kien permezz ta' dan it-tkabbir li kiseb id-daqs li għandu llum. Kien ukoll minn dan iż-żmien li bdew isiru ħafna aktar monumenti sepolkrali li jagħtu dimensjoni aktar sagra lil dan il-midfen. Fost l-ikonografija li nsibu ta' min isemmi xbihat ta' Kristu (l-Irxoxt, mgħobbi bis-salib, il-Qalb ta' Ġesù), ta' San Ġużepp, ta' anġli jibku flimkien, bħalma hu mistenni fl-Imqabba, ħafna xbihat tal-Madonna: tal-Karmnu, il-Pietà, id-Deżolata, tal-Midalja Mirakoluża u l-Immakulata wieqfa fuq il-qamar. Qabar uniku huwa dak tal-familja Ghigo li jirrappreżenta xbieha minquxa fuq l-irħam tal-vara titulari miżmuma b'tant għożża fil-knisja parrokkjali, bil-kliem "Ilqagħna fi ħdanek O Verġni Marija".

Minkejja li fil-maġġur parti tal-każi dan isir biss bħala devozzjoni, l-għażla tax-xbihat marjani fuq l-oqbra hija waħda b'tifsira profonda ħafna għax tixhed it-twemmin li Marija tassew kienet l-ewwel waħda li wara Kristu ġiet imżejna mid-don uniku tat-tgawdija ta' Alla fil-ġisem u r-ruħ. Ix-xbihat ta' Marija żżomm l-Iben tagħha mejjet fi ħdanha kif ukoll ix-xbihat tad-Deżolata jfakkru lil min iħares lejhom li Marija tista' llum tgawdi lil Alla fil-glorja minħabba li hi batiet ma' Ibnu; ix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu tfakkar id-devozzjoni antika li l-libsa ta' Marija (il-labtu) teħles lill-erwieħ mill-infern u tnaqqsilhom il-piena tal-purgatorju; ix-xbieha ta' Marija Immakulata wieqfa fuq il-qamar tfakkar li hija rebbieħa fuq iż-żmien (il-qamar) għax fejn m'hemmx żmien, m'hemmx mewt; waqt li x-xbieha tal-Assunta, ix-xbieha per eċċellenza li tagħti identità lill-Imqabbin kollha għax lilha hija ddedikata l-parroċċa u taħt il-patroċinju u l-protezzjoni tagħha jinsab ir-raħal tagħna, hija l-isbaħ tfakkira li bħal Marija aħna wkoll għad xi darba, bħalha, ningħaqdu ma' Alla bir-ruħ u l-ġisem.

**Referenzi**

1 http://www.paganscircle.org/manes-and-lares
2 Il-kunċett tal-immortalità tar-ruħ kien għadu ma żviluppax fil-Ġudaiżmu f'dan iż-żmien, għalhekk aħjar nitkellmu dwar 'spritu' jew 'dell' flok 'ruħ'.
3 Tertullianus, *Ad scapula*, 3
4 Din illum hija magħrufa bħala l-Katakombi ta' San Kallistu.
5 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notule historicae ecclesiae parrochialis Micabibae*, manuskritt, f. 19.
6 Intervista ma' p. Karm Zammit op nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2011.
7 Laurenz Zammit, *Li storia tal-cnisia parrochiali tal Imkabba*, Malta 1927, 37.
8 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Chiesa figliale del Nazzareno e cimiterio annesso – Micabiba* vol I, manuskritt.
9 Fl-imgħoddi kienet id-drawwa li l-mejtin jitħallew 24 siegħa fil-knisja taċ-ċimiterju qabel jindifnu. Mill-eqdem kitbiet jidher li dan ma kienx il-każ għala nbniet il-knisja tan-Nazzarenu, iżda li mbagħad bdiet tintuża għalhekk meta nfetaħ uffiċjalment iċ-ċimiterju fl-1949.
10 Laurenz Zammit, *Li storia tal-cnisia parrochiali tal Imkabba*, Malta 1927, 37-38.
11 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notule historicae ecclesiae parrochialis Micabibae*, manuskritt, f. 84b-85.
12 Fil-ktieb tal-kontijiet bi żvista d-data nkitbet 1900, b'hekk tagħti l-impressjoni li l-bini beda mill-kappillan Dun Kalċidon Schembri (1896-1901). Dan l-iżball iżda huwa ċċarat fil-kitba tal-kappillan Bonanno msemmi fin-nota ta' qabel. Xhieda oħra li dan huwa żball hu li fost is-saċerdoti preżenti kien hemm Dun GioBattista Ghigo, li fl-1900 kellu biss 19-il sena, b'hekk ma setax ikun ġa saċerdot.
13 Li kienu dun Ġużepp Galea, dun Ewġenju Mallia, Dun Lawrenz Zammit u Dun Ġovanni Battista Ghigo.
14 Din kienet kaxxa li tinżamm fil-knisja parrokkjali li fiha n-nies kienu jpoġġu l-flus biex isir il-quddies għall-erwieħ abbandunati.
15 Laurenz Zammit, *Li storia tal-cnisia parrochiali tal Imkabba*, Malta 1927, 38.
16 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Chiesa figliale di Gesù Nazzareno – Micabiba* vol II, manuskritt.
17 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notule historicae ecclesiae parrochialis Micabibae*, manuskritt, f. 116b.
18 Joseph M. Ghigo sj, *Monumenti ta' xhieda tal-qima tal-poplu*, minn *L-Imqabba mal-medda tas-snin*, ed. Charles Farrugia, Malta 1998, 50.
19 Laurenz Zammit, *Li storia tal-cnisia parrochiali tal Imkabba*, Malta 1927, 37.
20 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Chiesa figliale del Nazzareno e cimiterio annesso – Micabiba*, manuskritt, f.3; *Notule historicae ecclesiae parrochialis Micabibae*, manuskritt, f. 84.
21 Code of police laws, 10 June 1854, chapter 10, article 144 (3).
22 Gerald Mangion, *Opri li saru fil-knisja parrokkjali – L-Imqabba*, Malta 1957.
23 *It-Torċa*, 23 ta' April 1967, 1.
24 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notule historicae ecclesiae parrochialis Micabibae*, manuskritt, f. 93-96b.
25 *It-Torċa*, 30 ta' April 1967, 4.
26 *L-Orizzont*, 26 ta' April 1967.
27 *It-Tarka*, 27 ta' April 1967.

TAKE OFF

BAR
&
RESTAURANT

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 2180 0243*

Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks, Chickens u anke laħam taż-żiemel

Inservu kull kwalità ta'ikel bi prezzijiet moderati.

TROCADERO
Pastizzeria & Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju, Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

REMISSA BAR
Church Square
Mqabba

Tel:
79290190

Tifkiriet




Is-Sinjura Joyce Guillaumier

# Chev. Mro. George Martin A Mus. L. C. M., O.S.T.J.

Kif jgħaddi ż-żmien! Lanqas nemmen li diġà għaddew għoxrin sena minn meta miet missieri, is-Surmast George Martin. Ħafna minnkom jiftakruh sew imma hemm għadd ta' żgħażagħ u barranin, jiġifieri nies li mhumiex mill-Imqabba li ma jafuhx għax qatt ma ħadmu miegħu. Għalhekk fraħt meta sirt naf li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V se torganizza tifkira tiegħu u anke aċċettajt li nikteb dan it-tagħrif dwaru.

Qabel ngħaddi għal dan, irrid nenfasizza li għalih, il-Banda u n-nies tal-Imqabba kellhom post speċjali f'qalbu. Fil-karriera tiegħu kien surmast ta' diversi baned, imma naħseb li għalih l-Imqabbin u l-banda tagħhom kienu jiġu l-ewwel, biss biss dam imexxi l-banda għal madwar 36 sena u kien hu li kiteb l-Innu sabiħ iddedikat lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissima. Tgħidx kemm kien kuntent bl-allievi bravi li kien jgħallimhom il-mużika! Baqa' jaħdem bil-qalb fil-banda sal-aħħar. Biżżejjed ngħidilkom li l-aħħar darba li rajtu ħaj kien il-Ġimgħa 22 ta' Frar għall-ħabta tad-9.30 ta' filgħaxija meta għadda għal ommi li kienet għandi sakemm hu kien l-Imqabba fejn kien mar sigħat qabel. Kien il-maltemp u ħafna bard u sew jien kif ukoll il-mummy għednielu biex ma jerġax joħroġ sakemm jibqa' dan il-maltemp kollu. Iżda hu pront pront qalilna li l-Ħadd filgħodu kien beħsiebu jerġa' jmur L-Imqabba biex jikkonkludi xi affarijiet importanti. Żgur li qatt m'għaddielu minn moħħu li kellu jmut il-Ħadd stess!

Imma min kien dan ir-raġel li tant kien iħobb lil dan ir-raħal qadim bi storja twila u lil niesu?

Twieled L-Isla fit-2 ta' Marzu



*Chev. Mro. George Martin*

1920 – iben Alfred Martin u M'Assunta nee Vella. Kien wieħed minn għaxar ulied ta' din il-koppja li skont ma smajt kienet taqlagħha sew minħabba li l-missier Ingliż kien fin-navy bħala ċittadin Brittaniku u għalhekk kien jitħallas ex-patriate allowance tajba. Minħabba f'hekk in-nanna setgħet trabbi lil uliedha f'ċerta kumdità u anke taħseb f'oħrajn inqas ixxurtjati. Il-ġenerożità tan-nanna Sunta kienet proverbjali u għadha timbru fuq il-familja sal-lum. It-tfajjel George wera l-inklinazzjoni għall-mużika sa minn kmieni u dan wassal biex jibda jistudja bħala alliev mal-banda tal-Isla li llum reġgħet ħadet l-isem ta' 'La Vincitrice'. Kull min iżur il-każin tal-banda tal-Isla għandu jara ritratt qadim tal-banda u wieħed mit-tfal li jidhru fih hu proprju George li kien beda jistudja l-kornu. Mill-ewwel wera ħila mhux tas-soltu u għalhekk il-Professur Caffarelli, mużiċista prim, ħadu taħt idejh bil-għan li jagħtih tagħlim aktar avvanzat. Dan il-ħsieb intlaħaq u m'għaddiex wisq żmien qabel Martin stabbilixxa ruħu bħala wieħed mill-aqwa mużiċisti tal-kornu fil-pajjiż. Sadattant kien jattendi l-iskola tal-Verdala, Bormla li kienet tagħti tagħlim lill-ulied personelle military Brittaniċi. Mal-wasla tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-familja kienet evakwata Birkirkara fejn baqgħet għax qatt ma reġgħet lura lejn L-Isla – għalkemm hawn tajjeb ngħid li d-devozzjoni għar-Redentur tal-Isla qatt ma naqset u jien niftakarni nżuru kull nhar ta' Ġimgħa meta l-ġenituri tiegħi kienu jgħaddu għalija biex immorru ninvistawH. Dan barra l-Innu lir-Redentur li eventwalment kien jikkompona u li għadu jindaqq sal-lum waqt il-pellegrinaġġi li jsiru kull sena. F'Lulju, 1943, ommi u missieri żżewġu f'Birkirkara u marru joqogħdu l-Gzira li kienet għadha ġdida fjamanta f'dak iż-żmien – għall-inqas dik il-memorja li għandi jien li trabbejt hemm sakemm kelli 15-il sena meta morna noqogħdu Ħal Tarxien. Jien twelidt fl-1944 u warajja ġew Norman, Maria (mejta), Charles u Alfred. B'hekk jien bqajt l-uniku tifla fost ħuti subien.

Missieri studja t-teorija tal-mużika, il-kontrapunt, il-fuga u l-kompożizzjoni mas-Surmast Carmelo Pace li kien joqgħod Tas-Sliema. Niftakar il-gruppi żgħar ta' mużiċisti da camera li kienu jdoqqu għand xulxin. Fil-fatt jien niftakarni tifla żgħira mmur ma' missieri u ommi fid-dar sabiħa tal-Profs Manchè għal xi kunċert da camera. Il-Profs Manchè kien iwegħidni pupa titkellem jekk noqgħod bil-għaqal. Milli jidher kont imqarba mhux ħażin għax il-pupa qatt ma waslet!

F'Awwissu 1950, missieri

ngħata d-diploma tal-London Collage of Music u minn hemm bdiet karriera twila ta' direzzjoni ta' Baned f'pajjiżna. Meta kien għadu jistudja kien diġà assistent surmast mal-banda Duke of Connaught ta' Birkirkara (kont dħalt fil-kor tat-tfal li jieħdu sehem fl-innu għall-qaddisa Santa Liena u għadni niftakarni nkanta Un Altro Sol li żgur jafu l-Karkariżi!) Imbagħad laħaq surmast tal-Banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop li għaliha kiteb l-innu tant sabiħ iddedikat lill-qaddis Franċiż, kif ukoll beda jmexxi l-Banda Vilhena u magħha għamel kunċert kbir fil-knisja ta' San Publiju, mal-Banda tal-Isla, meta biex jitfakkar l-anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Istatwa tal-Bambina kien mexxa kunċert kbir bil-parteċipazzjoni tal-baned tal-Kottonera, kunċert kbir li għalih kien attenda wkoll kardinal mill-Vatikan, u naturalment l-Banda Re Ġorġ V li dam magħha sakemm miet u li għaliha wkoll kiteb Innu Kantat sabiħ u devot li jfakkar it-Tlugħ fis-sema ta' Marija Verġni fuq versi tal-mibki iżda qatt minsi Patri J.M. Ghigo S. J. Għal xi żmien fis-sebgħinijiet kien ukoll surmast tal-banda tal-Partit Laburista. Ikkompona xogħlijiet oħra bħall-Overture Santa Cecilia li ndaqq iktar minn darba fit-Teatru Manoel, il-fantasia Moments Musicaux u diversi innijiet reliġjużi oħra bħal Salve Regina għal kor u orgni li kienet l-aħħar kompożizzjoni tiegħu u li rregala lill-Knisja tal-Isla, belt twelidu li baqgħet dejjem marbuta ma' qalbu. Barra minn dawn kiteb numru kbir ta' marċi festivi u oħrajn funebri li tajjeb ngħid ġew irregalati lis-Soċjetà Santa Marija minn ommi wara mewtu u l-funeral tiegħu fl-Imqabba.

Fl-1974 kien inħatar Knight of Grace tal-Ordni Sovrana Militari ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm bid-drittijiet kollha li dan it-titlu jġib miegħu. Imma għalih il-ħbiberija u r-rispett tan-nies tal-Imqabba kienu jisbqu kull onorfiċenza.

Hu miet fl-24 ta' Frar 1991, u llum jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-Imqabba fil-qabar tas-Soċjetà Santa Marija mhux wisq 'il bogħod mill-ħbieb kbar tiegħu fosthom Ċensu u Nardu li kienu jistednuna kull sena biex niġu ngawdu l-festa magħkom.

Għax għandkom tkunu tafu li għalija, għal ħuti, għal ommi li mietet l-għada ta' Santa Marija fl-1997, għat-tfal tiegħi u għar-raġel tiegħi – sakemm dam jgħix, il-festa għalina kienet tfisser il-Festa tal-Imqabba – bl-isparar, il-marċi, il-knisja żgħira imma sabiħa u fuq kollox l-istatwa tant ħelwa tal-Madonna mżejna.

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba semma triq għalih mhux wisq 'il bogħod minn fejn isir l-ispettaklu kbir tan-nar u mużika kull sena fl-okkażjoni tal-festa parrokkjali.






TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**

## Trofew Chev. George Martin
**A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J.**




Is-Sur Christopher Spiteri

## Attivist tas-Sena

# Is-Sur Peter Psaila

Bħal kull sena s-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippreżenta l-unur tal-attivist tas-sena lil dak jew dawk il-persuni li fl-opinjoni tagħna jkunu ddistingwew ruħhom b'xi mod aktar minn oħrajn. Għall-impenn u ħidma matul is-sena. Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li bla dubju għandhom għal qalbhom ferm is-Soċjetà tagħna.

L-attivist għas-sena 2010 kien fil-fatt is-Sur Peter Psaila.

Peter, tista' tgħid ilu ħafna involut fis-Soċjetà, okkupa anke diversi karigi fil-kumitati, però fl-2010 kien strumentali sabiex jieħu ħsieb is-sistema tal-elettriku, ilma u dranaġġ kemm fl-estensjoni tal-każin kif ukoll fis-sede il-qadima. Il-proġett ma kienx xi ħaġa faċli u kien hemm firxa kbira ta' pajpijiet, katusi, wires etc.

B'dedikazzjoni kbira ħa ħsieb sabiex il-każin ikollna sistema tad-dawl moderna li se tibqa' titgawda jekk Alla jrid għal diversi snin.

Peter, f'isem il-kumitat, soċji u partitarji mill-ġdid grazzi u nawguraw li fil-futur inkomplu naħdmu id f'id għal ġid komuni tas-Soċjetà.



*Is-Sur Peter Psaila ppreżentat bil-premju Attivist tas-Sena, nhar l-10 ta' Awwissu 2010.*

EURO Caterers

Contact Person: Mario Attard

Sales and Rental of Slush Machines
& Soft Serve Machines

Testaferrata Street, Żurrieq
Tel. 2164 2647 Mob. 9982 0269
e-mail: pulsar@nextgen.net.mt

# Velton Ltd

## Għad-dilettanti tal-Festi

**Lampi tal-Kulur u Ċari**

**15 watts u 25 watts**

**Bozoz LED's**

**Mob: 9949 7336**



# *Tal-Parrina*

Confectionery & Convenience Shop



Triq is-Salvatur, Qrendi
Tel: 2164 9489

Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt
mis-6.00am sat-8.30pm

Ħdud u Festi
mis-6.00am san-12.30pm




# Ħames snin mir-rebħ tal-ewwel kampjonat Malti tan-nar

Is-Sur John Zammit

Din is-sena, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba qed tiċċelebra l-ħames snin minn meta fl-2006 kienet iddikjarata bħala r-rebbieħa tal-ewwel Kampjonat Malti tal-Logħob tan-Nar li sar fil-Port il-Kbir.

Fis-snin ta' qabel, l-Għaqda ħadet fama mistħoqqa fl-organizzazzjoni ta' wirjiet tal-logħob tan-nar. Mill-1997, l-Għaqda bdiet ittella' spettaklu tal-logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika lejliet il-festa.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba bdiet ukoll tuża teknoloġiji ġodda ħalli ttejjeb il-ħruq tal-logħob tan-nar u kienet l-ewwel waħda f'Malta li użat sistema kompjuterizzata fil-festa tal-2005.

Aktar tard fl-2005, l-Għaqda ntgħażlet biex tipprovdi l-ispettaklu tal-logħob tan-nar fl-ikla uffiċjali tar-Reġina Eliżabetta fis-summit tal-Commonwealth li sar f'Malta.



*L-Aggregate Shield li turi l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba bħala l-ewwel rebbieħa tal-Kampjonat Internazzjonali ta' Malta tal-Logħob tan-Nar.*

Żviluppa wkoll il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li beda jsir mill-Gvern u mill-Awtoritajiet tat-Turiżmu fil-Port il-Kbir. F'dan il-Festival, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba pparteċipat mill-bidu nett b'xogħol ta' livell internazzjonali.

**"Suċċess frott xogħol dedikat, professjonali, innovattiv u oriġinali"**

Għall-bidu, il-Festival tal-Port ma kienx fuq bażi kompetittiva. Imma fl-2006, għall-ewwel darba, l-awtoritajiet organizzaw l-ewwel Kampjonat Internazzjonali ta' Malta tal-Logħob tan-Nar bħala parti mill-Festival.

Il-kampjonat kien jikkonsisti fi spettaklu piroteknikú b'logħob tan-nar varjat sinkronizzat mal-mużika b'sistema kompjuterizzata. Kien iġġudikat minn erba' ġurati barranin, kollha esperti tal-logħob tan-nar.

Daħlu għal dan l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar sitt għaqdiet: l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba, l-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija, is-Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu tal-Mosta, u l-għaqdiet tan-nar barranin Orzella Fireworks mill-Italja, Luso Pirotecnia mill-



*Ronald Zammit jirċievi l-premju tar-rebbieħa mingħand il-Ministru tal-Kultura u t-Turiżmu, dak iż-żmien Francis Zammit Dimech.*



*Baraxx spettakolari fost ħafna li leqqew fuq l-ilma tal-Port il-Kbir fl-ispettaklu tad-29 t'April 2006 mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba.*



***Treatments Available:***

- Relaxing Anti-Wrinkle Facials
- Deep Cleansing Facials
- Eyelash/Brow Tinting
- Electrolysis
- Waxing
- Make-up
- Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**
**Tel: 2168 3214 Mob: 9942 6054**

# ELECTROCARE



25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755

T.V. Retailer including
**Plasma & LCD TV's of major brands:**
**Panasonic, Samsung, etc** Retailer of **Satellite systems, Hi Fi systems, Home Theatre sound systems, car stereos, speakers and Digital cameras**



***We specialise in***
***TV repairs and Satellite systems***

# FrameMaker

*Prop: Christian Caruana*

**FOR ALL TYPES OF FRAMES**

57, Saint Catherine Street, Mqabba Tel: 2168 3308 Mob: 99888691

Portugall, u Jubilee Fireworks mill-Ingilterra.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ħadmet bis-sħiħ għal kampjonat bħal dan. Dan mhux biss kien kampjonat imma wkoll l-ewwel wieħed u għalhekk b'importanza forsi akbar minn ta' dawk li jiġu warajh.

Kien hemm ħafna involuti li kollha taw sehemhom. Ix-xogħol kien kollu xogħol id-dilettanti tan-nar ta' Santa Marija b'innovazzjonijiet u oriġinalità li wħud minnhom għadhom sal-lum mhux riprodotti minn ħadd.

L-Għaqda Santa Marija tal-Imqabba tat l-ispettaklu tagħha s-Sibt 29 t'April. L-għada kien hemm it-tieni ġurnata tal-Kampjonat u r-riżultati kellhom jitħabbru t-Tnejn 1 ta' Mejju, 2006, fil-Valletta Waterfront.

Naturalment, kien hemm stennija u eċitament. Il-kompetituri l-oħrajn kollha kienu għamlu l-almu tagħhom. Fit-taqtigħa kien hemm irħula kbar tan-nar, fosthom Ħal Lija li ħafna qisuhom il-favoriti.

Imma dak li ħadmu u stinkaw għalih id-dilettanti tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ġie ppremjat u l-Għaqda ġiet dikjarata uffiċjalment bħala l-ewwel rebbieħa tal-Kampjonat Internazzjonali ta' Malta tal-Logħob tan-Nar. Anke l-vot tal-pubbliku Malti kkonferma l-ġudizzju tal-ġurija barranija.

Ir-rebħ tal-ewwel kampjonat tal-logħob tan-nar Malti ma setax ma jintlaqax b'ferħ kbir mill-partitarji ħdejn is-sede tas-Soċjetà Santa Marija hekk kif twassal mir-rappreżentanti tal-Għaqda dakinhar tal-1 ta' Mejju 2006 filgħaxija. Kien festeġġjat ukoll b'marċ il-Ħadd ta' wara mill-Banda Re Ġorġ V u mogħti rikonoxximent mill-mezzi tax-xandir u l-istampa u minn awtoritajiet Maltin u lokali.



*Wieħed mill-elementi li kkontribwew kwalità u innovazzjoni fl-ispettaklu tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba fl-ewwel kampjonat Malti tan-nar.*

## "L-ewwel rebħ f'sensiela ta' unuri pirotekniċi"

Dak il-premju ħames snin ilu kien l-ewwel rebħ fost sensiela ta' rebħ ta' kompetizzjonijiet fil-piroteknika li jagħmlu lill-Għaqda l-aktar dekorata għal-logħob tan-nar.

Ma' dak l-ewwel pass fil-kampjonat tal-logħob tan-nar tal-ajru, l-Għaqda kompliet żiedet il-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar magħruf bħala Caput Lucis, f'Ruma, is-sena ta' wara, u l-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art fil-Furjana fl-2010.

Dan il-portafoll ta' unuri pirotekniċi ma kienx ikun possibbli kieku mhux għax-xogħol dedikat, professjonali, innovattiv u oriġinali ta' dawk kollha li jagħtu sehemhom fl-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba.





# Jiena nagħżel Atlas!

Atlas Insurance

Ċemplilna jew żurna f'waħda mill-fergħat tagħna

**Head Office** - Tel: 2343 5363 - 47-50 Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex
**Raħal Ġdid** - Tel: 21 668669 - 87-89 Triq il-Belt Valletta
**Qormi** - Tel: 21 444010 - PAVI Supermarket, Triq Manwel Dimech
**Rabat** - Tel: 21 450555 - Vjal il-Ħaddiem
**Zurrieq** - Tel: 21 686868 - 29 Blue Grotto Avenue
**Birkirkara** - Tel: 21 492000 - 1 Triq Psaila
**St. Paul's Bay** - Tel: 21 578000 - 2 Triq Toni Bajada

**atlas.com.mt**

Atlas Insurance PCC Limited hija kumpannija ċellulari awtorizzata mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni ġenerali. L-assi mhux ċellulari tal-kumpannija jistgħu jintużaw sabiex jagħmlu tajjeb għat-telf li jeċċedi l-assi ta' ċelloli.



# www.santamarija.com

*Il-website uffiċċjali*
*tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*
*est. 1996*

*Din is-sena tagħlaq 15-il sena mit-twaqqif tagħha.*

*Ninsabu wkoll fuq* facebook

*issieħeb fil-profile uffiċċjali tas-Soċjeta':*

**'Santa Marija Mqabba'**




# Is-Santwarju “Tal-Minsija” limiti tar-raħal ta’ San Ġwann

Is-Sur Mario Fenech

Dak li darba kien post ta’ devozzjoni Marjana milħuq biss minn dawk in-nies li kienu jiġu mill-bogħod fuq xi karettun biex iżuruh kull tant żmien għaliex kien jinsab f’nofs l-għelieqi fid-diżabitat, illum huwa Santwarju ta’ devozzjoni Marjana mdawwar b’ħafna djar sbieħ fuq ix-xifer tal-Wied ta’ Sant’Antnin li jagħmel mal-irħula ta’ San Ġwann u San Ġiljan.

Dan is-Santwarju jissejjaħ “Tal-Minsija”, isem li ġej minn rakkont antik li jgħid li fl-inħawi kien hemm għar li fih kien instab kwadru tal-Madonna b’fanal jixgħel quddiemu. Wieħed bidwi, ċertu Indri, kien għaddej mill-inħawi u lemaħ id-dawl ħiereġ minn xaqq li kien hemm fil-blat u wara li beda jħaffer sab dan l-għar bil-kwadru fih.

Huwa malajr mar jgħarraf lill-Kappillan ta’ Birkirkara li min-naħa tiegħu ħa l-kwadru fid-dar tiegħu iżda b’għaġeb kbir l-għada l-kwadru reġa’ sebaħ f’dan il-għar. Għat-tieni darba huwa ħa l-kwadru d-dar tiegħu, iżda ġara l-istess biex imbagħad il-kwadru ġie meħud għand l-Isqof u għat-tielet darba nstab fil-għar l-għada.



*Statwa mal-ġenb tal-Knisja ta’ Lapsi f’San Ġiljan.*

Din l-aħbar ġriet mal-erbat irjieħ tal-Gżira u dan l-għar ma damx wisq biex ġie irranġat u nbniet miegħu l-parti l-oħra li tifforma din il-Kappella.

Is-Santwarju tinżel għalih b’taraġ fond li jwasslek f’korsija mibnija taħt il-livell tat-triq b’għar fit-tarf fuq in-naħa tax-xellug. Sakemm dan is-Santwarju beda jagħmel mal-limiti tal-Parroċċa ta’ San Ġwann iddedikata lill-Madonna ta’ Lourdes, kien jaqa’ taħt il-Ġurisdizzjoni tal-Bażilika ta’ Santa Elena ta’ Birkirkara.

Fit-Trittiku qadim meqjum fuq l-altar hemm ix-xbihat tal-Lunzjata, l-arkanġlu Gabrijel u San Anard. Dan ix-xogħol imur lura lejn is-seklu ħmistax.

Nafu li kien għamel iż-żjara pastorali tiegħu fis-Santwarju l-Isqof Mons. Pietru Duzina fis-sena 1575.

Kien hemm żmien fejn minħabba l-faqar tan-nies u l-fatt li dan is-Santwarju kien f’post diżabitat li l-Isqof ta’ dak iż-żmien kien ordna li dan jiġi pprofonat darbtejn. Dan seħħ fis-sena 1645 u mill-ġdid fis-sena 1659 mill-Isqof Michele Giovanni Balaguer Camarasa. Kellu jkun l-Isqof Davide Cocco Palmieri li reġa’ fetaħ mill-ġdid dan is-Santwarju. B’digriet tal-Papa Ljun XIII l-altar li jinsab fl-għar ġie mogħti privileġġi xierqa u dejjiema.

Fuq il-faċċata tas-Santwarju hemm kampnar wieħed imżejjen bi tliet statwi żgħar tal-ġebel. Fih hemm tliet qniepen li saru b’donazzjoni li kien irċieva l-Prokuratur tal-Knisja Mikiel Debono mingħand Guliermu Portelli fis-sena 1891.

B’digriet tal-Papa Ljun XIII l-altar li jinsab fl-għar ġie mogħti privileġġi speċjali u dejjiema.

Quddiem il-bieb ewlieni tas-Santwarju f’nofs it-triq hemm pedestall għoli tal-ġebel bl-istatwa ta’ Marija Assunta. Din l-istatwa kienet twaqqfet quddiem is-Santwarju fi żmien meta fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Ġiljan li kienet għadha dik il-qadima ta’ Triq Lapsi kien hemm il-ħeġġa biex it-Titular tal-Knisja jinbidel għal dak ta’ Santa Marija tal-Ħmistax t’Awwissu. Din il-ħeġġa kienet tant qawwija li għal xi żmien il-kwadru titulari kien tbiddel minn dak ta’ San Ġiljan għal dak ta’ Santa Marija. Wara xi żmien dan il-kwadru kien reġa’ tneħħa u fil-preżent jinsab fis-sagristija tal-knisja. Ma’ waħda mill-arkati tas-saqaf troll tal-korsija għad hemm minqux l-isem tal-Madonna li kien sar matul dan il-perjodu. Hemm ukoll l-istess isem tal-Madonna mal-faċċata tal-pulptu li llum jinsab merfugħ fis-sagristija tal-knisja.

Mal-ġenb tal-knisja kienet twaqqfet statwa tal-ġebel tal-Assunta fuq pedestall li għadha hemm sal-lum.

Dawn iż-żewġ statwi tal-ġebel li naraw biswit dawn iż-żewġ knejjes viċin ta’ xulxin u l-ewwel knisja parrokkjali ta’ Birkirkara, illum magħrufa bħala Santa Marija l-Qadima, huma xhieda ta’ kemm hija għal qalb il-poplu Malti l-Madonna bit-titlu sabiħ tal-Assunta.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.



*Statwa ta’ Santa Marija quddiem is-Santwarju tal-Mensija.*







# ĦAĠAR QIM

*Bar & Restaurant*

Prop. J. Cini

Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb
għall-arja tal-kampanja, f'ambjent kwiet u sabiħ.

Tel: 2142 4116, 7949 7329 (Jane)




# Tfal tat-Titular

Is-Sinjorina Marica Mifsud

## Fergħa ġdida fi ħdan is-Soċjetà

Matul iż-żminijiet is-Soċjetà Santa Marija dejjem rat li tkun inklussiva u tilqa' fi ħdanha lil kull individwu filwaqt li tieħu ħsieb tiżviluppa t-talenti tal-membri tagħha. Għalhekk din is-sena bħala Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, rajna li nagħmlu pass ieħor 'il quddiem permezz ta' grupp ġdid fis-Soċjetà li hu ddedikat lill-partitarji ċkejknin tal-istess Soċjetà Santa Marija.

'Tfal tat-Titular' hu l-isem li ntgħażel għal dan il-klabb ġdid. Kif juri l-isem stess, il-klabb hu ispirat mill-enerġija li t-tfal Imqabbin juru lejn il-festa titulari.

Dan il-klabb jaf il-bidu tiegħu nhar is-Sibt 20 ta' Novembru 2010 fejn it-tfal kollha kienu mistiedna għal festin fis-sala tas-sede tal-Każin sabiex flimkien niċċelebraw il-bidu tat-'Tfal tat-Titular', li bħal kull fergħa oħra fis-Soċjetà, nemmnu li għad tħalli l-frott tagħha. F'dan il-jum kellna attendenza sabiħa ta' 'l fuq minn sebgħin tifel u tifla. Dakinhar it-tfal ħadu gost jiddevertu flimkien permezz ta' logħob varjat li niżel għasel maċ-ċkejknin tagħna, filwaqt li reġgħu ltaqgħu ma' xi ħbieb li kienu ilhom ma jaraw mix-xhur Sajfin. Fl-aħħar tal-festin ingħatat tessera lil kull tifel u tifla li timmarka d-dħul tagħhom fi ħdan dan il-klabb. Bħala tifkira ta' dan il-jum ġew mogħtija wkoll wrist band bl-isem tal-klabb 'Tfal tat-Titular' kif ukoll il-kliem Santa Marija Mqabba, filwaqt li fuq in-naħa ta' ġewwa kien hemm l-annu tat-twaqqif tal-klabb.

Minn dakinhar qatt ma ħarisna lura u l-laqgħat ta' dawn it-tfal baqgħu isiru regolarment kull ħmistax, fil-ġurnata tas-Sibt bejn l-erbgħa u l-ħamsa ta' wara nofsinhar. Fil-laqgħat preċedenti li għamilna kellna varjetà t'attivitajiet bħalm'huma logħob, laqgħat ta' tagħlim, kant, żfin, krafts, kif ukoll xi esperimenti xjentifiċi. Fost attivitajiet oħra fi żmien il-Milied, it-tfal ħadmu dekorazzjonijiet tal-Milied permezz tat-tafal. F'din l-attività ħallejna f'idejn l-immaġinazzjoni tat-tfal kemm fil-mudelli li għamlu, kif ukoll fil-kuluri li għażlu għad-dekorazzjonijiet tagħhom. B'hekk il-membri setgħu jesprimu ruħhom kif xtaqu huma, fejn permezz tal-ħlewwa u l-innoċenza tagħhom tara l-elementi tal-Milied l-aktar għal qalb iċ-ċkejknin. Sabiex nidħlu aktar fl-ispirtu tal-Milied, parti mil-laqgħa kienet tkun ddedikata għall-kant ta' għanjiet popolari li jfakkruna fit-twelid ta' Ġesù Bambin. Ta' min isemmi li diversi membri fi ħdan it-Tfal tat-Titular ħadu sehem ukoll bħala personaġġi fil-Presepju Ħaj 2010.

Kienet ix-xewqa tagħna li minbarra li l-laqgħat ikunu divertenti, ikunu wkoll edukattivi. Għalhekk

Il-Logo tal-Klabb Tfal tat-Titular iddisinjat mis-Sur Patrick Ghigo.



Il-Grupp ta' tfal flimkien mal-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ waqt it-tnedija tal-Klabb, nhar l-20 ta' Novembru 2010.



Uħud mit-tfal waqt waħda mill-attivitajiet rikreattivi.



*It-Tfal fi ħdan il-Klabb jitgħallmu ħiliet kreattivi*



*Uħud mit-tfal waqt waħda mill-ħarġiet tagħhom fil-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali fix-xahar ta' Jannar.*

ħafna mil-laqgħat kienu jinvolvu quizzes jew logħob tal-ħsieb, li fl-aħħar mill-aħħar wasslu biex għallmu aktar lil dawn il-membri żgħar dwar raħal twelidhom, kif ukoll dwar pajjiżhom. It-tfal dejjem urew interess kbir u kienu jagħmlu l-almu taghhom biex iġibu kemm jista' jkun risposti tajbin. Kultant anki lilna kienu jissorprendu bit-tweġibiet għaqlin taghhom.

Attività oħra li l-membri tagħna ħadu gost jagħmlu kienet iż-żifna tal-Karnival, fejn permezz tal-għajnuna ta' Alexandra Grima t-tfal tgħallmu l-koreografija f'qasir żmien u b'hekk kienu huma li fetħu s-serata Karnivaleska 2011.

Huwa diffiċli li nsemmu l-attivitajiet kollha li jsiru waqt il-laqgħat, biss l-entużjażmu u l-ħeġġa tat-tfal ikomplu jagħtuna kuraġġ sabiex aħna nkomplu nkabbru u naħdmu għat-Tfal tat-Titular. Għalhekk minn hawnhekk nixtieq nħeġġeġ lil dawk it-tfal kollha ta' bejn l-erba' u t-tnax-il sena sabiex jattendu u jieħdu gost mal-kumplament ta' sħabhom. Hu importanti li wieħed isemmi li grupp ta' dan it-tip jista' jkun il-mezz ta' rilassament għat-tfal wara ġimgħa skolastika, li bħalma nafu qiegħda ssir dejjem aktar diffiċli. Għalhekk hu ta' ġid li anki t-tfal jieħdu l-brejk tagħhom fejn filwaqt li jiddevertu xorta waħda jkunu qegħdin jitgħallmu affarijiet ġodda u ta' interess.

Qabel ma nagħlaq nixtieq nirringrazzja lill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, fejn ilkoll flimkien noħorġu b'ideat differenti, sabiex inkunu nistgħu nsawru l-pjan ta' kull laqgħa. Żgur li mingħajr l-ideat ta' kulħadd u l-għajnuna kollettiva t-Tfal tat-Titular qatt ma seta' jkun possibbli.

Tfal tat-Titular
...ulied il-padruna
santa marija
est : 2010

# Għandek tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena?

Daħħalhom bħala membri fil-Klabb Tfal tat-Titular issa!

Niltaqgħu darba fil-ġimgħa,
għall-attivitajiet edukattivi, artistiċi,
rikreattivi u aktar.

Avviċina lill-membri tal-Klabb jew tas-Sezzjoni Żgħażagħ.




# L-Assunzjoni ta' Marija u r-Regalità tagħha huma kumplimentari

Is-Sur Joe Chetcuti

It-titlu t'hawn fuq ifisser li t-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema u l-Inkurunazzjoni tagħha bħala Reġina tas-Sema u l-Art seħħew ma' xulxin. Aħna l-bnedmin, minħabba l-moħħ uman li għandna, nifhmu li l-azzjonijiet iseħħu wara xulxin fil-ħajja tagħna. Għal Alla m'hemmx ħin: elf sena għal Alla jistgħu jfissru frazzjoni żgħira ta' sekonda. Imm'aħna ngħidu, biex niftiehmu, li l-ewwel il-Verġni mbierka kienet Assunta, imbagħad ġiet inkurunata Sultana.

Kien xieraq li Dik imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem tkun ukoll ir-Reġina: is-Sultana tal-Ħolqien kollu, anki tal-istess anġli li kienu maħluqin ħafna qabilha. Infatti l-Isqof ta' Lousanne, Gart Amadeo stqarr: "Meta Alla u Ibnu, is-Sultan, tellgħu lix-Xebba tax-Xebbiet fis-Sema, fost il-ferħ tal-Anġli u l-hena tal-Kori kollha tas-Sema… seħħet il-profezija tas-Salmista li kien qal lill-Mulej: 'F'Lemintek is-Sultana mżejna b'deheb ta' Ofir'. Kien xieraq li Dik li ġiet imżejna bil-milja tal-grazzja tkun ukoll imżejna bil-milja tal-glorja billi malli ħadet postha fil-lemin ta' Binha Ġesù tiġi wkoll inkurunata Sultana mit-tliet persuni tat-Trinità Qaddisa."

Bir-raġun nistgħu ngħidu li lill-Marija mhijiex suġġett ta' marġni jew truf: Marija ġiet imxebbha għall-Għerf kollu li jista' jkun hemm fil-ħolqien. Ġiet imħabbra bħala l-mara li tirbaħ lix-xitan, bħala l-Verġni li tnissel. Mill-waqgħa t'Adam 'l hawn, hija l-ewwel mara li ntrabtet m'Alla f'rabta singulari u mingħajr xebh. Bit-tlugħ tagħha fis-Sema, hija tibqa' miexja 'l quddiem flimkien ma' Binha Ġesù ħalli miegħu ssaltan u tippersiedi fuq il-bnedmin kollha u fuq il-ġrajjiet tagħhom.

Il-privileġġ tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija ġie msejjaħ mill-għorrief marjoloġiċi bħala "l-Ewwel frott sħiħ tal-Fidwa." Tajjeb nistaqsu x'nifhmu meta ngħidu li l-Verġni Marija "hija l-Ewwel frott tal-Fidwa." Alla l-Imbierek qiegħed lill-bniedem fi ġnien fejn il-qalb tiegħu ma setgħet qatt tiġi misluħa mid-dwiefer tan-niket u tal-hemm, ġnien li kien kollu sliem, kuntentizza u paċi. Iżda l-bniedem m'għoġbitux il-barka tal-Mulej u ried iżjed! Rifes il-grazzja ħanina li għamillu Alla. Kiel mill-frott tas-siġra pprojbita u konsegwenza ta' dan, il-bniedem mhux biss tilef il-paċi m'Alla, imma safa midrub fl-isbaħ xewqat tal-qalb. Kienet issa meħtieġa l-fidwa tal-bniedem. L-offiża tal-ewlenin ġenituri tagħna kienet lil Alla, u allura, il-fidwa kellha tiġi mwettqa minn Bniedem-Alla. Alla ried jibgħat lil Ibnu fid-Dinja bħala bniedem biex bit-tbatija, il-mewt u l-qawmien tiegħu jkun il-medjatur waħdieni bejnu u l-bniedem. Ħadd ħliefu ma seta' jikkalma l-korla t'Alla kontra l-umanità. Għalhekk Alla ħalaq ġnien ieħor, ħalaq mara li tkun tista' tnissel lill-Iben t'Alla. Dan il-ġnien singulari, mimli bil-grazzja u kollu qdusija kienet Marija. Ma jfissirx li Marija ma kellhiex bżonn tal-fidwa. Hija kienet teħtieġha daqsna. Imma hija kienet mifdija b'fidwa preventiva u antiċipata. Hekk jgħidulna t-teoloġi. Alla m'għamilx ma' Marija bħalm'għamel magħna – l-ewwel ippermetta li taqa' fl-abbis tad-dnub u mbagħad refagħha; iżda ma ħallihiex taqa' mill-ewwel. Fil-fatt, il-Verġni Marija ġiet mifdija qabel Binha Ġesù twieled minnha, qabel ma' Ġesù miet biex jifdi l-umanità. Mela għalhekk ngħidu "li Marija hija l-ewwel frott tal-Fidwa ta' Kristu."

Il-liturġija tal-Festa tal-Assunta tgħidilna hekk! "Lilek, O Verġni Marija Alla żejnek b'għeġubijiet li ma nistgħux nifhmu bil-moħħ limitat tagħna: għax kif żamm lil ġismek bla mittiefes verġni, għalkemm minn dan ġismek stess twieled Ibnu Ġesù."

Għalhekk kienet ħaġa sewwa u xierqa li Marija tiġi meħuda s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, b'dak il-ġisem li għal disa' xhur sħaħ Bin Alla kiber ġo fih sa ma twieled. Għalhekk ukoll it-teoloġi jitkellmu mir-regalità tal-Madonna, mill-Verġni Marija bħala Reġina tal-Ħolqien kollu. Iżda r-regalità tal-Madonna hija l-istess bħar-regalità ta' Binha Ġesù.

Mela l-uffiċċju tal-Verġni Marija fis-sema hu ta' Sultana. Imma minbarra li hi sultana, hi wkoll Omm – Omm tagħna ħanina. Ġeneralment l-ommijiet ta' din id-dinja jixtiequ dak kollu li hu tajjeb għall-ulied tagħhom imma mhux dejjem jistgħu jaħsbulhom dak kollu li jkollhom bżonn uliedhom. Imma Marija, minbarra li hija Ommna, hi wkoll Reġina tagħna, ta' setgħa liema bħalha.

Il-Papa Piju XII kien ħareġ enċiklika li permezz tagħha waqqaf il-festa ta' Marija Reġina. L-enċiklika ġġib l-isem ta' "Ad Ceoli Reginam" fil-11 t' Ottubru 1954) erba' snin wara li ġiet iddikjarata d-Domma tal-Assunta. Il-festa ta' Marija Reġina kienet imwaqqfa biex tfakkar is-Sena Marjana li l-istess Papa Piju XII kien nieda bl-enċiklika tiegħu "Fulgens Corona" f'għeluq il-mitt sena mill-proklamazzjoni tad-domma tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija.

Aħna l-bnedmin, aħna dgħajfa. Marija hi kollha setgħa. Nirrikorru għandha f'kull dgħufija tagħna. Qatt ma nstema' li xi ħadd irrikorra għandha u Hi ma semgħetux.




NOEL SCHEMBRI
REFRIGERATION

Services & Repairs of Fridges,
Airconditions & Dehumidifiers

**Mobile: 99420960**




# Leħen il-Fratellanzi Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes

Is-Sinjuri Antoine Farrugia u Paul Gauci
Retturi

Għeżież membri msieħbin fil-fratellanzi,

Bħal leħħa ta' berqa għaddiet sena oħra u rġajna qegħdin magħkom b'appuntament annwali. Wara l-festa li kellna s-sena l-oħra, speċjalment t-Translazzjoni tar-relikwa ta' Santa Marija, u l-ammont kbir ta' fratelli li attendew, il-fratellanzi komplew bis-servizzi tagħhom. L-ewwel festa wara l-festa titular hija l-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju li ġiet iċċelebrata fl-ewwel Ħadd t'Ottubru.

Wara l-festa tal-Madonna tar-Rużarju, il-fratellanzi ħadu sehem fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni li nżammet it-tieni Ħadd ta' Diċembru. Matul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu saru laqgħat ta' formazzjoni għall-fratelli. F'April il-fratellanza tas-Sagrament mexxiet il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm. Fl-Għid il-Kbir, il-fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u l-fratellanza tar-Rużarju mexxew siegħa adorazzjoni bħala parti mill-kwaranturi. L-adorazzjoni kienet immexxija mill-WR Patri Joe Zahra, Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Santa Marija.

Matul il-ġranet tal-kwaranturi, l-fratelli tas-Ssmu Sagrament attendew bi ħgarhom għall-quddies solenni li kien organizzat. Minħabba t-temp, il-purċissjoni bis-Ssmu Sagrament f'għeluq il-Kwaranturi ġiet imħassra u saret purċissjoni żgħira ġol-knisja.

Il-fratelli kienu mistiedna fil-parroċċa ta' San Sebastjan fejn imxew proċessjonalment mill-knisja ta' San Ġorġ Martri f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif tal-parroċċa San Sebastjan f'Ħal Qormi.

Nhar l-4 ta' Mejju u kull nhar t'Erbgħa, l-fratelli msieħbin fiż-żewġ fratellanzi, attendew għar-Rużarju Mqaddes li kien miżmum fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-Erbgħat ta' Santa Marija.



*Il-Fratelli waqt l-irfigħ tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju f'Ottubru 2010.*

Fit-8 ta' Mejju, il-fratelli tar-Rużarju Mqaddes attendew għall-pellegrinaġġ bl-Istatwa tal-Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk fl-okkażjoni tal-festa liturġika. F'Mejju wkoll, il-fratelli ngħaqdu għal ġimgħa ta' tagħlim fuq il-Madonna ġewwa l-kappella ta' San Bażilju organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

Fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju il-fratelli attendew għall-quddiesa u wara għall-purċissjoni bis-Ssmu Sagrament fl-okkażjoni tal-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù jew kif inhi magħrufa bħala Corpus Christi.

Kif qed taraw, il-fratellanzi mingħajr ħafna daqq ta' trombi jkunu impenjati s-sena kollha. Hawn inħeġġeġ iktar fratelli jieħdu sehem u jattendu għall-attivitajiet organizzati mill-parroċċa billi jkellmu lil xi ħadd mill-fratelli.

Nawguraw il-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.



*Il-Fratelli waqt it-Transulazzjoni, Lejliet Santa Marija 2010.*



*Ritratt tal-Okkażjoni mal-istatwa Titulari ta' Santa Marija nhar l-14 ta' Awwissu 2010.*

# Marble & Granite Works

JENKINS

MARBLE & GRANITE WORKS

40, Timber Wharf, Marsa - Malta

Tel: (+356) 21 242401 • Fax: (+356) 21 227 254

Mob: 7942 6699







# Aldo Micallef Grimaud

Is-Sur Antoine Farrugia

Il-Pittur Malti Aldo Micallef Grimaud twieled fis-sena 1925. Minn żgħożitu ħass fih il-ġibda lejn il-pittura. Huwa beda l-istudju tiegħu taħt it-treġija tas-Sur Vincent Apap u s-Sur Robert Caruana Dingli. L-artist Micallef Grimaud studja wkoll l-immudellar taħt l-imgħallmin George Borg u Antonio Micallef. Huwa tħarreġ ukoll il-pittura taħt il-Kav. Edward Caruana Dingli u s-Sur Carmelo Mangion. Wara li lesta t-taħriġ tiegħu hawn Malta, s-Sur Micallef Grimaud kompla l-istudji tiegħu barra minn xtutna fejn ħa sehem f'diversi esebizzjonijiet ma' artisti ta' fama internazzjonali fosthom Pariġi u Londra. Permezz ta' dawn l-esebizzjonijiet, Micallef Grimaud ngħata għarfien internazzjonali. Dan l-għarfien ġie kkonsolidat minn dixxendent tal-Granmastru Fra Antoine De Paule waqt waħda mill-esebizzjonijiet f'Pariġi. Aldo Micallef Grimaud ġie kkummissjonat ipinġi lill-Gran Mastru De Paule biex ikun jista' jagħmlu fil-palazz ġewwa Pariġi. Matul it-tieni gwerra dinjija, ta' 15-il sena biss, huwa rebaħ l-ewwel premju meta kkompeta b'ritratt tiegħu stess f'esebizzjoni tal-arti mtellgħa fir-*Royal Airforce* fl-1944.

Wara dik l-introduzzjoni ċkejkna ta' kif Aldo Micallef Grimaud ġie mħarreġ fil-pittura, ndawru ħarsitna fuq ir-relazzjoni bejn il-Pittur u r-raħal tagħna – L-Imqabba. Eżattament wara l-gwerra, proprjament wara li l-knisja parrokkjali sfat attakkata nhar id-9 t'April 1942, ġiet evalwata l-ħsara li kienet saret lill-altar maġġur, il-koppla, il-kor u l-kappellun tal-agunija. Mill-ewwel deher ċar li l-pitturi ta' tliet evanġelisti (San Mattew, San Mark u San Gwann) li jdawru l-pilastri maġġuri u l-pittura tal-koppla kapolavuri tal-pittur Taljan Filippo Venuti, sfaw meqruda għajr għall-altar tal-kor li jirrappreżenta t-Titular tal-parroċċa – Tlugħ is-sema t'Ommna Marija Santissima kif ukoll il-Pittura ta' mal-bieb il-Kbir – it-tkeċċija ta' Adam u Eva mill-Ġnien tal-Eden. L-Imqabbin flimkien mal-kleru tal-Parroċċa ħadmu qatigħ biex jerġgħu jaraw il-knisja parrokkjali xierqa għal kif kienet u ħadmu biex inaddfu u jerġgħu jtellgħu l-koppla li saret differenti minn dik ta' qabilha. Hawn reġa' nibet il-ħsieb li jerġgħu jitpittru t-tliet evanġelisti li kien hemm qabel. Peress li kif għidna iżjed il fuq, Micallef Grimaud sar artist imfittex ħafna kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna, l-għażla kienet awtomatika u ntgħażel biex ipitter t-tliet evanġelisti. Dawn tpittru lejn l-aħħar tas-snin 50 u l-bidu tas-snin 60 meta Micallef Grimaud kien fl-aqwa tiegħu. Fl-erba' evanġelisti li jsebbħu l-pilastri maġġuri, toħroġ il-qawwa tal-artist tal-individwalità fil-figuri.

Għalkemm Aldo Micallef Grimaud kien pittur kontemporanju, ħafna artisti lokali u barranin iqisuh bħala l-artist romantiku u tradizzjonali. Għalkemm kien jaħdem ta' *Accountant* mar-Rediffusion u Xandir Malta għal 40 sena, il-passjoni għall-pittura baqgħet soda ġo fih. Ta' min isemmi wkoll li Micallef Grimaud kien ukoll tenur tal-mużika fejn studja l-mużika u l-kant taħt Mro. Anthony Muscat Azzopardi u pperfezzjona l-istudji mużikali taħt is-Soprana Taljana Sig. Ravaglia Bonanno. Infatti ta' 20 sena interpreta l-Barbiere Di Siviglia mmexxija minn Mro. Vincenzo Bugeja (is-Surmast li kiteb l-antifona li tindaqq fil-festa titulari tal-Imqabba – *Hodie Mariæ Virgo*).

Aldo ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar id-9 ta' Novembru 2010. Il-funeral tiegħu sar fil-11 ta' Novembru 2010 ġewwa l-parroċċa ta' Santu Wistin, Il-Belt Valletta.

Il-Kav. Micallef Grimaud kien miżżewweġ lil Mariuccia neè Quattromani u kellhom tlett itfal – Mario Ivan, Nadine u Glorian.



*Aldo Micallef Grimaud*

100 sena minn twelidu

175 sena tal-vara titulari fl-Imqabba
L-Imqabba ġġedded id-dedikazzjoni lil SANTA MARIJA 1836 – 2011

# Gerolamo Dingli (1911-1994)

Is-Sur Antoine Farrugia

Huwa xieraq li f'dan il-ktejjeb ippubblikat mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Gorg V tal-Imqabba, naghtu ħarsa lejn Imqabbi li ghamel isem fl-arti tal-istatwi fil-gżejjer Maltin f'gheluq il-mitt sena minn twelidu.

Gerolamo jew kif inhu aħjar magħruf Ġlormu Dingli twieled L-Imqabba fl-1911. Għalkemm twieled L-Imqabba, Ġlormu Dingli ghex u ħadem Ir-Rabat, Malta. Mindu kien żgħir, wera passjoni u ħeġġa għall-arti tal-immudellar tal-istatwi. Infatti ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-arti tal-gvern u tgħallem taħt Anton Micallef.

Dingli daħal fix-xena f'nofs is-seklu għoxrin fejn ħadem bosta statwi fil-kartapesta, xogħol dekorattiv kif ukoll xogħol ieħor fil-kartapesta. Minbarra li ħadem fil-vari u xogħol dekorattiv ieħor, Dingli rrestawra diversi opri li hawn fil-gżejjer Maltin. Glormu Dingli fl-1967 kien avviċinat biex jaħdem l-istatwa ta' Marija Assunta għall-Ħamrun magħrufa bħala tas-Samra filwaqt li fl-1971 ħadem l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima għall-parroċċa ta' Gwardamanġa (Pietà). Dawn kienu l-uniċi żewġ statwi titulari li ħadem u kienu nhadmu fil-kartapesta.

Jekk Dingli matul il-karriera tiegħu ħadem biss żewġ statwi titulari mhux hekk nistgħu ngħidu għall-vari



*Is-Sur Gerolamo Dingli*

li jirrappreżentaw il-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu. Għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Ġlormu Dingli ħadem tliet vari tat-Tradiment ta' Kristu minn Ġuda – l-ewwel waħda fl-1963 għall-parroċċa tal-Mosta; fl-1973 għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa u għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1978. Ta' min isemmi li qabel din l-istatwa tat-Tradiment, Dingli kien ġie kkummissjonat l-istatwa ta' Kristu Rxoxt li saret fl-1975 kif ukoll l-istatwa ta' Ġesù megħjun minn Xmun iċ-Ċirinew li saret fl-1964. Però fuq l-istatwa ta' Kristu Rxoxt nitkellmu ftit iktar 'il quddiem.

Għall-parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi ħadem il-figura taċ-Ċirinew li ġie amalgamat fil-vara tal-Veronika. Għan-Naxxar, fl-1965 ħadem l-istatwa ta' Marija Addolorata u iżjed tard ġie kkummissjonat l-istatwa ta' Marija Addolorata wkoll għall-Imsida. Bejn 1976 u l-1977 ħadem l-istatwa ta' Marija Addolorata għall-parroċċa ta' raħal twelidu – L-Imqabba fuq inizjattiva tal-kappillan ta' dak iż-żmien – Dun Anton Vella.

Naqilbu ftit ix-xena u mill-festa tal-Ġimgħa l-Kbira ndawru ħarsitna lejn l-istatwi li ġew maħduma minn Ġlormu Dingli għall-festa tal-Għid il-Kbir. L-ewwel vara ta' Kristu Rxoxt li ħadem kienet għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbug fejn kien diġà ħalla l-marka tiegħu bl-istatwa ta' Kristu megħjun miċ-Ċirinew. It-tliet statwi l-oħra li ħadem u li jirrappreżentaw lil Kristu Rxoxt huma għall-Parroċċa tal-Mosta li nħadem fl-1976; Ħal Qormi – San Bastjan fl-1981 u Ħal Għargħur fl-1983. Ta' min isemmi li ta' Ħaż-Żebbuġ huwa differenti mit-tliet statwi l-oħra għar-raġuni li l-qabar huwa sempliċi iżda modern u ta' kulur kannella filwaqt li l-oqbra tat-tliet statwi l-oħra huma rħamati u skulturati.

Ġlormu Dingli ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar is-26 ta' Mejju 1994 fl-età ta' 83 sena.

Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-Festa nersqu aktar lejn is-sagramenti.




# Għall-Ħames Darba... L-Imqabba FC fil-Premier

Is-Sur Edward Galea
Segretarju

Wieħed mill-aktar sports popolari fid-dinja (jekk mhux l-aktar) huwa bla dubju l-futbol. F'Malta, għalkemm il-limitazzjonijiet domestiċi huma dawk li huma mhux anqas. Fl-aħħar snin però l-futbol f'pajjiżna għamel titjib b'rata mgħaġġla 'l quddiem fejn illum tista' tgħid li kważi f'kull raħal issib art sintetika fejn jista' jiġi pprattikat dan l-isport. Fir-raħal tagħna mhux anqas.

Fl-2001 sar il-grawnd tal-5 a-side u fl-2008 sar dak b'art akbar biswitu b'art sintetika. Ma kienx ikun possibbli kieku mhux għall-entużjażmu tal-kumitat u membri u benefatturi oħra li ma qatgħux qalbom li dawn il-proġetti jsiru. Grazzi tmur ukoll għall-għajnuna li l-klabb sab mill-*Malta Football Association* b'fondi li nkisbu mill-Uefa kif ukoll mill-Gvern Ċentrali li koprew parti sostanzjali minn dawn il-proġetti. Qed insemmi dan kollu għax b'għodda tajba u moderna tkun tista' taħdem aħjar u tilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħek!

## L-istaġun 2010/2011

Wara staġun kemxejn deludenti li fih konna aktar qrib li niġu relegati għat-Tieni Diviżjoni, inħass l-bżonn li jsir xi xogħol fil-każin. Dan ix-xogħol sar f'temp relattivament qasir fejn ingħata dehra lis-sular t'isfel, inbena bar ġdid u saret kċina ġdida. Dan ix-xogħol donnu reġa' ġab entużjażmu ġdid lejn il-klabb. Saret il-laqgħa ġenerali annwali li fiha nħatar il-kumitat għall-istaġun 2010/2011. Mal-ewwel laqgħat li saru fis-sajf 2010 ġew imfassla l-miri li kellu jilħaq il-klabb tul l-istaġun.

Peress li saret bidla fit-tmexxija tal-MFA u kienu se jiġu revokati l-formati tal-kampjonati u mill-Ewwel Diviżjoni kienu se jkunu promossi għall-Kampjonat Premier 3 timijiet, il-kumitat ħass li kien iċ-ċans li bl-iskwadra li ġiet iffurmata għal dan l-istaġun kellna biex inkunu sfidanti serji għall-promozzjoni, anke jekk fil-bidu tal-istaġun ma konniex qed niġu kkwotati daqs timijiet oħra. Dan id-dubju malajr tneħħa għax fil-bidu tal-istaġun konna l-uniku klabb f'Malta li ksibna 7 rebħiet infila bejn KO u Kampjonat.

L-għan li l-klabb immira għalih intlaħaq fejn fl-aħħar tal-istaġun ksibna l-promozzojni bħala *runners-up* tal-Ewwel Diviżjoni. Ma nistax ngħid li problemi ma kienx hemm però fl-aħħar tal-istaġun inħasad il-frott li ġie miżrugħ fil-bidu tiegħu. Ma niddejjaqx ngħid però li f'raħal bħall-Imqabba fejn il-festi huma dominanti u jirrikjedu appoġġ finanzjarju kbir, hija aktar diffiċli għall-klabb li jsib għajnuna finanzjarja neċessarja biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, anke jekk l-appoġġ matul l-istaġun żdied partita wara l-oħra u minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li ġew jissapportjaw lit-tim.

Hija diffiċilissima li timmaġina tim li fih ikollok erba' plejers barranin. Li kieku mhux għall-għajnuna benefiċjarja ta' ċerti individwi żgur ma kienx ikun possibli dan kollu.

Nappella lill-Imqabbin biex għall-istaġun li ġej ikunu wara t-tim bis-sapport tagħhom għax il-Premier huwa diffiċli speċjalment għal klabb żgħir bħal tagħna.

Li L-Imqabba FC ikun fil-Premier għall-ħames darba mhix ċajta!! L-għan ewlieni għalkemm diffiċli u rridu nkunu realistiċi, se jkun li għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb inżommu postna fil-kampjonat Premier, għan li l-kumitat se jaħdem għalih b'saqajh mal-art u mingħajr ma jitfa' f'xi kriżi l-isem tal-klabb.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat, kowċ, plejers u staff tekniku, *nursery* tal-klabb, lill-Kunsill Lokali kif ukoll lill-għaqdiet tar-raħal li kienu ta' għajnuna fiċ-



*It-tim tal-Imqabba FC tal-istaġun 2010/2011*



*It-tim tal-Imqabba FC jiċċelebra l-promozzjoni fil-Premier Division, nhar l-1 ta' Mejju 2011.*

ċelebrazzjonijiet tal-promozzjoni fejn urejna li l-isem tal-Imqabba jiġi l-ewwel u qabel kollox.

Nawguraa l-festa t-tajba ad unur Santa Marija lill-Imqabbin kollha.

**Find Mqabba FC on Facebook!**
'Like' the page to keep yourself updated with the latest news, photos, and upcoming events!

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V,
Tifraħ lill-Mqabba FC tal-promozzjoni
fil-Premier Division għall-ħames darba fl-istorja
u tawgura kull suċċess għall-istaġun li ġej.

**JULIO & CHARLIE SACCO**
Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu
**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

**Alessio's Old Cottage**
**Sub Post Office**
**Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**
**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***7.30am - 12.00pm***
***4.00pm - 7.00pm***
**Ħdud u Festi:**
***6.30am - 12.00pm***

***Issibu dak kollu li teħtieġu:***
***Stationery, Kartolini, rigali, videos, CDs, cassettes films, Hi-Fi u toys, rigali, kif ukoll ħwejjeġ u żraben tat-tfal, nisa u irgiel u servizz ta' ritratti tal-passaport***




Is-Sur Antoine Sciberras
Segretarju

# L-Imqabba FC Youth Nursery Est 2000

## …għall-ġid tat-tfal tagħna



L-Arma tal-Imqabba FC Youth Nursery

Il-Ħadd 20 ta' Frar 2011 kien l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-Imqabba FC Youth Nursery. Saru diversi attivitajiet sabiex ifakkru dan l-avveniment importanti, fosthom parteċipazzjoni f'diversi *Football Festivals*, ġiet organizzata *penalty shoot out*, ħawwil ta' palma biswit il-klabb, kxif ta' plakka kommemorattiva u diversi festini għat-tfal. L-attivitajiet immirati lejn il-ġenituri ma naqsux ukoll.

Mil-lat filantropiku, in-*Nursery* tagħna ħadet sehem fil-maratona ta' *Puttinu Cares* ġewwa l-*Marsa Sports Grounds* fejn ġiet ippreżentata donazzjoni ta' €370 b'risq din il-kawża ġusta, kif ukoll fil-Festa Komunità fil-Kulleġġ San Benedittu ġewwa Ħal Kirkop li kellha l-istess għan. Dan kollu għen sabiex it-tfal tagħna jiżviluppaw fihom sens ta' altruwiżmu lejn dawk fil-bżonn.

Din is-sena n-*Nursery* kisbet riżultati pożittivi fl-etajiet kollha, b'mod partikulari t-tim tal-*Under 17* li spiċċa fit-2ni post tal-klassifika. It-tfal tagħna kienu protagonisti wkoll fil-mixja tal-Imqabba FC lejn ir-rebħ tal-ħames promozzjoni għall-Kampjonat Premier billi attendew bħala *ballboys* waqt il-logħbiet. Ta' min isemmi wkoll li fl-1 ta' Mejju 2011 rajna d-debutt ta' Omar Farrugia, plejer fl-*Under 17* tan-Nursery tagħna, mat-tim tal-kbar fl-aħħar logħba tal-kampjonat fejn L-Imqabba rebħu 3-1 kontra Ħad-Dingli. Omar kien strumentali fl-azzjoni li wasslet għall-gowl skurjat minn Jean Paul Muscat minn *penalty*. Dan id-debutt sar wara li proprju sena qabel, sewwasew fit-3 ta' Mejju 2010, rajna d-debutt ta' Brandon Debono li lagħab bħala *goalkeeper* kontra *BalzanYouths* f'logħba li ntemmet 1-0 favur L-Imqabba. Dan l-aħħar, Omar Farrugia ġie msejjaħ ukoll għal training mat-tim nazzjonali ta' Malta ta' taħt is-17-il sena. Minn hawn nawguraw lil Omar kull suċċess fil-karriera sportiva tiegħu. Dan kollu jimliena b'sodisfazzjon u b'kuraġġ li nkomplu naħdmu flimkien għaliex wara snin ta' ħidma, qed naraw il-frott mixtieq. Minn hawn nieħu l-okkażjoni sabiex nifraħ lill-Imqabba FC għas-suċċess miksub kif ukoll


L-Imqabba FC Youth Nursery tippreżenta d-donazzjoni tagħha waqt il-Maratona Puttinu Cares li saret fil-Marsa Sports Grounds.



Il-plakka kommemorattiva li tfakkar l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-Imqabba Football Nursery

**www.mqabbafcyn.org**



Omar Farrugia, player fl-Under17 jagħmel id-debutt tiegħu mat-tim tal-Imqabba FC kontra Dingli Swallows, nhar l-1 ta' Mejju 2010, logħba li spiċċat 3-1 favur L-Imqabba FC.



*Il-President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, is-Sur Carmel Zahra jippreżenta tifkira lis-Sur Mark Bondin, fundatur u Head Coach attwali tal-Imqabba FC Youth Nursery fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-istess Nursery, nhar l-20 ta' Frar 2010.*

nawguralhom għall-istaġun li jmiss, filwaqt li nirringrazzja lill-kumitat ċentrali tal-koperazzjoni li nsibu mingħandu.

Għal darb'oħra, din is-sena reġgħet ġiet organizzata l-*Football Summer School* għal tfal bejn il-5 u 12-il sena. It-tfal ġew imqassmin fi gruppi ta' 12 taħt is-supervizjoni ta' kowċis kwalifikati, sabiex ikun hemm aktar attenzjoni individwali. Matul dawn is-sessjonijiet, li saru kollha filgħaxija, it-tfal setgħu jitgħallmu diversi *skills* tal-logħba tal-futbol. Għal tfal fl-etajiet iżgħar ġew organizzati diversi *fun games*.

Bħal kull għaqda u soċjetà oħra, l-akbar uġigħ ta' ras huma l-finanzi. Minħabba li l-ispejjeż tagħna qegħdin dejjem jiżdiedu, il-Kumitat attwali qed jaħdem fuq diversi attivitajiet sabiex jinġabru l-fondi meħtieġa. Fondi li wara kollox jiġu investiti fit-tfal tagħna. Bħala eżempju nsemmi l-organizzazzjoni b'suċċess ta' *5-a-side football tournament* li sar riċentement ġewwa l-grawnds sintetiċi tagħna fejn kellna l-parteċipazzjoni ta' 8 timijiet. Minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni, kif ukoll liż-żgħażagħ Imqabbin li lagħbu fit-*tournament*.

Sadattant ingħatat dehra ġdida lis-sit elettroniku tal-Imqabba FC Youth Nursery, *www.mqabbafcyn.org*, fejn qed isiru updates regolari għaliex nemmnu li dan huwa sors importanti ta' komunikazzjoni. Għal aktar informazzjoni dwar in-*Nursery* tagħna u l-attivitajiet varji li tkun qed torganizza, nistiednu lil kulħadd sabiex iżur dan is-sit elettroniku u jżomm ruħu aġġornat.

Nappella sabiex aktar tfal, subien u bniet, jingħaqdu fin-*Nursery* tagħna sabiex taħt is-superviżjoni tal-*Head Coach* u Fundatur tal-Im*qabba FC Youth Nursery* is-sur Mark Bondin, id-Direttur Tekniku ġdid is-sur Jimmy Briffa, il-kowċis kollha u l-Kumitat Amministrattiv, inkomplu nikbru flimkien fil-qasam sportiv u 'l bogħod mill-vizzji. Fl-istess waqt inħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jagħtu s-sapport meħtieg lit-tfal tagħhom u jżidu l-attendenza.

Fl-aħħar nett nixtieq nawgura lis-sur Mark Bondin li għadu kif reġa' ġie appuntat fil-Kumitat Amministrattiv tal-*Malta Youth Football Association* għat-tieni sena konsekuttiva. Filwaqt li nirringrazzja lil kulħadd tal-koperazzjoni, nirringrazzja b'mod partikulari lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Gorg V tal-ispazju li pprovdewlna f'dan il-ktejjeb annwali sabiex inwasslu l-messaġġ tagħna. Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tixtieq tirringrazzja
u turi l-apprezzament tagħha
lejn il-kumitat u l-istaff tekniku kollu
ta' Mqabba Football Club Youth Nursery
għax-xogħol siewi li qed tagħmel
mat-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna.

## Festa Santa Marija 2011




# Minn fejn se jgħaddi l-Marċ

Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-Festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## It-Tlieta, 9 t'Awwissu

***Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier***

**7.30pm** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Triq il-Parroċċa, id-Duluri, il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, il-Barumbara, il-Madonna tal-Ġilju, il-Missjoni ż-Żgħira, is-Sejba, il-Ġublew tad-Djamanti, Iż-Żurrieq, it-Torba, l-Ispnar, il-Familja Brancati, Ħal Kirkop, il-Mentna, il-Konvoj, il-Ġublew tad-Djamanti, Santa Katerina, il-Pal, it-Troll, il-Mitħna, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katerina għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem iI-Każin.



## L-Erbgħa, 10 t'Awwissu

***Jum il-Banda***

**8.15pm** Jerġa' jmiss lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali annwali tagħha.

## Il-Ħamis, 11 t'Awwissu

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8.15pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, il-Konvoj ta' Santa Marija, Xandru Farrugia, M.A. Caruana, il-Ħajt tal-Matla, Ħal Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion, Mikiel Zammit, Ħal Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.



## Il-Ġimgħa, 12 t'Awwissu

***It-Tieni Jum tat-Tridu***

**8.15pm** Il-Banda La Vittoria tal-Mellieha, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, il-Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Ħal Kirkop, is-Saljatura, Il-Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, il-Kileb, Mikielanġ




## MICHAEL DEBARRO
IMPORTER & WHOLESALER

FOR
KEYBLANKS & MACHINES

ALSO LOCKSMITH SERVICES
ON ALL TYPES OF
VEHICLE & HOUSE LOCKS

Email: mdebarro@onvol.net

www.jma.es

**Mob: 9947 3645**





# IL-KARTELL

*Antiques specializing in*
*Maltese, English & French Antique Furniture,*
*Antique Maltese Pine Furniture,*
*Bone China*
*and any more*

J.J. Farrugia, "Il-Kartell"
Triq San Anard
Tarxien

Tel: 2167 2925
Mob: 9948 5975
9920 3148

Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem iI-Każin.

## Is-Sibt, 13 t'Awwissu

***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8.30pm** II-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħazagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.



## Il-Ħadd, 14 t'Awwissu

***Lejliet il-Festa***

**8.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea tibda marċ minn Triq il-Pal, it-Troll, is-Sejba, Santa Katarina sal-Pjazza.

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tesegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin u wara tagħmel marċ.

**10.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.



## It-Tnejn, 15 t'Awwissu

***L-Għid tal-Assunta***

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-Marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem iI-Każin u jkompli għal Triq il-Madonna tal-Ġilju, ix-Xriek, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il- Każin.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta, tibda marċ minn Triq San Bażilju, Valletta, il-Parroċċa, għall-pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara. il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M flimkien mas-Sopran Francesca Farrugia issellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Zurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M.. tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi eks Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, fIimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi minn Josian Zammit. Wara, bis-sehem tal-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Marija.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V tagħlaq il-Festa b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

PolidanoGroup



www.polidano-group.com

Festa ta' Santa Marija 2010




# Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

| | |
|---|---|
| **Dħul** | |
| Ġbir bl-envelops fid-djar | € 4,369.00 |
| Ġbir fil-knisja | 849.00 |
| Kaxxa quddiem l-istatwa | 152.00 |
| Total | € 5,370.00 |
| **Ħruġ** | |
| Żbilanċ mis-sena 2009 | € 1,749.25 |
| Ċelebranti u trasport | 352.00 |
| Orkestra u vuċijiet | 2,030.00 |
| Daqq ta' qniepen | 180.00 |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | 2,243.16 |
| Servizzi ta' kappi u kurċifiss | 155.00 |
| Fjuri u envelops | 205.00 |
| Total | € 6,914.41 |
| Żbilanċ | € 1,544.41 |

Filwaqt li nirringrazzjaw
lil kull min għoġbu jirreklama
f'din il-pubblikazzjoni
nappellaw lil kulħadd
sabiex jagħmel użu
mill-prodotti u s-servizzi
reklamati.




# Min irreklama f'din il-Pubblikazzjoni

3M Take Away ....124
A. Ferriggi
Importers & Distributors ....142
Aida Hall ....117
Alan Spiteri Petrus ....162
Alessio's Old Cottage ....172
Art and Beauty ....118
Arthur Salerno Tattoo Artist ....84
Atlas Insurance ....160
Attard Bros Group of Companies ....50
Ballut Blocks Ltd ....101
BeautyLab ....60
BOV ....104
Brian & James Green ....122
Briffa Landscaping ....124
C & G Hardware Store ....28
C. D. S. Aluminium Works ....128
Callus Landscaping & Gardening ....49
Camilleri Group ....20
Carabott Jewellers ....142
Cassar Florist ....78
Coca-Cola ....94
Computer Bargains ....62
Ctronics ....86
Cutajar Household Appliances ....130
Cutie Boutique ....140
d.Spiral ....52
David ....150
Demsweet Garage ....98
DES ....30
Di Rocco Ltd ....8
Digital Arena
Computer Centre ....122
Dolceria Croce Bonaci ....112
E & L Enterprises ....40
E. Theuma & Company Ltd ....168
Elbros Construction Ltd ....12
Electrocare ....158
Elmo Insurance ....95
Euro Caterers ....155
F1 Cheyenne
Auto Mechanic Garage ....98
Fabric Gallery Bibas ....140
Fantasy Flowers ....118
Farell Bathrooms ....6
Farell Ironmongery ....6
FGP Ltd ....108
Framemaker ....158
FXDD Malta Limited ....inside front
G. Camilleri Service Station ....128
GasanMamo Insurance ....46
Għar Lapsi View ....110
Golden Point ....144
Green Garden ....110
Haġar Qim Bar & Restaurant ....162
Horace Enterprises Ltd ....126
Horace Spiteri Tan-Newwes ....92
Il-Kartell ....176
Ivan's Garage ....106
J & J Boatyard & Warehousing ....96
J. Cutajar Smoking Articles ....124
JB Department Stores ....26
Jenkins Marble & Granite Works ....168
Jerry's Silencer Repairs ....18
JMA Aluminium Works ....16
John's Butcher ....132
Julio & Charlie Sacco ....172
Kristianne Stationery ....32
La Piccola Discount Store ....130
Leli Camilleri Skip Hire ....102
Lorraine Pulis ....128
Lorraine's Beauty Clinic ....82
Magri Butcher Shop ....148
Manuel Bezzina Co Ltd ....18
Marcon's Hair Salon ....82
Mark Portelli ....116
Maypole ....48
Mażini Autoparts & Accessories ....95
melitanet ....134
Micallef Joe Travel ....166
Michael Debarro Importer &
Wholesaler ....176
Mobiltech ....126
Mompalao Trading Ltd ....106
Movie Land ....86
Mqabba F. C.
Snack Bar, Pizzeria... ....104
Neriku Catering ....12
Netta Petrol Station ....120
Newwes Garage ....92
Nick's Agriculture ....74
Noel Schembri Refrigeration ....166
Pet Care ....142
Pineapple ....20
Piscopo's Cash & Carry ....112
Polidano Bros ....178
Power Wagon Garage ....126
Primavera Caterers ....132
Raymond Abdilla
Exporter & Importer ....76
Reborn Bar ....64
Remissa Bar ....152
Rose Stationery & Gifts ....136
Saint James Hospital ....4
Scicluna Florist ....144
Seabreeze Hotel ....138
Shoe Shine Footwear ....136
Silvio's ....102
Spend 'n' Save ....38
St Paul's Dental Clinic ....22
St Peter's Ironmongery ....8
Step In Bar & Restaurant ....146
Stone Art Works ....146
Styles Salon ....134
Super S Ironmongery ....132
Ta' Balal Petrol Service Station ....136
Ta' Frida Pet & Garden ....14
Ta' Victor Restaurant ....64
Tahabel Ltd ....60
Take Off Bar & Restaurant ....152
Tal-Bazzi ....154
Tal-Parrina Confectionery ....156
Tar-Robba Limited ....2
Tax-Xiħa Restaurant ....100
Tewmi Motoring School ....14
The Convenience Shop ....148
The Fruit Shop ....16
Trocadero Pastizzeria &
Confectionery ....152
Ultimate Physique Mqabba Gym ....58
Vanity Affair ....62
Velton Ltd ....156
Venmar Ltd ....116
Victoria's Beauty Parlour ....28
Vierge Hair Salon ....162
Visage Sound Ltd ....4
Xuereb Installations Ltd .... inside back
Żepp Skip Hire ....138
Żiffa Garage ....150
Zneiber Confectionery ....108

SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS



# Mineral Fibre Soffits



## Demountable Partitions



## Bulkheads and all kind of ceilings

## Gypsum Partitions



Xuereb Installations Ltd.

Tal-Hlas Road, Qormi

T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834

E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com




Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, Mqabba
www.santamarija.com

**Les Etoiles d'Or du Jumelage - 1998 • Rebbieħa tal-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta - 2006**
**Rebbieħa Assoluti tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis, Ruma - 2007 • IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art - 2010**